TABELLA TAL-KONTENUT

TAQSIMA I PRELIMINARI

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.

TAQSIMA II ĦTIĠIET DWAR REĠISTRAZZJONI U OPERAT

Reġistrazzjoni

3. Projbizzjoni ta' Skemi mhux Reġistrati u Fondi għal min Jirtira mhux Reġistrati.
4. Skemi u Fondi għal min Jirtira għandhom ikunu reġistrati.
5. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' Skema.
6. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' Fondi għal min Jirtira.
7. Setgħa ta' l-Awtorità li tirrifjuta reġistrazzjoni ta' Skema.
8. Setgħa ta' l-Awtorità li tirrifjuta reġistrazzjoni ta' Fond għal min Jirtira.
9. Ħlas ta' drittijiet perjodiċi.
10. Tibdil fl-informazzjoni.
11. Setgħa ta' l-Awtorità li tħassar jew tissospendi reġistrazzjoni ta' Skema.
12. Setgħa ta' l-Awtorità li tħassar jew tissospendi reġistrazzjoni ta' Fond għal min Jirtira.
13. Avviż dwar proposta ta' rifjut, varjazzjoni, tħassir jew sospensjoni ta' reġistrazzjoni.

Uffiċjali

14. Diretturi ta' fond għal min Jirtira.
15. Ħatra ta' Amministratur ta' Fond għal min Jirtira.
16. Ħatra ta' Amministratur ta' Skema għal min Jirtira.
17. Reġistrazzjoni ta' Amministratur ta' Fond għal min Jirtira u ta' Amministratur Ta' Skema għal min Jirtira'
18. Dmirijiet ta' Amministratur ta' Fond għal min Jirtira.
19. Dmirijiet ta' Amministratur ta' Skema għal min Jirtira.
20. Rimunerazzjoni ta' Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew ta' Amministratur ta' Skema għal min Jirtira.
21. Tneħħija ta' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira jew ta l-Amministratur Ta' Skema għal min Jirtira.
22. Responsabbiltà ta' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira jew ta' l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira.
23. Regolamentazzjoni ta' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira jew ta' l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira.
24. Reġistrazzjoni ta' *Managers* ta' l-Assi.
25. Rimunerazzjoni ta' *Manager* ta' l-Assi.
26. Tneħħija ta' *Manager* ta' l-Assi.
27. Drittijiet tal-*Manager* ta' l-Assi.
28. Responsabbiltà tal-*Manager* ta' l-Assi.
29. Awdituri u attwarji.
30. Dmir li jirrapporta.
31. Ħtieġa għal fondi Tekniċi.
32. Skeda ta' Ħlasijiet ta' Skemi dwar Xogħol.
33. Skedi ta' Ħlasijiet għal Skemi għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit dwar Xogħol
34. Ħlas ta' kontribuzzjonijiet.
35. Provdiment nieqes fi Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju dwar Xogħol.
36. Provdiment żejjed fi Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju dwar Xogħol.

Investiment Permess, Self, Spejjeż u Distribuzzjonijiet

37. Skema tista' tinvesti f'Fond għal min Jirtira.
38. Investimenti Permessi ta' Fond għal min Jirtira u Setgħat għal Self.
39. Ħlas ta' Spejjeż tal-Fond għal min Jirtira u Spejjeż ta' l-Iskema.
40. Distribuzzjonijiet minn Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit.
41. Tħaris ta' Ħtiġiet dwar it-Taxxa.
42. Reklami ta' Skemi.
43. Kxif ta' Tagħrif dwar Fond għal min Jirtira.
44. Kxif ta' Partikolaritajiet ta' Skema għal min Jirtira.
45. Kontijiet annwali ta' Skemi dwar Xogħol.

Drittijiet li joħorġu minn Skema

46. Dokument ta' l-Iskema bħala Ftehim li Jorbot.
47. Skemi mhux Reġistrati ma jkunux jistgħu jiġu Nfurzati
48. Trasferibbiltà ta' Drittijiet u Obbligi.
49. Assenjazzjoni jew Irbit ta' l-Assi ta' Fond għal min Jirtira.

TAQSIMA III - DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

50. Setgħa tal Ministru.
51. Setgħa ta' l-Awtorità.
52. Setgħa ta' l-Awtorità li tikseb Informazzjoni.
53. Ħatra ta' Spetturi.
54. Appelli.
55. Setgħat tal-Qorti.
56. Reati.
57. Pieni.
58. Proċedimenti Kriminali.
59. Dikjarazzjoni Pubblika.
60. Konfidenzjalità.
61. Esklużjoni ta' Responsabbiltà.
62. Avviżi.
63. Applikabbiltà ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju.
64. Setgħa tal-Ministru li jagħmel Arranġamenti Tranżitorji.

TAQSIMA IV - Emendi ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, Kap. 204.
TAQSIMA V - Emendi ta' l-Att dwar iċ-Ċentru ta' Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Kap 330.
TAQSIMA VI - Emendi ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, Kap. 345.
TAQSIMA VII - Emendi ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, Kap. 370.
TAQSIMA VIII - Emendi ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371.
TAQSIMA IX - Emendi ta' l-Att dwar *Insider Dealing*, Kap. 375.
TAQSIMA X - Emendi ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap. 376.
TAQSIMA XI - Emendi ta' l-Att dwar Segretezza Professjonali, Kap. 377.
TAQSIMA XII - Emendi ta' l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura għal Likwidazzjoni), Kap. 383
TAQSIMA XIII - Emendi ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386.
TAQSIMA XIV - Emendi ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, Kap. 403.
TAQSIMA XV - Emendi ta' l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjari Oħra, Kap. 404.
TAQSIMA XVI - Disposizzjonijiet Mixxellanji.

L-EWWEL SKEDA

IT-TIENI SKEDA

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

GEORGE HYZLER
Aġent President

10 ta' Settembru, 2002

ATT Nru. XVII ta' l-2002

ATT biex jipprovdi għar-regolamentazzjoni ta' ċerti fondi, u biex jemenda diversi liġijiet finanzjarji u liġijiet li jirregolaw istituzzjonijiet finanzjarji.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b' liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I
PRELIMINARI

1. (1) It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att ta' l-2002 li jirregola Fondi Speċjali. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) It-Taqsimiet I, II u III ta' dan l-Att għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

2. (1) F'din it-Taqsima u fit-Taqsimiet II u III ta' dan l-Att u fl-Iskedi li jinsabu miegħu, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'ohra- Tifsir.

"Affiljat" dwar persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna rilevanti") tfisser:

(a) kull persuna li direttament jew indirettament tipposjedi 25% jew iżjed tas-saħħa totali kombinata tal-voti jew 25% jew iżjed tal-valur totali ta' l-istokk jew ta' l-interessi ta' pussess tal-persuna rilevanti (hawnkekk iżjed 'il quddiem imsejħa "is-sid");

(b) kull persuna meta l-persuna rilevanti direttament jew indirettament tipposjedi 25% iżjed tas-saħħa totali kombinata tal-voti jew 25% jew iżjed tal-valur totali ta' l-istokk jew ta' l-interessi ta' pussess ta' dik il-persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "is-sottopersuna);

(ċ) kull żewg persuni jew iktar meta s-Sid direttament jew indirettament, fil-każ ta' kull persuna tali tipposjedi 25% jew iżjed tas-saħħa totali kombinata tal-voti jew 25% jew iżjed tal-valur totali ta' l-istokk jew ta' l-interessi ta' pussess ta' dik il-persuna (kull waħda minn dawk iż-żewg persuni jew iktar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "Persuna Oħt");

(d) kull persuna fejn direttur, jew uffiċjal ta' persuna rilevanti, Sid, sotto-persuna jew Persuna Oħt tipposjedi 25% jew iżjed tas-saħħa totali kombinata tal-voti jew 25% jew iżjed tal-valur ta' l-istokk jew ta' l-interessi ta' pussess ta' dik il-persuna;

(e) kull persuna li fil-fehma ta' l-Awtorità :-

(i) tkun taħt il-kontroll '*de facto*' jew effettiv ta' persuna rilevanti; jew

(ii) teżerċita kontroll '*de facto*' jew effettiv tal-persuna rilevanti;

"Amministratur ta' Fond għal min Jirtira" għandha tiftiehem skond l-artikolu 17 ta' dan l-Att;

"Amministratur ta' Skema għal min Jirtira"għandha tiftiehem skond l-artikolu 17 ta' dan l-Att.

"Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*" tfisser kollettivament l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

Kap. 123.
Kap. 372.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta stabbilita bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta; Kap. 330.

"Beneficjarju" tfisser individwu li jkun se jirċievi ħlasijiet kurrenti jew futuri taħt Skema applikabbli jew Pjan Barrani għal min Jirtira; u meta rilevanti, il-beni ta' dak l-individwu;

"Benefiċċju għal min Jirtira" tfisser pensjoni jew benefiċċji oħra li jitħallsu lil Benefiċjarju meta jirtira, wara Invalidità Permanenti jew mewt;

"Direttiva" tfisser direttiva maħruġa mill-Awtorità skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 51 ta' dan l-Att;

"Dokument ta' l-Iskema" tfisser il-kuntratt miktub li jipprova Skema Reġistrata;

"Fond għal min Jirtira" tfisser kumpanija stabbilita bl-għan ewlieni li żżomm u tinvesti l-kontribuzzjonijiet li jsiru fi Skema waħda jew iktar jew fi Pjan jew Pjanijiet Barranin għal min Jirtira u għandha tiftieħem skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att;

"Flus Ančillari" tfisser flus użati in konnessjoni ma' Skema Reġistrata biex jitħallsu spejjeż, biex jitħallsu Benefiċċji għal min Jirtira, u sabiex jitwettqu ħtiġiet simili ta' l-Iskema;

"Ħtieġa għall-Fondi Tekniċi" għandha t-tifsir mogħti bl-artikolu 31 ta' dan l-Att;

"Invalidità Permanenti" tfisser diżabilità ta' natura permanenti stabbilita b'mod mediku, li kif ċertifikata minn tabib approvat mill-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, tkun ġabet lill-impjegat inkapaċi li jaqdi l-ħtiġiet ta' l-impieg li jkun qed jagħmel meta ġabet fuqu dik id-diżabilità;

"Kontributur" tfisser -

(a) l-individwu, fil-każ ta' Skema għal min Jirtira fejn il-kontribuzzjonijiet isiru biss jew f'parti mill-individwu għall-benefiċċju ta' l-istess individwu; u

(b) il-prinċipal, fil-każ ta' Skema li għaliha l-kontribuzzjonijiet isiru biss jew f'parti minn prinċipal għall-benefiċċju ta' l-impjegati; u għall-finijiet ta' dan l-Att, soċjetà titqies bħala l-prinċipal ta' kull wieħed mis-soċji tagħha, u

kumpanija għandha titqies bħala l-prinċipal ta' kull wieħed mill-uffiċjali u d-diretturi tagħha; u "impjegat" u "impieg" għandhom jiftiehmu f'dan is-sens;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

"*Manager* ta' l-Assi" tfisser persuna li tipprovdi Servizzi ta' Investiment diskrezzjonarji jew mhux diskrezzjonarji lil Fond jew Skema għal min Jirtira;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"obbligi internazzjonali ta' Malta" għandha l-istess tifsir kif

Kap. 370.

mogħti lilha bl-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment;

"Pjan Barrani għal min Jirtira" tfisser skema jew arranġament in bona fide, organizzat taħt il-liġijiet ta' pajjiż barra minn Malta, li jirregola d-drittijiet u r-responsabbilitajiet tal-partijiet tiegħu, u li taħtu jsiru ħlasijiet lil Benefiċjarji għall-għan ewlieni li jipprovdi Benefiċċji għal min Jirtira;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti jew b'Direttivi magħmula taħt dan l-Att;

"reklam" tfisser kull għamla ta' reklamar, sew jekk isir bil-fomm, bil-miktub jew b'mezzi elettronici, u mingħajr preġudizzju għall-mod ġeneriku ta' dak imsemmi qabel, tinkludi reklamar f'pubblikazzjoni, il-wiri ta' avviżi, sinjali, tikketti jew biljetti, permezz ta' ittri, ċirkolari, prospetti, katologi, listi ta' prezzijiet jew dokumenti oħra, bl-esibizzjoni ta' stampi jew filmati fotografiċi jew ċinematografi, permezz ta' xandir bis-smigħ, bit-televiżjoni jew b'xi mezz ieħor, bit-tqassim ta' reġistrazzjonijiet jew b'kull mod ieħor, u riferenzi għal ħruġ ta' reklam għandhom jiftiehmu bl-istess mod;

"reġistrazzjoni" dwar Skema jew Fond għal min Jirtira jew dwar Amministratur ta' Fond għal min Jirtira, Amministratur ta' Skema għal min Jirtira jew *Manager* ta' l-Assi, jew dwar xi ħaġa li għandha x'taqsam magħhom jew anċillari għalihom, tfisser reġistrazzjoni taħt dan l-Att, u "reġistru" u "reġistrat" għandhom hekk jiftiehmu;

"Servizz ta' Investiment" tfisser kull servizz li jaqgħa taħt it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, meta provdut dwar Strument;

"Skema" tfisser skema jew arranġament stabbilit b'kuntratt li jirregola d-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' l-Amministratur

ta' l-Skema għal min Jirtira u l-Kontributur għalih, u li taħtu jsiru ħlasijiet lil Benefiċjarji għall-għan ewlieni li jipprovdi Benefiċċji għal min Jirtira. Skema jew arranġament ma jikkostitwux Skema taħt dan l-Att jekk ikun jipprovdi:

(a) għall-ħlas ta' Benefiċċju għal min Jirtira lil ħames Benefiċjarji jew inqas;

(b) biss għall-ħlas ta' dak li jidħol maċ-ċessjoni jew ma' l-għeluq ta' kuntratt ta' assigurazzjoni long term li jkun sar minn kumpanija ta' assigurazzjoni awtorizzata taħt l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni; jew Kap. 403.

(ċ) għall-bidu ta' ħlas ta' Benefiċċju għal min Jirtira lil Benefiċjarju f'data li tkun qabel dik li fiha l-Benefiċjarju jagħlaq l-eta' ta' ħamsin sena, jew wara dik li fiha l-Benefiċjarju jagħlaq l-eta' ta' sebgħin sena, ħlief f'dawk il-każijiet fejn l-iskema jew l-arranġament jipprovdi li:

(i) il-ħlas isir minħabba l-invalidità permanenti jew il-mewt ta' Benefiċjarju; jew

(ii) il-ħlas isir bil-mezz ta' somma flus f'daqqa lill-Benefiċjarju mingħajr ma jkun meħtieg il-kunsens tal-Benefiċjarju f'dak l-ammont li l-Awtorità tista' tippreskrivi fil-kaz li l-Benefiċjarju ma jibqax impjegat mal-Kontributur ta' l-iskema jew ta' l-arranġament:

Iżda skema jew arranġament deskritti fil-paragrafi (a) jew (b) ta' hawn fuq jistgħu b'avviz bil-miktub lill-Awtorità jagħżlu biex ikunu jistgħu jiġu konsidrati bħala Skema għall-finijiet ta' dan l-Att;

"Skema ta' Benefiċċji Definiti" tfisser Skema li ma tkunx Skema għal min Jirtira b'Kontribuzzjoni Definita li l-għan ewlieni tagħha jkun li tipprovdi għall-ħlas ta' Benefiċċji għal min Jirtira li jkunu fissi jew determinabbli;

"Skema għal min Jirtira b'Kontribuzzjoni Definita" tfisser Skema li l-għan ewlieni tagħha jkun li tipprovdi għall-ħlas ta' Benefiċċji għal min Jirtira, li jkunu stabbiliti b'riferenza għall-kontribuzzjonijiet imħallsa f'kull skema bħal dik, il-kumulu ta' profitti, qliegħ jew dħul ieħor, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż u t-telf dwarha;

"Skema dwar Xogħol" tfisser Skema li għaliha l-kontribuzzjonijiet isiru biss jew f'parti minn prinċipal għall-benefiċċju ta' l-impjegati;

"Strument" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment;

"Taxxa" tfisser it-Taxxa mposta bl-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

(2) Fit-Taqsimiet I, II u III ta' dan l-Att u fl-Iskedi li jinsabu miegħu u f'kull regolamenti jew Direttivi magħmula taħtu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti, l-Ingliż għandu jipprevali.

TAQSIMA II
ĦTIĠIET DWAR REĠISTRAZZJONI U OPERAT

Projbizzjoni ta' Skemi Mhux Reġistrati u Fondi għal min Jirtira Mhux Reġistrati.

3. (1) Ebda persuna ma tista' tipprovdi jew tippreżenta lilha nnifisha bħala li tipprovdi Skema sitwata f'Malta kemm-il darba dik l-Iskema ma tkunx Skema Reġistrata li tikkonforma mal-ħtiġiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 u ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att.

(2) Ebda persuna ma tista' taċċetta flus jew xi konsiderazzjoni oħra mingħand Kontributur dwar Skema sitwata f'Malta kemm-il darba dik l-Iskema ma tkunx Skema Reġistrata li tikkonforma mal-ħtiġiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 u ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att.

(3) Ebda persuna ma għandha żżomm jew tippreżenta ruħha li qed iżżomm Fond għal min Jirtira sitwat f'Malta kemm-il darba dak il-fond ma jkunx Fond Reġistrat li jikkonforma mal-ħtiġiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 u ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att.

(4) L-Awtorità tista' b'Direttivi taħt dan l-artikolu tiddikjara dawk l-iskemi jew arranġamenti oħra li ssir riferenza għalihom fid-Direttivi li ma jkunux Skema għall-finijiet ta' dan l-Att, jew tiddikjara li dawk il-fondi li ssir riferenza għalihom fid-Direttivi li ma jkunux għal min Jirtira għall-finijiet ta' dan l-Att.

(5) L-Awtorità tista', b'avviż bil-miktub lil xi persuna, tiddeċiedi li:

(a) attività taqa' taħt l-artikoli 17, 18, 19 jew 24, meta provdut dwar Fond għal min Jirtira jew dwar Skema; jew

(b) servizz jaqa' taħt it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att; jew

(c) għall-finijiet ta' dan l-Att, xi skema jew arranġament ieħor jkunu Skema sitwata f'Malta, jew fond ikun Fond għal min Jirtira sitwat f'Malta,

u bla ħsara għal xi appell li jista' jsir taħt l-artikolu 54 ta' dan l-Att, dwar dik il-persuna d-deċiżjoni ta' l-Awtorità tkun konklussiva għall-finijiet kollha ta' dan l-Att sakemm it-Tribunal imsemmi f'dak l-artiklu ma jiddeċidix xort'oħra.

Skemi u Fond għal min Jirtira għandhom ikunu reġistrati.

4. (1) Skema ma tkunx reġistrata taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan Att kemm-il darba d-Dokument ta' l-Iskema ma jkollux kondizzjonijiet u dispożizzjonijiet bil-miktub li jgħidu:

(a) li l-għan ewlieni ta' l-Iskema huwa li jipprovdi Benefiċċji għal min Jirtira;

(b) li l-kontribuzzjonijiet kollha għall-Iskema għandhom ikunu nvestiti esklużivament f'Fond jew Fondi għal min Jirtira, ħlief għal Flus Anċillari;

(ċ) li l-Iskema tkun imfassla u mħaddma għall-benefiċċju esklużiv tal-Benefiċjarji speċifikati f'dik l-Iskema;

(d) il-mezzi speċifiċi li jkunu se jintużaw biex ikunu identifikati l-Kontributuri ta' l-Iskema kollha, preżenti u futuri, flimkien ma' l-obbligi rispettivi tagħhom;

(e) il-mezzi speċifiċi li jkunu se jintużaw biex ikunu identifikati l-Benefiċjarji ta' l-Iskema kollha, preżenti u futuri, flimkien mal-mezzi speċifiċi li jkunu se jintużaw sabiex jiġi stabbilit l-ammont tal-Benefiċċju għal min Jirtira rispettivi tagħhom, u ż-żmien meta jitħallsu dawk il-Benefiċċji għal min Jirtira;

(f) l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon u l-indirizz ta' e-mail, jekk ikun hemm, ta' l-ewwel l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira maħtur biex iwettaq il-ħtiġiet amministrattivi ta' l-Iskema;

(ġ) ir-regoli jew kriterji oħra li jirregolaw il-valutazzjoni ta' l-attiv u tal-passiv ta' l-Iskema u ż-żmien li fih isiru dawk il-valutazzjonijiet;

(h) ir-regoli li jirregolaw kull kost u l-ispejjeż ammissibbli li jistgħu jitħallsu mill- Iskema;

(i) il-metodu tal-ħatra, tneħħija u bidla ta' l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira u, meta l-każ, tal-*Manager* ta' l-Assi, ta' l-uditur, jew ta' l-attwarju ta' l-Iskema;

(j) ir-regoli li jirregolaw iċ-ċessjoni, it-terminazzjoni jew, meta l-każ, it-telf ta' Benefiċċju għal min Jirtira;

(k) ir-regoli applikabbli fil-kaz ta' inabbilta' jew nuqqas ta' Kontributur li jissodisfa l-obbligi tiegħu;

(l) ir-regoli li jirregolaw l-emendi għad-Dokument ta' l-Iskema;

(m) iċ-ċirkostanzi li jwasslu għax-xoljiment ta' l-Iskema, barra minn dawk iċ-ċirkostanzi stabbiliti bil-liġi; u

(n) li, kemm-il darba ma jkunx preskritt xort'oħra taħt dan l-Att ma tkun teżisti ebda dispożizzjoni statutorja għal kumpens meta Skema jew Fond għal min Jirtira ma jkunx jista' jissodisfa l-passiv tiegħu, u li Reġistrazzjoni ta' l-Iskema jew tal-Fond għal min Jirtira ma tkunx konferma mill-Awtorità tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-Iskema jew tal-Fond għal min Jirtira.

(2) Fond għal min Jirtira ma jkunx reġistrat taħt dan l-Att kemm-il darba ma jissodisfax il-ħtiġiet li ġejjin:

Kap. 386. (a) il-Fond għal min Jirtira jkun reġistrat bħala Kumpannija ta' Investiment b'kapital azzjonarju fiss jew bħala Kumpannija ta' Investiment b'kapital azzjonarju varjabbli taħt l-Att dwar il-Kumpanniji;

(b) il-memorandum ta' assoċjazzjoni tal-Fond għal min Jirtira jgħid li l-għanijiet tiegħu jkunu limitati għal -

(i) ir-riċeviment ta' kontribuzzjonijiet magħmula minn Skema waħda jew iktar, u, jew minn Pjan Barrani jew Pjanijiet Barranin għal min Jirtira, u l-investiment ta' dawk il-kontribuzzjonijiet u d-dħul kollu minn dawk il-kontribuzzjonijiet fi Strumenti jew proprjeta' mmobbli bil-għan li jkun massimizzat id-dħul minn dawk il-kontribuzzjonijiet;

(ii) il-ħlas ta' Benefiċċji għal min Jirtira lill-Benefiċjarji ta' l-Iskemi jew tal-Pjanijiet Barranin għal min Jirtira li jkunu nvestew f'dak il-Fond għal min Jirtira; u

(iii) it-twettiq ta' kull ħaġa jew funzjoni li għandha x'taqsam jew li hi anċillari għall-oġġettivi msemmija fis-sub-paragrafi (i) u (ii) ta' dan il-paragrafu; u

(ċ) l-isem tal-Fond għal min Jirtira ikun wieħed li, fil-fehma ta' l- Awtorità ma jkunx li jiżgwida; u

(d) l-uffiċċju prinċipali tal-kumpanija jkun sitwat u operat f'Malta.

(3) L-assi tal-Fond għal min Jirtira ma jkunux għall-benefiċċju ta' xi investitur fil-Fond għal min Jirtira, iżda jintużaw esklusivament sabiex jipprovdu Benefiċċji għal min Jirtira lill-Benefiċċjarji ta' l-Iskemi jew tal-Pjanijiet Barranin għal min Jirtira li jkunu nvestew f'dak il-Fond għal min Jirtira, u sabiex jitħallsu l-ispejjeż li jistgħu jitħallsu taħt dan l-Att, ta' dik l-Iskema, jew ta' l-ispejjeż "bona fide" tal-Pjan Barrani għal min Jirtira, skond kif applikabbli.

(4) Kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra taħt dan l-Att, id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kumpanniji għandhom japplikaw għal Fond għal min Jirtira.

5. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' Skema għandha ssir fil-forma u bil-mod meħtieġ mill-Awtorità u għandha - Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' Skema.

(a) ikun fiha jew ikollha magħha kopja tad-Dokument ta' l-Iskema li jkun fih id-dikjarazzjonijiet elenkati fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att;

(b) ikollha magħha dak id-dritt jew dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu preskritti;

(ċ) tispeċifika n-natura ta' l-Iskema;

(d) ikun fiha jew ikollha magħha dik l-informazzjoni u dawk il-partikolaritajiet l-oħra, li l-Awtorità tista' teħtieġ jew kif ikun preskritt; u

(e) ikun fiha l-indirizz f'Malta fejn ikun notifikat l-applikant b'kull avviż jew dokument ieħor meħtieġ jew awtorizzat li jkun notifikat lilu b'dan l-Att jew taħtu jew skond xi liġi oħra.

6. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' Fond għal min Jirtira għandha ssir fil-forma u bil-mod meħtieġ mill-Awtorità u għandha - Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' Fond għal min Jirtira.

(a) ikun fiha jew ikollha magħha kopja tal-memorandum u ta' istatut ta' assoċjazzjoni tal-Fond għal min Jirtira li jissodisfaw il-ħtiġiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att;

(b) tispeċifika l-isem u l-indirizz u n-numru tat-telefon u l-indirizz ta' e-mail, jekk ikun hemm, tal-Fond għal min Jirtira, tad-Diretturi u ta' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira ta' dak il-fond;

(c) ikollha magħha dak id-dritt jew dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu preskritti;

(d) ikun fiha jew ikollha magħha dik l-informazzjoni u dawk il-partikolaritajiet l-oħra, li l-Awtorità tista' teħtieġ jew kif ikun preskritt;

(e) ikun fiha l-indirizz f'Malta fejn ikun notifikat l-applikant b'kull avviż jew dokument ieħor meħtieġ jew awtorizzat li jkun notifikat lilu b'dan l-Att jew taħtu jew skond xi liġi oħra; u

(f) ikun fiha deskrizzjoni ġenerali ta' l-għanijiet ta' l-investiment, il-karatteristiċi tar-riskju u tar-ritorn tal-Fond għal min Jirtira, kif ukoll tagħrif dwar ix-xorta u d-diversifikazzjoni ta' l-assi li jkunu antiċipati fil-portafol ta' l-investiment tal-Fond għal min Jirtira.

Setgħa ta' l-Awtorità li tirrifjuta reġistrazzjoni ta' Skema.

7. (1) L-Awtorità tista' tirreġistra jew tirrifjuta li tirreġistra Skema li għaliha tkun saret applikazzjoni taħt dan l-Att.

(2) L-Awtorità ma għandix tirreġistra Skema kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li-

(a) l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira jkun idoneju u xieraq li jipprovdi l-Iskema konċernata;

(b) l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira jkun se jħares u josserva d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti jew Direttivi preskritti taħtu; u

(ċ) l-Iskema proposta tkun se tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti jew Direttivi preskritti taħtu.

(3) Meta tirreġistra Skema, l-Awtorità tista' tissoġġettaha għal kull kondizzjoni li jidhrilha xierqa, u wara li tkun irreġistratha, l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tvarja jew tirrevoka kull kondizzjoni hekk imposta jew timponi kondizzjonijiet ġodda.

(4) Meta tkun qed tikkonsidra jekk tirreġistrax xi Skema taħt dan l-Att, l-Awtorità għandha b'mod partikolari tqis -

(a) il-ħarsien ta' investituri u tal-pubbliku in ġenerali;

(b) il-ħarsien tar-reputazzjoni ta' Malta meta jkunu kkunsidrati l-obbligi internazzjonali ta' Malta;

(ċ) il-promozzjoni ta' kompetizzjoni u għażla; u

(d) ir-reputazzjoni u l-idonjetà ta' l-Amministratur ta' l-Iskema u ta' kull parti oħra li jkollha x'taqsam ma' l-Iskema.

(5) (a) Meta jkunu jeżistu rabtiet mill-qrib bejn applikant u xi persuna oħra, l-Awtorità għandha:

(i) tirreġistra Skema biss jekk ikun jidhrilha li dawk ir-rabtiet mill-qrib ma jfixkluhiex milli teżerċita b'mod effettiv il-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha; u

(ii) tirrifjuta li tirreġistra Skema jekk tikkunsidra li l-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' xi pajjiż barra minn Malta li jiggvernaw persuna waħda jew iżjed li miegħu l-applikant ikollu rabtiet mill-qrib , jew l-infurzar tagħhom, ifixklu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha.

(b) L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien, permezz ta' Direttivi taħt dan l-Att tiddefinixxi ċ-ċirkostanzi fejn rabtiet mill-qrib għandhom jitqiesu li jeżistu bejn żewġ persuni jew aktar.

(6) Meta Skema, l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, il-*Manager* ta' l-Assi jew persuna oħra responsabbli tikser jew tonqos li tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti f'liċenza maħruġa taħt dan l-artikolu l-Awtorità tista' b'avviż bil-miktub u mingħajr rikors għal smigħ minn qorti timponi fuq l-Iskema, l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, il-*Manager* ta' l-Assi jew persuni oħra, skond il-każ, penali amministrattiva li ma tistax tkun iżjed minn erbgħin elf lira.

8. (1) L-Awtorità tista' tirreġistra jew tirrifjuta li tirreġistra Fond għal min Jirtira li għaliha tkun saret applikazzjoni taħt dan l-Att. Setgħa ta' l-Awtorità li tirrifjuta reġistrazzjoni ta' Fond għal min Jirtira.

(2) L-Awtorita ma għandhix tirreġistra Fond għal min Jirtira kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li -

(a) il-promoturi, id-diretturi u l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira jkunu persuni idoneji u xierqa biex joffru l-Fond għal min Jirtira konċernat;

(b) id-diretturi u l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira jkun se jħares u josserva d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti jew Direttivi preskritti taħtu; u

(ċ) il-Fond għal min Jirtira propost ikun se jħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti jew Direttivi magħmula taħtu.

(3) Meta tirreġistra Fond għal min Jirtira, l-Awtorità tista' tissoġġettah għal kull kondizzjoni li jidhrilha xierqa, u wara li tkun irreġistratu, l-Awtorità tista', minn żmien għal żmien, tvarja jew tirrevoka kull kondizzjoni hekk imposta jew timponi kondizzjonijiet ġodda.

(4) Meta tkun qed tikkonsidra jekk tirreġistrax xi Fond għal min Jirtira taħt dan l-Att, l-Awtorità għandha b'mod partikolari tqis -

(a) il-ħarsien ta' investituri u tal-pubbliku in ġenerali;

(b) il-ħarsien tar-reputazzjoni ta' Malta meta jkunu kkunsidrati l-obbligi internazzjonali ta' Malta;

(ċ) il-promozzjoni ta' kompetizzjoni u għażla; u

(d) ir-reputazzjoni u l-idonjetà ta' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira u ta' kull parti oħra li jkollha x'taqsam mal-Fond għal min Jirtira.

(5) (a) Meta jkunu jeżistu rabtiet mill-qrib bejn applikant u xi persuna oħra, l-Awtorità għandha;

(i) tirreġistra Fond għal min Jirtira biss jekk ikun jidhrilha li dawk ir-rabtiet mill-qrib ma jfixkluhiex milli teżerċita b'mod effettiv il-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha; u

(ii) tirrifjuta li tirreġistra Fond għal min Jirtira jekk tikkunsidra li l-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' xi pajjiż barra minn Malta li jiggvernaw persuna waħda jew iżjed li miegħu l-applikant ikollu rabtiet mill-qrib ,jew l-infurzar tagħhom, ifixklu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha.

(b) L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien, permezz ta' Direttivi taħt dan l-Att tiddefinixxi ċ-ċirkostanzi fejn rabtiet mill-qrib għandhom jitqiesu li jeżistu bejn żewġ persuni jew aktar.

(6) Meta Fond għal min Jirtira, l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira, il-*manager*, segretarju, direttur jew persuna oħra responsabbli tikser jew tonqos li tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti f'liċenza maħruġa taħt dan l-artikolu l-Awtorità tista' b'avviż bil-miktub u mingħajr rikors għal smigħ minn qorti timponi fuq il-Fond għal min Jirtira, l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira, il-*manager*, segretarju, direttur jew persuni oħra, skond il-każ, penali amministrattiva li ma tistax tkun iżjed minn erbgħin elf lira.

9. Kull Skema u Fond għal min Jirtira għandhom iħallsu lill-Awtorità dawk id-drittijiet perjodiċi u għall-applikazzjoni, u f'dak iż-żmien, kif jista' jiġi preskritt. Ħlas ta' drittijiet perjodiċi.

10. Amministratur ta' Skema għal min Jirtira jew Amministratur ta' Fond għal min Jirtira, jew kull persuna oħra li jkollha r-responsabbilta' għall-amministrazzjoni jew maniġġar ta' kuljum ta' Skema jew Fond, għandha tipprovdi lill-Awtorità bil-partikolaritajiet ta' kull tibdil fl-informazzjoni provduta taħt dan l-Att malli dik il-persuna jew id-delegat tagħha jsir jaf b'dak it-tibdil. Tibdil fl-informazzjoni.

11. Bla ħsara għal xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att u ta' xi regolamenti jew Direttivi magħmula taħtu, l-Awtorità tista' tħassar jew tissospendi r-reġistrazzjoni ta' skema jekk: Setgħa ta' l-Awtorità li tħassar jew tissospendi reġistrazzjoni ta' Skema.

(a) tikkonsidra li l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira ma jkunx persuna idoneja u xierqa biex twettaq il-funzjonijiet meħtieġa minnha dwar l-Iskema; jew

(b) tikkonsidra li l-Iskema li għaliha tirreferi r-reġistrazzjoni ma tkunx tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti u, jew, Direttivi magħmula taħtu, jew li jkun hemm ksur ta' xi waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet, jew ta' obbligu jew kondizzjoni li għaliha tkun suġġetta l-Iskema jew ir-reġistrazzjoni tagħha b'dan l-Att jew taħtu; jew

(ċ) informazzjoni li tkun ingħatat lill-Awtorità minn, f'isem jew dwar l-Iskema tkun falza, mhux preċiża jew tiżgwida.

12. Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew Direttivi magħmula taħtu, l-Awtorità tista' tħassar jew tissospendi r-reġistrazzjoni ta' Fond għal min Jirtira, jekk: Setgħa ta' l-Awtorità li tħassar jew tissospendi reġistrazzjoni ta' Fond għal min Jirtira.

(a) tikkonsidra li direttur jew Amministratur ta' Fond għal min Jirtira ma jkunx persuna idoneja u xierqa biex twettaq il-funzjonijiet meħtieġa minnha dwar il-Fond għal min Jirtira; jew

(b) tikkonsidra li l-Fond għal min Jirtira li għalih tirreferi r-reġistrazzjoni ma jkunx iħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti u, jew Direttivi magħmula taħtu, jew li jkun hemm ksur ta' xi waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet, jew ta' obbligu jew kondizzjoni li għaliha jkun suġġett il-Fond għal min Jirtira jew ir-reġistrazzjoni tiegħu b'dan l-Att jew taħtu; jew

(ċ) informazzjoni li tkun ingħatat lill-Awtorità minn, f'isem jew dwar il-Fond għal min Jirtira tkun falza, mhux preċiża jew tiżgwida.

Avviż dwar proposta ta' rifjut, varjazzjoni, tħassir jew sospensjoni ta' reġistrazzjoni.

13. (1) Meta l-Awtorità tipproponi -

(a) li tvarja xi kondizzjoni li tkun suġġetta għaliha reġistrazzjoni jew li timponi kondizzjoni fuqha; jew

(b) li tirrifjuta applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew li tħassar jew li tissospendi reġistrazzjoni, għandha tagħti lill-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira jew lill-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira avviż bil-miktub dwar il-fehma tagħha li tagħmel hekk, liema avviż għandu jagħti r-raġunijiet għall-azzjoni proposta.

(2) Kull avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jgħid li min jirċievi l-avviż jista', f'dak iż-żmien raġonevoli wara li jiġi notifikat kif jingħad fl-avviż (li jkun perijodu ta' mhux inqas minn tmienja u erbgħin siegħa u mhux iktar minn tletin jum), jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fejn jagħti r-raġunijiet għaliex id-deċiżjoni proposta ma għandix tittieħed, u l-Awtorità għandha tikkonsidra kull rappreżentazzjoni hekk magħmula qabel ma tasal għal deċiżjoni finali.

(3) L-Awtorità għandha kemm jista' jkun malajr tinnotifika d-deċiżjoni finali tagħha bil-miktub lil kull waħda mill-persuni li lilhom għandu jingħata avviż taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Diretturi ta' Fond għal min Jirtira.

14. (1) Kull kumpanija, li tkun ifformata bħala Fond għal min Jirtira, għandu jkollha mill-inqas tliet diretturi.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għall-Iskema applikabbli, tkun ir-responsabbilta' tal-bord tad-diretturi jew direttament jew permezz ta' *Manager* ta' l-Assi li tinvesti l-flus kollha u kull attiv ieħor riċevuti mill-Fond għal min Jirtira skond il-memorandum ta' l-assoċjazzjoni tiegħu.

15. (1) Kull Fond għal min Jirtira għandu jkollu Amministratur tal-Fond għal min Jirtira biex jaqdi dawk id-dmirijiet mogħtija lil dawk l-amministraturi taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra. Ħatra ta' Amministratur ta' Fond għal min Jirtira.

(2) Ikun id-dmir tad-diretturi tal-Fond għal min Jirtira li jaħtru Amministratur tal-Fond għal min Jirtira, u dawk id-diretturi jkollhom is-setgħa li jneħħu l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira fid-diskrezzjoni tagħhom.

(3) Meta l-post ta' Amministratur tal-Fond għal min Jiritra isir vakant, id-diretturi tal-Fond għal min Jirtira għandhom, fi żmien erbatax-il jum mid-data tal-vakanza, jaħtru persuna oħra biex timla l-post.

(4) Meta d-diretturi jonqsu li jimlew dik il-vakanza fiż-żmien ta' erbatax-il jum kif jingħad hawn fuq, l-Awtorità tista', fuq applikazzjoni li ssir minn xi wieħed mid-diretturi jew minn Kontributur jew Benefiċjarju, taħtar persuna biex timla dik il- vakanza hi stess.

(5) Matul kull perijodu fejn ma jkunx hemm Amministratur tal-Fond għal min Jirtira u matul kull perijodu ta' inkapaċità ta' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira, kull uffiċjal tal-Fond għal min Jirtira hekk awtorizzat b'mod ġenerali jew speċifiku mid-diretturi għandu jaqdi l-funzjonijiet ta' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira.

16. (1) Kull Skema għandu jkollha Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira biex jaqdi dawk id-dmirijiet mogħtija lil dawk l-amministraturi taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra. Ħatra ta' Amministratur ta' Skema għal min Jirtira.

(2) Ikun id-dmir tal-Kontributuri ta' l-Iskema li jaħtru Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, u dawk il-Kontributuri jkollhom is-setgħa li jneħħu l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira fid-diskrezzjoni tagħhom.

(3) Meta l-post ta' Amministratur ta' Skema għal min Jirtira jsir vakanti, il-Kontributuri ta' l-Iskema għandhom, fi żmien erbatax-il jum mid-data tal-vakanza, jaħtru persuna oħra biex timla l-post.

(4) Meta l-Kontributuri jonqsu li jimlew dik il-vakanza fiż-żmien ta' erbatax-il jum kif jingħad qabel, l-Awtorità tista', fuq applikazzjoni li ssir minn xi wieħed mill-Kontributuri jew Benefiċjarji, taħtar persuna oħra biex timla dik il-vakanza hi stess.

(5) Matul kull żmien fejn ma jkunx hemm Amministratur ta' Skema għal min Jirtira u matul kull perijodu ta' inkapaċità ta' l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira kull uffiċjal ta' l-Iskema hekk

awtorizzat b'mod ġenerali jew speċifiku mill-Kontributuri għandu jaqdi l-funzjonijiet ta' l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira.

Reġistrazzjoni ta' Amministraturi ta' Fond għal min Jirtira u ta' Amministraturi ta' Skema għal min Jirtira.

17. (1) Ebda persuna ma għandha tipprovdi Fond jew Skema għal min Jirrtia bis-servizzi amministrattivi deskritti fl-artikoli 18 u 19 ta' dan l-Att, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx reġistrata taħt dan l-Att biex taġixxi bħala Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, skond il-każ.

(2) Ebda persuna ma tkun reġistrata bħala Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew Amministratur ta' Skema għal min Jirtira taħt dan l-Att kemm-il darba -

(a) dik il-persuna ma tkunx kumpanija li topera f'Malta li -

(i) ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'Malta, jew

(ii) fil-każ ta' kumpanija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun barra minn Malta, tkun stabbilita f'pajjiż li fil-fehma ta' l-Awtorità tkun suġġetta għal livell adegwat ta' superviżjoni regolatorja;

(b) fil-każ biss ta' Amministratur ta' Fond għal min Jirtira dik il-persuna tkun fil-pussess ta' liċenza xierqa taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment jew kif jista' jiġi xort'oħra preskritt.

(3) L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew ta' Amministratur ta' Skema għal min Jirtira għandha ssir fil-forma u bil-mod kif jista' jiġi preskritt, u għandha -

(a) tispeċifika l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon u l-indirizz ta' e-mail, jekk ikun hemm, ta' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira jew ta' l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, skond il-kaz;

(b) ikollha magħha dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu preskritti;

(ċ) ikun fiha jew ikollha magħha dik l-informazzjoni u dawk il-partikolaritajiet l-oħra, li l-Awtorità tista' teħtieġ jew kif ikun preskritt;

(d) ikun fiha l-indirizz f'Malta fejn ikun notifikat l-applikant b'kull avviż jew dokument meħtieġ jew awtorizzat li jkun notifikat lilu b'dan l-Att jew taħtu jew skond xi liġi oħra; u

(f) tispeċifika n-natura tan-negozju ta' l-applikant u l-esperjenza rilevanti tiegħu.

(4) l-Awtorità tista' tipprovdi għar-reġistrazzjoni awtomatika ta' Amministraturi ta' Fond għal min Jirtira jew ta' Amministraturi ta' Skema għal min Jirtira li diġa' jkollhom fil-pussess tagħhom liċenza għal servizzi ta' investiment valida skond kif imfisser fl-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment jew li diġa' jkunu reġistrati taħt dik il-liġi l-oħra kif l-Awtorità tista' tispeċifika. Kap. 370.

(5) Ir-reġistrazzjoni ta' Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew ta' Amminstratur ta' Skema għal min Jirtira, tista' tkun suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità jidhrilha xierqa, u wara r-reġistrazzjoni l-Awtorità tista', minn żmien għal żmien, tvarja jew tirrevoka kull kondizzjoni hekk imposta jew timponi kondizzjonijiet ġodda.

(6) Meta Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew Amministratur ta' Skema għal min Jirtira jikser jew jonqos li jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti taħt dan l-artikolu, l-Awtorità tista' mingħajr rikors għal smigħ quddiem qorti, timponi penali amministrattiva li ma tistax teċċedi erbgħin elf lira.

Dmirijiet ta' Amministratur ta' Fond għal min Jirtira.

18. (1) L-Amministratur ta' Fond għal min Jirtira għandu jaqdi d-dmirijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-operat ordinarju jew ta' kuljum tal-Fond għal min Jirtira, inkluż, u mhux limitat għal, dan li ġej:

(a) jirċievi l-attiv ta' investituri eliġibbli, u jżomm jew jagħmel arranġamenti għall-kustodja ta' dak l-attiv;

(b) jiżgura li l-Fond għal min Jirtira jirċievi l-ħlasijiet kollha dovuti lilu bl-ammonti dovuti u fil-ħin;

(ċ) jiżgura li l-*income* u d-dħul kollu riċevuti mill-Fond għal min Jirtira jkunu applikati skond il-*memorandum* u l-istatut ta' assoċjazzjoni tal-Fond għal min Jirtira;

(d) jiżgura li l-ħruġ kollu jsir skond il-*memorandum* u l-istatut ta' assoċjazzjoni;

(e) iżomm *records* preċiżi dwar il-valur nett ta' l-assi tal-Fond għal min Jirtira skond dan l-Att, il-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni;

(f) iżomm *records* preċiżi dwar l-investituri tal-Fond għal min Jirtira;

(ġ) iħares il-ħtiġiet kollha statutorji u ħtiġiet oħra tal-Fond għal min Jirtira, magħduda dawk li jolqtu l-kxif ta' informazzjoni, transazzjonijiet finanzjarji ammissibbli u t-tħejjija ta' kull verifika finanzjarja;

(ħ) iħares kull ħtiġiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* biex ikun jista' jikkwalifika għal eżenzjoni mit-taxxa jew approvazzjoni tat-taxxa;

(i) jiżgura li l-istruzzjonijiet u d-deċiżjonijiet kollha tal-Fond għal min Jirtira jkunu konformi mal-liġi u mal-*memorandum* u l-istatut ta' assoċjazzjoni; u

(j) jipprovdi jew jagħmel l-arranġamenti kollha meħtieġa għas-servizzi ta' konteġġi jew servizzi oħra.

(2) Amministratur ta' Fond għal min Jirtira għandu jaġixxi fl-aħjar interessi tal-Fond għal min Jirtira u ma jistax juża l-assi tal-Fond għal min Jirtira għalih stess jew għal għanijiet oħra.

(3) Ikun id-dmir ta' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira li b'xi mod ikollu jew direttament jew indirettament, interess f'xi transazzjoni jew transazzjoni proposta li tolqot il-Fond għal min Jirtira, li immedjatament jiddikjara x-xorta ta' l-interess tiegħu lill-bord tad-diretturi tal-Fond għal min Jirtira.

Dmirijiet ta' Amministratur ta' Skema għal min Jirtira.

19. (1) L-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira għandu jaqdi d-dmirijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-operat ordinarju jew ta' kuljum ta l-Iskema, inkluż u mhux limitat għal dan li ġej:

(a) jinvesti l-kontribuzzjonijiet kollha għall-Fond għal min Jirtira skond il-kondizzjonijiet tad-Dokument ta' l-Iskema;

(b) jiżgura li l-Iskema tirċievi l-ħlasijiet kollha dovuti lilha minn xi kontributur jew Fond għal min Jirtira bl-ammonti dovuti u fil-ħin;

(ċ) jiżgura li l-*income* u d-dħul kollu riċevuti mill-Iskema jkunu applikati skond il-kondizzjonijiet tad-Dokument ta' l-Iskema;

(d) jiżgura li l-ħruġ kollu jsir skond id-Dokument ta' l-Iskema;

(e) iżomm *records* preċiżi dwar il-valur nett ta' l-Iskema skond dan l-Att u d-Dokumemnt ta' l-Iskema;

(f) jiżgura li, dwar Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit, l-Iskema tissodisfa l-Ħtieġa għal Fondi Tekniċi f'kull intervall preskritt;

(ġ) jiżgura li, dwar Skema għal min Jirtira b'Kontribuzzjoni Definita, kull attiv ta' l-Iskema li jeċċedi l-passiv kurrenti, jew li dwar Skema għal min Jirtira b'Beneficcji Definit, il-passiv li jirrappreżenta l-obbligi ta' ħlas futur lil Benefiċjarji, ma għandux jitħallas lil xi parti li ma tkunx Benefiċjarju ta' l-Iskema, ħlief b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt;

(h) jiżgura li l-interessi fl-ishma ta' Fond għal min Jirtira jew f'Fondi miżmuma għall-benefiċċju ta' individwu li għandu jirċievi ħlasijiet taħt dik l-Iskema, għandhom, meta dak l-individwu jirtira, ikollu Invalidità Permanenti jew imut, ikunu mifdija jew xort'oħra likwidati mill-Iskema minn dak il-Fond għal min Jirtira u l-valur ta' dak il-fidi għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Benefiċjarju jew kif provdut fid-Dokument ta' l-Iskema;

(i) iżomm *records* preċiżi dwar il-kontributuri u l-Benefiċjari ta' l-Iskema;

(j) iħares il-ħtiġiet kollha statutorji u ħtiġiet oħra ta' l-Iskema, magħduda dawk li jolqtu l-kxif ta' informazzjoni, transazzjonijiet finanzjarji ammissibbli u t-tħejja ta' kull verifka finanzjarja;

(k) iħares kull ħtiġiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* biex ikun jista' jikkwalifika għal eżenzjoni mit-taxxa jew approvazzjoni tat-taxxa;

(l) jiżgura li l-istruzzjonijiet u d-deċiżjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-Iskema jkunu konformi mal-liġi u mad-Dokument ta' l-Iskema; u

(m) jagħmel l-arranġamenti kollha meħtieġa għas-servizzi ta' konteġġi, ta' attwarju jew servizzi oħra.

(2) Amminsitratur ta' Skema għal min Jirtira għandu jaġixxi fl-aħjar interessi ta' l-Iskema u ma jistax juża l-assi ta' l-Iskema għalih stess jew għal għanijiet oħra.

(3) Ikun id-dmir ta' Amministratur ta' Skema għal min Jirtira li b'xi mod ikollu, sew direttament jew indirettament, intesss f'xi transazzjoni jew transazzjoni proposta li tolqot l-Iskema, li immedjatament tiddikjara x-xorta ta' l-interess tiegħu lill-kontributuri ta' l-Iskema, jew lir-rappreżentant maħtur tagħhom.

Rimunerazzjoni ta' Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew ta' Amministratur ta' Skema għal min Jirtira.

20. (1) Ir-rimunerazzjoni li għandha titħallas lil Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew ta' Amministratur ta' Skema għal min Jirtira għandha tiġi stabbilita b'kuntratt bil-miktub bejn dik il-persuna u l-Fond jew l-Iskema għal min Jirtira, kif applikabbli, u tkun approvata mill-bord tad-diretturi tal-Fond għal min Jirtira jew b'maġġoranza skond il-valur tal-kontribuzzjonijiet fid-data rilevanti fl-Iskema, tal-Kontributur ta' l-Iskema, skond il-każ, u għandha tingħata fir-rapport annwali tal-Fond għal min Jirtira jew ta' l-Iskema.

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu "rimunerazzjoni" tinkludi somom li jitħallsu dwar spejjeż.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw dwar benefiċċji f'korrispettiv kif ukoll ħlasijiet bi flus, u dwar kull benefiċċju b'korrispettiv, riferenzi għall-ammont tiegħu għandhom jittieħdu bħala riferenzi għall-valur tiegħu stmat bi flus. Ix-xorta ta' kull benefiċċju bħal dak għandha wkoll tingħata.

Tneħħija ta' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira jew ta' l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira.

21. (1) Bla ħsara għal kull ħtiġiet li jistgħu jiġu preskritti, il-bord tad-diretturi ta' Fond għal min Jirtira jista' jibdel lill-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira b'Amministratur tal-Fond għal min Jirtira ġdid.

(2) Bla ħsara għal kull ħtiġiet li jistgħu jiġu preskritti, maġġoranza skond il-valur tal-kontribuzzjonijiet fid-data fl-Iskema tal-kontributur ta' l-Iskema tista' f'kull żmien tibdel lill-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira b'Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira ġdid skond id-dokument ta' l-Iskema rilevanti.

(3) Ikun id-dmir ta' l-Amministratur li jinbidel li jikkopera bis-sħiħ ma' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira jew ma' l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira l-ġdid, sabiex ikun żgurat trasferiment ta' dmirijiet b'mod xieraq, ordnat u komplet, u li jieħu l-miżuri kollha raġonevoli u prattiċi biex jinżammu u jkunu mħarsa l-interessi tal-Fond għal min Jirtira u l-Benefiċjarji.

Responsabbilta' ta' l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira jew ta' l-Amministratur ta' l-Iskema tal-Fond għal min Jirtira.

22. Fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom, u bla ħsara ta' responsabbilta' għal danni taħt xi liġi oħra, l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira u l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira jkunu responsabbli għal kull telf jew danni li jirriżultaw minħabba xi frodi, nuqqas bir-rieda jew negliġenza min-naħa tagħhom.

Regolamentazzjoni ta' l-Amminnistratur tal-Fond għal min Jirtira jew ta' l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira.

23. (1) L-Awtorità jkollha s-setgħa li tivverifika u tinvestiga Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew lill-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira jew lil kull parti oħra li tipprovdi servizzi lil-Fond għal min Jirtira.

(2) L-Awtorità tista' f'kull żmien tħassar jew tissospendi r-reġistrazzjoni ta' l-Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew ta' l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira jekk -

(a) l-Awtorità tikkunsidra li dik il-persuna ma tkunx iktar xierqa u idoneja li taqdi l-funzjoni meħtieġa minnha dwar il-Fond jew l-Iskema għal min Jirtira ; jew

(b) ikun ingħata tagħrif lill-Awtorità mill-Amministratur jew f'ismu li jkun falz, mhux preċiż jew jiżgwida.

(3) L-Awtorità għandha, fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, tikkunsidra l-ħwejjeġ kollha rilevanti u taġixxi fl-aħjar interess tal-benefiċjarji.

24. (1) Ebda persuna ma tista' tipprovdi jew tippreżenta lilha nnifisha li tipprovdi servizzi ta' maniġġar ta' investimenti diskrezzjonarji jew mhux diskrezzjonarji li jikkostitwixxu servizzi ta' investiment lil xi Fond jew Skema għal min Jirtira, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx reġistrata bħala *Manager* ta' l-Assi skond dan l-Att. Reġistrazzjoni ta' *Managers* ta' Assi.

(2) Persuna ma tkunx reġistrata bħala *Manager* ta' l-Assi taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att kemm-il darba ma tkunx kumpanija -

(a) li topera f'Malta u jkollha fil-pussess tagħha l-liċenza xierqa taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment jew kif jista' jiġi preskritt; jew

(b) fil-kaz ta' kumpanija li topera barra minn Malta, tkun stabbilita f'pajjiż fejn fil-fehma ta' l-Awtorità l-kumpanija tkun suġġetta għal livell adegwat ta' superviżjoni regolatorja.

(3) L-applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala *Manager* ta' l-Assi għandha ssir fil-forma u bil-mod meħtieġ mill-Awtorità u għandha-

(a) tispeċifika l-isem u l-indirizz u n-numru tat-telefon u l-indirizz ta' e mail, jekk il-każ tal-*Manager* ta' l-Assi;

(b) ikollha magħha dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu preskritti;

(ċ) ikun fiha jew ikollha magħha dak it-tagħrif l-ieħor jew dawk il-partikolaritajiet l-oħra li l-Awtorità tista' teħtieġ jew kif jista' jiġi preskritt; u

(d) tispeċifika x-xorta tan-negozju ta' l-applikant u l-esperjenza rilevanti tiegħu.

(4) L-Awtorità tista' tipprovdi għar-reġistrazzjoni awtomatika ta' *Managers* ta' l-Assi jekk diġa' jkollhom fil-pussess tagħhom liċenza għal servizzi ta' investiment valida taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment jew diġa' jkunu reġistrati taħt dik il-liġi l-oħra kif l-Awtorità tista' tispeċifika.

(5) *Manager* ta' l-Assi jista' jiġi reġistrat mill-Awtorità suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità jidhrilha xierqa, u wara r-reġistrazzjoni l-Awtorità tista', minn żmien għal żmien, tvarja jew tirrevoka kull kondizzjoni hekk imposta jew timponi kondizzjonijiet ġodda.

(6) Meta *Manager* ta' l-Assi jikser jew jonqos li jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti taħt dan l-artikolu, l-Awtorità tista' mingħajr rikors għal smigħ quddiem qorti, timponi penali amministrattiva li ma tistax teċċedi erbgħin elf lira.

Rimunerazzjoni ta' *Manager* ta' l-Assi.

25. (1) Ir-rimunerzzjoni li għandha titħallas lil *Manager* ta' l-Assi ta' Fond għal min Jirtira għandha tiġi stabbilita b'kuntratt bil-miktub bejn il-Fond għal min Jirtira u l-*Manager* ta' l-Assi, tkun approvata mill-bord tad-diretturi, u għandha tingħata fir-rapport annwali tal-Fond għal min Jirtira.

(2) Ir-rimunerazzjoni li għandha titħallas lil *Manager* ta' l-Assi ta' Skema għandha tiġi stabbilità b'kuntratt bil-miktub bejn l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira f'isem l-Iskema u l-*Manager* ta' l-Assi, u għandha tingħata fir-rapport annwali ta' l-Iskema.

(3) Għall-fini ta' dan l-artikolu "rimunerazzjoni" tinkludi somom li jitħallsu dwar spejjeż.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw dwar benefiċċji b'korrispettiv, kif ukoll ħlasijiet bi flus, u dwar kull benefiċċju b'korrispettiv, riferenzi għall-ammont tiegħu għandhom jittieħdu bħala riferenza għall-valur tiegħu stmat bi flus. Ix-xorta ta' kull benefiċċju bħal dak għandha wkoll tingħata.

Tneħħija ta' *Manager* ta' l-Assi.

26. (1) Bla ħsara għal kull ħtiġiet li jistgħu jiġu preskritti, u għal kull kondizzjonijiet u dispożizzjonijiet tad-Dokument ta' l-Iskema, il-bord tad-diretturi ta' Fond għal min Jirtira jew b'maġġoranza skond il-valur tal-kontribuzzjonijiet fid-data fl-Iskema tal-kontributuri ta' l-Iskema għal min Jirtira jista' jibdel lill-*Manager* ta' l-Assi b'*Manager* ta' l-Assi ġdid f'kull żmien.

(2) Ikun id-dmir tal-*Manager* ta' l-Assi li jinbidel li jikkopera bis-sħiħ mal-*Manager* ta' l-Assi l-ġdid, jew jekk ma jkunx maħtur *Manager* ta' l-Assi ieħor, ma' l-Amministratur, sabiex ikun żgurat trasferiment tad-dmirijiet b'mod xieraq, ordnat u komplet, u li jieħu l-miżuri kollha raġonevoli u prattiċi biex jinżammu u jkunu mħarsa l-interessi tal-Fond jew l-Iskema għal min Jirtira, tal-Kontributuri u tal-Benefiċjarji.

Dmirijiet tal-*Manager* ta' l-Assi.

27. (1) *Manager* ta' l-Assi jkun responsabbli għas-Servizzi ta' Investiment kollha li jkun ftiehem li jipprovdi lill-Fond jew l-Iskema għal min Jirtira li tkun ħatritu.

(2) *Manager* ta' l-Assi għandu jaġixxi fl-aħjar interessi tal-Fond jew l-Iskema għal min Jirtira li taħtru u ma jistax juża l-assi tal-Fond għal min Jirtira jew ta' l-Iskema, skond il-każ, għalih stess jew għal għanijiet oħra.

(3) Ikun id-dmir tal-*Manager* ta' l-Assi li b'xi mod ikollu, sew direttament jew indirettament, interess f'xi transazzjoni jew transazzjoni proposta li tolqot il-Fond għal min Jirtira jew ta' l-Iskema, skond il-każ, li immedjatament jiddikjara x-xorta ta' l-interess tiegħu lill-bord tad-diretturi tal-Fond għal min Jirtira jew lill-kontributuri ta' l-Iskema.

Responsabbilta' tal-*Manager*. ta' l-Assi.

28. Fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, u bla ħsara ta' responsabbilta' għal danni taħt xi liġi oħra, il-*Manager* ta' l-Assi jkun responsabbli għal kull telf jew danni li jirriżultaw minħabba xi frodi, nuqqas bir-rieda jew negliġenza min-naħa tal-*Manager* ta' l-Assi.

Awdituri u Attwarji.

29. (1) Kull awditur jew attwarju ta' Fond jew Skema għal min Jirtira jkollu d-dmir li jirrapporta minnufih lill-Awtorità kull fatt jew deċiżjoni li jsir jaf bih fil-kariga tiegħu ta' awditur jew attwarju ta' dak il-Fond jew ta' l- Skema għal min Jirtira li -

(a) jista' jwassal għal kwalifika serja ta', jew rifjut li joħroġ, ir-rapport ta' l-awditur jew ta' l-attwarju ta' dak il-Fond jew ta' dik l-Iskema għal min Jirtira; jew

(b) jikkostitwixxi jew x'aktarx jikkostitwixxi ksur materjali tal-ħtiġiet legali jew regolatorji applikabbli għal Fond għal min Jirtira jew għal Skema f'dan l-Att jew taħtu; jew

(ċ) ifixkel b'mod serju l-abbiltà tal-Fond għal min Jirtira jew ta' l-Iskema li tonora l-obbligi li jkollha kurrenti u futuri; jew

(d) jirreferi dwar kull ħaġa kif jista' jiġi preskritt.

(2) Awditur jew attwarju ta' Skema jew ta' Fond għal min Jirtira għandu jirrapporta lill-Awtorità kull fatt jew deċiżjoni kif speċifikat fis-subartikolu (1) ta' dan l-artiklu ta' kull persuna li jkollha rabtiet mill-qrib ma' dik l-Iskema jew il-fond għal min Jirtira kif imfisser fl-artikoli 7 u 8 ta' dan l-Att, jew li jsir jaf bih fil-kapaċità tiegħu ta' awditur jew attwarju ta' Skema jew ta' Fond għal min Jirtira jew tal-persuna li jkollha dawk ir-rabtiet mill-qrib.

(3) Il-ħwejjeġ li jistgħu jiġu preskritti għall-fini tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jistgħu jinkludi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' persuni jew entitajiet barra minn Fond jew Skema għal min Jirtira, magħduda iżda mhux limitati għall-Amministratur ta' Fond jew Skema għal min Jirtira, jew għall-*Manager* ta' l-Assi.

(4) Kull Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit, li tkun Skema dwar Xogħol, barra minn waħda li taqa' taħt klassi jew deskrizzjoni kif jista' jkun preskritt, għandha taħtar awditur u attwarju.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kumpanniji l-Awtorità tista' b'Direttiva –

Kap. 386.

(a) tippreskrivi l-klassi ta' persuni li jistgħu jaġixxu bħala awdituri jew attwarji ta' Fond jew Skema għal min Jirtira; jew

(b) tipprovdi li l-persuni li jistgħu hekk jaġixxu għandhom ikunu -

(i) persuni li jkollhom dawk il-kwalifiki jew esperjenza kif jista' jiġi preskritt; jew

(ii) dik il-klassi jew dawk il-klassijiet l-oħra ta' persuni li jkunu approvati mill-Awtorità.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kumpaniji, l-Awtorità tista' b'Direttivi tipprovdi dwar -

(a) il-ħatra, ir-riżenja u t-tneħħija ta' awdituri u attwarji ta' Fond jew ta' Skema għal min Jirtira;

(b) id-dmir ta' Amministratur ta' Fond jew ta' Skema għal min Jirtira li jagħti tagħrif lil, u li jqiegħed dokumenti għad-dispozizzjoni ta', l-awdituri jew l-attwarji ta' Fond jew ta' Skema għal min Jirtira.

30. (1) Jekk direttur ta' Fond għal min Jirtira, Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, jew il-*Manager* ta' l-Assi, awditur jew attwarju ta' xi Skema jew Fond għal min Jirtira jaf, jemmen jew b'xi mod jissuspetta li - Dmir li jirrapporta.

(a) xi dmir rilevanti għall-amministrazzjoni ta' l-Iskema jew ta' Fond għal min Jirtira mpost b'xi liġi fuq xi persuna li tkun qed taġixxi relattivament ma' l-Iskema jew mal-Fond għal min Jirtira ma jkunx twettaq jew ma jkunx qiegħed jitwettaq, u

(b) in-nuqqas ta' dak it-twettiq x'aktarx ikun ta' sinifikat materjali għall-qadi ta' l-Awtorità ta' xi wieħed mill-funzjonijiet tagħha,

dan għandu minnufih jagħmel rapport bil-miktub dwar dan lill-Awtorità.

(2) Direttur ta' Fond għal min Jirtira, Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, jew il-*Manager* ta' l-Assi, l-awditur jew l-attwarju ta' Skema għal min Jirtira jew Fond għal min Jirtira ma għandux jitqies li ma wettaqx dmirijietu sempliċiment għax ikun ta xi tagħrif jew opinjoni f'xi rapport bil-miktub magħmul taħt dan l-artikolu jew taħt l-artikolu 52 ta' dan l-Att.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-artikolu 588(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ebda dmir, inkluż id-dmir taħt l-Att dwar Segretezza Professjonali, li għalih tkun suġġetta persuna ma jitqiesx li ma jkunx twettaq sempliċement minħabba xi tagħrif jew opinjoni f'xi rapport magħmul minn dik il-persuna taħt dan l-artikolu jew taħt l-artikolu 52 ta' dan l-Att.

(4) Kull persuna li tonqos li tħares is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat.

(5) Jekk ikun jidher lill-Awtorità li direttur ta' Fond għal min Jirtira, Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, jew il-*Manager* ta' l-Assi, l-awdituri jew l-attwarji ta' Skema jew ta' Fond għal min Jirtira jkun naqas li jħares is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità tista' b'avviż bil-miktub, flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha, tiskwalifikah milli jkun id-direttur, Amministratur tal-Fond għal min Jirtira jew Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira, jew il-*Manager* ta' l-Assi, l-awditur jew l-attwarju ta' l-Iskema jew tal-Fond għal min Jirtira speċifikat fl-avviż.

(6) Avviż taħt is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu jista' jispeċifika l-Iskema jew il-Fond għal min Jirtira li għalih jirreferi n-nuqqas, Skemi jew Fondi għal min Jirtira li jaqgħu taħt xi klassi jew deskrizzjoni ta' Skemi jew Fondi għal min Jirtira, jew l-Iskemi jew Fondi għal min Jirtira kollha.

(7) L-Awtorità tista', fuq l-applikazzjoni ta' xi persuna skwalifikata taħt dan l-artikolu, li tissodisfa lill-Awtorità li tkun se tħares dawk is-subartikoli, b'avviż bil-miktub tirrevoka l-iskwalifika; dik ir-revoka ma tkunx retrospettiva.

(8) Direttur ta' Fond għal min Jirtira, Amminstratur ta' Fond għal min Jirtira, jew *Manager* ta' l-Assi, awditur jew attwarju ta' Skema jew ta' Fond għal min Jirtira li jkun skwalifikat taħt dan l-artikolu, filwaqt li jkun hekk skwalifikat, għandu jieqaf milli jkompli bħala Direttur ta' Fond għal min Jirtira, Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew Ammintratur ta' Skema għal min Jirtira, jew il-*Manager* ta' l-Assi, l-awditur jew l-attwarju ta' l-Iskema jew tal-Fond għal min Jirtira speċifikat fl-avviż ta' l-iskwalifika.

(9) Persuna li, fil-waqt li tkun skwalifikata taħt dan l-artikolu, turi li qed taġixxi bħala Direttur ta' Fond għal min Jirtira, Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, jew bħala *Manager* ta' l-Assi, l-awditur jew l-attwarju ta' Skema jew Fond għal min Jirtira speċifikat fl-avviż ta' l-iskwalifika tkun ħatja ta' reat.

Ħtieġa għal Fondi Tekniċi.

31. (1) Kull Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit li tkun Skema dwar Xogħol, barra minn waħda li taqa' taħt klassi jew deskrizzjoni kif jista' jiġi preskritt, tkun suġġetta għal ħtieġa (f'dan l-Att imsejħa "Ħtieġa għal Fondi Tekniċi") li l-valur ta' l-assi ta' l-Iskema ma jkunux -

(a) inqas minn dak l-ammont; lanqas

(b) ogħla minn dak l-ammont,

kif jista' jiġi preskritt.

(2) L-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira għandu jikseb f'dak il-perjodu li jista' jiġi preskritt valutazzjoni attwarja mingħand l-attwarju ta' l-Iskema u wara, jikseb dik il-valutazzjoni f'dawk l-intervalli kif jista' jiġi preskritt.

(3) L-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira għandu f'dawk l-okkażjonijiet jew dati li jistgħu jkunu preskritti jew fi żmien

dawk il-perijodi jew intervalli li jistgħu jkunu preskritti jikseb ċertifikat imħejji mill-attwarju ta' l-Iskema-

(i) li jgħid jekk fil-fehma tiegħu il-kontribuzzjonijiet li jkunu jitħallsu fl-Iskema jkunux adegwati jew le sabiex ikun żgurat li l-Ħtieġa għal Fondi Tekniċi tkompli tkun sodisfatta matul il-perijodu preskritt jew, jekk jidhrilu li dak inhar ma tkunx sodisfatta, jekk fil-fehma tiegħu ma tkunx se tiġi sodisfatta jew le sat-tmiem ta' dak il-perijodu, u

(ii) li jindika kull tibdil rilevanti li jkun sar minn meta tkun tħejjiet l-aħħar valutazzjoni attwarja.

(4) l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira għandu jikseb valutazzjoni fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu fil-każ li:

(i) l-attwarju jiddikjara fiċ-ċertifikat imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu li fil-fehma tiegħu il-kontribuzzjonijiet li jkunu jitħallsu fl-Iskema għal min Jirtira ma jkunux adegwati sabiex ikun żgurat li l-Ħtieġa għal Fondi Tekniċi tkompli tkun sodisfatta matul il-perijodu preskritt jew, jekk jidhrilhu li dak inhar ma tkunx sodisfatta, jekk fil- fehma tiegħu tkunx se tiġi sodisfatta sat-tmiem ta' dak il-perijodu; jew

(ii) f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġu preskritti.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira ma jkunx meħtieġ li jitlob valutazzjoni attwarja jekk -

(a) fil-fehma ta' l-attwarju ta' l-Iskema, il-valur ta' l-assi ta' l-Iskema ma jkunx inqas mill-ammont preskritt għall-fini tas-subartikolu (1)(a) ta' dan l-artikolu; u

(b) mid-data li fiha l-attwarju jkun iffirma ċ-ċertifikat imsemmi f'dak is-subartikolu, l-Iskeda tal-Ħlas ta' l-Iskema tkun ġiet riveduta skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 33 ta' dan l-Att.

(6) Jekk l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira jikseb valutazzjoni taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, dan għandu jagħmel hekk -

(a) fil-kaz ta' valutazzjoni meħtieġa bis-sub-paragrafu (i) tiegħu, fiż-żmien sitt xhur kalkolati mid-data taċ-ċertifikat ta' l-attwarju, u

(b) f'kull każ ieħor, f'dak iż-żmien li jista' jiġi preskritt.

(7) Valutazzjoni jew ċertifikat għandu jitħejja b'dak il-mod, jagħti dak it-tagħrif u jkun fih dawk id-dikjarazzjonijiet kif jista' jiġi preskritt.

Skeda ta' Ħlasijiet ta' Skemi dwar Xogħol.

32. L-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira ta' kull Skema dwar Xogħol, barra minn waħda li taqa' taħt dik il-klassi jew deskrizzjoni kif jista' jiġi preskritt għandu jħejji, jżomm u minn żmien għal żmien jirrevedi skeda (hawnhekk iżjed 'il quddiem u fl-artikolu 31 imsejħa Skeda ta' Ħlasijiet) li turi-

(a) ir-rati ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu fl-Iskema minn jew f'isem il-prinċipal u, meta applikabbli, minn xi Kontributuri oħra ta' l-Iskema;

(b) id-dati li fihom jew qabilhom għandhom jitħallsu; u

(ċ) kull ħaġa oħra kif jista' jiġi preskritt.

Skedi ta' Ħlasijiet għal Skemi għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit dwar xogħol.

33. (1) Dan l-artikolu japplika għal kull Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit, li tkun Skema dwar Xogħol, barra minn waħda li taqa' taħt dik il-klassi jew deskrizzjoni kif jista' jiġi preskritt.

(2) L-Iskeda ta' Ħlasijiet għandha titħejja qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu hekk kif jista' jiġi preskritt li jkun kalkolat mid-data ta' l-ewwel valutazzjoni attwarja ta' l-Iskema, u wara tkun riveduta qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu li jista' jiġi preskritt kalkolat mid-data tal-firma ta' kull valutazzjoni attwarja sussegwenti.

(3) Meta minn żmien għal żmien, dawk ir-reviżjonijiet ikunu maqbula bejn l-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira u l-prinċipal, u meta applikabbli, kull Kontributur ieħor għall-Iskema, u kull reviżjoni bħal dik fir-rati tal-kontribuzzjonijiet tkun ċertifikata mill-attwarju ta' Iskema li tissodisfa l-ħtiġiet ta' dan Att, jew kif jista' jigi preskritt jew fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, l-Iskeda tal-Ħlasijiet tista' tiġi riveduta.

(4) Il-ħwejjeġ li jkunu jinsabu fl-Iskeda tal-Ħlasijiet kif riveduta għandhom ikunu:

(a) ħwejjeġ li jkunu ġew maqbula qabel bejn l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira u l-prinċipal, u meta applikabbli, kull kontributur ieħor għall-Iskema; jew

(b) meta ma jkun intlaħaq ebda qbil bħal dak :

(i) ir-rati ta' kontribuzzjonijiet stabbiliti mill-Amministratur tal-Fond għal min Jirtira u l-attwarju ta' l-Iskema u ċertifikati mill-attwarju ta' l-Iskema, li jkunu dawk ir-rati li fil-fehma tagħhom ikunu adegwati sabiex ikun żgurat li l-Ħtieġa ta' Fondi Tekniċi tkompli tkun sodisfatta matul il-perijodu preskritt jew jekk jidhrilhom li dak inhar ma tkunx sodisfatta, dawk li jkunu adegwati biex tkun sodisfatta sat-tmiem ta' dak il-perijodu, u

(ii) kull ħwejjeġ oħra stabbiliti mill-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira u l-attwarju ta' l-Iskema.

(5) Qbil għall-finijiet tas-subartikolu (4)(a) ta' dan l-artikolu għandu jsir matul dak il-perijodu li jista' jiġi preskritt li jibda mal-firma tal-valutazzjoni attwarja ta' l-Iskema li tkun l-aħħar preċedenti.

(6) L-Attwarju ma għandux jiċċertifika l-Iskeda tal-Ħlasijiet-

(i) li jidhirlu li l-Ħtieġa ta' Fondi Tekniċi tkun sodisfatta, kemm-il darba ma jkunx tal-fehma li r-rati jkunu adegwati sabiex ikun żgurat li l-ħtieġa tibqa' tkun sodisfatta matul il-perijodu preskritt, u

(ii) f'kull każ ieħor kemm-il darba ma jkunx tal-fehma li r-rati huma adegwati sabiex ikun żgurat li l-ħtieġa tkun sodisfatta sa l-aħħar ta' dak il-perijodu.

(7) L-Awtorità tista' testendi jew terġa' testendi, il-perijodu msemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, u meta tirrifjuta li testendi jew terġa testendi dak il-perijodu, għandha tagħti avviż bil-miktub tar-rifjut flimkien ma' dikjarazzjoni tar-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.

Ħlas ta' kontribuzzjonijiet.

34. (1) Ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi kif jista' jiġi preskritt, l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, l-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira u attwarju ta' kull Skema dwar Xogħol, barra minn waħda li taqa' taħt xi klassi jew deskrizzjoni kif jista' jiġi preskritt, għandhom, meta xi ammonti li għandhom jitħallsu minn kontributur jew kontributuri ta' l-Iskema jew f'isimihom skond l-Iskeda tal-Ħlasijiet ma jkunux tħallsu fid-data jew sad-data li jkunu dovuti, jagħtu avviż ta'

dak il-fatt lill-Awtorità u lill-benefiċjarji f'dak iż-żmien li jista' jigi preskritt.

(2) (a) Meta l-Amministratur ta' Skema għal min Jiritra jkun irid jieħu passi legali biex jiġbor dejn dovut minn kontributur dwar xi kontribuzzjoni, dan jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-reġistratur tal-qrati, imħallef jew maġistrat fejn għandu jiddikjara x-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li d-dejn ikun dovut.

(b) Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu għandha tiġi notifikata lill-kontributur bil-mezz ta' att ġudizzjarju u dan jkollu effett ta' sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba l-kontributur, fi żmien għoxrin jum minn meta jkun notifikat b'dik id-dikjarazzjoni ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob lill-qorti biex tiddikjara li t-talba ma tkunx fondata.

(ċ) Ir-rikors ippreżentat skond il-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu għandu jkun notifikat lill-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira li jkollu jedd li jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-qorti tappunta r-rikors għas-smigħ fid-data meta jagħlaq dak il-perijodu.

(d) Fil-każ ta' nota urġenti il-qorti tista', fuq rikors ta' Amministratur ta' Skema għal min Jirtira jew tal-Kontributur tqassar kull perijodu ta' żmien provdut għalihom f'dan is-subartikolu bil-mezz ta' digriet notifikat lill-partijiet l-oħra.

(e) Kull titolu eżekuttiv li jinkiseb skond il-paragrafi ta' qabel dan is-subartikolu fin-nuqqas ta' oppożizzjoni min-naħa tal-Kontributur għandu jkun revokat jekk fuq talba b'ċitazzjoni li tkun ippreżentata mill-kontributur fi żmien għoxrin jum minn meta jkun notifikat l-ewwel darba b'mandat eżekuttiv ibbażat fuq dak it-titolu jew ta' xi att ġudizzjarju ieħor fejn issir riferenza għall-imsemmi titolu, l-qorti tkun sodisfatta li l-kontributur ma kienx jaf bin-notifika tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu matul iż-żmien li matulu setgħa jopponi għaliha u li t-talba li jkun hemm fl-imsemmija dikjarazzjoni ma tkunx fondata fuq il-merti.

(f) Ebda oppożizzjoni ħlief dik provduta fil-paragrafu (e) ta' dan is-subartikolu ma għandha twaqqaf il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta' xi att eżekuttiv miksub taħtu jew il-ħlas mid-dħul ta' xi mandat jew bejgħ b'irkant li jsir bis-saħħa tiegħu.

(3) Fil-każ ta' Skema dwar Xogħol, barra minn waħda li taqa' taħt dik il-klassi jew deskrizzjoni kif jista' jiġi preskritt, kull ammonti li għandhom jitħallsu mill-kontributur skond l-Iskeda tal-Ħlas għandhom jitħallsu fid-data jew qabel id-data li fiha jkunu dovuti. Kull kontributur li jonqos li jagħmel il-ħlas fid-data jew sad-data li fiha jkun dovut ikun ħati ta' reat.

(4) Meta fil-każ ta' Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit, li tkun Skema dwar Xogħol, barra minn waħda li taqa' taħt dik il-klassi jew deskrizzjoni kif jista' jiġi preskritt, ikun jidher lill-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira jew lill-l-attwarju ta' l-Iskema, fit-tmiem ta' dak il-perijodu kif jista' jiġi preskritt, li l-ħtieġa ta' Fondi Tekniċi ma tkunx sodisfatta, dak l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira jew dak l-attwarju ta' l-Iskema, skond il-każ, għandu jagħti avviż lill-Awtorità ta' dak il-fatt flimkien ma' dak it-tagħrif kif jista' jiġi preskritt dwar in-nuqqas li tkun sodisfatta dik il-ħtieġa.

35. (1) Dan l-artikolu japplika għal kull Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit li tkun Skema dwar Xogħol, barra minn waħda li tkun taqa' taħt dik il-klassi jew deskrizzjoni kif jista' jiġi preskritt. Provvediment nieqes fi Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju dwar Xogħol.

(2) Meta valutazzjoni attwarja turi li, fid-data effettiva tal-valutazzjoni, il-valur ta' l-assi ta' l-Iskema jkun inqas mill-ammont preskritt għall-finijiet tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att (id-differenza murija fil-valutazzjoni hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-ammont nieqes"), il-prinċipal għandu -

(i) billi jagħmel ħlas xieraq lill-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira, jew

(ii) b'xi mod ieħor kif jista' jiġi preskritt jiżgura żieda fil-valur ta' l-assi ta' l-Iskema li, flimkien ma' kull kontribuzzjonijiet imħallsa, ma jkunx inqas mill-ammont nieqes.

(3) Iż-żieda meħtieġa f'dak il-valur għandha tkun żgurata -

(a) qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu kif jista' jiġi preskrit kalkolat mid-data tal-valulazzjoni, jew

(b) jekk il-valutazzjoni attwarja kienet miksuba minħabba dikjarazzjoni f'ċertifikat kif imsemmi fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att, qabel it-tmiem tal-perijodu preskritt kalkolat mid-data taċ-ċertifikat.

(4) Ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġu preskritti, jekk il-prinċipal imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jonqos li

jiżgura ż-żieda fil-valur meħtieġ qabel it-tmiem tal-perijodu applikabbli taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira għandu fi żmien tletin jum ikkalkolati mit-tmiem ta' dak il-perjodu, jagħti avviż bil-miktub ta' dak il-fatt lill-Awtorità u lill-benefiċjarji ta' l-Iskema.

(5) Ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi kif jista' jiġi preskritt jekk il-prinċipal imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jonqos li jiżgura ż-żieda fil-valur meħtieġa qabel it-tmiem tal-perijodu applikabbli taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, f'dan il-każ dik il-parti ta' l-ammont nieqes li, f'xi żmien sussegwenti, ma tkunx sodisfatta b'żieda fil-valur magħmula taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jew xort'oħra b'kontribuzzjonijiet magħmula qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu, tista' tinġabar mill-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 34 ta' dan l-Att għandhom *mutatis mutandis* japplikaw dwar kull dejn bħal dak.

(6) L-Awtorità tista' testendi, jew terġa testendi, il-perijodu msemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, u meta tirrifjuta li testendi, jew terġa' testendi dak il-perijodu, għandha tagħti avviż bil-miktub tar-rifjut flimkien ma' dikjarazzjoni tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Provvediment żejjed fi Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju dwar Xogħol.

36. (1) Dan l-artikolu japplika għal kull Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit, li tkun Skema dwar Xogħol, barra minn waħda li tkun taqa' taħt dik il-klassi jew deskrizzjoni kif jista' jiġi prekritt.

(2) Meta valutazzjoni attwarja turi li, fid-data effettiva tal-valutazzjoni, il-valur ta' l-assi ta' l-Iskema jkun iżjed mill-ammont preskritt għall-finijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att (id-differenza murija fil-valutazzjoni hawnwhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-eċċess"), l-Awtorità tista' toħroġ Direttiva lill-prinċipal u lill-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira, biex jieħu dawk il-passi b'dak il-metodu li jiġi approvat mill-Awtorità biex jiżguraw it-tnaqqis xieraq fil-valur ta' l-assi ta' l-Iskema.

(3) It-tnaqqis meħtieġ f'dak il-valur għandu jiġi żgurat qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu kif jista' jiġi speċifikat fid-Direttiva.

(4) Jekk il-prinċipal u l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira jonqsu li jiżguraw it-tnaqqis meħtieġ fil-valur qabel it-tmiem tal-perijodu applikabbli taħt is-subartikolu (3), l-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira għandu fi żmien tletin jum kalkolati mit-tmiem ta' dak il-perijodu jagħti avviż bil-miktub ta' dak il-fatt lill-Awtorità u lill-benefiċjarji ta' l-Iskema.

(5) L-Awtorità tista' testendi, jew terġa' testendi l-perijodu msemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, u meta tirrifjuta li testendi jew terġa' testendi l-perijodu għandha tagħti avviż bil-miktub tar-rifjut flimkien ma' dikjarazzjoni tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

37. Skema tista' tinvesti biss f'Fond jew f'Fondi għal min Jirtira li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dan l-Att.

Skema tista' tinvesti f'Fond għal min Jirtira.

38. (1) Fond għal min Jirtira għandu jissodisfa dawk il-ħtiġiet li jistgħu jiġu preskritti dwar l-investiment, l-amministrazzjoni u l-valutazzjoni ta' l-assi tiegħu u l-limitu safejn Fond għal min Jirtira jista' jissellef flus.

Investimenti Permessi ta' Fond għal min Jirtira u Setgħat għal Self.

(2) Fond għal min Jirtira għandu jħares Direttivi magħmula mill-Awtorità sabiex jiżgura li -

(a) ebda parti, jew mhux iktar minn proporzjon speċifikata, tar-riżorsi ta' l-Iskema, ma għandha tiġi nvestita fi Strument jew fi proprjeta' immobbli ta' dik il-klassi jew deskrizzjoni kif jista' jiġi speċifikat fid-Direttiva;

(b) li l-istrumenti jew proprjeta' immobbli ta' xi klassi jew deskrizzjoni speċifikata kollha jew proporzjon speċifikata minnhom, li jifformaw parti mir-riżorsi ta' l-Iskema għandhom jinfdew qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu li jista' jiġi speċifikat fid-Direttiva;

(ċ) l-allokazzjoni ta' l-assi ta' l-Iskema bejn varji investimenti jkunu diversifikati b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt; u

(d) il-Fond għal min Jirtira għandu jikseb f'kull sena fiskali għall-anqas disgħin fil-mija tad-dħul gross minn dividendi, kera jew ħlasijiet ta' mgħax dwar l-Istrumenti jew il-proprjeta' immobbli, jew minn qliegħ mill-bejgħ jew disponiment ta' dawk l-Istrumenti jew proprjeta' immobbli, jew minn dħul ieħor miksub dwar in-negozju tiegħu ta' nvestiment f'dawk l-Istrumenti jew proprjetà immobbli.

(3) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, Fond għal min Jirtira għandu jħares dawk ir-restrizzjonijiet li jistgħu jiġu mposti taħt dan l-Att, dwar il-proporzjon tar-riżorsi tiegħu li f'xi żmien tista' tiġi nvestita fi, jew f'kull deskrizzjoni ta', Investimenti Relatati mal-Kontributur, kif imfisser fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu -

(a) "Investimenti Relatati mal-Kontributur" tfisser -

(i) bla ħsara għal xi eżenzjoni taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 50 ta' dan l-Att, kull Strument maħruġ mill-kontributur jew affiljat tal-kontributur;

(ii) proprjeta' immobbli li tkun okkupata jew użata minn, jew miżmuma taħt xi titolu jkun li jkun minn, il-kontributur jew affiljat tal-kontributur;

(iii) self lill-kontributur jew lil affiljat tal-kontributur;

(b) kull somom dovuti u li għandhom jitħallsu minn persuna lill-Fond għal min Jirtira u li jibqgħu mhux imħallsa għandhom, sal-limitu li jkunu hekk mhux imħallsa, jitqiesu għall-finijiet ta' dan l-artikolu bħala self mogħti lil dik il-persuna mill-Fond għal min Jirtira.

Ħlas ta' spejjeż tal-Fond għal min Jirtira u spejjeż ta' l-Iskema.

39. Fondi u Skemi għal min Jirtira għandhom jissodisfaw dawk il-ħtiġiet kollha kif jista' jiġi preskritt dwar l-użu tal-flus u l-assi l-oħra ta' l-Iskema -

(a) biex jitħallsu spejjeż amministrattivi;

(b) biex titħallas xi kummissjoni; jew

(ċ) b'kull mod ieħor li ma tirriżultax fl-għoti ta' Benefiċċji għal min Jirtira lil jew dwar benefiċjarji.

Distribuzzjonijiet minn Skema għal min Jiritra b'Benefiċċju Definit.

40. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin, u ta' kull regolamenti jew Direttivi magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu, Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit għandha tiddistribwixxi lill-benefiċjarji dawk l-ammonti u f'dawk iż-żmienijiet speċifikati fid-Dokument ta' l-Iskema applikabbli.

(2) Sal-limitu li jkun konsistenti ma' l-Iskema applikabbli, Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit tista' wkoll tissodisfa l-obbligi tagħha lil benefiċjarju ta' dik l-Iskema jekk -

(a) toħroġ kuntratt ta' vitalizju jew polza ta' assigurazzjoni jew numru ta' dawk il-kuntratti jew poloz, ma' kumpanija ta' l-assigurazzjoni li tkun tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni fit-tul u hekk awtorizzata skond l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (jew, fil-kaz ta' benefiċjarju residenti barra minn

Kap. 403.

Malta, ma' kumpanija "bona fide" li tmexxi kummerċ ta' assigurazzjoni fit-tul barra minn Malta); u

(b) tittrasferixxi l-benefiċċju ta' dik il-polza jew dawk il-poloz jew dak il-kuntratt jew dawk il-kuntratti lil dak il-benefiċjarju:

Iżda polza ta' assigurazzjoni jew kuntratt ta' vitalizju jkun biss xieraq għall-finijiet ta' dan l-artikolu jekk -

(a) ma jistax jiġi assenjat jew mifdi bil-kondizzjonijiet li jissodisfaw dawk il-ħtiġiet li jistgħu jiġu preskritti;

(b) l-ammont assigurat bil-polza ma jistax ikun kommutat ħlief bil-kondizzjonijiet li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dik l-Iskema; u

(ċ) ma jissodisfax il-ħtiġiet l-oħra kollha kif jista' jiġi preskritt b'xi regolamenti jew Direttivi għall-fini ta' dan l-artikolu.

41. Fond jew Skema għal min Jirtira għandhom iħarsu l-ħtiġiet kollha li jkunu stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Kummissarju. Tħaris ta' Ħtiġiet dwar it-Taxxa.

42. (1) L-Awtorità tista' tagħmel Direttivi dwar il-forma u l-kontenut ta' reklami u kull attività promozzjonali oħra kif jista' jiġi preskritt dwar Skemi jew Fondi. Reklami ta' Skemi.

(2) Ir-reklami kollha dwar Skema jew Fond għal min Jirtira għandhom, kemm-il darba ma jkunx preskritt xort'oħra, ikollhom dikjarazzjoni li ma hemm ebda dispożizzjoni statutorja għal kumpens fil-każ li Skema jew Fond għal min Jirtira ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu, u li r-reġistrazzjoni ta' l-Iskema jew tal-Fond għal min Jirtira ma tkunx konferma mill-Awtorità tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-Iskema jew tal-Fond għal min Jirtira.

43. (1) Fond għal min Jirtira għandu, mhux iktar tard minn tliet xhur wara l-egħluq tas-sena finanzjarja tiegħu, jew f'kull żmien ieħor kif jista' jiġi preskritt, jibgħat kopja tad-dokumenti imniżżla fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu lil kull wieħed minn dawn il-persuni:- Kxif ta' Tagħrif dwar Fond għal min Jirtira.

(a) lil kull Pjan Barrani għal min Jirtira li jinvesti f'dak il-Fond għal min Jirtira;

(b) lil kull Amministratur ta' Skema għal min Jirtira ta' Skema li tinvesti f'dak il-Fond għal min Jirtira;

(ċ) lill-Awtorità u lill-Kummissarju; u

(d) lil kull persuna oħra kif l-Awtorità tista' tippreskrivi.

(2) Dwar kull Fond għal min Jirtira, id-dokumenti li għalihom japplika s-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu huma -

(a) il-kontijiet verifikati tiegħu;

(b) ir-rapport annwali tiegħu, skond il-ħtiġiet fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att; u

(ċ) rapport tad-diretturi li jipprovdi dak it-tagħrif li jkun biżżejjed sabiex il-persuni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkunu jistgħu jagħmlu ġudizzju nformat fuq l-iżvilupp amministrattiv, l-operat u l-qagħda finanzjarja tal-Fond għal min Jirtira.

(3) Dwar kull ħaġa oħra r-rapport annwali tal-kontijiet u tad-diretturi ta' Fond għal Min Jirtira għandhom jitħejjew skond id-dispożizzjonijiet applikabbli b'mod ġenerali għal kumpaniji sakemm ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu u ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(4) L-Awtorità tista' b'Direttiva tispeċifika ħtiġiet addizzjonali dwar li l-persuni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jew uħud minnhom, jinżammu nformati b'kull tibdil dwar, jew żidiet mal-pattijiet u d-dispożizzjonijiet -

(a) ta' l-amministrazzjoni u l-finanzi ta' Fond għal min Jirtira;

(b) tad-drittijiet u l-obbligi li jinqalgħu jew li jistgħu jinqalgħu dwar Fond għal min Jirtira; u

(ċ) ta' kull ħaġa oħra li tkun tidher lill-Awtorità li tkun rilevanti ta' Fondi għal min Jirtira b'mod ġenerali jew għal Fondi għal min Jirtira li jkunu tad-diskrezzjoni li taħthom jaqgħa l-Fond għal min Jirtira konċernat.

(5) Id-Direttiva tista' tiddistingwi bejn -

(a) każijiet fejn l-informazzjoni għandha tingħata fil-kors normali; u

(b) każijiet fejn l-informazzjoni jkollha bżonn tingħata biss fuq talba jew f'dawk iċ-ċirkostanzi l-oħra kif jista' jiġi preskritt.

(6) l-Awtorita tista' b'Direttiva tipprovdi dwar il-forma u kontenut ta' kull dokument kif imsemmi f'dan l-artikolu.

Kxif ta' partikolaritajiet ta' Skema għal min Jirtira.

44. (1) L-Awtorità tista' tagħmel Direttivi li jeħtieġu lill-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira li jissottometti lill-Awtorità u li jippubblika jew iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji dokument li jkun fih tagħrif dwar l-Iskema u li jissodisfa dawk il-ħtiġiet li jistgħu jiġu preskritti.

(2) Direttivi jistgħu wkoll jeħtieġu lill-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira li jissottometti u jippubblika u jqiegħed għad-dispożizzjoni partikolaritajiet riveduti jew partikolaritajiet oħra dwar l-Iskema jekk -

(a) ikun hemm tibdil sinifikanti li jolqot xi ħaġa li tkun tinsab f'dawk il-partikolaritajiet li qabel kienu pubblikati jew tqiegħdu għad-dispożizzjoni kif jista' jiġi preskritt; jew

(b) tinqala' xi ħaġa ġdida sinifikanti kif jista' jiġi preskritt.

Kontijiet annwali ta' Skemi dwar Xogħol.

45. (1) L-Amministratur ta' Skema għal min Jirtira ta' Skema dwar Xogħol, barra minn waħda li taqa' f'dik il-klassi jew deskrizzjoni kif jista' jiġi preskritt, għandu jipproduċi kopja tal-kontijiet annwali ta' l-Iskema lill-Awtorità mhux iktar tard minn tliet xhur wara l-egħluq tas-sena finanzjarja tagħha, jew f'kull żmien ieħor li jista' jiġi preskritt.

(2) Dawk id-dikjarazzjonijiet, rapporti, ċertifikati u nformazzjoni li jkunu meħtieġa b'regolamenti magħmula taħt dan l-Att, jew li skond xi liġi oħra huma meħtieġa li jkunu annessi jew mehmuza mal-kontijiet annwali għal xi skop għandhom ikunu prodotti lill-Awtorità fl-istess żmien li jkunu sottomessi l-kontijiet annwali.

(3) L-Awtorità tista' teżenta bil-miktub Skema speċifikata fl-eżenzjoni, minn kull dispożizzjoni li tkun tinsab f'regolamenti magħmula taħt dan l-Att dwar kontijiet.

(4) F'dan l-artikolu, kontijiet annwali tfisser il-kontijiet ta' l-Iskema kif preskritt taħt dan l-Att.

Dokument ta' l-Iskema bħala Ftehim li Jorbot.

46. (1) Skema kif miktuba fid-Dokument ta' l-Iskema għandha, meta tkun mikxufa lil benefiċjarju, tkun torbot lill-benefiċjarju, kemm-il darba dak il-benefiċjarju ma jinnotifikax lill-Amministratur ta' l-Iskema għal min Jirtira bl-oppożizzjoni tiegħu bil-miktub għaliha fi żmien xahrejn minn meta jirċievi d-Dokument ta' l-Iskema.

(2) Benefiċjarju li hu nnifsu ma jkunx ukoll kontributur ma jibqax benefiċjarju ta' l-Iskema jekk jopponi għal dokument ta' l-Iskema li ma jkunx inaqqaslu l-benefiċċji dovuti lilu taħt l-Iskema.

Skemi mhux reġistrati ma jkunux jistgħu jiġu nfurzati.

47. (1) Skema li ma tkunx reġistrata skond dan l-Att ma tkunx tista' tiġi nfurzata kontra kontributur li jkun ukoll benefiċjarju; u dak il-kontributur ikollu l-jedd li jiġbor lura kull flus imħallsa, jew proprjeta' oħra trasferita minnu taħt l-Iskema, jew meta dik il-proprjeta' ma tkunx tista' hekk tinġabar lura, dak il-kontributur ikollu l-jedd li minflokha jieħu l-valur tagħha fiż-żmien tal-ftehim, flimkien ma' kumpens għal kull telf li jkun ġarrab minħabba dak il-ħlas jew dak it-trasferiment jew in-nuqqas li jiġbor lura l-proprjeta' trasferita u kull profitti li jkunu akkumulaw minħabba li dawk il-flus jew proprjeta' oħra jkunu ġew trasferiti minnu.

(2) Id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma tolqotx xi responsabbilta' li xi persuna jista' jkollha barra minn dan l-artikolu.

Trasferabbiltà ta' drittijiet u obbligi.

48. Regolamenti jew Direttivi jistgħu jippreskrivu ċ-ċirkostanzi li fihom u l-kondizzjonijiet li taħthom -

(a) benefiċjarju jista' jittrasferixxi drittijiet akkumulati minn Skema għal oħra; u

(b) Skema tista' tittrasferixxi l-obbligi attribwiti għaliha lil Skema oħra; u

(ċ) Skema tista' tipprovdi għall-ħlas ta' Benefiċċju għal min Jirtira f'forma ta' somma sħiħa minflok vitalizju; u

(d) kontributur jista' jittrasferixxi, jiddisponi minn jew jiċċarġja l-interess tiegħu fi Skema.

Assenjazzjoni jew irbit ta' l-assi ta' Fond għal min jirtira.

49. (1) Il-kredituri ta' kontributur ma jistgħux jinfurzaw id-drittijiet tagħhom fuq l-interessi ta' kontributur fl-Iskema; lanqas ma jistgħu dawk il-kredituri jorbtu jew jissuġġettaw dak l-interess għal xi mandat kawtelatorju jew eżekuttiv:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiċħad lil xi kreditur ta' dak il-kontributur minn xi drittijiet mogħtija lil kreditur taħt l-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili.

Kap. 16.

(2) Ħlief kif jista' jiġi preskritt taħt dan l-Att, kull ftehim li jagħmel kontributur biex jittrasferixxi, jiddisponi jew jorbot l-interessi tiegħu fl-Iskema jkun bla effett.

TAQSIMA III
DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

50. (1) Il-Ministru jista' fuq il-parir ta' l-Awtorità, jagħmel regolamenti biex jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel jista' b'dawk ir-regolamenti, b'mod partikolari, jagħmel kull ħaġa minn dan li ġej: Setgħa tal-Ministru.

(a) jestendi jew jirrestrinġi t-tifsiriet ta' "Kontributur". "Benefiċjarju". "Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit", "Skema għal min Jirtira b'Kontribuzzjoni Definita", "Strument", "Servizz ta' Investiment", "Skema dwar Xogħol", " Pjan Barrani għal min Jirtira", "Benefiċċju għal min Jirtira", "Fond għal min Jirtira", jew "Skema", li jinsabu fl-artikolu 2 ta' dan l-Att għal dik il-klassi ta' persuni, skemi, strumenti, servizzi, pjanijiet jew benefiċċji kif il-Ministru jidhirlu xieraq;

(b) jirregola Fondi għal min Jirtira u Skemi għal min Jirtira, kif ukoll dawk is-servizzi provduti u l-attivitajiet immexxija flimkien magħhom jew relatati għalihom, fejn jipprovdi għal kull ħaġa li jidhirlu spedjenti u jista' b'mod partikolari jagħti drittijiet lill-pubbliku dwar dawk il-Fondi u Skemi u jirregola l-eżerċizzju tagħhom;

(ċ) jistabilixxi jew jagħmel arranġamenti għall-kumpens ta' benefiċjarji f'każijiet fejn Fond għal min Jirtira jew Skema għal min Jirtira ma tkunx tista' tissoddisfa talbiet dwar xi obbligi li tkun daħlet għalihom b'konnessjoni ma' Skema għal min Jirtira;

(d) jirregola l-format, il-kontenut jew emendi għal Dokument ta' Skema;

(e) jippreskrivi ċ-ċirkostanzi li fihom awdituri jew attwarji jkunu obbligati li jagħtu nformazzjoni lill-Awtorità skond l-artikolu 29 ta' dan l-Att u jista' b'mod partikolari jżid iċ-ċirkostanzi meta awdituri jew attwarji jkunu obbligati li jirrapportaw lill-Awtorità u jippresskrivi ċ-ċirkostanzi jew klassijiet tagħhom li jkunu eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 29; u jippreskrivi r-regoli li jirregolaw il-kxif ta' informazzjoni minn awdituri jew attwarji, u jistabbilixxi l-proċeduri ta' superviżjoni u dixxiplina għal awdituri jew attwarji dwar id-dmirijiet tagħhom;

(f) jeżenta lil xi persuna, Skema, Fond għal min Jirtira, jew Reklami minn xi waħda jew izjed mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u taħt dawk il-kondizzjonijiet kif jista' jiġi preskritt;

(ġ) jirregola l-provvediment minn xi Fond wieħed għal min Jirtira ta' portafolli ta' investiment separati, jirregola l-investiment f'xi Fond wieħed għal min Jirtira ta' Skemi separati, jipprovdi għal kull ħaġa li jidhirlu spedjenti, inkluża r-regolamentazzjoni tal-kontenut tal-*memorandum* u l-istatut ta' assoċjazzjoni ta' dawk il-Fondi għal min Jirtira, u għas-separazzjoni ta' l-assi ta' xi Skema minn xi Skema oħra, ir-regolamentazzjoni tal-mod u l-forma li bihom Fond għal min Jirtira jista' joħloq u joħroġ ishma, u l-proċediment ta' kull ħaġa konsegwenzjali għalihom jew inċidentali jew konnessa magħhom;

(h) jeħtieġ li jinżammu u jkunu mantnuti dawk ir-*records* dwar it-transazzjonijiet u l-pożizzjoni finanzjarja ta' Pjan Barrani għal min Jirtira, Skema jew Fond għal min Jirtira, u għaż-żamma ta' *records* f'Malta u għall-ispezzjoni ta' dawk ir-*records*;

(i) jeħtieġ it-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti perjodiċi u rapporti oħra minn Pjan Barrani għal min Jirtira, Skema jew Fond għal min Jirtira, lill-Awtorità u lil kull persuna oħra kif l-imsemmi Ministru jista' jippreskrivi;

(j) jeħtieġ lil Pjan Barrani għal min Jirtira, Skema jew Fond għal min Jirtira -

(i) li jikseb fiż-żminijiet preskritti jew fil-każ ta' ġrajjiet preskritti dik l-informazzjoni u dawk id-dokumenti kif jista' jiġi preskritt;

(ii) li jagħti dik l-informazzjoni u kopja ta' dawk id-dokumenti lill-Awtorità u, jew, lil dawk il-persuni kif jista' jiġi preskritt; f'dik il-forma, b'dak il-mod u fiż-żmien preskritti;

(k) jirrestrinġi jew xort'oħra jirregola l-mod li bih Skema għal min Jirtira b'Benefiċċju Definit jista' jittratta dwar fondi żejda;

(l) jipprovdi għall-kontenut, format u verifika tal-kontijiet annwali ta' Pjan Barrani għal min Jirtira, Skema jew Fond għal min Jirtira;

(m) jirregola l-ħlas (magħdud iż-żmien li jsir), xorta u ammont ta' benefiċċji li jistgħu jew li ma jistgħux jitħallsu lil benefiċjarji;

(n) jirregola l-mod li bih l-ammont jew il-valur ta' l-attiv jew tal-passiv ta' Skema għandu jiġi stabbilit, kalkolat u, jew,

verifikat, u jistabbilixxi l-attiv u l-passiv li għandu jittieħed kont tagħhom għal dan l-għan;

(o) jippreskrivi kull ħaġa li għandha jew li tista' tiġi preskritta; u

(p) jipprovdi għal kull ħaġa oħra inċidentali jew konnessa magħhom.

(2) Kull regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu wkoll jipprovdu sabiex tingħata s-setgħa lil benefiċjarju, kontributur, u b'mod ġenerali lil kull persuna oħra li tkun daħlet, jew offriet li tidħol, fi Skema, li jħassru l-ftehim jew jirtiraw l-offerta f'dak iż-żmien u b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jipprovdi -

(a) għall-ħtieġa ta' notifika ta' avviż dwar id-drittijiet eżerċitabbli taħt dawk ir-regolamenti;

(b) għar-restituzzjoni ta' proprjeta' u l-egħmil jew ġbir lura ta' ħlasijiet fejn dawk id-drittijiet huma eżerċitati; jew

(ċ) għal dawk il-ħwejjeġ l-oħra li huma inċidentali għal, jew konnessi ma', xi ħaġa ta' hawn fuq.

(3) Kull regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu, jistgħu jsiru suġġetti għal dawk l-eżenzjonijiet jew kondizzjonijiet li jistgħu jkunu speċifikati fihom, jistgħu jipprovdu b'mod differenti għal każijiet, ċirkostanzi jew għanijiet differenti u jistgħu jagħtu lill-Awtorità dawk is-setgħat għal adattament ta' dawk ir-regolamenti kif jista' jiġi speċifikat fihom.

(4) Regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu li xi kontravenzjoni jew nuqqas ta' tħaris tagħhom jikkostitwixxi reat u li xi persuna ħatja ta' dak ir-reat tista' teħel, meta tinsab ħatja piena li tista' tiġi preskritta, liema piena ma għandhix tkun iktar minn multa ta' erbgħin elf lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

51. (1) L-amministrazzjoni ta' dan l-Att hi vestita fl-Awtorità. L-Awtorità għandha taqdi dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jidhirlu xierqa dwar it-tħaddim ta' dan l-Att. Setgħat ta' l-Awtorità.

(2) L-Awtorità jkollha s-setgħa li taqdi dawk il-funzjonijiet mogħtija lilha b'dan l-Att jew taħtu u li tiżgura li l-provdiment ta' Skemi għal min Jirtira u Fondi għal min Jirtira jkunu konformi ma' dan l-Att u

ma' kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, ma' kull Direttiva magħmula mill-Awtorità bis-saħħa ta' dan l-Att, u mal-kondizzjonijiet speċifikati f'xi reġistrazzjoni ta' Skema.

(3) L-Awtorità tista' tagħmel, temenda jew tirrevoka Direttivi skond kif ikun meħtieġ sabiex tagħti effett lil kull dispożizzjoni ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu. Dawk id-Direttivi, emendi u revoki jistgħu jirreferu għal klassi partikolari ta' persuni jew għal sitwazzjonijiet jew għal persuni u sitwazzjonijiet b'mod ġenerali.

(4) Id-Direttivi kollha u kull emendi u revoki tagħhom għandhom ikunu komunikati uffiċjalment lill-persuni konċernati u għandhom jinżammu miftuħa għall-ispezzjon mill-pubbliku fl-uffiċċji kollha ta' l-Awtorità f'kull hin matul il-ħinijiet tax-xogħol normali ta' l-Awtorità.

(5) L-Awtorità għandha s-setgħat assenjati lill-awtorità kompetenti taħt l-artikoli 15 u 16 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, *mutatis mutandis*.

(6) L-Awtorità tista' teżerċita s-setgħat li ġejjin fuq talba ta' jew bl-iskop li tassisti awtorità regolatorja barranija:

(a) is-setgħa li timponi, tirrevoka jew tvarja kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni ta' Skema jew ta' Fond għal min Jirtira magħmula skond il-provvedimenti tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 7 u tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att;

(b) is-setgħa li tikkanċella jew li tissospendi reġistrazzjoni skond l-artikoli 11 u 12 ta' dan l-Att;

(ċ) is-setgħa li tikseb informazzjoni skond l-artikolu 52 ta' dan l-Att;

(d) is-setgħa li taħtar spetturi skond l-artikolu 53 ta' dan l-Att;

(e) is-setgħa li jinħarġu direttivi skond is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu;

(f) is-setgħa għal dħul skond is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu;

(ġ) is-setgħa li tgħaddi lill-awtorità regolatorja barranija informazzjoni li jkollha l-Awtorità, sew jekk b'riżultat ta' l-eżerċizzju ta' xi waħda mis-setgħat imsemmija hawn fuq sew jekk le.

(7) L-Awtorità għandha teżerċità s-setgħat mogħtija b'dan l-artikolu:

(a) meta l-assistenza hija mitluba minn awtorità regolatorja barranija fl-eżerċizzju ta' waħda jew aktar mill-funzjonijiet regolatorji tagħha;

(b) meta jkun meħtieġ skond it-termini ta' l-obbligi internazzjonali ta' Malta;

(ċ) meta jkun hekk meħtieġ skond it-termini ta' l-obbligazzjonijiet assunti fi trattati bilaterali jew multilaterali għal bdil ta' informazzjoni u għal forom oħra ta' kollaborazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin inklużi talbiet li jsiru taħt *Memorandum of Understanding* konkluż mill-Awtorità.

Setgħa ta' l-Awtorità li tikseb Informazzjoni.

52. (1) L-Awtorità tista', b'avviż bil-miktub, teħtieġ -

(i) lil xi kontributur, Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, Amministratur ta' Fond għal min Jirtira jew *Manager* ta' l-Assi, li jidher li jkun jew li jkun qed jipprovdi, Skema għal min Jirtira, Pjan Barrani għal min Jirtira jew Fond għal min Jirtira, jew li jidher li jkun jew ikun qed iwettaq attivitajiet dwar Skema għal min Jirtira, Pjan Barrani għal min Jirtira jew Fond għal min Jirtira; jew

(ii) lil xi kontributur, Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, Amministratur ta' Fond għal min Jirtira, jew *Manager* ta' l-Assi li jkun ħareġ, jew li jkun deher li ħareġ reklam li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 42 ta' dan l-Att; jew

(iii) lil xi kontributur, Amministratur ta' Skema għal min Jirtira, Amministratur ta' Fond għal min Jirtira, jew *Manager* ta' l-Assi li jidher li jkollu fil-pussess tiegħu nformazzjoni rilevanti;

li jagħmel kull ħaġa jew xi ħaġa minn dan li ġej:

(a) li jagħti lill-Awtorità, f'dak iż-żmien u post u f'dik il-forma li tista' tispeċifika, dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni li tista' teħtieġ dwar kull Skema għal min Jirtira jew reklam bħal dak;

(b) li jaghti lill-Awtorità kull informazzjoni jew dokumentazzjoni awtentikata b'dak il-mod li tista' tispeċifika; jew

(c) li jidher quddiem l-Awtorità jew quddiem persuna oħra maħtura minnha, f'dak il-ħin u f'dak il-post li tista' tispeċifika, biex iwieġeb għall-mistoqsijiet u jipprovdi dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni dwar kull servizz, skema jew reklam bħal dawk.

(2) L-Awtorità tista' tieħu u żżomm kopji ta' kull dokumenti mogħtija jew provduti taħt dan l-artikolu.

(3) Meta l-Awtorità tkun ħatret persuna taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dik il-persuna jkollha, sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha skond il-ħatra, is-setgħat kollha mogħtija lill-Awtorità taħt dan l-Artikolu u kull ħaġa li dik il-persuna teħtieġ għandha titqies u għandu jkollha l-istess forza u effett daqslikieku kienet ħtieġa ta' l-Awtorità.

Hatra ta' Spetturi.

53. (1) L-Awtorità tista', kull meta jidhirlha meħtieġ jew spedjenti, taħtar spettur jew spetturi biex jinvestigaw u jippaportaw fuq l-affarijiet ta' kull persuna, Skema, Pjan Barrani għal min Jirtira jew Fond għal min Jirtira msemmija fil-paragrafi minn (i) sa (iii) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 ta'dan l-Att.

(2) Spettur maħtur taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu -

(a) jista' wkoll, jekk jidhirlu xieraq jew spedjenti għall-finijiet ta' l-istħarriġ, jinvestiga l-affarijiet ta' kull persuna, Skema, Pjan għal min Jirtira jew Fond għal min Jirtira msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu;

(b) ikollu u jista' jeżerċita s-setgħat kollha mogħtija lill-Awtorità bl-artikolu 51 ta' dan l-Att, u kull ħaġa li jeħtieġ għandha titqies u għandu jkollha l-istess forza u effett daqslikieku kienet ħtieġa ta' l-Awtorità; u

(c) jista' u jekk ordnat mill-Awtorità għandu, jagħmel rapporti interim u mal-konklużjoni ta' l-istħarriġ tiegħu jagħmel rapport finali lill-Awtorità.

(3) L-Awtorità jkollha s-setgħa li tordna li l-ispejjeż kollha, jew inċidentali ma', l-istħarriġ magħmul taħt dan l-artikolu jitħallsu mill-persuna, Skema jew Fond għal min Jirtira konċernat.

54. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jista' jsir appell taħt it-Tribunal stabbilit taħt l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta dwar: Appelli.

(a) kull deċiżjoni skond is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att;

(b) kull rifjut, varjazzjoni, kanċellament jew sospensjoni ta' reġistrazzjoni taħt l-artikolu 7, 8, 11 jew 12 ta' dan l-Att;

(ċ) kull deċiżjoni taħt is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att, jew kull direttiva mogħtija taħt il-paragrafu (e) tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 51 ta' dan l-Att;

(d) kull deċiżjoni li ssir dikjarazzjoni pubblika, taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 59 ta' dan l-Att, dwar imġieba ħażina ta' persuna; jew

(e) kull penali amministrattiva dwar infrazzjonijiet kif jistgħu jiġu preskritti taħt l-artikolu 7, 8, 17 u 24 ta' dan l-Att.

(2) Appell taħt dan l-artikolu jista' jsir biss fuq il-bażi ta' waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) li l-Awtorità tkun applikat mod ħażin xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(b) li d-deċiżjoni jew Direttiva ta' l-Awtorità tikkostitwixxi abbuż ta' diskrezzjoni u tkun manifestement mhux ġusta; iżda d-diskrezzjoni ta' l-Awtorità ma tistax, sakemm tkun ġiet eżerċitata b'mod xieraq, tiġi mistħarrġa mit-Tribunal.

(3) Appell magħmul taħt dan l-artikolu ma għandux jissospendi l-operat ta' xi deċiżjoni jew Direttiva li minnha jsir appell:

Iżda deċiżjoni li tithassar reġistrazzjoni ma tibdix isseħħ qabel ma jgħaddi ż-żmien li fih jista' jsir appell taħt dan l-artikolu u, jekk isir appell f'dak iż-żmien, id-deċiżjoni tibda sseħħ mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal li jiċħad l-appell jew id-data li fiha jkun abbandunat l-appell:

Iżda wkoll deċiżjoni li tinħareġ dikjarazzjoni dwar l-imġieba ħażina ta' persuna ma għandhix tiġi pubblikata qabel ma jgħaddi ż-żmien li fih jista' jsir appell taħt dan l-artikolu u, jekk isir appell f'dak iż-żmien, id-dikjarazzjoni ma tkunx pubblikata qabel id-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal li jiċħad l-appell jew id-data li fiha jkun abbandunat l-appell.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 21 ta-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom, sakemm xi waħda minnhom ma tkunx inkompattibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, japplikaw għal appelli magħmula lit-Tribunal taħt dan l-Att.

Setgħat tal-Qorti.

55. (1) Jekk, fuq rikors magħmul mill-Awtorità lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, il-qorti tkun sodisfatta li -

(a) ikun hemm probabbilta' raġonevoli li persuna tkun se tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew Direttivi magħmula taħtu, jew tkun se tikser jew tonqos li tħares xi kondizzjoni, obbligu, ħtieġa, regolament, Direttiva, jew ordni magħmul jew mogħti taħt xi waħda mid-dispożizzjonjiiet ta' dan l-Att; jew

(b) li persuna tkun kisret xi dispożizzjoni bħal dik jew tkun kisret jew naqset li tħares xi kondizzjoni, obbligu, ħtieġa, regolament, Direttiva, jew ordni u li jistgħu jittieħdu passi biex il-ksur jew nuqqas ta' tħaris ikun rimedjat,

il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex twaqqaf il-ksur jew, skond il-kaz, li teħtieġ lill-persuna msemmija fil-paragrafu (a) jew (b) ta' dan is-subartikolu, jew lil xi persuna oħra li fil-fehma tal-qorti kienet xjentement konċernata fil-ksur, biex tieħu dawk il-passi li l-qorti tista' tordna.

(2) Jekk, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-qorti tkun sodisfatta li persuna tkun parti f'xi transazzjoni bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-qorti tista' tordna li dik il-persuna jew kull persuna li fil-fehma tal-qorti tkun xjentement konċernata fil-ksur biex tieħu dawk il-passi li l-qorti tista' tordna biex il-partijiet jerġgħu lura għall-pożizzjoni fejn kienu qabel ma tkun saret it-transazzjoni.

(3) Jekk, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-qorti tkun ukoll sodisfatta li -

(a) profitti jkunu saru minn xi persuna bħala riżultat tal-ksur; jew

(b) azzjonist, kontributur jew benefiċjarju jkun ġarrab xi telf jew b'xi mod ieħor kellu effett negattiv bħala riżultat ta' dak il-ksur,

il-qorti tista' tordna lill-persuna responsabbli għall-ksur li tħallas fil-qorti dik is-somma li jidhrilha li tkun ġusta meta tikkonsidra l-limitu

tal-profitt, telf jew effett negattiv kif intqal qabel, u tordna li dik is-somma tithallas kif tordna l-qorti lill-persuni li jkunu parti fit-transazzjonijiet li b'riżultat tagħhom il-profitt ikun sar jew it-telf jew l-effett negattiv iġġarrab kif intqal qabel.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-qorti tista' tordna l-produzzjoni minn xi persuna ta' dawk il-kontijiet u l-provdiment ta' dik l-informazzjoni, u awtentikati b'dak il-mod, kif il-qorti jidhrilha xierqa.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ikunu bla ħsara għal xi dritt ta' xi persuna aggravata li tibda proċedimenti direttament dwar xi dritt li dik il-persuna xort'oħra jkollha indipendentement mill-Awtorità.

(6) (a) Il-Bord imwaqqaf bl-artiklu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli dwar proċeduri fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, taħt dan l-artikolu.

(b) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan il-paragrafu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-Qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti ġudizzjarji f'konnessjoni ma' proċeduri taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet ikunu ġew hekk stabbiliti, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

56. (1) Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew tikser jew tonqos li tħares xi kondizzjoni, obbligu, ħtieġa, regolament, Direttiva jew ordni magħmul jew mogħti taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tkun ħatja ta' reat. Reati.

(2) Kull persuna li għall-finijiet jew skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew ta' xi kondizzjoni, obbligu, ħtieġa jew ordni magħmul jew mogħti kif intqal qabel, tagħti xi nformazzjoni jew tagħmel dikjarazzjoni li tkun taf li m'hijiex preċiża jew tkun falza jew li tiżgwida f'xi ħaġa materjali, jew bi traskuraġni tagħti nformazzjoni jew tagħmel dikjarazzjoni li m'hijiex preċiża, jew tkun falza jew li tiżgwida f'xi ħaġa materjali, tkun ħatja ta' reat.

(3) Kull persuna li xjentement issir parti fit-tmexxija ta' xi Fond jew Skema għal min Jirtira bil-ħsieb li tiddefrodi, tkun ħatja ta' reat.

(4) Kull persuna li b'xi dikjarazzjoni, weghda jew tbassir li tkun taf li jkun jiżgwida, falz jew qarrieqi, jew b'xi ħabi diżonest ta' fatti materjali, jew bi traskuraġni tagħmel (b'mod diżonest jew xort'oħra) xi dikjarazzjoni, weghda jew tbassir li jkun jiżgwida, falz jew qarrieqi, iħajjar jew jipprova jħajjar lil xi persuna oħra biex tidħol jew toffri li tidħol f'xi Fond jew Skema għal min Jirtira, tkun ħatja ta' reat.

(5) Kull persuna li bil-ħsieb li tevita li tinqabad bl-eghmil ta' reat taħt dan l-Att tneħħi, tiddistruġġi, taħbi jew b'mod frodulenti tibdel xi ktieb, dokument jew karta oħra, tkun ħatja ta' reat.

(6) Kull persuna li bir-rieda tfixkel lil persuna fl-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija b'dan l-Att tkun ħatja ta' reat.

Pieni.

57. Persuna ħatja ta' reat taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 56 ta' dan l-Att għandha, sakemm ma tkunx preskritta piena oħra, teħel, meta tinsab ħatja multa ta' mhux izjed minn mitejn elf lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux izjed minn erba' snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Proċedimenti Kriminali.

58. (1) Ebda proċedimenti għal reat taħt dan l-Att ma jistgħu jinbdew mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma jolqtux xi responsabbilta' kriminali li xi persuna jista' jkollha taħt xi liġi oħra.

Dikjarazzjoni Pubblika dwar imġieba ħażina.

59. (1) Jekk ikun jidher lill-Awtorità li persuna li tkun jew kienet tipprovdi jew li tidher li tkun jew li kienet tipprovdi, Skema għal min Jirtira tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew tkun kisret jew naqset li tħares xi kondizzjoni, obbligu, ħtieġa, Direttiva jew ordni magħmul jew mogħti taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità tista' tippubblika dikjarazzjoni f'dan is-sens.

(2) Qabel ma tippubblika dikjarazzjoni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità tista' tagħti lill-persuna konċernata avviż bil-miktub tad-dikjarazzjoni proposta u tar-raġunijiet għaliex ikun propost li tkun pubblikata d-dikjarazzjoni.

(3) Meta r-raġunijiet mogħtija fl-avviż jirrelataw speċifikament għal ħwejjeġ li:

(a) jirreferu għal persuna identifikata fl-avviż barra mill-persuna li tkun is-suġġett ta' l-avviż; u

(b) jkunu fil-fehma ta' l-Awtorità ta' preġudizzju lil dik il-persuna f'xi kariga jew impieg,

l-Awtorità għandha, sakemm ma jidhrilhiex li ma jkunx prattikabbli li hekk tagħmel, tinnotifika kopja ta' l-avviż ukoll lil dik il-persuna l-oħra.

(4) Avviż notifikat lil persuna skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu jagħti l-partikolaritajiet tad-dritt tal-persuna għal appell taħt l-artikolu 54 ta' dan l-Att u tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonjiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 54 ta' dan l-Att, malli jagħlaq xahar mid-data tan-notifika ta' l-avviż taħt is-subartikolu (2), jew kopja ta' l-avviż taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, skond liema tkun l-aħħar data, l-Awtorità tista' tippubblika d-dikjarazzjoni proposta u, wara l-pubblikazzjoni, għandha tibgħat kopja lil dik il-persuna u lil kull persuna oħra li lilha tkun notifikata kopja ta' l-avviż taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

60. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, informazzjoni miksuba minn xi persuna għall-finijiet ta', jew skond, xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew Direttivi magħmula bis-saħħa tiegħu jew fil-qadi ta' xi funzjonijiet taħt xi waħda mill-imsemmija disposizzjonijiet, għandha titqies bħala konfidenzjali u protetta bid-dmir tas-sigriet professjonali, u ma tistax tkun mikxufa li xi persuna barra minn persuna li b'mod leġittimu tista' tikseb dik l-informazzjoni għall-finijiet ta' jew skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ħlief fil-każ li jingħata l-kunsens tal-persuna li minn għandha tkun inkisbet l-informazzjoni kemm-il darba dik l-informazzjoni tirrelata biss dwar dik il-persuna. Konfidenzjalità.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandhomx jipprekludu l-kxif ta' informazzjoni:

(a) bil-ħsieb li jinbdew, jew xort'oħra għall-finijiet ta', proċedimenti kriminali jew xi proċedimenti mill- Awtorità quddiem xi qorti taħt dan l-Att;

(b) bil-ħsieb li l-Awtorità tkun tista', jew tingħata l-għajnuna biex taqdi jew twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att;

(ċ) li tkun tqegħdet għad-disposizzjoni tal-pubbliku billi tkun inkixfet f'xi ċirkostanzi li fihom, jew għal xi raġuni li għaliha, il-kxif ma jkunx prekluż b'dan l-artikolu;

(d) f'sommarju jew kollezzjoni ta' informazzjoni msawwra b'dak il-mod li l-identità ta' xi persuna li dwarha tirrelata l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi aċċertata;

(e) lil awditur jew attwarju meta dan il-kxif jgħin lill-awditur jew lill-attwarju fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 29 ta' dan l-Att;

(f) lill-Bank Ċentrali ta' Malta jew lill-Awtorità dwar l-Elenku taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta din l-informazzjoni tkun meħtieġa mill-Bank jew mill-Awtorità dwar l-Elenku fit-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom skond il-liġi;

(ġ) b'risposta għal talba minn, jew bil-għan li tingħata għajnuna lil, awtorità regolatorja barranija skond l-artikolu 51 ta' dan l-Att;

(ħ) lil dawk l-awtoritajiet l-oħra lokali jew barranin regolatorji, ġudizzjarji jew b'setgħa li jinfurzaw meta dan il-kxif huwa meħtieġ jew mitlub sabiex ikunu segwiti problemi regolatorji serji jew l-identifikazzjoni, prevenzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali;

(i) fi proċeduri ċivili jew kummerċjali dwar il-falliment jew l-istralċ tabilfors ta' Skema jew Fond għal min Jirtira sakemm din l-informazzjoni ma tikkonċernax terzi persuni involuti fi sforzi sabiex tiġi salvata din l-iskema jew Fond għal min Jirtira, u lil dawk il-korpi barranin responsabbli għal-likwidazzjoni ta' falliment ta' persuna detentur ta' liċenza jew ta' awtorizzazzjoni ekwivalenti mahruġa minn awtorità regolatorja barranija jew għal xi proċeduri oħra bħal dawn.

Esklużjoni ta' responsabbilità.

61. L-Awtorità u kull uffiċjal jew impjegat ta' l-Awtorità, u kull persuna oħra maħtura biex taqdi funzjoni taħt dan l-Att, jew taħt xi regolament u, jew Direttiva magħmula bis-saħħa tiegħu, jew taħt ordni magħmul jew mogħti taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ma jkunux suġġetti għal danni għal xi ħaġa li jkunu għamlu jew li naqsu milli jagħmlu fil-qadi jew f'dak li jidher li jkun il-qadi ta' xi funzjonijiet taħt dan l-Att, jew ta' xi regolament u, jew Direttiva magħmula bis-saħħa tiegħu, sakemm l-għemil jew in-nuqqas tiegħu ma jintweriex li jkun sar jew li naqas milli jsir f'*mala fede*.

Avviżi.

62. Avviż jew dokument ieħor mogħti jew notifikat taħt dan l-Att, jew xi regolamenti jew Direttivi magħmula bis-saħħa tiegħu, għandu jitqies li jkun mogħti jew ġie notifikat b'mod xieraq lil persuna jekk:-

(a) ikun ġie konsenjat lilha; jew

(b) ikun tħalla fl-indirizz mogħti minnha lill-Awtorità, jew fl-aħħar indirizz magħruf tagħha; jew

(ċ) ikun intbagħat bil-posta, e-mail jew bit-telefax f'xi wieħed mill-imsemmija indirizzi; jew

(d) fil-każ ta' korp ta' persuni, sew korporat jew le, jew ta' Skema jew ta' Fond għal min Jirtira, jekk ikun ingħata jew ġie notifikat b'xi wieħed mill-modi imsemmija qabel lil Skema jew Amministratur ta' Fond għal min Jirtira, segretarju, skrivan, *manager*, fiduċjarju jew l-ekwivalenti tagħhom, jew lil xi kontributur jew lil xi direttur jew membru tal-korp amministrattiv jew ta' rappreżentant maħtur.

Applikabbiltà ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, Kap. 233.

63. L-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju ma għandux japplika għal transazzjonijiet li jitwettqu minn Skema jew Fondi għal min Jirtira ma' persuni jew entitajiet li ma jkunux residenti f'Malta għall-finijiet ta' l-imsemmi Att.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel arranġamenti tranżitorji.

64. Il-Ministru jista' fuq il-parir ta' l-Awtorità, b'regolamenti jagħmel dispożizzjonijiet tranżitorji dwar dawk il-persuni li, fid-data effettiva ta' dan l-Att, kienu qed jipprovdu Skema jew Fond għal min Jirtira, jew dwar kumpaniji li skond dan l-Att għandhom ikunu konvertiti f'Fondi għal min Jirtira, u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jista', b'dawk ir-regolamenti, b'mod partikolari -

(a) jippreskrivi perijodu li fih dawk il-persuni għandhom japplikaw għal reġistrazzjoni taħt dan l-Att; u

(b) jippermetti li dik il-persuna tkompli twettaq l-attivitajiet ta' Skema jew Fond għal min Jirtira inkluż il-ħruġ jew il-ħolqien ta' unitajiet, sal-limitu li dawk l-attivitajiet ikunu f'dak iż-żmien qed jitwettqu, sakemm l-Iskema jew il-Fond għal min Jirtira jkun reġistrat jew ir-reġistrazzjoni tiegħu tkun rifjutata jew sakemm jiskadi ż-żmien provdut f'dawk ir-regolamenti, skond liema tkun l-ewwel data, u bil-kundizzjoni li dik il-persuna tkun applikat għal reġistrazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu.

TAQSIMA IV
EMENDI TA' L-ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA, KAP. 204

Emendi ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, Kap. 204.

65. (1) Din it-Taqsima għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru tal-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u dati

differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti tagħha.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

66. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira ta' "bank" għandha tidħol din li ġejja:

" "bank" jew "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser kull persuna li tmexxi kummerċ bankarju u tinkludi kull fergħa, aġenzija jew uffiċċju f'Malta ta' bank jew istituzzjoni ta' kreditu mhux inkorporata f'Malta";

(b) minflok it-tifsira ta' "kummerċ bankarju" għandha tidħol din li ġejja:

" "kummerċ bankarju" għandha l-istess tifsir mogħti lilha taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju; Kap. 371.

(ċ) fit-tifsira ta' "Awtorità Kompetenti" minnufih wara l-kliem "jew kull servizz finanzjarju ieħor" għandhom jiżdiedu l-kliem "taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, l-Att dwar l-Istituzzjoni Finanzjarja, l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, l-Att dwar il-*Brokers* ta' l-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra, l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, jew dik il-liġi l-oħra li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u taħt l-awtorità ta' dan l-artikolu";

Kap. 371.
Kap. 376.
Kap. 370.
Kap. 403.
Kap. 404.
Kap. 345.

(d) it-tifsiriet ta' "konvertibbli" u "depożiti kurrenti" għandhom jitħassru;

(e) minnufih wara t-tifsira ta' "depożiti ta' tifdil" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja :

" " direttiva" tfisser direttiva maħruġa mill-Bank taħt dan l-Att;"

(f) minnufih qabel it-tifsira ta' "Awtorità Kompetenti" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" " attiv estern" tinkludi titoli u kull attiv ieħor fil-munita ta' xi pajjiż barra minn Malta jew unitajiet ta' kont tkun xi tkun il-forma li fihom ikunu miżmuma;"; u

(ġ) it-tifsiriet ta' "depożiti ta' tifdil" u "depożitu bit-terminu" għandhom jitħassru.

67. Minflok l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

"Oġġettiv prinċipali.

4. (1) L-oġġettiv prinċipali tal-Bank huwa li jżomm stabbilità fil-prezz. Bla ħsara għall-oġġettiv prinċipali tiegħu, il-Bank għandu jippromovi żvilupp ekonomiku regolari u bilanċjat.

(2) Sal-limitu li ma jfixkilx l-oġġettiv prinċipali tiegħu, il-Bank ikollu wkoll l-oġġettiv -

(a) li jinfluwenza l-volum u l-kundizzjonijiet tal-provvista ta' kreditu;

(b) li jamministra u jżomm riżervi esterni, sabiex jiġi mħares il-valur internazzjonali tal-flus;

(ċ) li jiżgura l-istabbilità tas-sistema finanzjarja;

(d) li jippromovi u jipparteċipa fl-istabbiliment ta' sistema ta' ħlasijiet b'saħħitha u effiċjenti;

(e) li joħroġ biljetti tal-flus u muniti li jkunu ta' valuta legali;

(f) li jagħti parir lill-Gvern b'mod ġenerali fuq ħwejjeġ finanzjarji u ekonomiċi;

(ġ) li jiġbor u jippubblika l-istatistika li tkun meħtieġa biex iwettaq ix-xogħol tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' xi liġi oħra;

(ħ) li jaqdi dawk il-funzjonijiet l-oħra li jistgħu jingħataw lilu bil-liġi.

(3) Il-Bank jista' joħroġ, jemenda jew jirrevoka direttivi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tingħata effett lil kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

68. Minflok l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

"Uffiċċju Prinċipali ta' Bank.

5. Il-Bank għandu jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'Malta; jista' jiftaħ uffiċċji barra minn Malta u jista' jaħtar aġenti u korrispondenti.".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

69. L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tan-negozju tal-Bank." għandhom jidħlu l-kliem "tan-negozju tal-Bank, ħlief dwar ħwejjeġ ta' policy monetarja taħt l-artikoli minn 17 sa 17D ta' dan l-Att."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (3) li ġej:

"(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli minn 39 sa 49A ta' dan l-Att la l-Bank, lanqas xi membru tal-Bord fil-waqt li jkun qed jeżerċita l-funzjonijiet, id-dmirijiet u s-setgħat taħt dan l-Att ma għandu jitlob jew jieħu struzzjonijiet mingħand il-Gvern jew mingħand xi korp ieħor."

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

70. L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu :

(i) minflok il-kliem "ta' esperjenza magħrufa f'materji finanzjarji" għandhom jidħlu l-kliem "ta' pożizzjoni u esperjenza magħrufa f'materji ekonomiċi jew bankarji"; u

(ii) minflok il-kliem "perjodu ta' mhux iżjed minn ħames snin" għandhom jidħlu l-kliem "perjodu ta' ħames snin:";

(b) minflok il-kliem "Il-Gvernatur" fis-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 17 ta' dan l-Att, il-Gvernatur";

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar;

(d) minflok il-proviso għas-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda jistgħu jinħatru fil-kariga tagħhom ta' Gvernatur jew Deputat Gvernatur, skond il-każ, joqgħodu fuq xi bord, kummissjoni jew kumitat, ikun x'ikun l-isem, sew f'Malta jew barra minn Malta u iżda wkoll li dik l-attività ma tkunx fil-fehma tal-Bord ta' konflitt mal-qadi tad-dmirijiet tagħhom taħt dan l-Att"; u

(e) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jitħassar.

71. L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-paragrafu (b) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) ikunu persuni ta' pożizzjoni magħrufa u esperjenza professjonali f'affarijiet ekonomiċi, finanzjarji jew bankarji;";u

(b) minflok il-kliem "ma jaqbiżx tliet snin" fil-paragrafu (i) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "ta' ħames snin".

72. Minflok in-nota marġinali li hemm ma' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "Żvelar ta' interess.". Emenda tan-nota marġinali li hemm ma' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

73. L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "regolata mill-bank" fil-paragrafu (b) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "liċenzjata biex tipprovdi servizzi finanzjarji jew bankarji";

(ii) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu (e) li ġej:

"(e) ikollu xi pożizzjoni oħra, jew xort'oħra jkun f'pożizzjoni, li tkun f'konflitt mad-dmirijiet tiegħu bħala direttur taħt dan l-Att.";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Direttur jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu biss jekk ma jibqax kapaċi li jaqdi d-dmirijiet tiegħu jew jekk ikun ħati ta' mġieba ħażina serja."; u

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, l-kliem "għall-perijodu ta' kariga mhux skadut," għandhom jitħassru.

74. L-artikolu 13A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 13A ta' l-Att prinċipali.

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi numerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif numerat mill-ġdid, għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll għall-Bank u għal kull direttur, funzjonarju jew impjegat tiegħu u għal kull persuna oħra maħtura mill-Bank, fil-qadi jew fil-qadi maħsub ta' xi funzjoni mogħtija lill-Bank jew lil xi direttur, funzjonarju, impjegat jew persuna oħra taħt xi liġi oħra.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 15 u 16 ta' l-Att prinċipali.

75. Minflok l-artikoli 15 u 16 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

"Kummerċ prinċipali u setgħat tal-Bank.

15. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, il-Bank jista' sabiex jilħaq l-oġġettivi tiegħu u sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att:

(a) jiftaħ kontijiet u jaċċetta u jagħmel depożiti kif provdut fl-artikoli 26 sa 33 ta' dan l-Att, u, f'każijiet speċjali, bl-approvazzjoni minn qabel tal-Bord, jiftaħ kontijiet għal u jaċċetta depożiti minn persuni oħra;

(b) iżomm kontijiet ma' banek ċentrali jew istituzzjonijiet ta' kreditu oħra u aġenti barra minn Malta, jaċċetta mingħand, u jiddepożita ma' kull istituzzjoni ta' kreditu jew aġent bħal dawk, u jaġixxi ta' korrispondent, bankier jew aġent għal xi bank ċentrali jew istituzzjoni ta' kreditu oħra jew awtorità monetarja oħra u għal kull istituzzjoni finanzjarja internazzjonali stabbilita taħt trattati internazzjonali;

(ċ) jissottoskrivi għal, jixtri, ibiegħ, jiskonta jew jiskonta mill-ġdid ekwità, dejn jew strumenti finanzjarji oħra kif jista' jiġi approvat mill-Bord, kemm-il darba kull interessi b'ekwità f'xi intrapriża li l-Bank jista' b'xi mod jakkwista biex jitħallsu djun dovuti lilu, il-Bank għandu jiddisponi minnhom fl-ewwel mument xieraq;

(d) joħroġ, jixtri, ibiegħ, jiskonta jew jiskonta mill-ġdid strumenti finanzjarji f-isem il-Bank f'dik il-forma u għal termini u maturitajiet kif jista' jiġi approvat mill-Bord;

(e) fid-diskrezzjoni tiegħu, jagħti lil xi istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja f'Malta self u avvanzi b'dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kif jistgħu jiġu approvati

mill-Bord u għal dawk il-perijodi li ma jkunux iżjed minn tnax-il xahar kontra dik il-garanzija adegwata li l-Bord jidhirlu xierqa;

(f) jidħol fi ftehim kuntrattwali għal *repurchase* u *reverse repurchase* ta' titoli maħruġin għall-pubbliku mill-Gvern jew garantiti minnu u ta' dawk l-istrumenti finanzjarji l-oħra li jistħu jiġu approvati mill-Bord; u

(ġ) meta jidhirlu dik l-azzjoni meħtieġa biex iħares l-istabbilità finanzjarja jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali oħra, jagħti self jew avvanz lil xi istituzzjoni ta' kreditu inkorporata f'Malta kontra dik il-forma ta' garanzija kif il-Bord jidhirlu xieraq.

(2) Fl-amministrazzjoni u żamma ta' riżervi esterni, il-Bank jista' jagħmel kull transazzjonijiet li jidhirlu addattati, u b'mod partikolari jista':

(a) iżomm, jamministra, jakkwista u jbiegħ, jispottja u jittrasmetti, kull xorta ta' assi esterni u metalli prezzjużi; u

(b) iwettaq kull xorta ta' transazzjoni finanzjarja ma' istituzzjonijiet lokali jew barranin jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi operazzjonijiet li jissellef jew jislef.

(3) Il-Bank jista' jimpjega l-fondi tal-persunal tiegħu u tal-pensjoni u fondi oħra interni tal-Bank f'titoli tal-Gvern jew f'titoli oħra ta' l-ewwel klassi approvati mill-Bord.

(4) Bla ħsara għal kull dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att, il-Bank jista' b'mod ġenerali jinnegozja bħala bank, u jagħmel il-ħwejjeġ kollha li huma inċidentali jew konsegwenzjali għall-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu jew għall-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att.

(5) (a) Il-Bank għandu fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu bħala Bank Ċentrali taħt dan l-Att igawdi privileġġ speċjali fuq kull fondi miżmuma fil-kontijiet tal-Bank kif ukoll kull titoli, metalli prezzjużi jew xi assi oħra li jkunu proprjeta' tad-debituri tagħhom u depożitati miegħu kif ukoll fuq kull fondi jew assi oħra mirhuna favur tiegħu mid-debituri tiegħu jew minn terzi biex jiggarantixxu l-obbligi tad-debituri tiegħu.

(b) Il-privileġġ speċjali mogħti b'dan is-subartikolu għandu jiġi qabel kull privileġġ ieħor taħt xi liġi oħra u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-fondi u assi oħra suġġetti għal dak il-privileġġ għandhom ikunu applikati biex jissodisfaw id-dejn dovut lill-Bank qabel kull pretensjoni oħra.

(ċ) Il-Bank jista', wara li tkun saret in-notifikazzjoni minn qabel lid-debitur, japplika kull fondi jew assi bħal dawk għas-sodisfazzjoni tad-djun dovuti lilu mingħajr il-ħtieġa ta' xi awtorizzazzjoni jew sanżjoni oħra minn xi qorti jew awtorità oħra, u jista' wkoll, għal dak l-għan, jiddisponi minn kull assi bħal dawk li jkunu miżmuma minn jew mirhuna favur tiegħu u japplika d-dħul minn dak id-disponiment direttament biex jissodisfa l-pretensjonijiet tiegħu.

Attivitajiet projbiti.

16. Il-Bank ma jistax -

(a) jixtri, jakkwista jew jikri proprjeta' immobbli ħlief skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ħlief safejn il-Bank jista' jqis meħtieġ jew spedjenti għall-provdiment, jew provediment futur, ta' postijiet għat-tmexxija tan-negozju tiegħu, għall-użu ta' u għar-residenza tal-persunal jew tal-ħtiġiet oħra simili nċidentali għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att;

(b) jaċċetta għal skont, jew bħala garanzija għal avvanz magħmul mill-Bank, xi strumenti ffirmati mill-membri tal-Bord jew mill-uffiċjali jew impjegati oħra tal-Bank;

(ċ) iħallas imgħax ħlief, fid-diskrezzjoni tiegħu, fuq depożiti miżmuma mal-Bank skond l-artikolu 26, jew is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 ta' dan l-Att, jew fuq kontijiet speċjali miżmuma bl-approvazzjoni tal-Bord;

(d) jiftaħ kontijiet u jaċċetta u jqiegħed depożiti ħlief kif provdut fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att; u

(e) jikkonċedi jew jippermetti li jibqgħu pendenti għar-rigward ta' xi wieħed mill-impjegati tiegħu avvanzi jew faċilitajiet ta' kreditu li ma jkunux assigurati li lkoll flimkien ikunu jeċċedu l-emolumenti ta' tnax-il xahar ta' dawk l-impjegati.".

Tħassir ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

76. L-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Żieda ta' Taqsima IIA ġdida ma' l-Att prinċipali.

77. Minnufih wara l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandha tiżdied it-Taqsima IIA ġdida li ġejja:-

"TAQSIMA IIA
POLICY MONETARJA

Kunsill Konsultativ dwar *Policy* Monetarja.

17. (1) Għandu jkun hemm kunsill tal-Bank, li jkun magħruf bħala l-Kunsill Konsultativ dwar *Policy* Monetarja, li jkollu r-responsabbilta' li jagħti parir lill-Gvernatur fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-*policy* monetarja.

(2) Il-Kunsill ikun magħmul minn -

(i) il-Gvernatur, id-Deputat Gvernatur u mit-tliet Diretturi l-oħra tal-Bank, u

(ii) tliet membri maħtura mill-Gvernatur, wara konsultazzjoni mal-Bord, minn fost uffiċjali anzjani fil-Bank, jew minn fost individwi kwalifikati b'mod xieraq minn barra l-Bank, li f'kull każ ikunu persuni li l-Gvernatur ikun sodisfatt li jkollhom it-tagħrif u l-esperjenza li x'aktarx tkun rilevanti għall-funzjonijiet tal-Kunsill.

Il-Gvernatur jieħu d-deċiżjonijiet fuq *Policy* monetarja.

17A (1) L-unika awtorità u responsabbilta' fil-Bank biex tieħu deċiżjonijiet u biex taqdi kull funzjoni jew dmir jew biex teżerċita xi setgħa dwar *policy* monetarja tkun vestita fil-Gvernatur.

(2) Il-Gvernatur għandu jżomm lill-Kunsill infurmat dwar, u jista' jiddiskuti mal-Kunsill, il-funzjonijiet, id-dmirijiet u s-setgħat vestiti lilu taħt dan l-artikolu.

(3) Kull meta l-Gvernatur ma jkunx jista', minħabba assenza, mard jew xi raġuni oħra li jaqdi l-funzjonijiet, id-dmirijiet u setgħat imsemmija f'dan l-artikolu, jew meta l-kariga tal-Gvernatur tkun vakanti, l-awtorità u r-

responsabbilta' vestiti fil-Gvernatur taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom, matul dik l-inkapaċità jew vakanza, ikunu vestiti fid-Deputat Gvernatur.

(4) La l-Bank u lanqas xi membru ieħor tal-Kunsill, magħdud il-Gvernatur, fil-waqt li jkunu qed jeżerċitaw il-funzjonijiet, id-dmirijiet u s-setgħat tagħhom taħt dan l-artikolu, ma għandhom jitolbu jew jieħdu struzzjonijiet mingħand il-Gvern jew mingħand xi korp ieħor.

(5) Il-Gvernatur, wara li jikkonsulta lill-Kunsill, jista' jagħti dawk id-direttivi u gwida fuq il-miżuri li għandhom jiġu adottati mill-Bank fl-implimentazzjoni tal-funzjonijiet ta' *policy* monetarja stabbiliti skond dan l-Att.

Il-Gvernatur jirraporta lill-Kamra tad-Deputati.

17B. Il-Gvernatur jista' jkun mitlub mill-Kamra tad-Deputati li jirrapporta fuq il-tmexxija tal-Bank dwar il-funzjonijiet ta' *policy* monetarja quddiem kumitat tal-Kamra tad-Deputati maħtura għal hekk u sabiex jipprovdi lil dak il-kumitat b'kull informazzjoni meqjusa li tkun meħtieġa:

Iżda l-Gvernatur ma jistax ikun hekk mitlub iktar spiss minn darba kull sitt xhur.

Proċeduri.

17Ċ (1) Erba' membri tal-Kunsill jiffurmaw *quorum* għal kull laqgħa, kemm-il darba l-Gvernatur ikun preżenti għal laqgħat kollha; xort'oħra l-Kunsill għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 17D ta' dan l-Att, il-membri tal-Kunsill ikunu marbuta bid-dmir tas-segretezza professjonali dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-*policy* monetarja.

Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet u rati ta' mgħax.

17D (1) Kemm jista' jkun malajr wara kull laqgħa tal-Kunsill Konsultativ dwar *Policy* Monetarja, il-Bank għandu jippubblika dikjarazzjoni tad-deċiżjoni dwar *policy* monetarja li tittieħed mill-Gvernatur.

(2) Il-Bank għandu wkoll jagħmel pubbliċi f'kull żmien ir-rati ta' mgħax uffiċjali tiegħu.

(3) Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u tar-rati ta' l-imgħax taħt dan l-artikolu għandha ssir b'dak il-mod li l-Bank jidhirlu xieraq.".

78. L-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu minnufih wara l-kliem "Fond Speċjali ta' Riżerva" għandhom jidħlu l-kliem "li, fit-tmiem ta' kull sena finanzjarja tal-Bank, ma għandhomx ikunu inqas minn ħames miljun lira u żewġ miljun lira rispettivament"; u

(b) minflok is-subartikoli (3), (4) u (5) għandu jidħol is-subartikolu (3) ġdid kif ġej:

"(3) Il-Fond Ġenerali ta' Riżerva għandu jkun disponibbli għal kull skop kif ikun deċiż mill-Bord u l-Fond Speċjali ta' Riżerva għandu jkun disponibbli għall-iskop speċifikat fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 24 ta' dan l-Att."

79. Minflok l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej : Sostituzzjoni ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

"Riżervi esterni.

19. (1) Fl-amministrazzjoni u ż-żamma tar-riżervi esterni taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att, il-Bank għandu jżomm riżerva ta' attiv estern li għandha f'kull żmien tiġi stabbilita għal mhux inqas minn sittin fil-mija tal-valur tal-passiv tal-Bank.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "passiv tal-Bank" tfisser:

(i) il-valur tal-biljetti ta' flus u muniti tal-Bank maħruġa, barra minn muniti maħruġin għal għanijiet ta' numismatika;

(ii) il-passiv ta' depożitu tal-Bank; u

(iii) l-ammont nominali ta' strumenti finanzjarji maħruġa u li jkunu pendenti skond il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att.".

80. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi numerat bħala dispożizzjoni sħiħa u minflok il-kliem "għandhom jiġu verifikati minn udituri" għandhom jidħlu l-kliem "għandhom jiġu verifikati minn udituri esterni indipendenti". Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

81. L-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-paragrafu (b) għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala paragrafu (ċ) u minnfih wara l-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) dikjarazzjoni ta' l-investimenti tal-Bank; u";

(b) fil-paragrafu (ċ) il-kliem "paragrafu (b)" għandu jiġi mibdul bil-kliem "paragrafu (ċ)";

(ċ) fil-paragrafu (a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "tal-kontijiet annwali" għandhom jidħlu l-kliem ", u tad-dikjarazzjoni;" u

(d) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali.

82. L-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-profitti u t-telf dovuti għal xi rivalutazzjoni ta' l-attiv jew passiv estern nett tal-Bank li ssir minħabba xi aġġustament fil-valur estern tal-lira Maltija skond l-artikolu 40 ta' dan l-Att għandhom ikunu esklużi mill-kalkolu tal-profitti u telf annwali tal-Bank u għandhom ikunu akkreditati jew addebitati, skond il-każ, fil-Fond Speċjali ta' Riżerva stabbilit taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 18 ta' l-Att. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 18 ta' dan l-Att, il-bilanċ f'dak il-Fond għandu jiġi trattat skond kif stabbilit mill-Bord.";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Wara li jsiru dawk l-allokazzjonijiet kif jiġi stabbilit mill-Bord taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-bqija tal-profitti netti stabbiliti kif intqal qabel għandhom jitħallsu lill-Gvern.".

Żieda ta' Taqsima IIIA ġdida ma' l-Att prinċipali.

83. Minnufih wara l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali għandha tidħol il-Parti IIIA ġdida li ġejja:

'TAQSIMA IIIA
ĠBIR TA' INFORMAZZJONI

Ġbir ta' informazzjoni.

24A (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 38A ta' dan l-Att, il-Bank jista' jeħtieġ lil aġent li jirraporta kif imfisser fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu biex jipprovdi lill-Bank dik l-informazzjoni li l-Bank jidhirlu meħtieġa sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, u l-Bank jista' jistħarreġ u jitlob kjarifiki dwar kull informazzjoni hekk provduta.

(2) Ikun id-dmir ta' kull aġent li jirraporta li hu meħtieġ li jipprovdi lill-Bank b'informazzjoni kif speċifikat fis-subartikolu (1) ta' hawn fuq, li jħares dik il-ħtieġa.

(3) Għall-fini ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu ta' wara, "aġent li jirrapporta" tista' tinkludi:-

(a) istituzzjoni ta' kreditu liċenzjata taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju;

(b) istituzzjoni finanzjarja liċenzjata taħt l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji;

(ċ) persuna liċenzjata taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment;

(d) persuna liċenzjata biex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni jew persuna reġistrata jew elenkata biex tmexxi attivitajiet ta' intermedjarji ta' l-assigurazzjoni;

(e) persuna li tkun ħarġet garanzija ta' dejn, u li ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu liċenzjata taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju jew persuna liċenzjata taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Investiment;

(f) persuna li tkun aġixxiet bħala aġent dwar l-arranġament jew l-amministrazzjoni tal-ħruġ ta' garanzija ta' dejn, u ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu liċenzjata taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju jew persuna liċenzjata taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Investiment;

(ġ) persuna li żżomm attiv u passiv estern jew li twettaq transazzjonijiet minn pajjiż għal ieħor li l-Bank jidhirlu rilevanti biex jiġbor statistika dwar il-bilanċ tal-

pagamenti jew biex jistabbilixxi l-karta tal-bilanċ ta' l-istokk ta' attiv u passiv finanzjarji esterni għal Malta, xort'oħra ssir referenza għalih bħala pożizzjoni ta' investiment internazzjonali; jew

(ħ) kull persuna oħra li l-Bank jistabbilixxi, wara konsultazzjoni ma' dik il-persuna, li jkollha fil-pussess tagħha nformazzjoni rilevanti li fil-fehma tal-Bord tkun rilevanti biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(4) Ħlief kif provdut taħt Taqsima VI ta' dan l-Att, informazzjoni miġbura taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun suġġetta għad-dmir tas-segretezza professjonali.

Ġbir ta' informazzjoni għal statistika.

24B (1) Il-Bank jista' joħroġ direttivi li jipprovdu biex jiddefinixxu u jimponu ħtiġiet biex isiru rapporti għal statistika, biex jiġu stabbiliti *standards* ta' kif tintbagħat informazzjoni għal statistika u l-preċiżjoni tagħha u biex jispeċifikaw il-kondizzjonijiet li taħthom il-jedd għall-verifika u għall-ġbir obbligatorju ta' nformazzjoni għal statistika jistgħu jitwettqu taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(2) Il-Bank ikollu l-jedd li jivverifika l-preċiżjoni u l-kwalità ta' l-informazzjoni għal statistika mogħtija taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A, u li jwettaq ġbir obbligatorju. Il-jedd li tkun verifikata nformazzjoni għal statistika jew li jitwettaq il-ġbir obbligatorju tagħha jinkludi l-jedd li:

(a) jitlob is-sottomissjoni ta' dokumenti;

(b) jeżamina l-kotba u r-*records* ta' l-aġent li jirraporta;

(ċ) jieħu kopji jew estratti minn dawk il-kotba jew dawk ir-*records*; u

(d) jikseb spjegazzjonijiet bil-miktub jew verbali.

Kull riferenza għad-dokumenti, kotba jew *records* taħt dawn l-artikoli tinkludi riferenza għall-forma elettronika ta' kull dokumenti, kotba jew *records* bħal dawk.

(3) Kull meta jidhirlu meħtieġ biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, il-Bank għandu jħejji u jippubblika dikjarazzjonijiet, jikkonsolida u, jew, jgħaqqad flimkien informazzjoni għal statistika' mogħtija taħt dan l-artikolu u, meta meħtieġ, taħt l-artikolu 38A(1) ta' dan l-Att.".

84. Minflok il-kliem "fuq materji finanzjarji" li hemm fl-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "fuq materji finanzjarji u ekonomiċi". Emenda ta' l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali.

85. L-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok in-nota marġinali li hemm miegħu, għandhom jidħlu l-kliem "Bankier tal-Gvern."; u

(b) il-proviso mas-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar.

86. Minflok l-artikoli 27 u 28 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 27 u 28 ta' l-Att prinċipali.

"Projbizzjoni ta' finanzjament tas-settur pubbliku.

27 (1) Il-Bank ma għandux jagħti *overdrafts* jew xi xorta oħra ta' faċilità ta' kreditu lill-Gvern jew lil xi intrapriża pubblika, awtorità pubblika jew korporazzjoni li tkun proprjeta' tal-Gvern, lanqas ma l-Bank għandu jixtri direttament l-istrumenti tad-dejn tagħhom.

(2) Istituzzjoni ta' kreditu kontrollata mill-Gvern għandha tiġi ttrattata l-istess bħal istituzzjonijiet ta' kreditu oħra dwar il-provvista ta' riżervi.".

Bank bħala aġent tal-Gvern.

28. Il-Bank jista' b'mod ġenerali jaġixxi bħala aġent tal-Gvern u jista' jiġi inkarigat mill-ħruġ u mill-amministrazzjoni ta' *Bills* tat-Teżor u self tal-Gvern maħruġa pubblikament f'Malta -

(a) meta l-Bank ikun jista' jagħmel hekk b'mod adatt u konsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u skond id-dmirjiet u l-funzjonijiet tiegħu bħala Bank Ċentrali; u

(b) b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif jista' jiġi miftiehem bejn il-Gvern u l-Bank.".

87. L-artikoli 29 u 32 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru. Tħassir ta' l-artikolu 29 u 32 ta' l-Att prinċipali.

Sostituzzjoni ta' intestatura tat-Taqsima V ta' l-Att prinċipali.

88. Minnufih wara l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali u minnufih qabel l-artikolu 33 tiegħu, minflok l-intestatura ta' taqsima V għandha tidħol l-intestatura "TAQSIMA V RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU U DAWK FINANZJARJI".

Emenda ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali.

89. L-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "banek u istituzzjonijiet finanzjarji" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "istutuzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem ", bl-approvazzjoni tal-Ministru," għandhom jitħassru, u minflok il-kliem "f'banek" għandhom jidħlu l-kliem "f'istituzzjonijiet ta' kreditu"; u

(ċ) minflok in-nota marġinali li hemm għalih għandha tidħol din li ġejja:

"Bankier ta' Istituzzjonijiet ta' Kreditu u Finanzjarji.".

Emenda ta' l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali.

90. Fl-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali, magħduda n-nota marġinali tiegħu, minflok il-kelma "banek" kull fejn tinsab, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjonijiet ta' kreditu".

Emenda ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali.

91. Minflok il-kelma "banek" fin-nota marġinali ta' l-artikolu 35, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjonijiet ta' kreditu", u minflok il-kliem "l-banek u istituzzjonijiet" fl-istess artikolu, għandhom jidħlu l-kliem "l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu minn 36 sa 38Ċ ta' l-Att prinċipali.

92. Minflok l-artikoli minn 36 sa 38Ċ ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"Sistemi ta' ħlas.

36. (1) Il-Bank għandu jissorvelja u jirregola l-operat ta' u l-parteċipazzjoni fi, sistemi ta' ħlasijiet domestiċi kif ukoll kull xorta ta' transazzjonijiet ta' flus jew titoli, sew jekk domestiċi jew ma' barra, li jkun involut fihom, u jista' hu stess jistabbilixxi u jopera sistema ta' ħlas bħal dik.

(2) Ebda persuna ma tista' torganizza, tistabbilixxi, topera jew tipparteċipa f'sistema ta' ħlas domestiku kemm-il darba dik is-sistema ma tkunx approvata u awtorizzata mill-Bank.

(3) Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu tkun

ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn għoxrin elf lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Ebda proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandhom jinbdew mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

(5) Il-Bank jista' joħroġ direttivi dwar:

(a) kull wieħed mill-oġġettivi jew l-oġġettivi kollha msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu magħduda, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, ir-regolamentazzjoni ta' kmamar ta' kompensazzjoni, aġent dwar *settlement* u parteċipanti f'sistemi ta' ħlas kif ukoll l-infurzar legali ta' ħlasijiet magħmula permezz ta' dawk is-sistemi u l-kollaterali li jingħata b'konnessjoni ma' l-operat ta' sistema ta' ħlas bħal dik;

(b) servizzi ta' trasferiment ta' kreditu ma' barra l-pajjiż provduti minn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jew minn xi persuna li bħala negozju tesegwixxi trasferimenti ta' kreditu ma' barra l-pajjiż; u

(ċ) servizzi ta' ħlas elettroniku, magħduda, iżda mhux limitati għal, servizzi għall-provvediment ta' karti ta' debitu u ta' kreditu u flus elettroniċi.

(6) Kemm-il-darba ma jkunx provdut xort'oħra fid-direttivi magħmula bis-saħħa tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, ħlasijiet, *set-off* jew *netting* magħmul permezz ta' jew f'sistema ta' ħlas, magħdud kull kollaterali mogħti minn parteċipant in konnessjoni ma' xi sistema bħal dik, għandu, minkejja kull liġi oħra dwar falliment jew insolvenza jew ir-regolamentazzjoni u l-infurzar ta' kollaterali jew xort'oħra li tirregola l-validità ta' dawk il-ħlasijiet, *set-off* jew *netting* u l-għoti ta' kollaterali, ikun finali u jorbot lill-partijiet kollha tiegħu u ma jistax ikun attakkat jew impunjat f'xi qorti. Kull ordni ta' ħlas, *set-off* jew *netting* magħmul permezz jew f'sistema ta' ħlas minn parteċipant u kull kollaterali mogħti in konnessjoni ma' sistemi bħal dik ma għandhomx, minkejja kull liġi oħra kif intqal qabel, ikunu suġġetti għal mandat ta' sekwestru jew ta' qbid, lanqas għal mandat ta' inibizzjoni maħruġa fuq it-talba tal-kredituri tal-parteċipant.

(7) F'dan l-artikolu u f'kull direttiva maħruġa taħtu, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"parteċipant" tfisser kull persuna, magħdud il-Bank, li tipparteċipa f'sistema ta' ħlas u tista' tinkludi parteċipant indirett approvat mill-Bank;

"sistema ta' ħlas" jew "sistema" tfisser arranġament formali bejn tliet parteċipanti jew iktar b'regoli komuni u b'arranġamenti standardizzati, għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment bejn il-parteċipanti, magħduda kamra ta' kompensazzjoni, jew għall-ħlas ta' pagamenti dwar sigurtajiet, kif jiġi approvat mill-Bank, u tista' tinkludi ħlas, *clearing*, *settlement*, netting u, jew sistema simili. Il-Bank jista' wkoll, fuq bażi ta' każ b'każ, jittratta bħala sistema ta' ħlas dak l-arranġament formali bejn żewġ parteċipanti meta l-Bank hekk jidhirlu meħtieġ fuq bażi ta' riskju sistematiku.

Appelli.

36A. Kull persuna li:

(a) tħossha aggravata b'deċiżjonijiet meħuda mill-bank taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 36 ta' dan l-Att jew taħt xi direttivi maħruġa taħt is-subartikolu (5)(a) ta' l-artikolu 36;

(b) tkun parti f'xi kwistjoni dwar drittijiet u obbligi li jinqalgħu minn xi direttivi maħruġa taħt is-subartikolu (5)(b) u (ċ) ta' l-artikolu 36 ta' dan l-Att; jew

(ċ) kellha xi penali amministrattiva mposta fuqha skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52A ta' dan l-Att;

tista' tappella lit-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji mwaqqaf taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għal Servizzi Finanzjarji f'dak iż-żmien u taħt dawk il-kundizzjonijiet kif stabbiliti taħt dak l-Att.

Depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mal-Bank.

37. (1) Il-Bank jista' jeħtieġ istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu qed imexxu kummerċ bankarju f'Malta biex iżommu depożitu ta' riżerva mal-Bank b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Bank jista' jippreskrivi minn żmien għal żmien b'direttivi dwar il-funzjonijiet ta' *policy* monetarju tiegħu.

(2) Ebda istituzzjoni ta' kreditu ma tkun meħtieġa żżomm proporzjon minimu akbar minn istituzzjoni ta' kreditu oħra.

(3) Sabiex jiżgura t-tħaris ta' kull direttiva maħruġa taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u fil-ġbir obbligatorju ta' informazzjoni, il-Bank ikollu s-setgħat mogħtija lilu taħt, u għandu jaġixxi skond, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 52A ta' dan l-Att.

(4) Għall-fini ta' dan l-artikolu, il-frażi "istituzzjoni ta' kreditu" tinkludi istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi kif imfissra fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju.

Rati ta' mgħax ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji.

38. Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jistgħu jistabbilixxu r-rata ta' mgħax li titħallas fuq depożiti miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mgħax li huma jistgħu jżommu fuq self, avvanzi u kull faċilità ta' kreditu oħra kif ukoll il-ħruġ ta' obbligazzjonijiet jew *stocks* ta' obbligazzjonijiet jew strumenti oħra li joħolqu jew li jirrikonoxxu debitu.

TAQSIMA VI
RELAZZJONIJIET MA' L-AWTORITÀ KOMPETENTI

Tagħrif, eżami u rapportaġġ mill-Awtorità Kompetenti.

38A. (1) Il-Bank jista' jitlob lill-Awtorità Kompetenti biex tgħaddilu kull informazzjoni fil-pussess ta' jew aċċessibbli għall-Awtorità Kompetenti li l-Bank ikollu bżonn fil-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att jew xi Att ieħor.

(2) Il-Bank jista' bil-miktub jitlob lill-Awtorità Kompetenti biex teżamina, tivverifika u tissottometti rapport lill-Bank fuq kull ħaġa li l-Bank jista' b'mod raġonevoli jitlob fil-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att jew xi Att ieħor u l-Awtorità Kompetenti għandha tħares dik it-talba.

Informazzjoni lill-Awtorità Kompetenti.

38B. (1) Il-Bank għandu jgħaddi lill-Awtorità Kompetenti kull informazzjoni fil-pussess ta' jew aċċessibbli għall-Bank meta jkun hekk mitlub mill-Awtorità Kompetenti fil-qadi ta' dmirijietha taħt xi liġi.

(2) Il-Bank għandu jiddiskuti ma' l-Awtorità Kompetenti ħwejjeġ li jkunu jinteressaw lit-tnejn li jkunu jirriżultaw mill-informazzjoni miġbura taħt l-artikolu 24A ta' dan l-Att.

Konfidenzjalità.

38Ċ. Kull informazzjoni mibdula bejn il-Bank u l-Awtorità Kompetenti tkun suġġetta għad-dmir tas-segretezza professjonali.".

Emenda ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali.

93. Fl-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali, il-kliem minn ",wara li jitqiesu l-obbligi" sal-kliem " 'l-*International Monetary Fund*'" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali.

94. L-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi dwar il-kontroll tal-kambju u tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Bank għandu fl-uffiċju prinċipali tiegħu f'Malta joħroġ u jifdi flus Maltin fid-diskrezzjoni tiegħu kontra assi esterni f'dawk l-ammonti u b'dik ir-rata ta' kambju li l-Bank jistabbilixxi."; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "minn dak stabbilit" għandhom jidħlu l-kliem "minn dak li jista' jiġi stabbilit".

Emenda ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali.

95. Minflok is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(6) Meta tgħaddi sena wara li jiskadi l-perijodu msemmi fl-avviż li jsejjaħ lura l-ġbir ta' biljetti ta' flus taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-biljetti ta' flus hekk imsejħa lura iżda li ma jiġux preżentati biex ikunu mifdija ma jibqgħux jiġu nklużi fil-passiv kurrenti tal-Bank, u l-valur ta' dawk il-biljetti ta' flus, wara li jkun tnaqqas minnu l-valur ta' kull biljett ta' flus li sussegwentement jiġu mifdija, għandu jitqassam fuq il-profitti tal-Bank fuq il-perijodu li jkun fadal biex jagħlaq il-perijodu ta' għaxar snin speċifikat taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

(7) Kull biljett ta' flus li jkun ġie mimsus jew li ma jkunx baqa' valuta legali jew li jkun falz jista' jissejjaħ lura, jitqatta', jiġi distrutt jew xort'oħra jiġi dispost b'dak il-mod u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Bank jista' jiddeċiedi. Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' jieħu kull biljett ta' flus kif intqal qabel mill-pussess ta' kull persuna wkoll jekk dik il-persuna ma tkunx ġiet akkużata jew suspettata li għamlet delitt.

96. Minflok is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali.

"(7) Wara li jgħaddu sitt xhur wara t-tmiem tal-perijodu msemmi fl-avviż li jsejjaħ lura kull muniti taħt is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, kull muniti hekk imsejħa lura iżda li ma jiġux preżentati biex ikunu mifdija ma jibqgħux jiġu nklużi fil-passiv monetarju tal-Bank u l-valur ta' dawk il-muniti, wara li jkun tnaqqas minnu l-valur ta' kull muniti li sussegwentement jiġu mifdija, għandu jitqassam fuq il-profitti tal-Bank fuq il-perijodu li jkun fadal biex jagħlaq il-perijdou ta' sentejn speċifikat taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu.".

97. Minflok l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali.

"Tifsir ta' biljett jew munita tal-flus.

44. Għall-finijiet tas-sitt artikoli li jaħbtu minnufih wara dan, "biljett" jew "munita tal-flus" tfisser biljett jew munita tal-flus maħruġ jew meqjus li jkun maħruġ skond dan l-Att u kull biljett ieħor jew munita oħra tal-flus, imsejjaħ b'isem ikun li jkun, li jkun jew tkun valuta legali fil-pajjiż barra minn Malta li minnu jkun ġie maħruġ jew tkun ġiet maħruġa.".

98. L-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

Emenda ta' l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara l-kliem "jew materjal ieħor," fil-paragrafu (ċ) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "jew jipproduċi f'forma elettronika jew diġitali,"; u

(b) minnufih wara l-kliem "jew materjal ieħor," fil-paragrafu (d) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "jew xi apparat ieħor ta' ħżin elettroniku jew diġitali", u minnufih wara l-kliem "ikunu ġew inċiżi" għandhom jidħlu l-kliem ", prodotti jew maħżunin f'forma elettronika jew diġitali,".

99. Minnufih wara l-artikolu 49 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu 49A ġdid, kif ġej:

Żieda ta' artikolu 49A ġdid fl-Att prinċipali.

"Obbligi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji.

49A. Istituzzjonijiet ta' kreditu, inklużi istituzzjonijiet finanzjarji liċenzjati taħt l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji sabiex jibdlu biljetti u muniti ta' flus ta' valuta differenti bħala attività ta' negozju, għandhom l-obbligu li jirtiraw miċ-ċirkolazzjoni l-biljetti u l-muniti ta' flus kollha li dawn l-istituzzjonijiet ikunu rċevew u li jafu jew għandhom raġuni

bizżejjed biex jemmnu li huma foloz, u għandhom jikkonsenjawhom minnufih lill-Bank.",

u l-artikolu 49A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala artikolu 49B.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali.

100. Minflok l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipal għandu jidħol dan li ġej.

Penalitajiet amministrattivi.

52A (1) Il-Ministru jista' b'regolamenti jipprovdi għal penalitajiet amministrattivi li jistgħu jiġu mposti u miġbura mill-Bank mingħajr rikors għal smigħ minn qorti:

Iżda penalità amministrattiva ma għandhix tkun ikbar minn ħamest elef lira.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' b'dawk ir-regolamenti jippreskrivi penalitajiet amministrattivi għall-infrazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta aġent li jirraporta jikser jew jonqos li jħares ħtieġa biex jirrapporta taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 24A jew ta' l-artikolu 24B ta' dan l-Att jew jonqos li jħares ħtieġa li tkun tinsab f'xi direttiva maħruġa taħt l-artikolu 24B(1) ta' dan l-Att; u

(b) meta parteċipant f'sistema ta' ħlas jikser jew jonqos li jħares ħtieġa li tkun tinsab f'xi direttiva maħruġa taħt l-artikolu 36 ta' dan l-Att.

(3) Il-Ministru jista' iktar minn hekk b'regolamenti jipprovdi dwar pieni amministrattivi li jistgħu jiġu imposti u miġbura mill-Bank mingħajr ebda ħtieġa ta' proċeduri fil-qorti.

(a) fuq istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja, skond il-każ, meta l-istituzzjoni –

(i) tikser jew tonqos milli tħares xi ħtieġa ta' depożitu ta' riserva kif jista' jkun hemm f'xi direttiva maħruġa taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 37 ta' dan l-Att; u

(ii) tikser jew tonqos milli tħares id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 49A;

(b) fuq kull enti morali meta l-offiżi msemmija fl-artikoli 45 sa 49 ta' dan l-Att isiru għal benefiċċju tiegħu minn xi persuna li taġixxi jew waħedha jew bħala parti minn organu ta' l-enti morali u li għandha kariga għolja fl-enti morali, fuq il-bażi ta' –

(i) setgħa ta' rappreżentanza ta' l-enti morali, jew

(ii) awtorità li tieħu deċiżjonijiet għan-nom ta' l-enti morali, jew

(iii) awtorità li teżerċità kontroll fl-enti morali,

kif ukoll li jassisti jew ikun kompliċi fit-twettiq ta' dawn l-offiżi jew li jipprova jwettaq dawn l-offiżi; u

(ċ) fuq kull enti morali meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll mill-persuna msemmija fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu wassal għat-twettiq ta' l-offiża msemmija f'dak il-paragrafu għal benefiċċju ta' dak l-enti morali minn persuna taħt l-awtorità tiegħu.

Ġbir ta' penalitajiet amministrattivi.

52B. (1) Meta bis-saħħa ta' regolamenti magħmula taħt l-artikolu 52A, il-Bank jimponi penali amministrattiva, dan għandu jinnotifika lill-persuna li fuqha tkun imposta l-penali bil-mezz ta' avviż bil-miktub.

(2) Meta penali amministrattiva tkun imposta fuq aġent li jirrapporta dwar xi ksur tad-disposizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 52A(2)(a), dik il-penali tkun bla ħsara għall-obbligu ta' l-intrapriża li tħallas l-ispejjeż tal-verifika, u, jew tal-proċedura għall-ġbir obbligatorju, skond il-każ.

(3) Meta avviż li jimponi penali amministrattiva jkun notifikat lil xi persuna u:

(a) dik il-persuna ma tappellax lit-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "it-Tribunal") skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 36A u tonqos li tħallas lill-Bank il-penali amministrattiva fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż; jew

(b) dik il-persuna tappella lit-Tribunal u tonqos li thallas lill-Bank il-penali amministrattiva kif konfermata jew imnaqqsa mit-Tribunal fi żmien ħmistax-il jum mid-deċiżjoni tat-Tribunal;

f'kull każ bħal dan, il-Bank ikollu d-dritt li jiġbor is-somma dovuta bħala dejn ċivili u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw.

(2) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jew skond il-każ, deċiżjoni tat-Tribunal għandhom, man-notifika ta' kopja tagħhom b'att ġudizzjarju lill-persuna indikata fl-avviż jew fid-deċiżjoni tat-Tribunal, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-fini tat-Titlu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Bye-Laws.

53. Il-Bord jista' jagħmel *bye-laws* li ma jkunux inkonsistenti ma' dan l-Att, għall-bonordni u l-amministrazzjoni tal-Bank.".

Disposizzjoni Tranżitorja.

101. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att prinċipali kif emendati b'din it-Taqsima ma għandhomx japplikaw għall-kwalifika tal-ħatra, żmien tal-ħatra jew kondizzjonijiet tal-ħatra ta' persuni li fil-jum minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima kienu membri tal-Bord tal-Bank Ċentrali ta' Malta, u d-dispożizzjonijiet ta' l-Att prinċipali kif fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima dwar kwalifika tal-ħatra, żmien tal-ħatra u l-kondizzjonijiet tal-ħatra tagħhom għandhom ikomplu jseħħu dwar dawk il-persuni sat-tmiem tal-ħatra tagħhom.

TAQSIMA V
EMENDI TA' L-ATT DWAR IĊ-ĊENTRI GHAS-SERVIZZI FINANZJARJI TA' MALTA, KAP. 330

Emendi ta' l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Kap. 330.

102. (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista' jistabilixxi b'avviż fil-Gazzetta u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

Jemenda t-titolu fil-qosor u t-titolu fit-tul ta' l-Att prinċipali.

103. Fit-titolu fit-tul u fit-titolu fil-qosor ta' l-Att prinċipali, u fl-artikolu 1 tiegħu, minflok il-kliem "iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta".

104. "L-Arranġament ta' l-Artikoli" li jidher qabel l-Att prinċipali għandu jitħassar. Tħassir ta' l-arranġament ta' l-artikoli.

105. Minflok l-artikolu 2 ta' l-att prinċipali għandu jidħol dan li ġej : Sostituzzjoni ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

Tifsir. 2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-artikolu 3 ta' dan l-Att;

"Bord ta' l-Amministrazzjoni u Riżorsi" tfisser il-Bord imwaqqaf bl-artikolu 11 ta' dan l-Att;

"Bord tal-Gvernaturi" tfisser il-Bord tal-Gvernaturi ta' l-Awtorità mwaqqaf bl-artikolu 6 ta' dan l-Att;

"Direttur Ġenerali" tfisser iċ-*Chairman* tal-Kunsill ta' Sorveljanza mwaqqaf bl-artikolu 10 ta' dan l-Att;

"Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinazzjoni" tfisser il-Kumitat stabbilit bl-artikolu 9 ta' dan l-Att;

"Kunsill ta' Sorveljanza" tfisser il-Kunsill imwaqqaf taħt l-artikolu 10 ta' dan l-Att;

"*Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi" tfisser il-persuna maħtura skond l-artikolu 20 ta' dan l-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Finanzi;

"persuna" tinkludi kull entità korporata jew mhux korporata li jista' jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni oħra maħruġa mill-Awtorità jew li taqa' taħt l-awtorità ta' sorveljanza jew regolatorja ta' l-Awtorità;

"preskritt" tfisser preskritt taħt dan l-Att;

"sena finanzjarja" tfisser perijodu ta' tnax-il xahar li jibda fl-1 ta' Jannar u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena;

"servizzi finanzjarji"tfisser il-kummerċ bankarju, il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni u attivitajiet ta'

intermedjarji fl-assigurazzjoni, il-kummerċ tat-titoli, u l-kummerċ ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tinkludi reġistrazzjoni ta' kumpaniji u tħaris ta' leġislazzjoni dwar il-kumpaniji u dawk l-oqsma l-oħra ta' attivitajiet finanzjarji li jistgħu jitqiegħdu mill-Ministru taħt l-awtorità ta' sorveljanza jew regolatorja ta' l-Awtorità;

"l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Operat" tfisser iċ-*Chairman* tal-Bord ta' l-Amministrazzjoni u r-Riżorsi.".

Sostituzzjoni tat-Taqsimiet I sa IV u ta' l-Iskedi ta' l-Att prinċipali.

106. (a) L-artikoli 16 u 17 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala l-artikoli 25 u 26 tiegħu rispettivament.

(b) Minflok it-Taqsima I (barra mill-artikoli 25 u 26 kif numerati mill-ġdid) u t-Taqsimijiet II, III u IV ta' l-Att prinċipali u minflok l-Iskedi li jinsabu ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej :

"Twaqqif ta' l-Awtorità

3. (1) Għandu jkun hemm Awtorità, li tissejjaħ l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(2) L-Awtorità għandha tkun enti morali li jkollha personalità ġuridika distinta u tkun tista' tidħol għal kuntratti, takkwista u tiddisponi minn proprjeta' ta' kull xorta għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew kull liġi oħra, tħarrek u tiġi mħarrka u li tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u tidħol għal dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew qadi ta' xi funjonijiet tagħha msemmija hawn fuq.

Funzjonijiet ta' l-Awtorità.

4. (1) Bla ħsara għal xi setgħa jew funzjoni oħra mogħtija lilha b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, tkun il-funzjoni ta' l-Awtorità:

(a) li tirregola, issegwi u tissorvelja servizzi finanzjarji f'Malta;

(b) li tippromovi l-interessi ġenerali u l-aspettativi leġittimi tal-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji, u li tippromovi prattiċi ta' kompetizzjoni ġusta u għażla tal-konsumatur f'servizzi finanzjarji;

(ċ) li ssegwi u tisssorvelja prattiċi ta' negozju u ta' kummerċ dwar il-provvista ta' servizzi finanzjarji lil persuni privati u oħrajn, u li tipprovdi tagħrif u linji ta' gwida rilevanti lill-pubbliku;

(d) li ssegwi l-operat u r-rinfurzar tal-liġijiet li direttament jew indirettament jolqtu lill-konsumatur ta' servizzi finanzjarji f'Malta u li tagħmel jew tikkummissjona dak l-istudju, riċerka jew stħarriġ li jidhirlha xierqa dwar dan;

(e) li tagħti parir lill-Gvern b'mod ġenerali fuq il-formulazzjoni ta' *policies* fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u li tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet lill-Gvern fuq l-azzjoni li fil-fehma ta' l-Awtorità tkun spedjenti dwar ħwejjeġ li jaqgħu taħt il-funzjonijiet regolatorji jew ta' sorveljanza ta' l-Awtorità;

(f) li tinvestiga allegazzjonijiet ta' prattika u attivitajiet li jkunu ta' ħsara għall-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji, u b'mod ġenerali iżżomm taħt is-sorveljanza prattiċi ta' kummerċ dwar il-provdiment ta' servizzi finanzjarji u li tidentifika, u tieħu dawk il-miżuri biex titwaqqaf jew tiġi evitata kull prattika li tkun inġusta, danneġġuża jew li xort'oħra tagħmel ħsara lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji;

(ġ) li tiżgura l-ogħla livelli ta' kondotta u amministrazzjoni fis-sistema finanzjarja;

(h) li taqdi dawk il-funzjonijiet jew dmirijiet l-oħra li jistgħu jiġu assenjati lilha taħt dan l-Att jew xi liġi oħra.

(2) Għall-qadi aħjar tal-funzjonijiet tagħha, l-Awtorità għandha tikkolabora ma' korpi oħra lokali u barranin, dipartimenti tal-Gvern, organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet oħra li jeżerċitaw setgħat regolatorji ta' sorveljanza jew ta' liċenza taħt xi liġi f'Malta jew barra minn Malta jew li xort'oħra jsegwu jew jissorveljaw oqsma jew attivitajiet fis-settur tas-servizzi finanzjarji, u li tagħmel arranġamenti għal skambju reċiproku ta' informazzjoni jew għal forom oħra ta' għajnuna fuq ħwejjeġ regolatorji jew ta' sorveljanza.

(3) L-Awtorità jkollha s-setgħa li timponi dawk id-drittijiet kif jista' jiġi preskritt, u tiġbor ħlasijiet dwar kull talba, applikazzjoni jew ħaġa oħra li tiġi sottomessa lilha taħt dan l-Att jew xi liġi oħra inklużi d-drittijiet u l-ħlasijiet dwar kull permess, liċenza, awtorizzazzjoni, eżenzjoni jew benefiċċju ieħor, kif ukoll drittijiet u ħlasijiet dwar il-

funzjonijiet regolatorji, ta' superviżjoni jew investigattivi taħt dan l-Att jew xi liġi oħra.

(4) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet u l-poteri assenjati lilha taħt dan l-Att jew kull Att ieħor, l-Awtorità hi marbuta li timxi skond l-obbligi internazzjonali ta' Malta. F'dan l-Att, "l-obbligi internazzjonali ta' Malta" ikollha t-tifsira mogħtija lilha taħt l-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Investiment.

L-Awtorità

5. (1) L-organi prinċipali ta' l-Awtorità huma l-Bord tal-Gvernaturi, il-Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinazzjoni, il-Kunsill ta' Sorveljanza, il-Bord ta' l-Amministrazzjoni u r-Riżorsi u l-Uffiċċju Legali.

(2) Ikun id-dmir ta' l-organi ta' l-Awtorità li jipprovdu lill-Bord tal-Gvernaturi b'dik l-informazzjoni kollha li tkun meħtieġa għall-qadi xieraq tal-funzjonijiet tiegħu u b'mod partikolari biex jiżgura li l-*policies* tiegħu jkunu qed jiġu eżegwiti b'mod xieraq.

Il-Bord tal-Gvernaturi.

6 (1) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jistabilixxi l-*policies* li għandhom jiġu eżegwiti mill-Awtorità. Waqt li jkun qed jistabbilixxi dawk il-*policies* il-Bord tal-Gvernaturi għandu jsegwi l-linji ta' gwida dwar dik il-*policy* stabbilita mill-Gvern. Il-Bord tal-Gvernaturi jkun ukoll responsabbli biex jagħti pariri lill-Gvern kif provdut fl-artikolu 4 ta' dan l-Att u li jagħti pariri lill-Ministru taħt l-artikolu 31 ta' dan l-Att.

(2) Il-Bord tal-Gvernaturi jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) *Chairman*, maħtur mill-Prim Ministru;

(b) sitt membri oħra maħtura mill-Prim Ministru minn fost persuni li jkunu distinti fil-kummerċ, attivitajiet finanzjarji, il-professjonijiet, is-servizzi pubbliċi jew fil-ħajja akkademika li fil-fehma tiegħu jkunu jistgħu jirrappreżentaw il-mod kif jaħsbuha l-industrija u l-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji.

(3) Persuna ma tikkwalifikax biex tkun maħtura bħala *Chairman* jew membru tal-Bord tal- Gvernaturi jew ta' xi organu ieħor ta' l-Awtorità, jew li żżomm xi kariga ma' l-Awtorità, jekk tkun detentur ta' liċenza jew awtorizzazzjoni oħra maħruġa mill-Awtorità jew xort'oħra taqa' taħt il-

funzjonijiet regolatorji jew ta' sorveljanza ta' l-Awtorità, jew tkun direttur, uffiċjal jew impjegat ta' dak id-detentur jew persuna oħra.

(4) Meta ċ-*Chairman* ikun nieqes jew ma jkunx jista' jeżerċita l-funzjonijiet u s-setgħat tal- kariga tiegħu u l-Prim Ministru ma jkunx ħatar persuna oħra biex taġixxi bħala *Chairman* matul il-perijodu ta' nuqqas jew inabbilta', il-membri l-oħra tal-Bord tal-Gvernaturi għandhom jagħżlu wieħed mill-membri l-oħra tal-Bord biex jaqdi l-funzjonijiet taċ-*chairman* matul kull perijodu.

(5) Iċ-*Chairman* u l-membri tal-Bord tal-Gvernaturi għandhom iżommu l-kariga għal dak iż-żmien, li ma jkunx iktar minn ħames snin, kif jista' jiġi speċifikat fl-ittra tal-ħatra, u jkunu eliġibbli li jinħatru mill-ġdid; għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi.

(6) (a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu persuna ma tkunx eliġibbli li tinħatar jew li żżomm kariga bħala *Chairman* jew bħala membru tal-Bord tal-Gvernaturi jekk -

(i) tkun membru tal-Kamra ta-Deputati; jew

(ii) tkun legalment inkapaċi jew interdetta; jew

(iii) tkun ġiet dikjarata falluta jew tkun għamlet kompożizzjoni jew arranġament mal-kredituri tagħha; jew

(iv) tkun kisret xi dispożizzjoni magħmula minn xi liġi jew taħtha li jkollha l-iskop li tħares il-membri tal-pubbliku kontra kull telf finanzjarju li jiġi kawżat minn diżonesta, inkopetenza jew għemil ħażin li jkollha x'taqsam ma' l-għoti ta' servizzi finanzjarji jew fl-amministrazzjoni ta' kumpaniji; jew

(v) tkun ħadet sehem f'xi prattika kummerċjali li tidher lill-Prim Ministru li tkun qarrieqa jew oppressiva jew mod ieħor mhux xierqa (sew jekk kontra l-liġi jew le) jew b'mod ieħor tiġbed fuqha nuqqas ta' kreditu dwar il-metodu li

tuża biex tmexxi n-negozju jew l-attivitajiet professjonali tagħha; jew

(vi) tkun ħadet sehem fi jew tkun assoċjata ma' xi prattika kummerċjali oħra jew mod ieħor ġabet ruħha b'dak il-mod li jitfa' dubju fuq il-kompetenza u l-maturità tal-ġudizzju tagħha; jew

(vii) ikollha xi nteress finanzjarju jew xi nteress ieħor li jista' jippreġudikaha fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha; jew

(viii) tkun mod ieħor mhux idoneja u xierqa li jkollha dik il-kariga.

(b) Sabiex jistabbilixxi jekk persuna hijiex idoneja u xierqa, il-Prim Ministru għandu jqis l-integrità ta' dik il-persuna, kemm hi persuna kompetenti u matura fil-ġudizzju tagħha biex twettaq ir-responsabbilitajiet ta' dik il-kariga, id-diliġenza kif tkun twettaq jew x'aktarx twettaq dawk ir-responsabbilitajiet u jekk l-interessi ta' xi persuna oħra humiex, jew x'aktarx ikunu, b'xi mod mhedda jekk l-ewwel persuna jkollha dik il-kariga.

(ċ) Kull persuna li l-Prim Ministru jkun ħatar jew jipproponi li jaħtar bħala membru tal-Bord tal-Gvernaturi għandha, kull meta l-Prim Ministru hekk jitlobha, tagħtih dak it-tagħrif li l-Prim Ministru jqis meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijietu taħt is-sub-paragrafi (a) u (b) ta' hawn fuq.

(d) Membru tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Prim Ministru minħabba f'inkapaċita li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga, kemm jekk minħabba mard mentali jew fiżiku, jew għal xi raġuni oħra, jew għal imġieba ħażina; u għall-finijiet ta' dan il-paragrafu nuqqas ta' attendenza ripetuta u mhux ġustifikata mil-laqgħat tista' titqies li tammonta għal imġieba ħażina.

(e) Kull membru tal-Bord tal-Gvernaturi jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu bil-mezz ta' ittra indirizzata lill-Prim Ministru.

(f) Il-ħatra ta' kull persuna bħala membru tal-Bord tal-Gvernaturi u t-tmiem ta' kariga jew riżenja ta' persuna bħal dik, ikunu notifikati fil-Gazzetta.

Laqgħat tal-Bord tal-Gvernmaturi.

7. (1) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiltaqa' spiss kemm ikun meħtieġ jew spedjenti, iżda f'ebda każ inqas minn darba kull tliet xhur. Il-laqgħat għandhom jissejħu miċ-*Chairman* jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba bil-miktub ta' tlieta mill-membri.

(2) Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jaġixxi minkejja xi vakanza fost il-membri kemm-il darba jkun hemm preżenti għal-laqgħa *quorum* ta' mhux inqas minn tliet membri.

(3) Il-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi jkunu preseduti miċ-*Chairman*, jew fl-assenza tiegħu mill-aġent *Chairman*, jew minn membru elett mill-membri preżenti għal dik il-laqgħa partikolari.

(4) Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti, u ċ-*Chairman* jew il-persuna li tkun qed tippresjedi l-laqgħa, jkollha vot oriġinali u f'każ ta' vot indaqs, vot ieħor jew vot deċiżiv.

(5) (a) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jagħżel wieħed mill-uffiċjali ta' l-Awtorità biex jaġixxi bħala Segretarju tal-Bord tal-Gvernaturi għal dak iż-żmien li l-Bord tal-Gvernaturi jidhirlu xieraq.

(b) Ikun id-dmir tas-Segretarju li jagħmel it-tħejjijiet neċessarji għal-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi u li jżomm minuti ta' dawk il-laqgħat.

(6) Kull parteċipazzjoni fil-proċedimenti tal-Bord tal-Gvernaturi minn persuna li ma jkollhix dritt li tagħmel hekk, ma tinvalidax il-proċedimenti.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, il-Bord tal-Gvernaturi jista' jirregola l-proċedimenti tiegħu stess.

(8) Il-Bord jista' jistieden lil kull persuna u jista' jordna lil kull uffiċjal jew impjegat ta' l-Awtorità biex jattendi għal laqgħa tal-Bord tal-Gvernaturi u li jieħu sehem fid-diskussjonijiet.

Rappreżentanza legali u ġuridika.

8. Ir-rappreżentanza legali u ġuridika ta' l-Awtorità tkun vestita fiċ-*Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi, jew f'dik il-persuna l-oħra li l-Bord tal-Gvernaturi jista' jistabbilixxi għal każ speċifiku jew għal klassi ta' każijiet:

Iżda l-Bord tal-Gvernaturi jista' minn żmien għal żmien jaħtar xi wieħed jew aktar mill-uffiċjali jew impjegati ta' l-Awtorità, biex jidher f'isem l-Awtorità u għaliha f'kull proċedimenti ġudizzjarji jew f'xi att, kuntratt, strument jew dokument ieħor ikun li jkun, jew fi klassi jew kategoriji tagħhom.

Il-Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinazzjoni.

9. (1) Il-Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinazzjoni jkun responsabbli li jikkordina l-implimentazzjoni tal-*policies* ta' l-Awtorità.

(2) Il-Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinazzjoni jkun magħmul miċ-*Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi, li għandu jippresjedi l-Kumitat, mid-Direttur Ġenerali u mill-uffiċjal Prinċipali ta' l-Operat ta' l-Awtorità.

(3) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jagħżel wieħed mill-uffiċjali ta' l-Uffiċċju Legali biex jagħmilha ta' Segretarju tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinazzjoni għal dak il-perijodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Bord tal-Gvernaturi jidhirlu xieraq.

(4) Ikun id-dmir tas-Segretarju li jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għal-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinazzjoni u li jżomm il-minuti ta' dawk il-laqgħat.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att għandhom, safejn applikabbli, japplikaw għal-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinazzjoni kif japplikaw għal-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi.

Il-Kunsill ta' Sorveljanza.

10. (1) Il-Kunsill ta' Sorveljanza jkun responsabbli għall-approvazzjoni u l-ħruġ ta' liċenzi u awtorizzazzjonijiet oħra, għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal dawk il-liċenzi u awtorizzazzjonijiet, u biex isegwi u jissorvelja persuni u entitajiet oħra liċenzjati jew awtorizzati mill-Awtorità fis-settur ta' servizzi finanzjarji.

(2) Il-Kunsill ta' Sorveljanza jkun magħmul mid-Direttur Ġenerali, li għandu jippresjedi l-Kunsill, u minn kull wieħed mid-Diretturi responsabbli rispettivament fl-Awtorità għal Kummerċ Bankarju, Kumpaniji, Assigurazzjoni, Servizzi ta' Investiment u għal kull qasam ieħor ta' servizzi finanzjarji taħt is-sorveljanza regolatorja ta' l-Awtorità.

(3) Il-Kunsill ta' Sorveljanza għandu jagħżel wieħed mill-uffiċjali ta' l-Awtorità li jkun jaħdem f'xi waħda mill-funzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu biex jagħmilha ta' Segretarju tal-Kunsill għal dak il-perijodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Bord tal-Gvernaturi jidhirlu xierqa.

(4) Ikun id-dmir tas-Segretarju li jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għal-laqgħat tal-Kunsill ta' Sorveljanza u li jżomm minuti ta' dawk il-laqgħat.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att għandhom, safejn huma applikabbli, japplikaw għal-laqgħat tal-Kunsill ta' Sorveljanza kif japplikaw għal-laqgħat tal-Kunsill ta' Sorveljanza li japplikaw għal-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi.

Il-Bord ta' l-Amministrazzjoni u r-Riżorsi.

11. (1) Il-Bord ta' l-Amministrazzjoni u r-Riżorsi jkun responsabbli għall-amministrazzjoni ta' kuljum u għall-finanzi ta' l-Awtorità inklużi l-iżvilupp kummerċjali u servizzi anċillari u għall-kordinazzjoni ġenerali ta' l-affarijiet amministrattivi ta' l-Awtorità, u jkun magħmul mill-persuni responsabbli għal dawk l-attivitajiet fl-Awtorità kif ikunu magħżula mill-Bord tal-Gvernaturi.

(2) L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Operat għandu jippresjedi l-Bord ta' l-Amministrazzjoni u Riżorsi.

(3) Il-Bord ta' l-Amministrazzjoni u r-Riżorsi għandu jagħżel wieħed mill-uffiċjali ta' l-Awtorità li jkun jaħdem f'xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, biex jagħmilha ta' Segretarju tal-Bord ta' l-Amministrazzjoni u r-Riżorsi għal dak il-perijodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Bord tal-Gvernaturi jidhirlu xierqa.

(4) Ikun id-dmir tas-Segretarju li jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għal-laqgħat tal-Bord u li jżomm il-minuti ta' dawk il-laqgħat.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att għandhom, safejn huma applikabbli, japplikaw għall-Bord ta' l-Amministrazzjoni u r-Riżorsi kif japplikaw għall-Bord tal-Gvernaturi.

L-Uffiċċju Legali.

12. L-Uffiċċju Legali għandu jipprovdi dawk il-pariri u servizzi legali u servizzi oħra kif il-Bord tal-Gvernaturi u organi oħra ta' l-Awtorità jistgħu jeħtieġu fit-twettiq tal-funzjonijiet u dmirijiet tagħhom.

Uffiċjali u mpjegati ta' l-Awtorit'a.

13. (1) L-Awtorità tista' taħtar Direttur Ġenerali, Uffiċjal Prinċipali ta' l-Operat, *Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi u dawk l-uffiċjali u mpjegati oħra li jidhirlha li jkunu meħtieġa biex twettaq il-funzjonijiet, is-setgħat u d-dmirijiet tagħha taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra. Il-ħatra ta' l-uffiċjali u mpjegati oħra ta' l-Awtorità barra mid-Direttur Ġenerali, l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Operat u l-*Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi għandhom isiru mill-Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinazzjoni taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Bord tal-Gvernaturi jista' jistabbilixxi.

(2) Għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali u ta' kull dispożizzjoni ta' natura penali taħt xi liġi oħra, il-membri ta' l-Awtorità, u kull uffiċjal jew impjegat tagħha, għandhom jitqiesu li huma uffiċjali pubbliċi.

Tixrid ta' informazzjoni.

14. (1) L-Awtorità għandha tagħmel arranġamenti f'dik il-forma u b'dak il-mod li jidhirlha xieraq għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni u pariri li jidhirlha li jkunu spedjenti li tagħti lill-pubbliku dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew xi liġi oħra.

(2) Fl-arranġamenti għall-publikazzjoni ta' kull informazzjoni jew pariri bħal dawk, l-Awtorità għandha tikkunsidra d-dmir tas-segretezza professjonali u, kemm ikun prattikabbli għandha żżomm lura milli tippubblika xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-ħajja privata ta' individwu, meta fil-fehma ta' l-Awtorità l-pubblikazzjoni ta' dik il-ħaġa taffettwa jew tista' taffettwa b'mod serju u bi preġudizzju l-interessi ta' dak l-individwu.

Skemi ta' kumpens.

15. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' liġijiet oħra, il-Ministru, li jaġixxi fuq il-parir ta' l-Awtorità, jista' jagħmel regolamenti biex jistabbilixxi, jikkordina, jamalgama u xort'oħra jirregola skemi jew sotto-skemi ta' kumpens jew arranġamenti simili oħra fis-settur tas-servizzi finanzjarji:

(a) għall-provediment ta' kumpens meta detenturi ta' liċenza jew kategorji tagħhom, ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn depożitanti, investituri, detenturi ta' polza jew oħrajn li jagħmlu talba dwar kull responsabbilta' li jkunu daħlu għaliha b'konnessjoni mat-twettiq ta' xi attività li dwarhom ikunu liċenzjati jew xort'oħra awtorizzati, u

(b) għall-provediment ta' kumpens li jinħoloq minn jew b'konnessjoni ma' xi responsabbilta' oħra kif jista' jiġi preskritt, u biex jirregola l-amministrazzjoni u l-finanzjament ta' kull skemi jew arranġamenti għal kumpens bħal dawk u l-kontribuzzjonijiet jew imposti li għandhom jitħallsu fihom, u dawk ir-regolamenti jistgħu jagħmlu dispożizzjoni differenti għal klassijiet differenti ta' detenturi ta' liċenza u oħrajn li jagħmlu talba.

16. (1) Bla ħsara għal kull funzjoni jew setgħa oħra mogħtija taħt dan l-Att jew xi liġi oħra, fit-twettiq tal-funzjonijiet u setgħat tagħha taħt dan l-Att, l-Awtorità jkollha d-dritt li titlob aċċess raġonevoli għall-post tan-negozju, uffiċċji, dokumentazzjoni u nformazzjoni oħra dwar l-attivitajiet liċenzjati jew awtorizzati mill-Awtorità jew li xort'oħra jaqgħu taħt il-funzjonijiet ta' sorveljanza jew regolatorji tagħha. Id-diretturi u *managers*, ikunu x'ikunu msejħa, jew kull persuni oħra li huma jew li kienu nkarigati mill-operat jew l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-funzjonijiet ta' sorveljanza jew regolatorji ta' l-Awtorità għandhom jgħinu u jikkollaboraw ma' l-Awtorità sabiex tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha, u għandhom jiġbru u jibgħatu mingħajr telf ta' żmien dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni li l-Awtorità tista' titlob b'mod raġonevoli minn żmien għal żmien. Setgħat ta' l-Awtorità.

(2) L-Awtorità tista' toħroġ direttivi u linji ta' gwida li jirregolaw il-proċeduri u d-dmirijiet ta' persuni liċenzjati jew awtorizzati minnha jew li jaqgħu taħt il-funzjonijiet regolatorji jew ta' sorveljanza tagħha u dawk id-direttivi u linji ta' gwida jistgħu:

(a) jipprovdu għal prospetti, dikjarazzjonijiet u avvizi li għandhom isiru għal kull raġunijiet li dwarhom l-Awtorità teżerċita funzjonijiet ta' sorveljanza jew regolatorji taħt dan l-Att jew xi liġi oħra, u l-forma u l-kontenut tagħhom; u

(b) jippreskrivu l-informazzjoni li dawk il-persuni għandhom jissottomettu lill-Awtorità.

17. (1) Ħlief għall-qadi xieraq tad-dmirijiet jew tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att jew xi liġi oħra, il-membri tal-Bord tal-Gvernaturi jew ta' xi organu ieħor ta' l-Awtorità, u l-uffiċjali u l-impjegati ta' l-Awtorità għandhom jittrattaw Tibdil ta' informazzjoni.

kull informazzjoni li tinkiseb waqt il-qadi ta' dmirijiethom bħala konfidenzjali u m'għandhom, la direttament u lanqas indirettament, jikxfu dik l-informazzjoni lil ebda persuna oħra, ħlief bil-kunsens tal-persuna li tkun ħarġet l-informazzjoni.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, l-Awtorità tista', meta ssirilha talba bil-miktub għaldaqshekk, tiżvela informazzjoni:

(a) lil awtorità jew korp kompetenti barrani li jkun qiegħed iwettaq funzjonijiet simili jew ekwivalenti sabiex tassistih fi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mar-regolamentazzjoni u sorveljanza ta' servizzi finanzjarji;

(b) lil kull korp jew awtorità oħra ffurmata jew stabbilita taħt xi liġi Maltija fuq ħwejjeġ li dwarhom dak il-korp jew dik l-awtorità jista' jkollha funzjoni regolatorja, ta' sorveljanza, ġudizzjarja jew ta' liċenzjar skond il-liġi:

Iżda l-Awtorità għandha tiżvela l-informazzjoni meta hija tkun meħtieġa jew tiġi mitluba li tagħmel dan skond ma jesiġu l-obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta, jew meta jkun hekk meħtieġ fil-parametri tar-rabtiet ta' qbil li jiġu assunti f'pattijiet ta' ftehim bilaterali jew multilaterali għall-iskambju ta' informazzjoni u forom oħra ta' kollaborazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji oħra barranin inkluża talba li toriġina taħt *Memorandum of Understanding* li jsir ma' l-Awtorità Kompetenti.

Komuni-kazzjonijiet mal-Bank Ċentrali ta' Malta.

18. Il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Awtorità għandhom fuq talba jibdlu l-informazzjoni fil-pussess tagħhom li tkun meħtieġa għall-qadi mill-Bank Ċentrali tad-dmirijiet tiegħu taħt l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, u mill-Awtorità taħt dan l-Att jew xi liġi oħra.

Konsiderazzjoni ta' ilmenti.

19. (1) L-Awtorità tista' tinvestiga kull ħaġa li:-

(a) għandha x'taqsam mal-funzjonijiet li jitwettqu mill-Awtorità taħt dan l-Att jew xi liġi oħra; u

(b) tkun is-suġġett ta' rappreżentazzjoni (barra minn dik li tidher lill-Awtorità li tkun frivola) magħmula lill-Awtorità minn jew f'isem persuna li tkun tidher lill-Awtorità li jkollha nteress fil-ħaġa.

(2) Meta l-Awtorità tkun investigat xi ħaġa taħt dan l-artikolu, għandha tħejji rapport fuq dik il-ħaġa u (suġġetta għal kull obbligu dwar is-segretezza professjonali) tibgħat kopja ta' kull rapport bħal dak, lil dawk minn dawn il-persuni li ġejjin, kif jidhirlha xieraq, jiġifieri:-

(a) lil kull persuna li għaliha jirreferi r-rapport jew li jkun jidher lill-Awtorità li jkollha nteress fil-ħaġa li għaliha jirreferi r-rapport;

(b) lil kull persuna li l-funzjonijiet tagħha taħt xi liġi jidhru lill-Awtorità li jkun eżerċitabbli dwar dik il-ħaġa;

(ċ) lil kull persuna li tidher lill-Awtorità li tkun persuna li għandha tikkonsidra r-rapport biex tistabbilixxi kif taġixxi dwar dik il-ħaġa.

Ħatra ta' *Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi.

20. (1) l-Awtorità għandha taħtar *Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi.

(2) Tkun il-funzjoni tal-*Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi li jinvestiga l-ilmenti mingħand konsumaturi privati li jinqalgħu minn jew b'konnessjoni ma' xi transazzjoni ta' servizzi finanzjarji, u li jibgħat dawk il-każijiet skond kif ikun meħtieġ jew xieraq lill-Kunsill ta' Sorveljanza għall-konsiderazzjoni tiegħu; iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem li tagħti lil konsumatur dritt speċifiku li jeħtieġ lill-*Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi li jagħtih parir fuq xi ħaġa partikolari jew li jaġixxi f'ismu f'xi kwistjoni ma' persuna liċenzjata quddiem xi qorti jew tribunal, ħlief sal-limitu, jekk il-każ, kif provdut għalih b'dan l-Att jew xi liġi oħra.

(3) Il-*Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi jew kull uffiċjal ieħor ta' l-Awtorità awtorizzat kif imiss jista' jikkomunika lill-konsumatur, li l-ilment tiegħu setgħa ġie investigat mill-Awtorità, informazzjoni dwar kull ħaġa li setgħa sar jaf biha waqt l-investigazzjoni jew bħala riżultat tagħha.

Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji.

21. (1) Għandu jkun hemm Tribunal li jissejjaħ "it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji", f'dan l-Att ukoll imsejjaħ 'Tribunal', li għandu jeżerċita u jaqdi l-funzjonijiet u s-setgħat mogħtija lilu bil-liġi.

(2) It-Tribunal ikun magħmul miċ-*Chairman* u żewġ membri oħra maħtura mill-Ministru.

(3) Iċ-*Chairman* ikun avukat li għal perijodu ta' jew perijodi li fit-total jammontaw għal, mhux inqas minn tnax-il sena jkun serva bħala avukat f'Malta jew serva bħala maġistrat f'Malta, jew parti hekk ipprattika u parti hekk serva.

(4) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra ta' xi liġi dwar il-kompożizzjoni tat-Tribunal jew il-kwalifiki tal-membri tiegħu, iż-żewġ membri l-oħra msemmija tat-Tribunal għandhom ikunu persuni li fil-fehma tal-Ministru jkollhom il-kapaċità u l-esperjenza meħtieġa fil-kummerċ jew regolamentazzjoni ta' servizzi finanzzjarji, jew finanzi.

(5) Iċ-*Chairman* u l-membri l-oħra tat-Tribunal għandhom iżommu l-kariga għal perijodu ta' tliet snin, ikunu eliġibbli li jerġgħu jinħatru u ma jistgħux jitneħħew matul il-perijodu tal-ħatra tagħhom ħlief minħabba inkapaċità li jaqdu l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom sew jekk tkun ġejja minn inkapaċita fiżika jew mentali jew xi raġuni oħra, jew minħabba mġieba ħażina ppruvata.

(6) Iċ-*Chairman* u l-membri l-oħra tat-Tribunal għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni stabbilita fid-dokument tal-ħatra tagħhom.

(7) Ir-rimunerazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu ma għandix tinbidel matul il-perijodu tal-ħatra ta' membru li jkun qed jirċeviha, ħlief għal dak it-tibdil li jista' jkun meħtieġ minn żmien għal żmien, biex f'kull żmien matul il-ħatra jinżamm il-proporzjon tar-rimunerazzjoni mas-salarju ta' mħallef tal-qrati superjuri, kif kien fid-data tal-ħatra.

(8) Fis-smigħ ta' appell li jsir lilu taħt xi liġi, it-Tribunal ikollu s-setgħa -

(a) li jikkonferma, jaqleb jew ivarja d-deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti taħt il-liġi rilevanti u li jagħti direzzjonijiet li jkunu fis-setgħa tiegħu taħt dan l-Att jew xi liġi oħra lill-imsemmija awtorità kompetenti biex timplimenta d-deċiżjoni tat-Tribunal;

(b) li jeħtieġ il-produzzjoni ta' kull dokument jew informazzjoni oħra;

(ċ) li jordna l-ħlas ta' l-ispejjeż minn xi parti fl-appell.

(9) It-talba għad-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tkun, għar-raġunijiet miġjuba mill-appellant -

(a) jekk l-awtorità kompetenti tkunx, fid-deċiżjoni tagħha, applikat ħażin xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(b) jekk id-deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti tikkostitwix abbuż ta' diskrezzjoni jew tkunx inġusta manifestament:

Iżda d-diskrezzjoni ta' l-awtorità kompetenti ma tistax, sakemm tkun ġiet eżerċitata b'mod xieraq, tkun mistoqsija mit-Tribunal:

Iżda wkoll, ma għandu jkun hemm ebda appell minn deċiżjoni li tkun timponi piena li ma teċċedix mitt lira.

(10) It-Tribunal ikollu s-setgħa li jħarrek xhieda u li jagħtihom il-ġurament, u li jaħtar kull espert jew esperti li jidhirlu meħtieġa biex jiddeċiedi l-każ quddiemu.

(11) Appell lit-Tribunal għandu jsir bil-miktub fejn jiġi spjegat ċar il-motiv għal dak l-appell sa mhux iktar tard minn tletin jum mid-data li d-deċiżjoni jew l-azzjoni fil-kwistjoni tkun ġiet notifikata lill-persuna aggravata, u t-Tribunal għandu jittratta kull kwistjoni quddiemu bl-akbar urġenza u għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu mingħajr dewmien.

(12) It-Tribunal għandu jżomm is-seduti tiegħu fil-pubbliku sakemm meta jikkunsidra n-natura tal-kwistjoni quddiemu, it-Tribunal ma jidhirlux sewwa u xieraq li jmexxi l-proċedimenti jew xi parti minnhom bil-magħluq; f'kull każ bħal dak id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha dejjem tingħata fil-pubbliku.

(13) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jirregolaw il-proċeduri sabiex isiru u jitmexxew appelli quddiem it-Tribunal, iżda fin-nuqqas ta' dawk ir-regolamenti u bla ħsara għar-regoli ta' ġustizzja naturali, it-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(14) Appell fuq kwistjoni ta' liġi biss mid-deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir lill-Qorti ta' l-Appell. Fid-

deċiżjoni ta' appell bħal dak, il-Qorti ta' l-Appell ikollha s-setgħa kollha tat-Tribunal għall-għemil ta' ordnijiet.

(15) Il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' b'regolamenti magħmula taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti dwar il-preżentata ta' atti ġudizzjarji li għandhom x'jaqsmu ma' appelli lill-Qorti ta' Appell taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li jinsabu fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(16) F'dan l-artikolu "awtorità kompetenti" tirreferi għall-awtorità kompetenti maħtura taħt xi liġi dwar servizzi finanzjarji.

Dispożizzjonijiet finanzjarji.

22. Id-dħul ta' l-Awtorità jkun magħmul minn:

(a) dħul li jinkiseb dwar liċenzi, awtorizzazzjonijiet u reġistrazzjonijiet u drittijiet jew ħlasijiet oħra li jitħallsu taħt dan l-Att jew xi liġi oħra li bis-setgħa tagħha l-Awtorità twettaq funzjonijiet ta' reġistrazzjoni, ta' sorveljanza, regolatorji jew funzjonijiet simili;

(b) kirja, mgħax u profitti li jinqalgħu minn proprjeta', depożiti u assi oħra ta' l-Awtorità;

(ċ) kull flejjes oħra riċevuti jew li għandhom jiġu riċevuti mill- Awtorità.

Estimi u nfiq.

23. (1) Il-Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinazzjoni għandu jara li jiġu mħejjija dwar kull sena finanzjarja u mhux iktar tard minn sitt ġimgħat wara tmiem is-sena finanzjarja ta' qabel biex jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi, fi żmien sitt ġimgħat minn meta jiġu preżentati b'emendi jew mingħajrhom, estimi tad-dħul u nfiq ta' l-Awtorità għal dik is-sena finanzjarja.

(2) Fit-tħejjija ta' dawk l-estimi l-Awtorità għandha tagħmel mill-aħjar biex tassigura li d-dħul totali ta' l-Awtorità jkun mill-inqas biżżejjed biex ikopri s-somom kollha li b'mod xieraq jinħarġu mill-kont tad-dħul u nfiq, inklużi, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dik l-espressjoni, deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dik il-forma u għandu jkun fihom dik l-informazzjoni u dawk il-paraguni ma' snin ta' qabel skond kif jordna l-Bord tal-Gvernaturi.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jekk dwar xi sena finanzjarja jinstab illi l-ammont approvat mill-Bord tal-Gvernaturi ma jkunx biżżejjed, jew tkun inqalgħet il-ħtieġa ta' nfiq għal skop li ma jkunx hemm maħsub għalih fl-estimi, il-Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinament jista' jadotta estimi supplementari għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi u, f'kull każ bħal dan id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li japplikaw għall- estimi għandhom kemm jista' jkun japplikaw għall estimi supplementari.

Setgħat oħra ta' l-Awtorità.

24. (1) L-Awtorità tista':

(a) iżżomm kontijiet ma' xi bank;

(b) tinvesti xi attiv likwidu tiegħu f'titoli ta' l-ewwel klassi ta' perjodi qosra u medji skond kif ikun ġie approvat mill-Bord tal-Gvernaturi;

(ċ) takkwista, tixtri, tikri jew tiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli kif ikun meħtieġ għall-attivitajiet tagħha jew għal xi skopijiet anċillari jew inċidentali għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

(2) Għall-fini tal-qadi ta' xi funzjoni tagħha taħt dan l-Att, l-Awtorità tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru tissellef jew tiġbor flus b'dak il-mod, mingħand dik il-persuna, korp jew awtorità, u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru jista' japprova bil-miktub."; u

"Kontijiet u verifika.

27. (1) L-Awtorità għandha tieħu ħsieb li jinżammu kotba tal-kontijiet xierqa u *records* oħra dwar l-operat tagħha u għandha tieħu ħsieb li ssir dikjarazzjoni tal-kontijiet dwar kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet ta' l-Awtorità jkunu verifikati minn awdituri maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi minn fost persuni li jkunu kwalifikati biex jinħatru awdituri ta' kumpannija.

Dmir ta' l-Awtorità li tirraporta lill-Kamra.

28. L-Awtorità għandha, kmieni kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-egħluq ta' kull sena

finanzjarja, tgħaddi lill-Kamra permezz tal-Ministru, kopja tal-kontijiet annwali tagħha ċertifikata mill-awdituri flimkien ma' rapport dwar il-ħidmiet tagħha matul is-sena ta' qabel.

Eżenzjoni minn responsabbiltà.

29. L-Awtorità, il-Bord tal-Gvernaturi, il-Kumitat Eżekuttiv ta' Kordinazzjoni, il-Kunsill ta' Sorveljanza, il-Bord ta' l-Amministrazzjoni u r-Riżorsi, l-Uffiċċju Legali u l-uffiċjali u impjegati ta' l-Awtorità ma jkunux suġġetti għad-danni għal xi ħaġa li tkun saret jew li naqset milli ssir fil-qadi jew f'dak li jidher li kien il-qadi ta' xi funzjoni taħt dan l-Att, kemm-il darba l-egħmil jew in-nuqqas jintwera li jkun sar jew li naqas milli jsir, skond il-każ, f'*mala fede*.

Eżenzjoni mit-Taxxi.

30. L-Awtorità tkun eżentata minn kull responsabbilta' għall-ħlas tat-taxxa fuq l-*income*, taxxa fuq trasferimenti u dokumenti, u dazju tad-dwana u tas-sisa taħt xi liġi li tkun fis-seħħ dak iż-żmien.".

Dispożizzjonijiet tranżitorji.

107. (1) L-Awtorità stabbilità bl-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali kif emendat b'din it-Taqsima tkompli fil-personalità taċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta kif stabbilit mill-Att prinċipali kif kien fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima u skond hekk għandha tkompli bid-drittijiet u obbligi kollha tiegħu.

(2) Kull liċenzi, *warrants*, approvazzjonijiet, awtorizzazzjonijiet, ħatriet, avviżi, deċiżjonijiet jew atti oħra li saru jew ġew meħuda miċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li saru jew li ġew meħuda mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u kull riferenza f'xi liġi għaċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandha titqies bħala riferenza għall-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta imwaqqfa taħt l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali kif emendat b'dan l-Att.

(3) It-Tribunal imwaqqaf bl-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali kif emendat b'din it-Taqsima għandu jkun kontinwazzjoni tat-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji mwaqqaf taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u kull riferenza f'xi liġi għall-imsemmi Tribunal imwaqqaf taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju għandha titqies bħala riferenza għat-Tribunal imwaqqaf taħt l-artikolu 21 ta' dan l-Att kif emendat b'din it-Taqsima. Kull deċiżjonijiet u atti li saru jew ġew meħuda mit-Tribunal imwaqqaf taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju għandhom jitqiesu li huma deċiżjonijiet jew atti meħuda jew li jkunu saru mit-Tribunal imwaqqaf taħt l-Att prinċipali kif emendat b'dan l-Att u l-proċedimenti kollha pendenti quddiem it-Tribunal imwaqqaf taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju għandhom ikomplu jinstemgħu mit-Tribunal kif

imwaqqaf bl-Att prinċipali kif emendat b'dan l-Att. Il-ħatra tal-membri tat-Tribunal imwaqqaf taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju għandha tkompli sseħħ daqslikieku saret taħt l-Att prinċipali, iżda kull ħatra hekk magħmula għandha tiskadi fid-data li fiha kienet tiskadi oriġinarjament.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att prinċipali kif fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima għandhom ikomplu jirregolaw il-ħwejjeġ li jinsabu u li hemm riferenza għalihom dwar kumpaniji *offshore* u dwar *nominees* sa dak iż-żmien li l-Ministru responsabbli għall-finanzi li jaġixxi fuq il-parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, b'avviż fil-Gazzetta u bl-awtorità ta' dan is-subartikolu, jippreskrivi xort'oħra; u dawk id-dispożiżżjonijiet għandhom ikomplu japplikaw daqslikieku kull riferenza li hemm fihom għaċ-Ċentru kienet riferenza għall-Awtorità, u kull riferenza li hemm fihom għall-Kumitat jew għall-Kumitat Eżekuttiv kienet riferenza għall-Kunsill ta' Sorveljanza maħtur taħt l-Att prinċipali kif emendat u daqslikieku riferenza għaċ-*Chief Executive* kienet riferenza għad-Direttur Ġenerali maħtur taħt l-Att prinċipali kif emendat.

(5) Kull persuna li tkun qed tgawdi minn xi privileġġi, eżenzjonijiet jew xi benefiċċju ieħor taħt id-dispożizzjonjiet ta' l-Att prinċipali kif fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima għandhom, sakemm skond dawk id-dispożizzjonjiet dak il-privileġġ, eżenzjoni jew benefiċċju ma kellhomx jieqfu f'data qabel, tkompli tgawdihom sa dak iż-żmien li l-Ministru responsabbli għall-finanzi b'avviż fil-Gazzetta taħt l-awtorità ta' dan is-subartikolu ma jordnax xort'oħra.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5) ta' dan l-artikolu, l-Ministru jista' b'regolamenti magħmula taħt l-awtorità ta' dan is-subartikolu jissostitwixxi d-drittijiet li jinsabu fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali kif fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att:

Iżda ma jistax, kemm-il darba ma jkunx awtorizzat b'riżoluzzjonijiet tal-Kamra tad-Deputati, iżid xi drittijiet bħal dawk b'iktar minn mija fil-mija.

TAQSIMA VI
EMENDI TA' L-ATT DWAR IL-BORŻA TA' MALTA, KAP. 345.

108. (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, Kap. 345.

(2) Din it-Taqsima għandha tibda' fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'ordni fil-Gazzetta jistabilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

Titolu ġdid u numerazzjoni mill-ġdid ta' Taqsimiet ta' l-Att prinċipali.

109. (1) L-intestaturi tat-Taqsimiet ta' l-Att Prinċipali, jiġifieri t-Taqsima I Preliminari, it-Taqsima II Kostituzzjoni, Funzjonijiet u Għamla tal-Borża, it-Taqsima III it-Tribunal tal-Borża ta' Malta, it-Taqsima IV Dispożizzjonijiet Finanzjarji u t-Taqsima V Mixxelanji, għandhom jiġu numerati mill-ġdid u jingħataw titolu ieħor kif ġej:

(a) "Taqsima I Preliminari"

(b) "Taqsima II '*Exchange*' ta' Investimenti Rikonoxxuti"

(ċ) "Taqsima III L-Awtorità dwar l-Elenku"

(d) "Taqsima IV Il-Borża ta' Malta"

(e) "Taqsima V Setgħat Regolatorji u ta' Sorveljanza"

(f) "Taqsima VI Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji"u

(ġ) "Taqsima VII Mixxelanji".

(2) Il-varji intestaturi kif numerati mill-ġdid u mogħtija t-titoli mill-ġdid fis-subartikolu (1) għandhom jidhru rispettivament kif ġej:

(a) l-intestatura fil-paragrafu (a) qabel l-artikolu 1;

(b) l-intestatura fil-paragrafu (b) qabel l-artikolu 3;

(ċ) l-intestatura fil-paragrafu (ċ) qabel l-artikolu 11;

(d) l-intestatura fil-paragrafu (d) qabel l-artikolu 24;

(e) l-intestatura fil-paragrafu (e) qabel l-artikolu 32;

(f) l-intestatura fil-paragrafu (f) qabel l-artikolu 42; u

(ġ) l-intestatura fil-paragrafu (g) qabel l-artikolu 45.

(2) Riferenzi għal artikolu fis-subartikolu (2) huma riferenzi għall-artikoli ta' l-Att prinċipali kif numerati mill-ġdid jew imdaħħlin b'din it-Taqsima ta' dan l-Att.

110. (1) L-artikoli 6, 9, 10, 13 sa 26, 29, 32, 34 u 37 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru.

Tħassir u numerazzjoni mill-ġdid ta' l-artikoli ta' l-Att prinċipali.

(2) L-artikoli 3, 4, 5, 7, 8, 12, 27, 28, 30 u 31 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala artikoli 24, 25, 26, 28, 29, 38, 30, 31, 48 u 50 rispettivament u għandhom ikunu traspostati fl-Att prinċipali, skond is-sekwenza numerika tagħhom kif ġew numerati mill-ġdid.

111. Fit-titolu fit-tul ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Biex jistabbilixxi l-Borża ta' Malta u sabiex jirregola l-funzjonijiet tagħha"għandhom jidħlu l-kliem "Biex jirregola l-*Exchanges* ta' Investimenti u".

Emenda tat-titolu fit-tul ta' l-Att prinċipali.

112. Fl-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "L-Att dwar il-Borża ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji".

Emenda ta' l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali.

113. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok it-tifsira ta' "ligijiet sussidjarji" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "*Bye-laws*" tfisser *Bye-laws* magħmula skond l-artikolu 28 ta' dan l-Att;";

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "Bank Ċentrali" għandhom jidħlu t-tifsiriet li ġejjin:

" "*Chairman*" tfisser iċ-*chairman* tal-Borża;

"Depożitarju Ċentrali tat-Titoli" tfisser id-depożitarju stabbilit mill-Borża skond il-*Bye-laws* tagħha;

"detentur ta' liċenza" tifisser persuna li tkun detentur ta' liċenza taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Investiment;"; Kap. 370

(ċ) minflok it-tifsira ta' " kumpanija" għandu jidħol dan li ġej:

" "Kumpanija" tinkludi:

(i) kumpanija pubblika ffurmata u reġistrata skond l-Att dwar il-Kumpaniji; u Kap. 386

(ii) kumpanija kostitwita jew inkorporata, jew li tkun se tiġi kostitwita jew inkorporata barra minn Malta, kemm jekk il-kumpanija jkollha jew le post ta' negozju stabbilit f'Malta;

"Kumpanija Elenkata" tfisser kumpanija li t-titoli tagħha jkunu ġew aċċettati fl-elenku ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut skond dan l-Att;";

(d) minnufih qabel t-tifsira ta' "Bank Ċentrali" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità Kompetenti" tfisser dik il-persuna jew korp ieħor li l-Ministru għandu jaħtar b'avviż fil-Gazzetta, sabiex teżerċità l-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att u twettaq dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jista' jidhirlu xieraq relattivament għall-operat ta' dan l-Att;";

(e) fit-tifsira ta' "Kunsill" minflok il-kelma "4" għandha tidħol il-kelma "25";

(f) it-tifsira ta' "Gvernatur" għandha titħassar;

(ġ) fit-tifsira ta' "kummerċ intern" minflok il-kliem "l-Att kontra *Insider Dealing*" għandhom jidħlu l-kliem "Att dwar Reati għal *Insider Dealing* u Abbużi mis-Suq";

(h) fit-tifsira ta' "spettur" minflok il-kelma "16" għandha tidħol il-kelma "33";

(i) minnufih qabel it-tifsira ta' "Awtorità Kompetenti" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "abbuż mis-suq" tfisser imġieba li tammonta għal reat ta' abbuż mis-suq taħt l-Att dwar Reati għal *Insider Dealing* u Abbuż mis-Suq;

"Awtorità dwar l-Elenku" tfisser dik il-persuna jew korp maħtur mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta bħala l-Awtorità dwar l-Elenku, għall-finijiet ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att, iżda sa dak iż-żmien li l-Ministru jagħmel dik il-ħatra kull riferenza għall-Awtorità dwar l-Elenku għandha tiftiehem bħala riferenza għall-Kunsill;";

(j) minflok it-tifsira ta' "membri" għandha tidħol din li ġejja:

" "membri" dwar *exchange* ta' investimenti rikonoxxut" tfisser il-membri ta' dak l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut;";

(k) minnufih wara t-tifsira ta' "liġijiet sussidjarji"għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Lista Uffiċjali" tfisser il-lista mhejjija u pubblikata mill-Borża bħala l-lista uffiċjali tagħha skond il-*Bye-Laws* tagħha;";

(l) fit-tifsira ta' "mod ordnat" minflok il-kliem "regoli ta' negozjar" għandhom jidħlu l-kliem "il-*Bye-Laws*";

(m) fit-tifsira ta' "kumpanija kwotata" minflok il-kliem "għall-kummerċ tal-Borża skond il-ħtiġiet ta' l-elenku, hekk kif jista' jiġi stabbilit fil-liġijiet sussidjarji" għandhom jidħlu l-kliem "għall-elenku u kummerċ fuq *exchange* rikonoxxut skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att";

(n) minflok it-tifsira ta' "titoli kwotati" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "titoli elenkati" jew "titoli kwotati" tfisser titoli li jkunu ġew aċċettati fl-elenku ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut skond dan l-Att;";

(o) minnufih wara t-tifsira "Lista Uffiċjali", għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Lista Rikonoxxuta" tfisser lista mhejjija u pubblikata minn '*exchange*' ta' investimenti rikonoxxut skond il-*Bye-Laws* ta' dak l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut;";

(p) fit-tifsira ta' "kumpanija msieħba" minnufih wara l-kliem "dik il-kumpanija," għandhom jidħlu l-kliem "*holding company* tagħha;";

(q) fit-tifsira ta' "titoli" minflok il-kelma "kumpanija" għandhom jidħlu l-kliem "soċjeta' kummerċjali";

(r) it-tifsira "spettur speċjali" għandha titħassar;

(s) fit-tifsira ta' "statut" minflok il-kliem "l-artikolu 7" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 28";

(t) minflok it-tifsira ta' "*stockbroker*" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

Kap. 370.

" "*stockbroker*" tfisser kull detentur ta' liċenza awtorizzat mill-awtorità kompetenti taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' *broker* għax-xiri jew bejgħ ta' titoli kwotati: iżda kull liċenza ta' *stockbroker* maħruġa mill-Kunsill tal-Borża ta' Malta għandha tkompli fis-seħħ sakemm tiġġedded jew tiġi revokata mill-Awtorità Kompetenti taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Investiment;";

(u) fit-tifsira ta' "negozjar" minflok il-kelma "titoli" għandhom jidħlu l-kliem "titoli kwotati"; u

(v) minflok it-tifsira ta' "tribunal" għandha tidħol din li ġejja:

Kap 330.

" "Tribunal" tfisser it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji mwaqqaf taħt l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta:

Iżda għall-finijiet ta' proċeduri taħt dan l-Att membri tat-tribunal maħtura taħt l-artikolu 21 ta' dan l-Att għandhom ikunu sostitwiti mill-persuni maħtura mill-Ministru taħt dan l-artikolu, li jkunu persuni li fil-fehma tal-Ministru jkollhom il-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa biex jittrattaw każijiet bħal dawk, u d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' l-imsemmi artikolu 21 ta' l-imsemmi Att għandhom japplikaw għall-membri maħtura taħt dan l-artikolu bl-istess mod u sa l-istess limitu kif japplikaw għall-membri sostitwiti minnhom.".

Żieda ta' artikoli ġodda 3 sa 23 ma' l-Att prinċipali.

114. Minnufih wara l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-artikoli ġodda 3 sa 23 li ġejjin:

"Ħtiġiet għal rikonoxximent.

3. Il-Ministru, bil-parir ta' l-Awtorità Kompetenti, jista' jagħmel regolamenti li jistabbilixxu -

(a) il-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti minn *exchange* ta' investiment biex jikkwalifika bħala '*exchange*' ta' investimenti rikonoxxut u li dwaru l-Awtorità Kompetenti tista' tagħmel ordni, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "ordni ta' rikonoxximent" taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att;

(b) il-ħtiġiet inklużi ħtiġiet għal rapporti u kondizzjonijiet li *exchange* ta' investimenti rikonoxxut għandu jkompli jissodisfa biex jibqa' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut;

(ċ) iċ-ċirkostanzi u l-mod li bih ordni ta' rikonoxximent jew il-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet li għalih ikun suġġett jistgħu jkunu mibdula, sospiżi jew revokat;

(d) ir-regoli għar-regolamentazzjoni u sorveljanza ta' *exchanges* ta' investimenti rikonoxxuti;

(e) arranġamenti għall-investigazzjoni ta' lmenti dwar *exchange* ta' investimenti rikonoxxut;

(f) il-funzjonijiet tat-Tribunal dwar il-proċedimenti taħt ir-regoli ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut minn persuni li huma suġġetti għal dawk ir-regoli;

(ġ) arranġamenti għall-iskrutinju ta' regoli u prattiċi ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut u għat-tħaris minn prattiċi ristrettivi skond l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379) u kull regoli, regolamenti jew direttivi magħmula bis-saħħa tiegħu;

(ħ) kategoriji ta' transazzjonijiet li jistgħu jitwettqu biss fuq *exchange* ta' investimenti rikonoxxut u ċ-ċirkostanzi li fihom investitur ikun eżentat minnhom;

(i) jipprekrivu kull ħaġa li hi inċidentali ma' xi ħaġa li ssemmiet hawn fuq jew konnessa magħha.

Applikazzjoni għal rikonoxxi-ment.

4. (1) (a) Ebda persuna ma għandha tipprovdi, jew turi li qed tipprovdi servizzi ta' *exchange* ta' investiment f'Malta jew minn Malta kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex fil-pussess tagħha ordni ta' rikonoxximent.

(b) Kull korp, inkorpat jew le, jista' japplika lill-Awtorità Kompetenti għal ordni ta' rikonoxximent taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att biex jiddikjarah bħala *exchange* ta' investimenti rikonoxxut għall-finijiet ta' dan l-Att.

(2) Applikazzjoni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha ssir b'dak il-mod li l-Awtorità Kompetenti

tista' tordna u jkollha magħha kopja tar-regoli jew tal-*Bye-laws* ta' l-applikant.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ direttivi li jistabilixxu -

(a) il-mod u l-forma li biha għandha ssir applikazzjoni;

(b) il-partikolaritajiet u dawk il-ħwejjeġ l-oħra li għandhom jingħataw minn applikant;

(ċ) dik l-informazzjoni l-oħra li l-Awtorità Kompetenti tista' b'mod raġonevoli teħtieġ sabiex tiddeċiedi l-applikazzjoni;

(d) kull ħaġa oħra inċidentali jew konnessa mal-ħwejjeġ ta' hawn fuq.

(4) L-informazzjoni li tista' teħtieġ l-Awtorità dwar applikazzjoni għandha tingħata f'dik il-forma, u għandha tiġi verifikata b'dak il-mod, li l-Awtorità Kompetenti tista' tordna.

(5) Direttivi differenti jistgħu jinħarġu mill-Awtorità Kompetenti taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu dwar klassijiet jew kategoriji differenti ta' applikazzjonijiet.

(6) Fid-deċiżjoni ta' applikazzjoni l-Awtorità Kompetenti tista' tikkunsidra kull informazzjoni li jidhrilha li tkun rilevanti għall-applikazzjoni.

(7) L-Awtorità Kompetenti tista', fuq applikazzjoni magħmula taħt is-subartikoli (1) u (2) u bla ħsara għal kull direttivi maħruġa taħt l-artikolu 4(3), tagħmel jew tirrifjuta li tagħmel ordni ta' rikonoxximent.

(8) Ordni ta' rikonoxximent għandu jġib d-data effettiva tiegħu.

(9) Meta l-Awtorità Kompetenti tirrifjuta applikazzjoni għal ordni ta' rikonoxximent, din għandha tagħti lill-applikant avviż dwar dan fejn tagħti r-raġunijiet għar-rifjut.

(10) Jekk l-Awtorità Kompetenti tirrifjuta applikazzjoni għal ordni ta' rikonoxximent l-applikant ikollu dritt jappella skond l-artikolu 43 ta' dan l-Att.

(11) Ordni ta' rikonoxximent jista', skond dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti, jinbidel, ikun sospiż jew jiġi revokat mill-Awtorità Kompetenti.

Direttivi.

5. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ direttivi li jeħtieġu *exchange* ta' investimenti rikonoxxut li jagħtiha -

(a) avviż ta' dawk il-ġrajjiet dwar dak l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut kif jista' jiġi speċifikat mill-Awtorità Kompetenti; u

(b) dik l-informazzjoni dwar dawk il-ġrajjiet kif jista jiġi speċifikat mill-Awtorità Kompetenti;

(ċ) dik l-informazzjoni l-oħra dwar l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut, f'dawk iż-żminijiet u dwar dak il-perijodu kif jista' jiġi speċifikat mill-Awtorità Kompetenti.

(2) Kull direttivi maħruġa mill-Awtorità Kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-informazzjoni tingħata f'forma speċifika u tkun verifikata b'mod speċifiku.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ direttivi għar-regolamentazzjoni aħjar ta' *exchanges* ta' investimenti rikonoxxuti.

Direttivi ma japplikawx jew ikunu modifikati.

6. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' tordna li xi waħda mid-direttivi maħruġa taħt l-artikolu 5 ta' dan l-Att ma għandhomx japplikaw dwar xi *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jew li japplikaw għal dak l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut b'dawk il-modifiki li jistgħu jkunu speċifikati fid-direttiva, jekk tkun sodisfatt li -

(a) it-tħaris mill-*exchange* ta' l-investimenti rikonxxut tad-direttivi, jew tad-direttivi mhux modifikati, ikun ta' xejn bla bżonn jew ma jilħaqx l-għan li għalih ikunu saru d-direttivi; u

(b) in-nuqqas ta' tħaris jew modifikazzjoni tad-direttivi kif intqal qabel ma jkunx jirriżulta f'riskju żejjed lil persuni li l-interessi tagħhom dawk id-direttivi huma maħsuba li jipproteġu.

(2) Direttiva maħruġa mill-Awtorità Kompetenti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tista' tkun suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità Kompetenti jidhirlha xierqa.

Sorveljanza.

7. (1) L-Awtorità Kompetenti tista', kull meta jidhrilha li *exchange* ta' investimenti rikonoxxut-

(a) ikun naqas, jew x'aktarx ikun se jonqos, milli jissodisfa l-ħtiġiet għar-rikonoxximent f'dan l-Att jew taħtu; jew

(b) ikun naqas li jħares xi obbligu ieħor impost fuqu b'dan l-Att jew taħtu, toħroġ dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi -

(i) sabiex tiżgura li l-korp iħares dawk il-ħtiġiet u kull obbligi mposti fuqu b'dan l-Att jew taħtu;

(ii) li bihom teħtieġ kull ħaġa li għandha ssir jew li ma għandhix issir, jew timponi kull projbizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jew xi ħtieġa oħra tkun li tkun.

(2) Is-setgħa għall-ħruġ ta' direttivi taħt dan l-artikolu tinkludi s-setgħa li tagħmel dawk id-direttivi suġġetti għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità Kompetenti jidhrilha xierqa kif ukoll is-setgħa għall-emenda, revoka jew sostituzzjoni ta' kull direttiva bħal dik.

Revoka ta' ordni ta' rikonoxxi-ment.

8. (1) Ordni ta' rikonoxximent jista' jiġi revokat b'ordni magħmul mill-Awtorità Kompetenti fuq it-talba, jew bil-kunsens ta' l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut jew xort'oħra kif provdut f'dan l-Att.

(2) Jekk ikun jidher lill-Awtorità Kompetenti li *exchange* ta' investimenti rikonoxxut –

(a) ikun qed jonqos, jew ikun naqas, li jissodisfa l-ħtiġiet għal rikonoxximent taħt dan l-Att, jew

(b) ikun qed jonqos jew ikun naqas li jħares xi obbligu ieħor impost fuqu b'dan l-Att jew taħtu,

tista' tagħmel ordni li jirrevoka l-ordni ta' rikonoxximent għal dak il-korp ukoll jekk dak il-korp ma jixtieqx jew ma jagħtix il-kunsens tiegħu għar-revoka ta' l-ordni ta' rikonoxximent.

(3) Ordni taħt is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu li jirrevoka ordni ta' rikonoxximent, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' revoka" għandu jispeċifika d-data li fiha għandu jibda jseħħ.

(4) Fil-każ ta' ordni ta' revoka magħmul taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, id-data speċifikata ma għandhix tkun iktar kmieni mit-tmiem tal-perijodu ta' tliet xhur li jibdew mill-jum li fih isir l-ordni.

(5) Ordni ta' revoka jista' jkun fih dawk id-dispożizzjonijiet tranżitorji, kif l-Awtorità Kompetenti jidhrilha meħtieġa jew spedjenti.

Avviż ta' direttiva jew revoka.

9. (1) Qabel ma toħroġ direttiva taħt l-artikolu 7, jew qabel ma' tagħmel ordni ta' revoka taħt l-artikolu 8(2), l-Awtorità Kompetenti għandha –

(a) tagħti avviż bil-miktub tal-ħsieb tagħha li hekk tagħmel lill-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut konċernat; u

(b) tieħu dawk il-passi li jidhrilha raġonevolment prattikabbli biex iġġib l-avviż għall-attenzjoni ta' kull persuni oħra li, fil-fehma tagħha, x'aktarx ikunu milquta bih.

(2) Avviż taħt is-subartikolu (1) għandu-

(a) jagħti r-raġunijiet għaliex l-Awtorità Kompetenti tkun bi ħsiebha toħroġ id-direttiva jew tagħmel l-ordni ta' revoka; u

(b) jiġbed l-attenzjoni għad-dritt li jsiru rappreżentazzjonijiet mogħtija bis-subartikolu (3).

(3) Qabel it-tmiem tal-perijodu għall-għemil ta' rappreżentazzjonijiet-

(a) *exchange* ta' investimenti rikonoxxut; u

(b) kull persuna oħra li x'aktarx tkun milquta bl-ordni ta' revoka propost u notifikata skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1),

tista' tagħmel rappreżentazzjonijiet lill-Awtorità Kompetenti.

(4) Iż-żmien għall-egħmil ta' rappreżentazzjonijiet huwa -

(a) xahrejn li jibdew -

(i) mid-data li fiha l-avviż ikun ġie notifikat lill-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut fil-każ ta' l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut; jew

(ii) mid-data li fiha l-avviż ikun inġieb għall-attenzjoni ta' kull persuni oħra notifikati skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu fil-każ ta' dawk il-persuni l-oħra;

(b) dak iż-żmien itwal imsemmi fl-avviż kif l-Awtorità Kompetenti jidhrilha xieraq li tagħti fil-każ partikolari.

(5) Fid-deċiżjoni jekk toħroġx direttiva jew tagħmilx ordni ta' revoka, l-Awtorità Kompetenti għandha tikkonsidra kull rappreżentazzjonijiet magħmula skond is-subartikolu (3).

(6) Jekk l-Awtorità Kompetenti tiddeċiedi li toħroġ id-direttiva proposta jew li tagħmel l-ordni ta' revoka propost, din għandha :

(a) tagħti lill-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut avviż bil-miktub tad-deċiżjoni tagħha; u

(b) meta tiddeċiedi li toħroġ id-direttiva jew li tagħmel l-ordni, tieħu dawk il-passi li jidhrilha raġonevolment prattikabbli biex iġġib id-deċiżjoni tagħha għall-attenzjoni ta' kull persuna oħra li, fil-fehma ta' l-Awtorità Kompetenti, x'aktarx ikunu milquta biha.

Notifikazzjoni ta' azzjoni maħsuba.

10. *Exchange* ta' investimenti rikonoxxut li jkun bi ħsiebu jieħu xi waħda mill-azzjonijiet li ġejjin għandu jinnotifika lill-Awtorità Kompetenti bil-miktub u jkun meħtieġ il-kunsens ta' l-Awtorità Kompetenti qabel ma *exchange* ta' investimenti rikonoxxut ikun leġittimament jista':

(a) jibdel jew jirrevoka r-regoli jew il *Bye-laws* tiegħu; jew

(b) jagħmel jew joħroġ regoli jew *Bye-laws* ġodda; jew

(ċ) jagħmel tibdil fl-arranġamenti għall- provvista ta' servizzi ta' *clearing* dwar transazzjonijiet li jsiru fuq l-*exchange* konċernat jew fil-kriterji li japplika meta jiddeċiedi biex jipprovdi servizzi ta' *clearing*.

Kostituzzjoni u funzjonijiet ta' l-Awtorità dwar l-Elenku.

11. Għandu jkun hemm Awtorità dwar l-Elenku li jkollha l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li tawtorizza l-ammissibilità ta' dawk it-titoli li jidhrilha xierqa għal-Lista Uffiċjali u għal kull Lista Rikonoxxuta oħra;

(b) li tagħmel regoli ("regoli għall-elenku") għall-finijiet ta' din it-Taqsima ta' l-Att;

(ċ) li tiżgura tħaris ma' kull ħtiġiet jew kondizzjonijiet imniżżlin fir-regoli għall-elenku biex titoli elenkati jibqgħu elenkati;

(d) li tagħmel kull regoli oħra li għandha s-setgħa li tagħmel taħt din it-Taqsima ta' l-Att.

Ammissibilità għall-Elenku.

12. (1) (a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, ebda titoli ma jkunu ammessi għall-elenku u għal negozju fuq il-Lista Uffiċjali jew xi Lista Rikonoxxuta oħra kemm-il darba l-Awtorità dwar l-Elenku ma tkunx qabel awtorizzat l-ammissibilità ta' dawk it-titoli għall-elenku skond kull regoli magħmula taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att.

(b) Il-Ministru jista' b'regolamenti jipprovdi li xi titoli li jaqgħu taħt deskrizzjoni jew kategorija speċifikata f'dawk ir-regolamenti ma jkunux ammissibli għall-elenku fil-Lista Uffiċjali jew f'xi Lista Rikonoxxuta oħra.

(2) Il-Borża u kull *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jistgħu jdaħħlu għall-elenku u negozju fuq il-Lista Uffiċjali jew, skond il-każ, fuq il-Lista Rikonoxxuta konċernata dawk it-titoli li jidhrilhom xieraq u-

(a) li jkunu ġew awtorizzati bħala ammissibbli għall-elenku mill-Awtorità dwar l-Elenku; u

(b) li ma jaqgħux f'deskrizzjoni jew kategorija speċifikata f'xi regolament magħmul mill-Ministru taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) bħala li mhux

ammissibbli għal-Lista Uffiċjali jew għal xi Lista Rikonoxxuta oħra:

Iżda bil-kunsens ta' l-Awtorità dwar l-Elenku l-Borża u kull *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jista' jdaħħal fl-elenku titoli li ma jiġux negozjati.

Regoli għall-elenku.

13 L-Awtorità dwar l-Elenku tista' tagħmel regoli għall-elenku:

(a) li jistabbilixxu l-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti minn persuna li tagħmel applikazzjoni biex it-titoli tagħha jkunu awtorizzati bħala ammissibbli għall-Lista Uffiċjali jew xi Lista Rikonoxxuta oħra;

(b) li jistabbilixxu l-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet li applikant għandu jkompli jissodisfa biex it-titoli elenkati tagħha jibqgħu elenkati f'xi waħda minn dawk il-listi;

(ċ) li jistabbilixxu l-mod u l-forma li fihom applikazzjoni għall-ammissibilta' għall-elenku għandha ssir lill-Awtorità dwar l-Elenku u kull drittijiet li għandhom jitħallsu dwarha;

(d) li jistabbilixxu l-forma ta' u l-informazzjoni meħtieġa li tiġi stabbilita f'xi partikolaritajiet dwar l-elenku, fil-prospett jew f'dokument ieħor mogħtija lill-Awtorità dwar l-Elenku skond xi regoli għall-elenku magħmula taħt dan l-artikolu;

(e) li jistabbilixxu l-ħtiġiet ta' reġistrazzjoni dwar xi partikolaritajiet dwar l-elenku, il-prospett jew dokumenti oħra li għandhom ikunu pubblikati skond xi regoli għall-elenku magħmula taħt dan l-artikolu;

(f) li jeħtieġu f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġu stabbiliti fir-Regoli, il-pubblikazzjoni ta' reklami jew informazzjoni oħra dwar applikazzjonijiet għall-ammissibilta' għall-elenku jew ammissjoni għall-elenku u negozju ta' titoli fil-Lista Uffiċjali jew f'xi Lista Rikonoxxuta;

(ġ) li jistabbilixxi s-setgħat regolatorji, investigattivi, dixxiplinari u ta' nfurzar ta' l-Awtorità

dwar l-Elenku, tal-Borża u ta' *exchanges* ta' investimenti rikonoxxuti dwar min joħroġ titoli elenkati;

(ħ) li jistabbilixxu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 17 u 18 ta' dan l-Att, il-penalitajiet għall-ksur ta' regoli għall-elenku li jistgħu jiġu mposti mill-Awtorità dwar l-Elenku taħt l-artikolu 19 ta' dan l-Att;

(i) dwar kull ħaġa li hi nċidentali jew konnessa ma' kull ħaġa hawn fuq imsemmija kif l-Awtorità Kompetenti jidhrilha xieraq.

Kumitat dwar l-elenku.

14. (1) L-Awtorità dwar l-Elenku tista' tistabbilixxi kumitat, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat dwar l-Elenku", li lilu tista' tiddelega kull waħda mill-funzjonijiet u setgħat taħt din it-Taqsima:

Iżda l-Awtorità dwar l-Elenku ma tistax tiddelega s-setgħat tagħha li :

(a) tagħti jew tirrifjuta awtorizzazzjoni għall-ammissibilta' għall-elenku taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att;

(b) li twaqqaf li xi titoli jibqgħu elenkati taħt din it-Taqsima ta' l-Att.

(2) Il-Kumitat dwar l-Elenku jkun magħmul minn dawk il-persuni u jkollu dawk is-setgħat u jħares dawk ir-regoli ta' proċedura murija fid-dokument li jistabbilih.

(3) l-Awtorità dwar l-Elenku tista' tibdel, temenda jew tissostitwixxi kull dokument li jistabbilixxi l-Kumitat dwar l-Elenku.

Elenkar.

15. (1) Applikazzjoni għall-ammissibilta' għall-elenku għandha ssir lill-Awtorità dwar l-Elenku b'dak il-mod li jista' jkun meħtieġ bir-regoli dwar l-elenku.

(2) Ebda applikazzjoni għall-ammissibilta' għall-elenku ma tiġi milqugħa mill-Awtorità dwar l-Elenku kemm-il darba ma ssirx minn, jew bil-kunsens ta' min joħroġ it-titoli konċernati.

(3) L-Awtorità dwar l-Elenku ma għandhix tawtorizza l-ammissibilta' għall-elenku kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li -

(a) il-ħtiġiet ta' kull regola dwar l-elenku applikabbli, u

(b) kull ħtiġiet oħra mposti mill-Awtorità dwar l-Elenku relattivament għall-applikazzjoni,

jkunu ġew imħarsa.

(4) Applikazzjoni għall-ammissibilità għall-elenku għandha tiġi rifjutata jekk l-Awtorità Kompetenti tikkunsidra li l-għoti tagħha jkun ta' ħsara għall-interessi ta' l-investituri.

Notifika ta' deċiżjoni.

16. (1) l-Awtorità dwar l-Elenku għandha tinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha li taċċetta applikazzjoni għall-ammissibilità fl-elenku -

(a) qabel it-tmiem tal-perijodu ta' 40 jum li jibda mid-data li fiha l-applikazzjoni tkun ġiet riċevuta; jew

(b) jekk f'dak il-perijodu l-Awtorità dwar l-Elenku tkun talbet lill-applikant biex jipprovdi iktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni, qabel it-tmiem tal-perijodu ta' 40 jum li jibda mid-data li fiha dik l-informazzjoni tkun provduta.

(2) Jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tonqos li tinnotifika lill-applikant skond is-subartikolu (1), għandha titqies li baghtet avviż bil-miktub bil-quddiem kif provdut fis-subartikolu (4).

(3) Jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tiddeċiedi li tawtorizza l-ammissibilità għall-elenku għandha taghti avviż bil-miktub dwar dan lill-applikant.

(4) Jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tipproponi li tirrifjuta awtorizzazzjoni għall-ammissibilità dwar l-elenku, għandha taghti lill-applikant avviż bil-miktub bil-quddiem tal-ħsieb tagħha li tirrifjuta l-applikazzjoni fejn taghti r-raġunijiet għax qed tipproponi r-rifjut u tiġbed l-attenzjoni ta' l-applikant bid-drittijiet tiegħu li jagħmel rappreżentazzjonijiet skond is-subartikolu (5).

(5) Applikant li jkun irċieva avviż bil-miktub bil-quddiem tal-ħsieb ta' l-Awtorità dwar l-Elenku biex tirrifjuta l-awtorizzazzjoni għall-ammissibilità dwar l-elenku tista' tagħmel rappreżentazzjonijiet lill-Awtorità dwar l-Elenku-

(a) fi żmien xahar mid-data li fiha l-avviż bil-quddiem ikun ġie notifikat lill-applikant; jew

(b) f'dak iż-żmien itwal li jkun imsemmi fl-avviż bil-quddiem li l-Awtorità dwar l-Elenku jidhrilha xieraq li tagħti fil-każ partikolari.

(6) Jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tiddeċiedi li tirrifjuta applikazzjoni għall-ammissibilità għall-elenku din għandha tagħti lill-applikant avviż tad-deċiżjoni tagħha bil-miktub fejn tagħti r-raġunijiet għar-rifjut u tiġbed l-attenzjoni ta' l-applikant għad-dritt tiegħu li jirreferi l-kwistjoni lit-Tribunal.

(7) Jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tiddeċiedi li tirrifjuta applikazzjoni għall-ammissibilità għall-elenku l-applikant ikollu dritt għal appell lit-Tribunal skond l-artikolu 43 ta' dan l-Att.

Twaqqif jew sospensjoni.

17. (1) (a) L-Awtorità dwar l-Elenku tista' skond regoli għall-elenku, u sew minn jeddha jew fuq it-talba tal-Borża jew ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut ieħor li fuqhom xi titoli ikunu ġew ammessi għall-elenku u għan-negozju, twaqqaf jew tissospendi l-elenkar ta' dawk it-titoli jekk tkun sodisfatta li jkun hemm ċirkostanzi li jisthoqqu dik is-sospensjoni jew dak it-twaqqif.

(b) Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jkunu bla ħsara għas-setgħa tal-Borża jew ta' xi *exchange* ta' investimenti rikonoxxut li fuqhom xi titoli jkunu ġew elenkati li jissospendu l-elenkar ta' kull titoli bħal dawk skond ir-regoli tagħha jekk ikun hemm raġuni li temmen li dan ikun fl-interess tal-Borża jew ta' xi *exchange* ta' investimenti rikonoxxut, skond il-kaz, jew tal-pubbliku jew investituri b'mod ġenerali:

Iżda sospensjoni ordnata mill-Borża jew minn *exchange* ta' investimenti rikonoxxut ieħor li fihom it-titoli konċernati jkunu ġew elenkati ma tistax, mingħajr l-approvazzjoni ta' l-Awtorità dwar l-Elenku tkun iktar minn għaxart ijiem f'kull perijodu ta' tliet xhur:

Iżda wkoll, id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) u ta' l-artikolu 18 ta' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull sospensjoni ordnata mill-Borża jew *exchange* ta' investimenti rikonoxxut ieħor li fuqhom it-titoli konċernati jkunu elenkati u r-regoli ta' kull *exchange* ta' investimenti rikonoxxut għandhom jgħidu li d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) u ta' l-artikolu 18 ta' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull sospensjoni ordnata minn dak l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut.

(2) Jekk l-elenkar ta' xi titoli jkun ġie sospiż taħt is-subartikolu (1), dawk it-titoli jistgħu xorta jibqgħu jiġu trattati bħala li huma elenkati għal dawk l-għanijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fir-regoli għall-elenku.

(3) Jekk l-Awtorità dwar l-Elenku twaqqaf jew tissospendi l-elenkar ta' xi titoli, min joħroġhom ikollu dritt għal appell lit-Tribunal skond l-artikolu 43 ta' dan l-Att.

Avviż ta' twaqqif jew sospensjoni.

18. (1) Jekk l-Awtorità dwar l-Elenku –

(a) tipproponi li twaqqaf jew tissospendi l-elenkar tat-titoli, jew

(b) tiddeċiedi li tissospendi l-elenku ta' titoli b'effett immedjat,

għandha tagħti lill-persuna li toħroġ it-titoli avviż bil-miktub.

(2) It-twaqqif jew sospensjoni ta' l-elenkar ta' titoli jkollu effett immedjat jew minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fl-avviż taħt is-subartikolu (1).

(3) Avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) għandu-

(a) jagħti d-dettalji tat-twaqqif jew sospensjoni;

(b) jagħti r-raġuni ta' l-Awtorità dwar l-Elenku għat-twaqqif jew sospensjoni, iżda l-interess tal-Borża jew ta' xi *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jew l-interess tal-pubbliku jew ta' l-investituri jikkostitwixxi raġuni biżżejjed; u

(ċ) jgħarraf lil min joħroġ it-titoli li jkun jista' jagħmel rappreżentazzjonijiet lill-Awtorità dwar l-Elenku f'dak iż-żmien li jista' jiġi speċifikat fl-avviż;

(d) jgħarraf lil min joħroġ it-titoli bid-data li fiha dak it-twaqqif jew dik is-sospensjoni se jkollha effett jew bid-data li fiha s-sospensjoni kellha effett jekk l-avviż taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jgħid li s-sospensjoni għandu jkollha effett immedjat:

Iżda l-obbligu li jingħata avviż ta' deċiżjoni biex jiġi sospiż l-elenkar ta' titoli u d-dritt ta' min joħroġ it-titoli biex jagħmel rappreżentazzjonijiet dwarha jkunu bla ħsara għas-setgħa ta' l-Awtorità dwar l-Elenku li tissospendi l-elenkar ta' kull titoli b'effett immedjat.

(4) L-Awtorità dwar l-Elenku tista' testendi l-perjodu li matulu jistgħu jsirulha rappreżentazzjonijiet.

(5) Jekk wara li tikkunsidra kull rappreżentazzjonijiet magħmula minn min joħroġ it-titoli l-Awtorità dwar l-Elenku tiddeċiedi-

(a) li twaqqaf jew tissospendi l-elenkar tat-titoli; jew

(b) jekk is-sospensjoni bdiet iseħħ, li ma tħassarix;

l-Awtorità dwar l-Elenku għandha tagħti lil min joħroġ it-titoli avviż bil-miktub tad-deċiżjoni tagħha.

(6) Jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tiddeċiedi li twaqqaf jew tissospendi l-elenkar tat-titoli, jew jekk is-sospensjoni tkun bdiet isseħħ, li ma tħassarix, min joħroġ it-titoli jkollu d-dritt li jappella lit-Tribunal skond l-artikolu 43 ta' dan l-Att u avviż mogħti taħt is-subartikolu (5) għandu jgħarraf lil min joħroġ it-titoli bid-dritt tiegħu li jirreferi l-kwistjoni lit-Tribunal.

(7) L-effett li jitħassar it-twaqqif huwa li t-titoli konċernati jerġgħu jidħlu fil-Lista Uffiċjali jew Lista Rikonoxxuta oħra li fiha dawk it-titoli kienu ammessi.

Penali jew ċensura dwar kontrav-venzjonijiet.

19. (1) Jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tikkonsidra li-

(a) min joħroġ titoli elenkati; jew

(b) applikant għal ammissibilità fl-elenku;

ikun kiser xi dispożizzjoni tar-regoli għall-elenku, din tista', mingħajr rikors għal smigħ minn qorti, timponi fuq il-persuna li toħroġ it-titoli jew l-applikant, skond il-każ, penali amministrattiva ta' mhux iżjed minn għoxrin elf lira.

(2) Kull meta l-Awtorità dwar l-Elenku jkollha dritt timponi penali fuq persuna taħt dan l-artikolu dwar ħaġa partikolari, hi tista' b'żieda magħha, jew minflok li timponi fuqha penali dwar dik il-ħaġa, tippubblika dikjarazzjoni fejn tiċċensura li dik il-persuna.

(3) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tfixkel lill-Awtorità dwar l-Elenku milli tieħu kull passi oħra li għandha s-setgħa li tieħu taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att.

(4) Penali taħt dan l-Att titħallas lill-Awtorità dwar l-Elenku bħala dejn ċivili.

(5) L-Awtorità dwar l-Elenku ma tistax tieħu azzjoni kontra minn joħroġ it-titoli, l-applikant jew persuna oħra taħt dan l-artikolu wara li jgħaddu sentejn mill-ewwel jum li fih kienet taf bil-kontravvenzjoni kemm-il darba ma jkunux inbdew proċedimenti kontra dak li joħroġ it-titoli, l-applikant jew persuna dwar il-kontravvenzjoni qabel l-egħluq ta' dak il-perijodu.

(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (5)-

(a) l-Awtorità dwar l-Elenku għandha titqies li saret taf b'kontravvenzjoni jekk ikollha nformazzjoni li b'mod raġonevoli tista' tindika l-kontravvenzjoni; u

(b) proċedimenti kontra persuna dwar kontravvenzjoni għandhom jitqiesu li nbdew meta jingħatalha avviż taħt l-artikolu 20 ta' dan l-Att.

Avviż ta' penali jew ċensura.

20. (1) Jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tipproponi li tieħu azzjoni kontra xi ħadd li joħroġ it-titoli, l-applikant jew persuna taħt l-artikolu 19 ta' dan l-Att għandha tagħti lil min joħroġ it-titoli, lill-applikant jew lill-persuna avviż f'dan is-sens, li jagħti r-raġuni għal dik l-azzjoni, u l-persuna li tirċievi dak l-avviż ikollha d-dritt li tagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità dwar l-Elenku fi żmien ħmistax-il jum minn meta tirċievi dak l-avviż.

(2) Avviż dwar proposta li tkun imposta penali għandu juri l-ammont tal-penali proposta.

(3) Avviż dwar proposta li tiġi pubblikata dikjarazzjoni għandu jagħti t-termini tad-dikjarazzjoni proposta.

(4) Avviż li jimponi penali għandu juri l-ammont tal-penali.

(5) Avviż dwar il-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni għandu jagħti t-termini tad-dikjarazzjoni.

(6) Jekk wara li tisma' dawk ir-rappreżentazzjonijiet l-Awtorità dwar l-Elenku tiddeċiedi li tieħu azzjoni kontra minn joħroġ it-titoli, l-applikant jew persuna taħt l-artikolu 19, dak li joħroġ it-titoli, l-applikant jew dik il-persuna jkollhom dritt għal appell lit-Tribunal taħt l-artikolu 43 ta' dan l-Att.

Setgħat regolatorji u investigattivi ta' l-Awtorità dwar l-Elenku.

21. Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha biex tiżgura t-tħaris ta' kull ħtiġiet jew kondizzjonijiet għal titoli elenkati sabiex jibqgħu hekk elenkati, l-Awtorità dwar l-Elenku jkollha, *mutatis mutandis* is-setgħat regolatorji u nvestigattivi ta' l-Awtorità Kompetenti skond l-artikoli 32, 33 u 34 ta' dan l-Att.

Delega ta' setgħat.

22. L-Awtorità dwar l-Elenku tista' tiddelega kull waħda mis-setgħat tagħha taħt l-artikolu 19 u taħt ir-regoli għall-elenku magħmula taħt il-paragrafi (b) u (ċ) ta' l-artikolu 13 lill-Borża jew dak l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut ieħor dwar kull titoli elenkati fil-Borża jew fl-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut l-ieħor li jkun konċernat:

Iżda :

(a) jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tiddelega xi waħda mis-setgħat tagħha biex timponi penali amministrattiva jew, li tippubblika dikjarazzjoni ta' ċensura taħt is-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-artikolu 19 lill-Borża jew lill-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut li jkun konċernat, is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 19 u l-artikolu 20 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Borża jew għall-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut l-ieħor;

(b) kull penali mposta taht l-artikolu 19 ta' dan l-Att għandha, fil-każijiet kollha, titħallas lill-Awtorità dwar l-Elenku kemm-il darba l-Awtorità dwar l-Elenku ma tagħtix il-kunsens tagħha bil-miktub biex isir mod ieħor:

Iżda wkoll, jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tiddelega xi waħda mis-setgħat tagħha taht is-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-artikolu 19 kif intqal qabel la l-Awtorità dwar l-Elenku u lanqas il-Borża jew l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut l-ieħor li jkun konċernat li lilu jkunu ġew delegati dawk is-setgħat, ma jistgħu jieħdu azzjoni kontra min joħroġ it-titoli, l-applikant jew persuna oħra wara li jgħaddu sentejn li jibdew mill-ewwel jum li fih l-Awtorità dwar l-Elenku jew il-Borża jew l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut konċernat, skond il-każ, kienu saru jafu bil-kontravvenzjoni kemm-il darba ma jkunux inbdew proċedimenti kontra min joħroġ it-titoli, l-applikant jew il-persuna l-oħra qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu.

M'hemmx responsabbiltà għal atti li jkunu saru in *bona fide*.

23. La l-Awtorità dwar l-Elenku u lanqas xi kumitat, uffiċjal jew impjegat tagħha, lanqas ebda persuna li tkun maħtura biex taqdi xi funzjonijiet minnha, ma jkunu responsabbli għal danni dwar xi ħaġa li tkun saret jew naqset milli ssir fil-qadi jew f'dak li jkun jidher li hu l-qadi ta' xi funzjoni ta' l-Awtorità dwar l-Elenku taht dan l-Att, kemm-il darba ma jintwerix li dak l-egħmil jew in-nuqqas ikun sar b'*male fide*.".

Emenda ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali.

110. L-artikolu 24 kif numerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli minn (2) sa (4) tiegħu għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala s-subartikoli minn (3) sa (5) rispettivament;

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu (2) li ġej:

"(2) Il-Borża għandha, għall-finijiet u effetti kollha ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra, tkun korp li dwaru l-Awtorità Kompetenti tkun ħarġet rikonoxximent skond it-Taqsima II ta' dan l-Att, u kull riferenza f'dan l-Att għal *exchange* ta' investimenti rikonoxxut għandha kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, titqies li tkun ukoll riferenza għall-Borża:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha titqies li teżenta lill-Borża mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u iżda wkoll li l-Borża għandu jkollha f'kull żmien il-ħtiġiet għal rikonoxximent taħt dan l-Att.";u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu kif numerat mill-ġdid:

(i) minflok il-kliem "jkollha l-awtorità unika u esklussiva f'Malta" għandhom jidħlu l-kliem "jkollha l-awtorità ";

(ii) minflok il-paragrafu (b) tagħha, għandhom jidħlu l-paragrafi (b), (ċ), (d) u (e) li ġejjin:

"(b) li tipprovdi l-post li jkun magħruf bħala "il-Borża" għan-negozju ta' titoli kwotati;

(ċ) li tipprovdi faċilitajiet biex jinżamm depożitarju ċentrali tat-titoli;

(d) li taqdi l-funzjonijiet l-oħra kollha li soltu jitwettqu minn *exchange* ta' investimenti rikonoxxut;

(e) li tagħmel dak kollu li hu meħtieġ jew inċidentali biex il-Borża taħdem tajjeb."; u

(iii) il-proviso li hemm għalih għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

111. L-artikolu 26, kif numerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi numerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu;

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu kif numerat mill-ġdid:-

(i) minflok il-kliem "b'dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "b'din it-Taqsima ta' dan l-Att";

(ii) minflok il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej -

"(b) jippreskrivi u jżomm suq tat-titoli fuq il-Borża li jkun ordnat, ġust u viżibbli";

(iii) il-paragrafi minn (ċ) sa (j) u l-paragrafi minn (l) sa (p) tiegħu għandhom jitħassru;

(iv) il-paragrafu (k) għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala paragrafu (ċ);

(v) il-paragrafi (q) u (r) għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala paragrafi (d) u (e) rispettivament; u

(vi) minflok il-paragrafu (d) kif numerat mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej -

"(d) iwettaq il-funzjonijiet l-oħra kollha li huma meħtieġa biex fuq il-Borża jkun stabbilit suq għal titoli kwotati;"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif numerat mill-ġdid għandhom jidħlu s-subartikoli (2) u (3) li ġejjin:-

"(2) Il-Kunsill jista' jiddelega l-funzjonijiet kollha jew xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att lill-Kumitat Eżekuttiv stabbilit skond l-Istatut jew lil xi Kumitat stabbilit mill-Kunsill skond l-Istatut.

(3) Il-Kunsill jista' f'kull żmien jerġa' jieħu lura l-funzjonijiet kollha jew xi waħda mill-funzjonijiet trasferiti lill-Kumitat Eżekuttiv jew lil xi Kumitat taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.".

Żieda ta' l-artikolu ġdid 27 ma' l-Att prinċipali.

117. Minnufih wara l-artikolu 26, kif numerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu 27 li ġej:

"Infurzar.

27. Il-Kunsill ikollu, bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew direttivi magħmula taħtu, dawk is-setgħat ta' dixxiplina u nfurzar li huma murija fl-Istatut.".

Emenda ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

118. L-artikolu 28, kif numerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "ma' dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem " u skond kull regolamenti jew direttivi magħmula bis-saħħa tiegħu";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu -

(i) minflok il-kliem "u għall-istatut, il-Kunsill ikollu s-setgħa li jagħmel dawk il-liġijiet sussidjarji li ma jkunux inkonsistenti ma' l-Att jew l-istatut" għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' xi regolamenti jew direttivi magħmula bis-saħħa tiegħu, u għall-istatut, il-Kunsill ikollu s-setgħa, bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti, li jagħmel dawk il-*Bye-laws* li ma jkunux inkonsistenti ma' l-Att jew ma' xi regolamenti jew direttivi magħmula bis-saħħa tiegħu jew ma' l-istatut"; u

(ii) il-kliem minn "Kopja ta' dawk il-liġijiet sussidjarji" sal-kliem "f'kull żmien raġonevoli." għandhom jitħassru; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subartikoli li ġejjin:

"(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V ta' dan l-Att, tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 17 u 19 ta' dan l-Att u ta' kull sanzjonijiet li jistgħu jkunu stabbiliti fir-regoli għall-elenku skond il-paragrafu (i) ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att, il-*Bye-laws* jistgħu jistabbilixxu dawk ir-regoli li l-Kunsill jidhirlu xierqa għall-investigazzjoni u sanzjoni ta' ksur tal-*Bye-laws*.

(4) Kopja ta' dawk il-*Bye-laws* għandha tinżamm mill-Borża, u tkun disponibbli għall-ispezzjoni tal-pubbliku. Jekk il-*Bye-laws* jinżammu *on line* jitqies li saret pubblikazzjoni biżżejjed għall-finijiet ta' dan l-Att.

(5) Kull riferenza f'dan l-Att għal xi regoli jew *Bye-laws* minn *exchange* għal investimenti rikonoxxut għandha titqies bħala riferenza għall-Istatut u l-*Bye-laws* tal-Borża.".

119. L-artikolu 29, kif numerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala subartikolu (3);

(b) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu s-subartikoli (1) u (2) li ġejjin :

"(1) Il-Ministru jista', fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti, jagħmel dawk ir-regolamenti li jidhirlu xierqa biex jagħti effett lid-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel

jista' b'dawk ir-regolamenti jemenda, jissostitwixxi jew jirrevoka l-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Il-Ministru jista' jirreferi lill-Awtorità Kompetenti dawk il-ħwejjeġ li jolqtu lill-Borża għall-konsiderazzjoni tagħha kif jidhirlu xieraq u jista' jirreferi lura lill-Awtorità Kompetenti kull rakkomandazzjoni li jirċievi mingħandha biex tikkunsidraha iktar."; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu kif numerat mill-ġdid -

(i) minflok il-kliem "ħekk kif jista' jidhirlu xieraq", għandhom jidħlu l-kliem "bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti";

(ii) minflok il-kliem minn "Kopja ta' kull emenda" sal-kliem "ta' dan l-Att." għandhom jidħlu l-kliem "Kopja ta' kull emenda, sostituzzjoni jew revoka bħal dik għandha tinzamm bil-mod kif provdut fl-artikolu 28(4)."; u

(iii) il-kliem minn "Il-liġijiet sussidjarji" sal-kliem "tal-Kamra" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali.

120. Minflok is-subartikoli (3) u (4) ta' l-artikolu 30 kif numerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn li ġejjin :-

"(3) Sabiex iwettaq xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, il-Kunsill jista' jissellef jew jiġbor flus b'dak il-mod, mingħand dik il-persuna, korp jew Awtorità, u taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhirlu xieraq u jista' jiggarantixxi l-ħlas lura ta' kull flus li jissellef jew jiġbor b'ipoteki, piż jew pleġġ fuq il-proprjeta' jew l-assi kollha tiegħu jew fuq parti, sew preżenti jew futuri.

(4) Il-Ministru jista' jagħmel dawk l-avvanzi lill-Borża ta' dawk l-ammonti ta' flus kif jista' jiftiehem li jkunu meħtieġa mill-Kunsill biex iwettaq kull waħda mill-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, liema avvanzi għandhom jitħallsu lura mill-Kunsill b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Ministru jidhirlu xierqa.".

Emenda ta' l-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali.

121. L-artikolu 31, kif numerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej :-

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu -

(i) minflok il-kliem "lill-Ministru permezz tal-Bank Ċentrali", għandhom jidħlu l-kliem "lill-Awtorità Kompetenti"; u

(ii) il-kliem minn "Dawk il-kontijiet" sal-kliem "mill-Ministru" għandhom jitħassru; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tal-Ministru" għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-Awtorità Kompetenti".

122. Minnufih wara l-artikolu 31, kif numerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipal, għandu jidħol l-artikolu li ġej: Żieda ta' artikolu ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Setgħat li teħtieġ informazzjoni. "32, (1) L-Awtorità Kompetenti tista', b'avviz bil-miktub, teħtieġ -

(i) lil kull *exchange* ta' investiment rikonoxxut;

(ii) lil kull persuna li jkollha jew kellha liċenza taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, jew li tidher li tkun jew li kienet qed taġixxi bħala detentur ta' liċenza taħt dak l-Att; jew Kap. 370.

(iii) lil kull persuna li hi jew kienet uffiċjal, impjegat jew aġent ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jew lil xi persuna oħra li hi jew kienet involuta fl-operat ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut;

(iv) lil kull persuna li tkun jew li kienet tmexxi, jew li tidher li tkun jew li kienet tmexxi xi attività dwar titoli kwotati;

li tagħmel dak kollu li ġej jew xi ħaġa minnu:

(a) li tagħti lill-Awtorità Kompetenti, f'dak iż-żmien u post u f'dik il-forma li tista' tispeċifika, dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni li tista' teħtieġ;

(b) li tagħti lill-Awtorità Kompetenti kull informazzjoni jew dokumentazzjoni li tista' teħtieġ biex tivverifika kull ħaġa kif tista' tispeċifika;

(ċ) biex tidher quddiem l-Awtorità Kompetenti, jew quddiem persuna maħtura minnha, f'dak il-ħin u f'dak il-post li tista' tispeċifika, biex twieġeb għal mistoqsijiet u tipprovdi dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni li tista' teħtieġ;

(d) li tagħti lill-Awtorità Kompetenti kull għajnuna li tista' teħtieġ u li dik il-persuna tista' b'mod reġonevoli tagħti.

(2) Bla ħsara għal kull ħaġa li l-Awtorità Kompetenti tista' teħtieġ taħt is-subartikolu (1), l-informazzjoni kollha dwar titoli elenkati miżmuma fir-Reġistru tad-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli għandha tkun aċċessibbli għall-Awtorità Kompetenti b'mod liberu.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' tagħmel kopji ta' kull dokumenti mogħtija, provduti jew li għandha aċċess għalihom taħt dan l-artikolu.

Kap. 9.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminali dikjarazzjoni magħmula u kull informazzjoni jew dokumentazzjoni provduta skond xi ħtieġa ta' dan l-artikolu tista' tintuża bħala prova kontra kull persuna li għaliha tirreferi:

Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tippreklu̇di lil xi persuna, dwar xi mistoqsija li tista' ssirlu, li titlob xi privileġġ li jkollu xhud quddiem qorti ta' ġurisdzzjoni kriminali dwar xi mistoqsija li r-risposta għaliha tista' tinkrimina lil dik il-persuna, u meta l-Awtorità Kompetenti ma tkunx taqbel li talba bħal dik tkun ġustifikata, din tista' b'rikors lill-Qorti ta' l-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), titlob lill-qorti biex tiddeċiedi fuq dik it-talba, u l-qorti għandha, wara li tisma' l-persuna li tkun talbet dak il-privileġġ u lill-Awtorità Kompetenti, tiddeċiedi dik il-kwistjoni b'urġenza:

Kap. 377.

Iżda wkoll ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha teħtieġ lil xi persuna, li minħabba s-sengħa, il-professjoni jew il-kariga tagħha tkun depożitarju ta' xi sigriet fdat magħha li tikxef xi nformazzjoni jew tipproduċi xi dokument li jkun suġġett għad-dmir tas-segretezza professjonali, kemm-il darba fuq rikors ta' l-Awtorità Kompetenti l-Qorti ta' l-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) ma tkunx sodisfatta, wara li tisma' lill-persuna konċernata u lill-Awtorità Kompetenti li minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Segretezza Professjonali, il-kxif jew il-produzzjoni tkun meħtieġa u għandha tingħata, u l-Qorti ta' l-Appell għandha tiddeċċiedi kull kwistjoni riferita lilha taħt dan l-artikolu b'urġenza.

(5) Is-setgħa li tinħtieġ il-produzzjoni ta' dokumentazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu

tkun bla ħsara għal kull pleġġ, piż jew interess f'sigurta mitlub minn xi persuna dwar dik id-dokumentazzjoni, iżda minkejja dak il-pleġġ, piż jew interess f'sigurta, l-Awtorità Kompetenti jkollha d-dritt li teħtieġ il-produzzjoni ta' dak id-dokument u li tagħmel kopja tiegħu.

(6) Meta l-Awtorità Kompetenti tkun ħatret persuna taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) dik il-persuna jkollha, għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt il-ħatra, is-setgħat kollha mogħtija lill-Awtorità Kompetenti b'dan l-artikolu, magħduda s-setgħa li tagħmel rikors lill-Qorti ta' l-Appell fiċ-ċirkostanzi deskritti fis-subartikolu (4), u ħtieġa magħmula minnha jkollha l-istess forza u effett bħal ħtieġa magħmula mill-Awtorità Kompetenti.

(7) Il-Bord imsemmi fl-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli dwar kull proċeduri taħt dan l-artikolu.

(8) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jippreskrivi d-drittijiet dwar proċeduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-artikolu.".

123. Minflok l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Ssostituzzjoni ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali.

"Ħatra ta' spetturi.

33. (1) L-Awtorità Kompetenti tista', kull meta jidhrilha meħtieġ jew spedjenti, taħtar spettur jew spetturi biex jinvestigaw u jirrapportaw fuq l-affarijiet ta' kull persuna msemmija fil-paragrafi minn (i) sa (iv) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 32 ta' dan l-Att.

(2) Spettur maħtur taħt is-subartikolu (1) –

(a) jista', jekk jidhirlu meħtieġ jew spedjenti għall-finijiet ta' investigazzjoni, jinvestiga l-affarijiet ta' kull persuna msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu;

(b) ikollu u jista' jeżerċita s-setgħa kollha mogħtija lill-Awtorità Kompetenti bl-artikolu 32 ta' dan l-Att, inkluża s-setgħa li jagħmel rikors lill-Qorti ta' l-Appell fiċ-ċirkostanzi deskritti fis-subartikolu (4) ta' dak l-artikolu, u kull ħtieġa magħmula minnu għandha titqies li tkun u jkollha l-istess forza u effett bħal ħtieġa ta' l-Awtorità Kompetenti;

(ċ) jista', u jekk ordnat mill-Awtorità Kompetenti għandu jagħmel rapport interim u mal-konkluzzjoni ta' l-investigazzjoni tiegħu jagħmel rapport finali lill-Awtorità Kompetenti.

(3) Fil-ħatra ta' spettur jew spetturi taħt is-subartikolu (1) l-Awtorità Kompetenti tista' tordna li l-investigazzjoni titmexxa f'dak iż-żmien u li tkun limitata għal dawk il-ħwejjeġ speċifiċi jew ġenerali li l-Awtorità Kompetenti jidhrilha xierqa.

(4) Fil-każ li jirriżulta li persuna nvestigata tkun kisret xi dispożizzjoni tal-liġi, regolament jew kondizzjoni tal-liċenza, l-Awtorità Kompetenti jkollha s-setgħa li tordna li l-ispejjeż raġonevoli għal investigazzjoni taħt dan l-artikolu jitħallsu minn xi waħda mill-persuni konċernati. Kull ordni bħal dak għandu jiġi komunikat lill-persuni konċernati b'avviż għall-ħlas. Avviż għall-ħlas taħt dan l-artikolu għandu:

(a) ikun bil-miktub; u

(b) jeħtieġ lill-persuna awtorizzata biex tħallas l-ispejjeż ta' l-investigazzjoni u l-ispejjeż inċidentali għaliha qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu, li ma jkunx inqas minn erbatax-il jum mid-data tan-notifika ta' l-avviż, kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż.

(5) Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' l-Awtorità Kompetenti dwar ordni għall-ispejjeż ta' investigazzjoni jew spejjeż inċidentali għaliha taħt dan l-artikolu jkollha dritt għal appell lit-Tribunal skond l-artikolu 43 ta' l-Att.".

Żieda ta' artikolu 34 ma' l-Att prinċipali.

124. Minnufih wara l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali, kif numerat mill-ġdid għandu jiżdied l-artikolu 34 li ġej:

"Dritt għal dħul.

34. (1) Kull uffiċjal, impjegat jew aġent ta' l-Awtorità Kompetenti, mal-produzzjoni, jekk mitlub, tal-prova ta' l-Awtorità tiegħu, jista' jidħol f'post okkupat minn persuna li lilha jkun ġie notifikat avviż taħt l-artikolu 32 jew li l-affarijiet tagħha jkunu qed jiġu nvestigati taħt l-artikolu 33, sabiex minn hemm jikseb l-informazzjoni jew dokumenti meħtieġa b'dak l-avviż, jew xort'oħra għall-fini ta' l-investigazzjoni, u sabiex jeżerċita kull waħda mis-setgħat mogħtija bl-imsemmija artikoli.

(2) Meta uffiċjal, impjegat jew aġent ta' l-Awtorita Kompetenti jkollu raġuni jemmen li jekk l-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) kien ikun notifikat ma kienx jiġi mħares jew li xi dokumenti li għalihom jista' jirrelata jitneħħew, ikunu mbagħbsa jew distrutti, dak l-uffiċjal, impjegat jew aġent jista', mal-produzzjoni, jekk mitlub, tal-prova ta' l-Awtorita tiegħu, jidħol f'kull post imsemmi fis-subartikolu (1) sabiex minn hemm jikseb kull informazzjoni jew dokumenti speċifikati fl-awtorità, liema nformazzjoni jew dokumenti setgħu kienu meħtieġa b'dak l-avviż kif imsemmi fis-subartikolu (1).

(3) Għall-finijiet ta' kull azzjoni meħuda taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti tista' titlob l-għajnuna tal-Kummissarju tal-Pulizija, li jista' għal dan l-għan jeżerċita dawk is-setgħat li huma vestiti fih bil-liġi.".

125. Minflok l-artikolu 35, ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ebda sfħarriġ dwar l-affarijiet ta' xi persuna li tinnegozja fuq *exchange* ta' investimenti rikonoxxut.

35. Ebda ħaġa f'dan l-Att jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew xi regoli jew *Bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut ma tawtorizza lill-Ministru, lill-Awtorità Kompetenti, lill-Awtorità dwar l-Elenku, xi *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jew xi persuna tkun li tkun, li tistħarreġ jew iġġiegħel li jsir stħarriġ fl-affarijiet ta' xi persuna, ħlief sabiex ikun żgurat it-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, ir-regoli u *Bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut konċernat u l-Att dwar Reati kontra l-*Insider Dealing* u Abbuż mis-Suq jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu.".

126. Minnufih wara l-artikolu 35, ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli 36 u 37 li ġejjin.: Żieda ta' artikoli ġodda 36 u 37 ma' l-Att prinċipali.

"*Insider dealing* u abbuż mis-suq.

36. (1) Meta l-Borża jew xi *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jissospetta li jistgħu jeżistu ċerti ċirkostanzi li juru li xi reat skond l-Att dwar Reati kontra *Insider Dealing* u Abbuż mis-Suq, ikun qed isir jew fiċ-ċirkostanzi x'aktarx li jsir, dan għandu jirrapporta dak is-suspett lill-Awtorità Kompetenti.

(2) Meta l-Awtorità Kompetenti, sew fuq rapport skond is-subartikolu (1), sew xort'oħra, tissospetta li jistgħu

jeżistu ċirkostanzi li juru li setgħa sar reat kontra l-Att dwar Reati kontra *Insider Dealing* u Abbuż mis-Suq, din għandha taħtar spettur jew spetturi taħt l-artikolu 33 biex jagħmlu investigazzjoni sabiex jistabbilixxi jekk xi reat skond l-imsemmi Att ikunx sar, ikunx qed isir jew fiċ-ċirkostanzi hux x'aktarx isir, u li jirrapportaw lilha r-riżultati ta' l-investigazzjoni.

(3) Meta minn rapport finali ta' spettur l-Awtorità Kompetenti jkollha raġuni temmen li jkun sar reat skond l-Att dwar Reati kontra l-*Insider Dealing* u Abbuż mis-Suq, l-Awtorità Kompetenti għandha tirreferi l-kwistjoni flimkien ma' kopja tar-rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija.

(4) Persuna misjuba ħatja ta' *insider dealing* jew abbuz mis-suq tista' teħel li tħallas lil dik il-persuna kif jista' jiġi stabbilit mit-Tribunal, kumpens f'ammont ta' flus li jiġi stabbilit mit-Tribunal fuq rikors ta' kull persuna li fit-transazzjoni għax-xiri jew bejgħ ta' titoli li tagħmel mal-ħati jew mal-persuna li taġixxi għal jew f'isem il-ħati, iġġarrab telf. Azzjoni taħt dan is-subartikolu tkun preskritta wara sentejn mid-data li fiha s-sentenza fejn persuna jkollha tħallas kumpens tkun instabet ħatja tkun saret *res judicata*.

(5) Id-dritt li jintalab kumpens taħt dan l-artikolu ma jippreġudikax, u jkun b'żieda mad-dritt ta' kull persuna li titlob danni taħt xi liġi oħra.

Koperazzjoni ma' awtorità regolatorja barranija.

37. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' teżerċita s-setgħat li ġejjin fuq it-talba ta' jew sabiex tgħin lil Awtorità regolatorja barranija:

(a) is-setgħat għal stħarriġ taħt l-artikolu 32;

(b) is-setgħa li taħtar spetturi taħt l-artikoli 33 u 36;

(ċ) is-setgħa li tikkomunika ma' l-awtorità regolatorja barranija nformazzjoni li tkun fil-pussess ta' l-Awtorità Kompetenti, sew bħala riżultat jew le ta' l-eżerċizzju ta' xi waħda mis-setgħat ta' hawn fuq.

(2) L-Awtorità Kompetenti ma għandhix teżerċita xi setgħat bis-saħħa ta' dan l-artikolu kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li l-għajnuna tkun meħtieġa mill-awtorità regolatorja barranija biss għall-finijiet ta' l-eżerċizzju ta' waħda jew iktar mill-funzjonijiet regolatorji tagħha.

(2) Fid-deċiżjoni jekk teżerċitax is-setgħat skond dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti għandha tqis, b'mod partikolari-

(a) jekk għajnuna korrispondenti tingħatax f'dak il-pajjiż jew territorju lill-Awtorità Kompetenti;

(b) jekk il-każ jikkonċernax il-possibbilta' ta' ksur ta' liġi, jew ħtieġa oħra, jew li ma jkollhix pariġġaha f'Malta jew tinvolvi l-asserzjoni ta' ġurisdizzjoni mhux rikonoxxuta minn Malta;

(ċ) is-serjeta' tal-każ u l-importanza tiegħu f'Malta u jekk l-għajnuna tistax tinkiseb b'mod ieħor;

(d) jekk xort'oħra jkunx xieraq fl-interess pubbliku li tagħti l-għajnuna mitluba.".

127. Minflok l-artikolu 38, kif numerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

"Konfidenzjalità ta' informazzjoni.

38. (1) *Exchanges* ta' investimenti rikonoxxuti u l-uffiċjali u l-persunal tagħhom għandhom jittrattaw dwar kull dokument u tagħrif ieħor li għandu x'jaqsam ma' l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut rilevanti jew dwar kull trattazzjoni miegħu jew fih, jew li xort'oħra jinkiseb għall-finijiet ta', jew skond, xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu u li ma jkunx għadu nħareġ uffiċjalment, u kull oġġett u ħaġa oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dawk id-dokumenti jew tagħrif bħala konfidenzjali u protetti bid-dmir tas-segretezza professjonali, u ma għandhomx jikxfuhom lil xi persuna oħra, li ma tkunx persuna li tista' leġittimament tikseb l-informazzjoni għall-finijiet ta' jew skond, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ħlief bil-kunsens tal-persuna li mingħandha l-informazzjoni kienet miksuba u sakemm l-informazzjoni tirreferi biss għal dik il-persuna.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jtellfux il-kxif ta' informazzjoni –

(a) bil-ħsieb li jinbdew, jew xort'oħra għall-finijiet ta', xi proċedimenti ta' l-Awtorità Kompetenti jew l-Awtorità dwar l-Elenku quddiem xi qorti jew tribunal taħt dan l-Att jew għall-finijiet ta' xi proċedimenti kriminali; jew

(b) bil-ħsieb li l-Awtorità Kompetenti jew l-Awtorità dwar l-Elenku tkun tista' jew ikollha l-għajnuna fit-twettiq jew qadi ta' xi waħda mill-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, sew fuq mozzjoni tagħhom stess jew fuq talba ta' l-Awtorità Kompetenti jew l-Awtorità dwar l-Elenku; jew

(ċ) li tkun saret pubblika minħabba li tkun inkixfet f'ċirkostanzi li, jew għal xi għan li għalih, il-kxif ta' l-informazzjoni ma huwiex prekluż b'dan l-artikolu; jew

(d) f'sommarju jew f'ġabra ta' informazzjoni li tkun saret b'dak il-mod li l-identità ta' xi persuna li għaliha tirreferi l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi aċċertata; jew

(e) f'dawk iċ-ċirkostanzi u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti b'regolamenti magħmula mill-Ministru; jew

(f) (i) lil awtorità jew korpi kompetenti barranin li jkunu qegħdin iwettqu funzjonijiet simili jew ekwivalenti sabiex jassistuhom fi ħwejjeġ li jkollhom x'jaqsmu mar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza ta' servizzi finanzjarji;

(ii) lil kull korp jew awtorità oħra ffurmata jew stabbilita taħt il-liġi Maltija fuq ħwejjeġ li dwarhom dak il-korp jew dik l-awtorità jista jkollhom funzjoni regolatorja, ta' sorveljanza, ġudizzjarja jew ta' liċenzjar skond il-liġi:

Iżda l-Awtorità għandha tiżvela l-informazzjoni mitluba meta hija tkun meħtieġa jew tiġi mitluba li tagħmel dan skond ma jesiġu l-obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta, jew meta jkun hekk meħtieġ fil-parametri tar-rabtiet ta' qbil li jiġu assunti f'pattijiet ta' ftehim bilaterali jew multilaterali għall-iskambju ta' informazzjoni u forom oħra ta' kollaborazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji oħra barranin inkluża talba li toriġina taħt Memorandum ta' Qbil li jsir ma' l-Awtorità Kompetenti; jew

(ġ) lill-Bank Ċentrali ta' Malta skond it-twettiq ta' l-obbligi tiegħu skond il-liġi jew li xi entità regolatorja oħra b'ordni tal-Ministru meta l-Awtorità Kompetenti

jidhrilha li dak il-kxif ta' informazzjoni jghin lil dik l-entità regolatorja biex taqdi l-funzjonijiet taghha.

(3) L-Awtorità Kompetenti, l-uffiċjali u l-persunal l-iehor taghha huma projbiti milli jużaw dawk id-dokumenti u taghrif u kull haġa ohra li skond is-subartikolu (1) huma konfidenzjali u protetti bid-dmir tas-segretezza professjonali u li jsiru jafu bihom bis-sahha tal-kariga taghhom, sabiex jiksbu xi vantaġġ ghalihom jew ghal terzi sew jekk dawn it-terzi jkollhom jew ma jkollhomx x'jaqsmu mas-suq tat-titoli.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) japplikaw *mutatis mutandis* ghall-*exchange*s ta' investimenti rikonoxxuti kollha u ghall-uffiċjali u persunal iehor taghhom.

(5) Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) jew (4) tkun, bla hsara ghad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar Reati ghal *Insider Dealing* u Abbuz mis-Suq, hatja ta' reat kontra dan l-Att, u tehel meta tinsab hatja multa ta' hamest elef lira jew priġunerija ta' mhux iktar minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(6) Kull persuna, barra minn dawk imsemmija fis-subartikoli (1) u (3), li tikseb xi dokumenti jew informazzjoni ohra li ghalihom jirreferu l-imsemmija subartikoli u li tuża dawk id-dokumenti jew informazzjoni, bil-hsieb li tikseb vantaġġ jew ghaliha nnifisha jew ghal xi persuna ohra, tkun, bla hsara ghad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar Reati ghal *Insider Dealing* jew Abbuż mis-Suq, hatja ta' reat kontra dan l-Att u tehel, meta tinsab hatja, l-istess piena stabbilita ghal reat kontra d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4).".

Żieda ta' artikoli ġodda minn 39 sa 47 ma' l-Att prinċipali.

128. Minnufih wara l-artikolu 38, kif numerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, ghandhom jiżdiedu l-artikoli minn 39 sa 47 ġodda li ġejjin:

"Setghat tal-Qorti li taghmel ċerti ordinijiet.

39. (1) Jekk, fuq rikors tal-Awtorità Kompetenti maghmul fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-imsemmija qorti tkun sodisfatta :

(a) li jkun hemm probabbilta' raġonevoli li persuna tkun se tikser xi wahda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tar-regolamenti maghmula bis-sahha tieghu jew ta' xi regoli jew *Bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut, jew li tikser jew tonqos li thares xi obbligu, htieġa, direttiva jew ordni maghmula jew moghtija taht xi wahda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-

Att, tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew tar-regoli jew *Bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut; jew

(b) li persuna tkun kisret xi dispożizzjoni bħal dawk jew tkun naqset milli tħares xi obbligi, ħtieġa, direttiva jew ordni bħal dawk u jkun hemm probabbilta' raġonevoli li l-kontravvenzjoni se tkompli jew se tiġi ripetuta -

il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex trazzan il-kontravvenzjoni.

(2) Jekk, fuq rikors magħmul mill-Awtorità Kompetenti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-imsemmija qorti tkun sodisfatta-

(a) li persuna tkun kisret xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, tar-regoli ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jew xi obbligu, ħtieġa, direttiva, jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-Att jew taħt ir-regoli jew *Bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut; u

(b) li jkun hemm passi li jistgħu jittieħdu biex il-kontravvenzjoni tkun rimedjata,

il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex teħtieġ lil dik il-persuna u lil kull persuna oħra li tkun tidher lill-qorti li tkun xjentement involuta fil-kontravvenzjoni, biex jieħdu dawk il-passi li l-qorti tista' tordna biex jirrimedjawha, jew biex itaffu l-effett tagħha, skond kif xieraq.

(3) Jekk, fuq rikors mill-Awtorità Kompetenti magħmul fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-Qorti tkun sodisfatta-

(a) li persuna tkun kisret xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, tar-regoli jew *Bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jew xi obbligu, ħtieġa, direttiva, jew ordni magħmul jew mogħti taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew tar-regoli jew *Bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut; jew

(b) li xi persuna kienet xjentement involuta fil-kontravvenzjoni,

il-qorti tista' tagħmel ordni li jirrestrinġiha milli tiddisponi minn, jew li xort'oħra tittratta dwar, xi assi tagħha, li l-qorti tkun sodisfatta li jkun hemm probabbilta' raġonevoli li dik il-persuna se tkun se tiddisponi minnhom jew tittratta dwarhom.

(2) Jekk, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-qorti tkun ukoll sodisfatta li-

(a) profitti jkunu nkisbu minn xi persuna bħala riżultat tal-kontravvenzjoni; jew

(b) investitur ikun ġarrab telf jew xort'oħra jkun milqut negattivament bħala riżultat tal-kontravvenzjoni, il-qorti tista' tordna lill-persuna responsabbli għall-kontravvenzjoni biex tħallas fil-qorti dik is-somma li jidhrilha li tkun ġusta meta tikkunsidra l-limitu tal-profitt, telf jew effett negattiv kif intqal qabel, u tordna li dik is-somma titħallas kif il-qorti tista' tordna lill-persuni li jkunu daħlu fi transazzjonijiet li riżultat tagħhom ikunu saru l-profitti, jew it-telf jew l-effett negattiv ikun iġġarrab kif intqal qabel.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-qorti tista' tordna l-produzzjoni minn kull persuna ta' dawk il-kontijiet u l-għoti ta' dik l-informazzjoni, u verifikati b'dak il-mod, li l-qorti jidhrilha xierqa.

(6) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha, wara li tisma' l-persuna jew persuni msemmija f'dan l-artikolu u lill-Awtorità Kompetenti, tiddeċiedi r-rikors magħmul taħt dan l-artikolu b'urġenza.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkunu bla ħsara għal kull jedd ta' xi persuna aggravata biex tibda proċedimenti direttament dwar kull jedd li dik il-persuna jista' xort'oħra jkollha indipendentement mill-Awtorità Kompetenti.

(8) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkunu bla ħsara għall-jedd ta' kull persuna li titlob il-ħruġ ta' xi att kawtelatorju taħt it-Titlu VI Tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Kap. 12.
Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Reati.

40. (1) Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 32 jew xi ordni tal-qorti magħmul taħt l-artikolu 39 jew li tonqos li tħares xi kondizzjoni, obbligu, ħtieġa, ordni, direttiva, regola jew regolamenti magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att.

(2) Kull persuna li f'dak li jidher li jkun it-tħaris ta' xi ħtieġa mposta b'dan l-Att jew taħt dan l-Att, ir-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew ir-regoli jew *Bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut, xjentement jew bi traskuraġni tagħti lill-Awtorità Kompetenti, lil xi persuna maħtura minnha taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 32 jew lil xi spettur maħtur taħt l-artikolu 33 ta' dan l-Att informazzjoni li tkun falza jew qarrieqa f'xi partikolar materjali tkun ħatja ta' reat.

(3) Kull persuna li bil-ħsieb li tevita l-kxif ta' l-egħmil ta' reat taħt dan l-Att, tneħħi, tiddistruġġi, tikxef jew b'qerq tibdel xi ktieb, dokument jew karta oħra, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att.

(4) Kull persuna li bil-ħsieb tfixkel persuna milli teżerċita drittijiet mogħtija b'dan l-Att, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att.

Proċedimenti kriminali.

41. (1) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 40 ta' dan l-Att tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn mitejn elf lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Ma jinbdew ebda proċedimenti għal reat taħt dan l-Att mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandhomx jolqtu xi proċedimenti kriminali li jistgħu jittieħdu taħt xi liġi oħra.

Appell lit-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji.

42. (1) It-Tribunal ikollu l-kompetenza esklużiva li jiddeċiedi l-appelli kollha li għalihom hemm riferenza taħt l-artikoli 4(10), 16(7), 17(3), 18(6), 20(6) u 33(5) ta' dan l-Att jew taħt xi regolamenti magħmula mill-Ministru taħt l-artikoli 3 u 49 ta' dan l-Att.

(2) Appell jista' wkoll isir lit-Tribunal minn deċiżjoni tal-Kunsill tal-Borża ta' Malta taħt il-paragrafi 5(1), 6(1) u 6(2) ta' l-Istatut kif ukoll minn kull deċiżjoni ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut li tissospendi jew tirrevoka l-affiljazzjoni ta' xi wieħed mill-membri tiegħu jew li jimponi penali ta' iżjed minn ħames mitt lira Maltija.

Bażijiet għal appell.

43. (1) Appell lit-Tribunal taħt l-artikolu 42 jista' jsir biss fuq wieħed mill-bażijiet li ġejjin-

(a) li l-Awtorità kompetenti, l-Awtorità dwar l-Elenku, il-Borża jew *exchange* ta' investimenti rikonoxxut, skond il-każ, ikun applika ħażin xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew tar-Regoli jew *Bye-laws* tal-Borża jew ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut konċernat; jew

(b) li d-deċiżjoni ta' l-Awtorità Kompetenti, ta' l-Awtorità dwar l-Elenku, tal-Borża jew ta' l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut konċernat, skond il-każ, tikkostitwixxi abbuż ta' diskrezzjoni, kemm-il darba d-diskrezzjoni ta' kull waħda mill-korpi li ssemmew ma tistax, sakemm tkun ġiet eżerċitata sewwa, tkun indagata mit-Tribunal.

(2) Appell magħmul taħt dan l-artikolu ma għandux, kemm-il darba t-Tribunal ma jiddeċidix xort'oħra waqt il-proċedimenti, jissospendi l-operat ta' xi deċiżjoni li minnha l-appell ikun qed isir, ħlief fil-każ ta' appell minn:

(a) id-deċiżjoni li xi titoli ma jibqgħux elenkati kif imsemmi fl-artikolu 18(5); u

(b) deċiżjoni li tkun pubblikata dikjarazzjoni ta' ċensura taħt l-artikolu 20:

Iżda deċiżjoni fuq kull waħda mill-ħwejjeġ imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) ta' hawn fuq għandu jkollha effett mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal li ma tilqax l-appell, jew mid-data li fiha l-appell ikun abbandunat.

Appell minn deċiżjoni tat-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji

44. Għandu jkun hemm appell fuq punti ta' liġi biss minn deċiżjoni tat-Tribunal lill-Qorti ta' l-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Mas-smigħ ta' dak l-appell, il-Qorti ta' l-Appell ikollha s-setgħat kollha tat-Tribunal biex tagħmel ordnijiet.

Negozju barra minn *exchanges* ta' investimenti rikonoxxuti.

45. (1) Titoli kwotati ma jistgħux jiġu negozjati barra minn *exchanges* ta' investimenti rikonoxxuti li fihom ikunu elenkati:

Iżda, b'seħħ minn dik id-data li l-Ministru jista' b'ordni jistabbilixxi u bla ħsara għal dak li jista' jiġi stabbilit xort'oħra b'regolamenti magħmula mill-Ministru skond l-artikolu 3(g), titoli kwotati jistgħu jiġu negozjati barra minn *exchange* ta' investimenti rikonoxxut li fih dawk it-titoli jkunu elenkati u barra mill-mezzi ta' faċilitajiet provduti minn kull *exchange* ta' investiment rikonoxxut bħal dak.

(2) Ebda ħaġa f'dan l-Att ma tipprekludi :

(a) dawk l-azzjonijiet jew *debentures* kwotati kif imsemmi fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 395 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) milli jiġu negozjati barra *exchange* ta' investimenti rikonoxxut u barra minn dawk il-mezzi ta' faċilitajiet provduti minn *exchange* ta' investimenti rikonoxxut;

(b) unitajiet kif imfissra fl-Att dwar Servizzi ta' Investiment, ta' skema ta' investiment kollettiv liċenzjata taħt dak l-Att, sew jekk ikunu jew le titoli kwotati, milli jkunu negozjati barra *exchange* ta' investiment rikonoxxut u barra mill-mezzi ta' faċilitajiet provduti minn *exchange* ta' investimenti rikonoxxut, minn jew mal-manager ta' l-iskema jew persuna li taġixxi f'ismu jew taħt l-awtorità tiegħu;

(ċ) titoli maħruġa jew garantiti mill-Gvern milli jkunu jistgħu jiġu negozjati wkoll f'postijiet barra *exchange* ta' investimenti rikonoxxut kif jista' jistabilixxi l-Ministru.

Trasferiment ta' titoli.

46. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, it-trasferiment ta' titoli kwotati f'kumpaniji kwotati ma għandhomx għalfejn isiru bi strument bil-miktub.

Il-Kodiċi Ċivili.

47. Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4) ta' l-artikolu 1966 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) ma japplikawx dwar titoli kwotati u l-privileġġ imsemmi fit-Titlu XXI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' l-imsemmi Kodiċi jinqala' meta l-pleġġ ikun reġistrat kif imiss mal-Borża skond il-*Bye-laws*.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 48 ta' l-Att prinċipali.

129. Minflok l-artikolu 48, kif numerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Sospensjoni temporanja ta' operazzjonijiet.

48. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 17, l-Awtorità dwar l-Elenku jkollha s-setgħa li tissospendi temporanjament in-negozju ta' titoli fuq kull *exchange* ta' investimenti rikonoxxut, jekk fil-fehma tagħha, l-operazzjoni b'mod ordinat tan-negozju tkun qed tinżamm, jew x'aktarx tinżamm milli ssir minħabba f'xi :

(a) emerġenza jew diżastru naturali;

(b) kriżijiet ekonomiċi, finanzjarji jew politiċi; jew

(ċ) avveniment ieħor li jħarbat in-negozju.

(2) Il-Ministru jista' jirrakkomanda lill-Awtorità dwar l-Elenku s-sospensjoni temporanja tan-negozju jekk ikun tal-fehma li l-operazzjoni b'mod ordinat tan-negozju ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut tkun tista' titħarbat minħabba xi waħda mill-ġrajjiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) tas-subartikolu (1) li fil-fehma tal-Ministru tagħti lok għal dak l-għeluq.

(3) L-Awtorità dwar l-Elenku tista' tordna li għal dak iż-żmien li tista' tistabbilixxi, ebda negozju ta' ebda xorta ma jkun jista' jiġi operat f'xi titolu wieħed jew iktar speċifikati ta' kumpaniji kwotati jekk ikollha għaliex taħseb li jkun fl-aħjar interess ta' l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut, tal-pubbliku jew ta' l-investituri ġeneralment li jsir dan:

Iżda sospensjoni temporanja ordnata mill-Awtorità dwar l-Elenku taħt dan l-artikolu ma tistax tkun għal aktar minn tletin jum f'perijodu ta' tliet xhur kemm-il darba l-Ministru ma japprovax sospensjoni itwal.

(4) Ebda operazzjoni ma tkun tista' titwettaq fil-waqt ta' xi sospensjoni temporanja ta' negozju taħt dan l-artikolu. Kull operazzjoni li hekk titwettaq bi ksur ta' dan is-subartikolu tkun waħda invalida.".

Żieda ta' artikolu 49 ġdid ma' l-Att prinċipali.

130. Minnufih wara l-artikolu 48, kif numerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu 49 ġdid li ġej :

"Setgħa għall-għemil ta' regolamenti.

49. Il-Ministru fuq il-parir ta' l-Awtorità Kompetenti jista' jagħmel regolamenti biex jagħti effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, inkluzi regolamenti għar-regolamentazzjoni aħjar ta' *exchange*s ta' investimenti rikonoxxuti u, jew l-ammissibiltà għall-elenku ta' titoli fihom,

għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 50 għal *exchanges* ta' investimenti rikonoxxuti barra mill-Borża u għal soċjetajiet kummerċjali barra minn kumpaniji u għall-finijiet tat-traspożizzjoni, implimentazzjoni u għoti ta' effett lid-dispożizzjonijiet, ħtiġiet, obbligi u rabtiet dwar ir-regolamentazzjoni ta' *exchanges* ta' investimenti rikonoxxuti u, jew l-ammissibilta' għall-elenku ta' titoli fihom li jinqalgħu minn sħubija, affiljazzjoni jew relazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali jew gruppi ta' pajjiżi jew xi ttrattat, konvenzjoni jew ftehim internazzjonali ieħor sew jekk bilaterali, reġjonali jew multilaterali, li għalih Malta tkun parti.".

Emenda ta' l-artikolu 50 ta' l-Att prinċipali.

131. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 50, kif numerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "ta' kumpanija kwotata" għandhom jidħlu l-kliem "ta' kumpanija kwotata fuq il-Borża".

Żieda ta' l-artikoli 51 u 52 ġodda ma' l-Att prinċipali.

132. Minnufih wara l-artikolu 50, kif numerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu l-artikoli 51 u 52 ġodda li ġejjin:–

"Titolu eżekuttiv.

51. (1) Ordni għall-ħlas ta' spejjeż ta', u inċidentali għal, investigazzjoni taħt is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 33 ta' dan l-Att għandom jikkostitwixxu titolu eżekuttiv kif imfisser u għall-finijiet tat-Titlu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Jekk l-ammont kollu jew parti mill-ammont li għandu jitħallas taħt ordni skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 33 ta' dan l-Att jibqa' ma jitħallasx fi tmiem il-perijodu speċifikat, l-Awtorità Kompetenti tista' tipproċedi biex tinforza l-ħlas wara jumejn min-notifika lid-debitur ta' intimazzjoni għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju.

Esklużjoni ta' responsabbiltà.

52. La l-Awtorità Kompetenti, la l-Awtorità dwar l-Elenku, lanqas xi uffiċjal jew impjegat ta' l-Awtorità Kompetenti jew ta' l-Awtorità dwar l-Elenku, lanqas xi persuna oħra maħtura minnhom biex taqdi xi funzjoni taħt dan l-Att ma tkun responsabbli għad-danni dwar xi ħaġa li tkun saret jew li tkun naqset milli ssir fit-twettiq jew dak li jkun jidher li hu t-twettiq ta' xi funzjonijiet taħt dan l-Att jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, kemm-il darba dak l-egħmil jew nuqqas ma jintwerix li kien in *mala fede*.".

Sostituzzjoni ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

133. Minflok l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipal għandha tidħol dik murija minnufih wara l-artikolu 127.

SKEDA

(Artikolu 28)

L-ISTATUT

1. Applikabilità

Dan l-Istatut japplika għall-Borża ta' Malta.

2. Tifsir u Disposizzjonijiet ġenerali

(1) F'dan l-Istatut sakemm is-suġġett jew ir-rabta tal-kliem ma taħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji;

"Kulleġġ ta' Ditti ta' *Stockbroking* tfisser il-Kulleġġ imwaqqaf bl-artikolu 9 ta' l-Istatut;

"Kumitat" tfisser kull Kumitat imwaqqaf taħt l-artikolu 10 ta' l-Istatut;

"rappreżentant akkreditat" għandha l-istess tifsir kif provdut fl-artikolu 3(11) ta' l-Istatut;

"titoli" tfisser -

(a) Azzjonijiet, *stocks, bonds, debentures,* ċertifikati ta' depożiti, noti u kull strumenti oħra simili li jindikaw pussess jew jirrikonoxxu debitu:

Iżda madankollu titoli ma tfissirx -

(i) xi strument li jirrikonoxxi jew joħroġ debitu, jew flus mislufa biex titħallas il-konsiderazzjoni pagabbli taħt kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew servizzi;

(ii) ċekk jew kambjala oħra draft tal-bank jew ittra ta' kreditu; jew

(iii) karta ta' flus, prospett li juri bilanċ f'kont kurrenti ta' depożitu jew ta' tifdil jew (minħabba xi obbligu finanzjarju li jkun jinsab fih) għal kiri jew disponiment ieħor ta' proprjeta', jew ta' polza ta' assigurazzjoni.

(b) unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv kif imfisser fl-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370).

(ċ) *warrants, options,* jew ċertifikati jew strumenti oħra, inkluż kull record sew jekk f'forma ta' dokument sew jekk le, li jagħti l-jedd lid-detentur tiegħu biex jissottoskrivi għal, jakkwista, ibiegħ jew xort'oħra jiddisponi minn, jagħmel *underwriting* ta' jew jikkonverti xi strument jew interess f'xi strument li jaqa' taħt din it-tifsira, jew għal xi flus.

(d) ċertifikati jew strumenti oħra li jagħtu drittijiet ta' proprjeta' dwar xi strument li jaqa' taħt din it-tifsira.

(e) *Futures* u kuntratti ta' kambju barranin li jsiru għal finijiet ta' investiment jew kambju miksuba jew miżmuma għal skopijiet ta' investiment.

(f) Drittijiet taħt kuntratt għal differenzi jew taħt xi kuntratt ieħor li l-għan tiegħu jew l-għan maħsub tiegħu huwa li jiżgura profitt jew jevita telf b'riferenza għal varjazzjonijiet fil-valur jew fil-prezz ta' proprjeta' ta' kull deskrizzjoni jew f'indiċi jew f'fattur ieħor maħsub għal dak l-għan fil-kuntratt.

3. Sħubija

Membri.

(1) Il-membri tal-Borża jkunu *stockbrokers* liċenzjati skond l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370), sabiex iwettqu funzjonijiet ta' *broker* għax-xiri jew bejgħ ta' titoli kwotati :

Iżda persuna jew persuni maħtura mill-Bank Ċentrali għandu jkollhom liċenzja biex jagħmluha ta' '*stockbroker*' biex jinnegozjaw unikament f'titoli maħruġa mill-Gvern u li jesegwixxu transazzjonijiet f'isem il-Gvern, ta' titoli kkwotati ta' kumpanniji jew ta' entitajiet oħra, li jkunu proprjetà assoluta jew parzjali tal-Gvern, bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin :

(a) dik il-persuna jew dawk il-persuni ma jkollhomx jedd għal vot f'xi laqgħa tal-membri tal-Borża jew tal-Kulleġġ ta' l-*stockbrokers*;

(b) dik il-persuna jew dawk il-persuni jieħdu pożizzjoni u jagħmluha ta' prinċipal għall-Bank Ċentrali;

(ċ) dik il-persuna jew dawk il-persuni jkunu eżenti mill-applikabbilta' tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (b) u (ċ)

tas-subartikolu (3), tas-subartikoli minn (4) sa (6), (9), (13) u (14) ta' dan l-artikolu.

Applikazzjoni.

(2) Kull kandidat għal sħubija għandu japplika biex jidħol membru bil-miktub lill-*General Manager*, f'dik il-forma li l-Kunsill jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi bil-*Bye-laws*.

Kwalifiki

(3) Ebda persuna ma tidħol bħala membru tal-Borża kemm-il darba dik il-persuna :

(a) ma tkunx liċenzjata bħala *stockbroker* taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370) (liema persuna qiegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem tissejjaħ *stockbroker* liċenzjat");

(b) ma tkunx fil-fehma tal-Kunsill, persuna idoneja u xierqa biex tkun membru tal-Borża;

(ċ) ma tiddepożitax dik il-garanzija u, jew dak l-indennizz, jekk ikun hemm, li l-Kunsill jista' jistabbilixxi fil-*Bye-laws*:

Iżda l-garanzija u, jew, indennizz għandu jkun stabbilit f'ammont li jkun indaqs għal kull *stockbroker*, b'dak il-mod illi l-Kunsill jista' f'kull żmien, bil-kunsens ta' l-Awtorità Kompetenti, jibdel l-ammont tal-garanzija u, jew, indennizz hekk kif jidhirlu xieraq, u jagħti meta dak l-ammont jiżdied, mill-anqas tletin jum li matulhom *stockbrokers* liċenzjati ikollhom żmien sabiex jikkonformaw ruħhom; u

(d) ma jkollhiex dawk il-kwalifiki l-oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jigu stabbiliti bil-*Bye-laws*.

Notifikazzjoni

(4) Malli jirċievi applikazzjoni għal sħubija ta' membru l-Kunsill għandu jistabbilixxi data li fiha jkun se jikkunsidra dik l-applikazzjoni u, mill-inqas sitt ġimgħat qabel dik id-data, għandha twaħħal avviż fil-Borża li bih tiddikjara l-isem, l-indirizz u dettalji rilevanti oħra ta' l-applikant, u tagħti d-data, li ma għandhiex tkun ta' inqas minn erba' ġimgħat wara d-data tat-twaħħil ta' l-avviż, sa meta xi persuna tkun tista' tagħmel sottomissjonijiet lill-Kunsill dwar dik l-applikazzjoni.

Konsiderazzjoni

(5) Applikazzjonijiet għal sħubija ta' membru għandhom ikunu kunsidrati mill-Kunsill fid-data stabbilita skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u sussegwentment f'kull laqgħa oħra li l-Kunsill iqis li tkun meħtieġa.

Votazzjoni

(6) Ebda persuna ma tidħol bħala membru ħlief b'riżoluzzjoni tal-Kunsill appoġġata b'mill-inqas erba' voti.

Aċċettazzjoni/Ċaħda

(7) Il-*General Manager*, kif jiġi dirett mill-Kunsill wara li jittieħed dak il-vot, għandu jinforma lill-applikant bil-miktub bid-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tiegħu. Malli jiġi msieħeb mill-Kunsill il-kandidat isir membru tal-Borża.

Raġunijiet

(8) Il-Kunsill ikun meħtieġ jagħti r-raġunijiet għad-deċizjoni tiegħu.

Applikazzjonijiet Miċħuda

(9) Meta tinċaħad applikazzjoni għal sħubija bħala membru, l-applikant ma jistax jerġa' japplika għal sħubija qabel ma jgħaddu tnax-il xahar kalendarju mid-data ta' dik iċ-ċaħda.

Indirizzi Reġistrati

(10) Kull *stockbroker* liċenzjat li jkun imsieħeb bħala membru tal-Borża kif intqal qabel għandu jagħti lill-*General Manager* l-indirizz kummerċjali f'Malta, li ma jkunx numru ta' kaxxa postali, li fih jintbagħtu kull kommunikazzjonijiet u korrispondenza. Il-membri għandhom javżaw lill-*General Manager* b'kull tibdil fl-indirizz.

Rappreżentant Akkreditat

(11) (a) Membru jista' jaħtar rappreżentant akkreditat sabiex jinnegozja fil-Borża u dak il-membru jkun responsabbli għal u marbut b'kull att jew ommissjoni ta' dak ir-rappreżentant fl-attivitajiet tiegħu li għandhom x'jaqsmu mal-Borża.

(b) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 5, 6 u 7 ta' dan l-Istatut għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal rappreżentanti akkreditati, u f'kull każ bħal dan il-Kunsill jista' jieħu kull azzjoni msemmija f'dawk l-artikoli dwar il-membru u r-rappreżentant akkreditat tiegħu u l-Kunsill jista' jiddeċiedi li dik il-persuna ma tagħmilix ta' rappreżentant akkreditat għal xi membru ieħor għal kull żmien li jidirlu xieraq.

Reġistru tal-Membri

(12) Reġistru tal-membri u tar-rappreżentanti akkreditati flimkien ma' l-indirizzi reġistrati tagħhom għandu jinżamm mill-Borża u jkun miftuħ għall-ispezzjoni tal-membri u tal-pubbliku matul is-sigħat normali tax-xogħol.

Riżenja

(13) (a) Membru li jkun jixtieq jirriżenja mis-sħubija tiegħu għandu jagħmel dan bil-miktub lill-Kunsill, li għandu minnufih iwaħħal avviż dwar dan mal-bord ta' l-avviżi tal-Borża. Dak l-avviż għandu jibqa' mwaħħal għal dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit fil-*Bye-laws*.

(b) Il-membri tal-Borża, magħdud dak il-membru li jkollu ħsieb jirriżenja għandu, sa dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit fil-*Bye-laws* jgħarraf lill-Kunsill dwar kull debiti, obbligazzjonijiet jew irbit ieħor tal-membru li jkun bi ħsiebu jirriżenja u dwar kull negozju u transazzjonijiet pendenti li fihom jista' jkun involut dak il-membru f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-attivitajiet tiegħu bħala membru tal-Borża.

(ċ) Minkejja r-riżenja tiegħu kull membru għandu jibqa' responsabbli għall-obbligi u l-passiv kollha tiegħu taħt dan l-Att, dan l-Istatut u l-*Bye-laws* sakemm il-Kunsill ma jkunx ħeles lil dak il-membru minnhom bil-miktub.

Dħul Lura

(14) Kull *stockbroker* liċenzjat li jkun irriżenja mis-sħubija tiegħu jista' jerġa japplika biex jidħol lura; dik l-applikazzjoni ġdida tkun suġġetta għall-kondizzjonijiet applikabbli għad-dħul ta' membri ġodda fiż-żmien ta' l-applikazzjoni.

4. Proċedura Dixxiplinari

Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skond il-liġi :

(1) Il-Kunsill ikollu-

(a) dawk is-setgħat regolatorji u ta' sorveljanza dwar min joħroġ titoli elenkati kif jistgħu jkunu speċifikati bir-regoli ta' l-elenku magħmula taħt it-Taqsima III ta' l-Att;

(b) dawk is-setgħat dixxiplinari u ta' nfurzar dwar min joħroġ titoli elenkati kif jistgħu jkunu speċifikati bir-regoli ta' l-elenku magħmula taħt it-Taqsima III ta' l-Att;

(ċ) dawk is-setgħat l-oħra li jistgħu jiġu delegati lill-Kunsill mill-Awtorità dwar l-Elenku taħt l-Att.

(2) Ikun id-dmir tal-Kunsill li jinforza l-Istatut u l-*Bye-laws* u li jiżgura ruħu li dawn jiġu mħarsa minn:

(a) il-membri tal-Borża u rappreżentanti akkreditati tagħhom;

(b) intermedjarji finanzjarji liċenzjati taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370), li jkunu qed jaġixxu jew li jkunu jidhru li qed jaġixxu bħala intermedjarji b'relazzjoni mal-membri tal-Borża.

(3) Kull waħda mill-persuni msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu li l-kondotta tagħha tkun qed tiġi nvestigata mill-Kunsill, għandha tingħata l-opportunità li tidher quddiem il-Kunsill għad-difiża tagħha, jew hi personalment jew mgħejjuna minn avukat, f'dak il-jum u f'dak il-ħin li jistabbilixxi l-Kunsill, li ma jkunx iqsar minn erbatax-il jum minn notifika ta' avviż lil dik il-persuna fejn tingħata t-tagħrif tal-jedd tagħha li tagħmel sottomissjonijiet u li tipproduċi dawk il-provi li l-Kunsill jista' jippermetti.

Penalitajiet għal min jonqos li jħares l-Istatut u l-*Bye-laws*

5. Sospensjoni u Revoka ta' Sħubija

(1) Il-Kunsill jista' jissosspendi jew jirrevoka s-sħubija lil xi *stockbroker* liċenzjat :-

(a) jekk il-membru ma jibqax detentur ta' liċenza bħala *stockbroker* skond l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370);

(b) jekk fil-fehma tiegħu dik il-persuna ma tkunx iktar persuna idoneja u xierqa biex tibqa' membru tal-Borża;

(c) jekk il-membru ma jibqax jissodisfa il-ħtiġiet ta' jew ikun naqas li jissodisfa jew iħares jew ikun kiser xi dispożizzjonijiet ta' l-Istatut jew tal-*Bye-laws* jew meta kien jidher li qed iħares xi dispożizzjonijiet bħal dawk ikun issottometta lill-Kunsill informazzjoni falza, mhux preċiża jew li tiżgwida, jew ikun aġixxa b'mod li hu ta' ħsara għall-Borża, il-membri tagħha, jew il-pubbliku ġeneralment;

(d) f'kull ċirkostanzi oħra kif jista' jiġi provdut fl-Istatut u fil-*Bye-laws*.

(2) Sospensjoni ta' sħubija taħt dan l-Att għandha tkun għal dak il-perijodu li ma jkunx iżjed minn sena hekk kif il-Kunsill jista' jistabilixxi, b'dan illi din is-sospensjoni tkun tista' tiġġedded mill-Kunsill għal raġuni tajba u suffiċjenti. Matul dak il-perijodu ta' sospensjoni l-membru sospiż ma għandux ikompli sejjer bin-negozju bħala membru tal-Borża. Kopja ta' l-avviż tar-revoka jew sospensjoni ta' sħubija għandha tinżamm fi ktieb miżmum għal hekk mill-Kunsill, liema ktieb għandu jkun miftuħ għall-ispezzjon mill-pubbliku fil-ħinijiet kollha xierqa.

(3) Qabel ma jissospendi jew jirrevoka s-sħubija ta' *stockbroker* liċenzjat il-Kunsill għandu jagħti lill-i*stockbroker* liċenzjat avviż bil-miktub dwar dan fejn jagħti r-raġunijiet ta' dik is-sospensjoni jew revoka ta' sħubija.

(4) Meta membru jkun irriżenja, jew meta s-sħubija ta' membru tkun revokata jew meta membru jkun fallut jew ma jkunx jista' jħallas il-passiv tiegħu lil membri oħra jew lill-Borża, il-Kunsill ikollu s-setgħa li jżomm jew jirrikjama l-garanzija depożitata skond is-subparagrafu (ċ) ta' paragrafu (iii) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Istatut u li jqiegħed dawk il-flus jew ammonti oħra li jinġabru minnha f'dik ir-riżerva jew kont ieħor li l-Kunsill iqis xieraq u li juża dawk il-flus kollha jew parti minnhom sabiex jillikwida l-passiv ta' dak il-membru fil-konfront tal-membri sħabu tal-Borża u kull ma jibqa' żejjed, għandu jitħallas lura lill-membru.

6. Miżuri Dixxiplinari Oħra

(1) Jekk ikun jidher lill-Kunsill li membru tal-Borża jkun kiser jew naqas li jħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut jew tal-*Bye-laws*, il- Kunsill għandu jippubblika dikjarazzjoni f'dan is-sens.

(2) Jekk ikun jidher lill-Kunsill li membru jkun kiser jew naqas li jħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut jew tal-*Bye-laws*, il-Kunsill jista' jitlob lill-membru biex iħallas penali amministrattiva ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira (Lm5,000) dwar il-kontravvenzjoni jew dak in-nuqqas. Penali taħt dan is-subartikolu għandha titħallas lill-Borża.

(3) Qabel ma jippubblika dikjarazzjoni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew ma jimponi penali amministrattiva taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Kunsill għandu :

(a) jagħti lill-persuna konċernata avviż bil-miktub tad-dikjarazzjoni proposta fejn jagħti r-raġunijiet għaliex u fejn juri t-termini tad-dikjarazzjoni; jew

(b) jagħti lill-persuna konċernata avviż bil-miktub tal-penali amministrattiva proposta, fejn jagħti l-ammont tal-penali u r-raġunijiet għaliex qed jipproponi li jaġixxi.

(4) Meta r-raġunijiet mogħtija fl-avviż bil-miktub tad-dikjarazzjoni proposta jirreferu speċifikament għal ħwejjeġ li :

(a) jirreferu għal persuna identifikata fl-avviż barra mill-persuna li tkun is-suġġett ta' l-avviż; u

(b) jkunu, fil-fehma tal-Kunsill, ta' preġudizzju ta' dik il-persuna f'xi kariga jew impieg;

il-Kunsill għandu, sakemm ma jikkunsidrax li jkun imprattikabbli li hekk jagħmel, jinnotifika kopja ta' dak l-avviż lil dik il-persuna.

(5) Avviż notifikat lil persuna skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4) għandu jagħti partikolaritajiet tad-dritt ta' dik il-persuna għal appell taħt l-artikolu 42 ta' l-Att u tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, meta jgħaddi dak iż-żmien li jista' jiġi speċifikat fl-avviż, (li ma jkunx inqas minn erbatax-il jum mid-data tan-notifika ta' l-avviż taħt is-subartikolu (3) jew ta' kopja ta' l-avviż taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, skond liema tkun l-aħħar), il-Kunsill jista' jippubblika d-dikjarazzjoni proposta u, wara l-pubblikazzjoni jibgħat kopja lil dik il-persuna u lil kull persuna li lilha kopja ta' avviż tkun ġiet notifikata taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, meta jgħaddi dak iż-żmien li jista' jiġi speċifikat fl-avviż taħt is-subartikolu (3), (li ma jkunx inqas minn erbatax-il jum mid-data tan-notiifika ta' l-avviż), il-Kunsill għandu jagħti lill-persuna konċernata avviż għal ħlas. Avviż għal ħlas taħt dan is-subartikolu għandu :

(a) ikun bil-miktub; u

(b) jeħtieġ lill-persuna notifikata biex tħallas il-penali qabel ma jgħaddi dak iż-żmien (li ma jkunx inqas minn erbatax-il jum mid-data tan-notifika ta' l-avviż) kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż.

(8) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tirrestrinġi jew xort'oħra tippreġudika s-setgħat ta' l-Awtorita Kompetenti jew ta' l-Awtorita dwar l-Elenku taħt l-Att.

7. Setgħa għall-ħruġ ta' direttivi.

(1) Bla ħsara għal kull setgħa delegata lilu taħt l-Att jew kull setgħa mogħtija lilu b'dan l-Istatut, il-Kunsill jista', kull meta jidhirlu meħtieġ, jagħti lil kull waħda mill-persuni msemmija fis-subartikolu 4(2) ta' dan l-Istatut, b'avviż bil-miktub, dawk id-direttivi li jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi, u kull persuna kif imsemmija fis-subartikolu 4(2) ta' dan l-Istatut li lilha jingħata avviż għandha tobdi, tħares u xort'oħra tagħti effett lil kull direttiva bħal dik fiż-żmien u bil-mod imsemmi fid-direttiva jew direttiva ulterjuri.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, direttiva taħt dan l-artikolu tista' -

(a) teħtieġ li xi ħaġa għandha ssir jew li ma ssirx, jew timponi kull probizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jew xi ħtieġa oħra, u tagħti setgħat, dwar kull transazzjoni jew att ieħor, jew dwar kull attiv, jew dwar kull ħaġa oħra tkun li tkun;

(b) teħtieġ li xi persuna li jkollha funzjonijiet dwar il-persuni msemmija fis-subartikolu 4(2) ta' dan l-Istatut titneħħa jew titneħħa u tiġi sostitwita minn xi persuna oħra aċċettabbli għall-Kunsill;

(ċ) fil-każ ta' membru li jkun se jieqaf jew ikun waqaf jinnegozja jew ikun se jxolji jew ikun xolja l-affarijiet tiegħu,

tipprovdi għall-ħatra ta' persuna biex tieħu pussess ta', u tikkontrolla, kull dokumenti, *records*, assi u proprjeta' li jkunu ta', jew fil-pussess ta' jew taħt il-kontroll tal-membru minħabba jew b'konnessjoni mas-sħubija tiegħu fil-Borża.

(3) Is-setgħa għall-għoti ta' direttivi taħt dan l-artikolu għandha tinkludi s-setgħa li tvarja, tibdel, iżżid ma' jew tirtira kull direttiva, kif ukoll is-setgħa li toħroġ direttivi ġodda jew direttivi oħra.

(4) Meta l-Kunsill ikun sodisfatt li ċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, dan jista' f'kull żmien, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Istatut, jagħmel pubblika kull direttiva li jkun għamel taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

8. Kunsill

(1) Il-Kunsill imwaqqf bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att għandu jkun kostitwit skond il-paragrafi li ġejjin ta' dan l-artikolu.

Chairman

(2) Il-Ministru għandu jaħtar wieħed mill-membri tal-Kunsill bħala *Chairman*.

Sħubija fil-Kunsill

(3) (a) Il-Kunsill ikun magħmul minn *Chairman* u minn erba' membri oħra;

(b) Il-membri tal-Kunsill, inkluż iċ-*Chairman*, għandhom jinħatru mill-Ministru minn fost persuni li, fil-fehma tiegħu, kellhom esperjenza u wrew kapaċità f'attivitajiet kummerċjali, finanzjarji, f'xi professjoni jew studju akkademiku.

Membri magħżula

(4) B'żieda mal-membri msemmija qabel il-Kunsill jista' jagħżel mhux iktar minn żewġ persuni oħra sabiex ikunu membri tal-Kunsill kif jista' jidhirlu spedjenti.

Deputat *Chairman*

(5) Il-Kunsill għandu jeleġġi wieħed mill-membri tiegħu bħala Deputat *Chairman* u dan jagħmilha ta' *Chairman* fin-nuqqas taċ-*Chairman*.

Żmien tal-kariga

(6) Il-membri tal-Kunsill għandhom jibqgħu fil-kariga għal perijodu ta' mhux iktar minn tliet snin iżda jkunu eliġibbli li jerġgħu jinħatru.

Kumitat Eżekuttiv

(7) Il-Kunsill għandu jwaqqaf Kumitat Eżekuttiv li jkun responsabbli biex jimplimenta l-*policies* tal-Kunsill u sabiex jippjana u jofformula *policies* ta' żvilupp ġodda għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaħtar Kap Eżekuttiv biex ikun il-kap tal-Kumitat Eżekuttiv u jista' jaħtar lil dawk l-uffiċjali l-oħra biex jaqdu dawk id-dmirijiet tal-Kumitat Eżekuttiv kif il-Kunsill jidhirlu xieraq.

General Manager

(8) (a) Il-Kunsill għandu jaħtar *General Manager* li jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Borża skond il-policy stabbilita mill-Kunsill.

(b) Il-*General Manager* ikollu dawk id-dmirijiet li huma mogħtija b'dan l-Istatut jew bil-*Bye-laws* u għandu jaġixxi taħt id-direzzjoni ġenerali tal-Kunsill.

Meta membru tal-Kunsill ikun involut fil-materja diskussa

(9) Meta xi membru tal-Kunsill ikun direttament jew indirettament involut f'xi materja li tkun qed tiġi diskussa fil-Kunsill, dan għandu jirtira minn dik is-seduta tal-Kunsill meta dik il-materja tkun qed tiġi diskussa jew tkun qed tittieħed deċiżjoni dwarha u f'każ bħal dan, għall-għanijiet kollha, il-Kunsill ikun kostitwit mill-membri l-oħra kollha.

Min jiddeċiedi dwar jekk membru huwiex involut

(10) Id-deċiżjoni dwar jekk membru tal-Kunsill huwiex direttament jew indirettament involut f'xi materja bħal dik, tkun tmiss esklużivament lill-membri l-oħra tal-Kunsill bl-esklużjoni ta' dak il-membru.

9 Kulleġġ ta' *Stockbrokers*

(1) (a) Għandu jkun hemm Kulleġġ ta' *Stockbrokers* li jkun magħmul minn membri tal-Borża, skond il-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kulleġġ" li jkollu l-ħidma:

(i) li jagħti pariri lill-Kunsill dwar ħwejjeġ li jolqtu l-proċeduri ta' negozju;

(ii) li jirrapporta lill-Kunsill kull ħaġa li tirrigwarda l-membri tal-Borża jew li tkun inċidentali għall-funzjonament sew tal-Borża;

(iii) li jeżamina kull ilment u, jew rapport li jiġi riċevut minn membri tal-Borża, klijenti u, jew il-Kunsill dwar allegazzjonijiet ta' mġieba ħażina jew nuqqas ta' membru li jżomm l-ogħla standards etiċi jew ta' xi allegazzjoni ta' nuqqas minn membru li jħares l-Att, l-Istatut u *Bye-laws*;

(iv) li jirrapporta lill-Kunsill dwar kull riżultanza li jista' jkun hemm u li jagħmel dik ir-rakkomandazzjoni li l-Kulleġġ jidhirlu meħtieġ.

(b) Fit-twettiq tal-ħidma msemmija fil-paragrafu (1)(a)(iii) ta' hawn fuq, il-Kulleġġ ikollu dawk is-setgħat kollha, inkluża s-setgħa li jkollu laqgħat ma' kull min jagħmel xi lment jew ma' xi persuna li tagħmel rapport kif imsemmi qabel, hekk kif jista' jkun meħtieġ jew spedjenti.

(ċ) Kull *stockbroker* li jissieħeb bħala membru tal-Borża ikun membru tal-Kulleġġ.

(d) Kull membru tal-Kulleġġ għandu jaħtar individwu biex jirrapreżentah fil-Kulleġġ u jattendi kull laqgħat tiegħu.

(e) Il-Kulleġġ għandu jeleġġi minn fost l-individwi maħtura biex jirrappreżentaw il-membri tiegħu, *Chairman*, Deputat *Chairman* u Segretarju.

(f) Kull individwu elett fil-kariga ta' *Chairman*, Deputat *Chairman*, u Segretarju għandu jżomm il-kariga għal sena li tibda mill-ewwel jum ta' April b'dan li jkun eleġibbli li jerġa' jinħatar.

Vakanzi fil-Kulleġġ

(2) (a) Il-ħatra ta' l-individwu maħtur biex jirrapreżenta membru tal-Kulleġġ għandha tintemm f'dawn il-każijiet li ġejjin :

(i) jekk ma jibqax jirrappreżenta lill-membru konċernat, għal xi raġuni tkun li tkun;

(ii) mar-riżenja notifikata bil-miktub liċ-*Chairman* tal-Kulleġġ;

(iii) fil-każ li jiġi aġġudikat fallut jew jinsab ħati ta' xi delitt li jinvolvi l-fiduċja pubblika;

(iv) fil-każ li jkun ġie interdett jew inkapaċitat;

(b) Meta tinqala' vakanza fost l-individwi maħtura biex jirrappreżentaw membri tal-Kulleġġ dik il-vakanza għandha timtela minn rappreżentant ieħor tal-membru li qabel kien rappreżentat mir-rappreżentant li joħloq il-vakanza.

Laqgħat tal-Kulleġġ

(3) (a) Il-Kulleġġ għandu jiltaqa' f'dawk il-ġranet u f'dawk il-postijiet li ċ-*Chairman* tal-Kulleġġ jista' jistabilixxi minn żmien għal żmien iżda illi l-Kulleġġ għandu jiltaqa' mill-anqas darba f'kull xahar kalendarju.

(b) Avviż dwar il-ġurnata, post u ħin tal-laqgħa tal-Kulleġġ u fejn jiġi dikjarat xi tkun l-aġenda tal-laqgħa, għandu jingħata bil-miktub miċ-*Chairman* tal-Kulleġġ lil kull membru tal-Kulleġġ.

(ċ) Fil-każ li rappreżentant maħtur ma jkunx jista' jattendi, il-membru jkollu d-dritt li jiġi rappreżentat fil-laqgħa minn rappreżentant alternattiv minflok ir-rappreżentant maħtur.

(d) Ma jista' jsir ebda xogħol f'xi laqgħa tal-Kulleġġ kemm-il darba ma jkunx hemm preżenti *quorum*. Il-*quorum* meħtieġ biex isir xogħol għandu jkun mill-inqas ħamsin fil-mija tal-membri li jkollhom dritt jattendu. Jekk sa tletin minuta wara l-ħin stabbilit għal-laqgħa r-rappreżentanti preżenti ma jkunux biżżejjed biex

jagħmlu *quorum*, dik il-laqgħa għandha tiġi aġġornata għall-istess jum fil-ġimgħa ta' wara, fl-istess ħin u post, u għandu jintbagħat avviż li jkun igħid dan lill-membri kollha.

(e) Jekk fil-laqgħa aġġornata ma jkunx hemm *quorum* sa tletin minuta mill-ħin stabbilit għal-laqgħa, il-membri preżenti għandhom imbagħad jagħmlu *quorum*.

(f) Kull membru tal-Kulleġġ ikollu vot.

(g) Id-deċiżjonijiet kollha tal-Kulleġġ ikunu jeħtieġu appoġġ ta' għall-inqas sittin fil-mija tar-rappreżentanti preżenti fil-laqgħa.

(h) Jistgħu jitlaqqgħu laqgħat speċjali tal-Kulleġġ miċ-*Chairman* tal-Kulleġġ fuq talba bil-mezz ta' avviz bil-miktub ta' mhux inqas minn ħamsin fil-mija tal-membri tal-Kulleġġ u għandhom isiru fi żmiem ġimgħa minn meta ssir dik it-talba. Avviż dwar xi laqgħa speċjali, li jkun jagħti l-iskopijiet tagħha, għandu jingħata miċ-*Chairman* lil kull rappreżentant għall-inqas tnejn u sebgħin siegħa qabel id-data stabbilita għal dik il-laqgħa.

(i) Kull membru tal-Kulleġġ li jkun sew direttament jew indirettament involut f'xi kwistjoni li tkun qed tiġi diskussa mill-Kulleġġ għandu jirtira minn dik il-laqgħa meta dik il-kwistjoni tkun qed tiġi diskussa jew deċiża u f'kull każ bħal dak, għall-finijiet u effetti kollha l-laqgħa għandha tkun kostitwita mill-membri l-oħra kollha:

Iżda meta l-Kulleġġ ikun qed iwettaq ħidma msemmija fl-artikolu 9(1)(a)(iii) ta' l-Istatut dan għandu jagħti opportunità lill-membru konċernat biex ikun jista' jippreżenta l-każ tiegħu.

(j) Il-Kulleġġ ikollu s-setgħa, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut, li jistabbilixxi l-laqgħat tiegħu stess u li jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

Kumitati

(1) Il-Kunsill jista' jistabbilixxi kull kumitat jew kumitati biex ikunu responsabbli biex iwettqu dawk il-funzjonijiet li l-Kunsill jista' jordna u biex jagħtu pariri lill-Kunsill fuq dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jiġu deċiżi mill-Kunsill.

(2) Il-Kunsill jista' jaħtar wieħed mill-membri tiegħu biex imexxi xi kumitat stabbilit hawnhekk u jista' jaħtar kull persuna jew persuni (sew jekk membru jew le tal-Kunsill jew tal-Borża) biex joqgħodu fuq kumitat bħal dak.

(3) Il-Kunsill jista' f'kull żmien ineħħi jew jibdel xi membru li joqgħod fuq xi kumitat stabbilit hawnhekk jew jekk jidhirlu xierqa li jxolji għal kollox kull kumitat bħal dak.

(4) Kull kumitat bħal dak għandu jistabilixxi l-frekwenza tal-laqgħat tiegħu u għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

11. Vakanzi fil-Kunsill

Vakanzi

(1) Persuna ma tibqax membru tal-Kunsill fil-każijiet li ġejjin -

(a) mar-riżenja notifikata bil-miktub lill-Ministru;

(b) jekk ma tibqax kwalifikata biex tkun maħtura jew nominata bħala membru tal-Kunsill.

(ċ) fil-każ li tiġi aġġudikata falluta jew tinsab ħatja ta' xi delitt li jinvolvi l-fiduċja pubblika;

(d) fil-każ li tkun ġiet interdetta jew inkapaċitata;

(e) fin-nuqqas ta' attendenza mhux ġustifikata għal-laqgħat tal-Kunsill fi tliet okkażjonijiet konsekuttivi.

Interess Personali

(2) Ebda membru tal-Kunsill ma jista' jiġi sfurzat iħalli l-kariga tiegħu għar-raguni biss li jkun membru, direttur jew uffiċjal ta' xi kumpanija li tkun għamlet kuntratti ma', jew xogħol għal Borża, iżda membru għandu jikxef kull interess personali li jkollu f'xi transazzjoni jew kuntratt u ma jistax jivvota dwar xi kuntratt jew xogħol bħal dak. Membru tal-Kunsill li jaġixxi bi ksur ta' dan il-paragrafu jista' jitneħħa b'ordni tal-Ministru u jkun responsabbli li jikkumpensa lill-Borża għal xi telf li jkun kawżat minnu minħabba dak l-egħmil.

Tneħħija

(3) Mal-ġrajja ta' xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Kunsill għandu jiddikjara l-post tal-membru konċernat bħala li sar vakanti.

Vakanzi oħra

(4) Meta jkun hemm xi vakanza fost il-membri tal-Kunsill, dik il-vakanza għandha timtela bil-ħatra ta' persuna oħra mill-Ministru, skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Istatut.

Votazzjoni

(5) Kull membru tal-Kunsill ikollu vot wieħed biss f'laqgħa tal-Kunsill minbarra ċ-*Chairman*, jew id-Deputat *Chairman* fin-nuqqas taċ-*Chairman*, li jkollu vot oriġinali u vot deċiżiv. Deċiżjonijiet tal-Kunsill jittieħdu b'maġġoranza sempliċI kemm-il darba l-Istatut ma jipprovdix xort'oħra.

Rimunerazzjoni

(6) Iċ-*Chairman* u l-membri tal-Kunsill għandhom jitħallsu dik ir-rimunerazzjoni li tista' tiġi approvata mill-Ministru. Ir-rimunerazzjoni taċ-*Chief Executive* u tal-*General Manager* tkun stabbilita mill-Kunsill.

Indennizz

(7) Kull membru tal-Kunsill ikun indennizzat mill-Borża kontra kull responsabbilitajiet, kost, telf u spejjeż li għalihom dak il-membru tal-Kunsill jista' jsir responsabbli minħabba xi materja jew ħaġa li tkun saret minnu in *bona fide* fil-qadi ta' dmirijietu bħala membru tal-Kunsill :

Iżda ebda membru bħal dak ma jista' jaċċetta responsabbilità mingħajr l-awtorità tal-Kunsill.

12 Laqgħat tal-Kunsill

(1) Il-laqgħat tal-Kunsill għandhom isiru f'dawk id-dati u f'dawk il-postijiet hekk kif iċ-*Chairman* tal-Kunsill jista' jistabilixxi minn żmien għal żmien iżda b'dan illi l-Kunsill għandu jiltaqa' mill-anqas darba f'kull xahar kalendarju.

Avviż

Avviż dwar id-data, post u ħin ta' laqgħa tal-Kunsill li jagħtih l-aġenda tax-xogħol tal-laqgħa għandu jingħata bil-miktub mill-*General Manager* lil kull membru tal-Kunsill.

Quorum

(3) (a) Ma jista' jsir ebda xogħol f'xi laqgħa tal-Kunsill kemm-il darba ma jkunx hemm preżenti *quorum* tal-membri. Il-*quorum* meħtieġ biex jista' jsir xogħol ikun ta' tliet membri kwalifikati biex jivvotaw.

(b) Jekk sa tletin minuta wara l-ħin stabbilit għal-laqgħa l-membri preżenti ma jkunux biżżejjed biex jagħmlu *quorum*, dik il-laqgħa għandha tiġi aġġornata għall-istess jum tal-ġimgħa ta' wara, fl-istess ħin u post, u għandu jintbagħat avviż f'dan is-sens lill-membri kollha.

(ċ) Jekk fil-laqgħa aġġornata ma jkunx hemm *quorum* sa tletin minuta mill-ħin stabbilit għal-laqgħa, il-membri preżenti għandhom jagħmlu *quorum*:

Iżda, b'danakollu, laqgħa bi *quorum* hekk imnaqqas ma jkollhiex is-setgħa li temenda l-*Bye-laws*.

Laqgħat Speċjali

(4) (a) Laqgħa speċjali għandha tissejjaħ mill-Kunsill biex tinżamm mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena finanzjarja. F'dik il-laqgħa ċ-*Chairman* għandu jagħmel ir-rapport tiegħu għas-sena finanzjarja ta' qabel u għandu jqiegħed fuq il-mejda kopja tal-kontijiet verifikati tal-Borża kif approvati mill-Kunsill. Membri tal-Borża jkunu jistgħu jattendu għal din il-laqgħa tal-Kunsill.

(b) Laqgħat speċjali oħra jistgħu jitlaqqgħu miċ-*Chairman* fuq talba bil-mezz ta' avviż bil-miktub ta' mhux anqas minn tliet membri tal-Kunsill u għandhom isiru fi żmien ġimgħa minn meta ssir dik it-talba. Avviż dwar xi laqgħa speċjali bħal dik, li jagħti l-iskopijiet tagħha, għandu jingħata mill-*General Manager* bil-miktub lil kull membru tal-Kunsill għall-inqas tnejn u sebgħin siegħa qabel id-data stabbilita għal dik il-laqgħa.

Proċeduri

(5) Il-Kunsill ikollu s-setgħa, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut, li jistabbilixxi l-laqgħat tiegħu stess u li jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

13. Finanzi

Fondi

(1) Il-fondi tal-Borża għandhom jinżammu f'dawk il-banek li l-Kunsill jistabbilixxi minn żmien għal żmien. Ċekk maħruġ akkont tal-Borża għandu jkun iffirmat minn dik il-persuna jew persuni li l-Kunsill jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi.

Dħul

(2) Id-dħul u l-proprjeta' tal-Borża għandhom jintużaw unikament għall-promozzjoni ta' l-oġġettivi u fl-interess tal-Borża kif il-Kunsill jista' jistabbilixxi.

Kotba tal-kontijiet miżmuma sew

(3) Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jinżammu sew kotba tal-kontijiet dwar:

(a) kull ammont ta' flus imdaħħal jew minfuq mill-Borża u l-ħwejjeġ li dwarhom dak id-dħul u nfiq isir;

(b) kull bejgħ u xiri li jsir mill-Borża; u

(ċ) l-attiv u l-passiv tal-Borża.

Viżjoni vera u ċara

(4) Għandhom jinżammu kotba tal-kontijiet dettaljati sabiex dawn jagħtu viżjoni vera u ċara tal-qagħda tal-Borża u sabiex jispjegaw it-transazzjonijiet tagħha.

Fejn jinżammu l-kontijiet

(5) Il-kotba tal-kontijiet għandhom jinżammu fl-uffiċċju reġistrat tal-Borża u għandhom ikunu dejjem miftuħa għall-ispezzjon tal-membri tal-Kunsill, u hekk kif il-Kunsill jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi.

Ħatra ta' udituri

(6) L-udituri għandhom jinħatru kull sena mill-Kunsill b'dik ir-rimunerazzjoni li jiftiehem dwarha l-Kunsill.

Jeddijiet ta' l-udituri

(7) L-udituri tal-Borża għandhom jedd li jattendu kull laqgħa speċjali li tissejjaħ skond is-sub-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 12 ta' dan l-Istatut u li jirċievu kull avviż ta' laqgħa speċjali u kull komunikazzjoni li għandha x'taqsam magħha, kif għandu jedd jirċievi kull membru tal-Borża, u li jinstemgħu f'laqgħa speċjali bħal dik li jattendu għaliha, dwar kull ħaġa li tiġi diskussa fil-laqgħa li tikkonċernahom bħala udituri.

Fond ta' kumpens

Twaqqif

(1) Il-Kunsill għandu jistabbilixxi bil-mezz ta' *Bye-laws* fond ta' kumpens bil-għan li jassigura t-transazzjonijiet fil-Borża fil-każ li xi membru jkollu diffikultajiet finanzjarji biex iwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu mal-pubbliku investitur.

Għamla

(2) Dak il-fond ikun regolat b'dak il-mod kif jista' jiġi provdut bil-mezz ta' *Bye-laws*.

134. Kull proċedimenti pendenti quddiem it-Tribunal tal-Borża ta' Malta li ma jkunux intemmu qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima, għandhom mal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima jitkomplew jinstemgħu u jiġu deċiżi mit-Tribunal dwar is-Servizzi Finanzjarji ta' Malta kif provdut taħt l-Att prinċipali kif emendat bid-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima. Dispożizzjoni tranżitorja.

TAQSIMA VII
EMENDI TA' L-ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT, KAP. 370

135. (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, Kap. 370.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jibdew isehħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviz

fil-Gazzetta jistabilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti tagħha.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

136. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira ta' "reklam" għandha titħassar;

(b) fit-tifsira ta' "skema ta' investiment kollettiv":

(i) minflok il-kliem "wieħed mill-karatteristiċi li ġejjin" għandhom jidħlu l-kliem "il-karatteristiċi li ġejjin";

(ii) minflok il-kliem "riskju mifrux; jew" fit-tarf tal-paragrafu (a) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "riskju mifrux; u jew"; u

(iii) minnufih wara t-tifsira ta' "skema ta' investiment kollettiv" għandu jiżdied il-*proviso* li ġej:

"Iżda l-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ liċenza dwar skema jew arranġament li l-unitajiet tagħhom se jkunu jiġu offerti għal sottoskrizzjoni, bejgħ jew bdil lil:

(i) detenturi ta' liċenza; jew

(ii) persuni li n-negozju ordinarju tagħhom jinvolvi l-akkwist jew id-disponiment ta' strumenti ta' l-istess xorta bħall-istrument jew l-istrumenti li fiha tinvesti l-iskema jew l-arranġament; jew

(iii) persuni li n-negozju ordinarju tagħhom jinvolvi l-akkwist u d-disponiment ta' proprjeta' ta' l-istess xorta bħall-proprjeta', jew parti sostanzjali tal-proprjeta', li fiha tinvesti l-iskema jew l-arranġament; jew

(iv) persuni li b'regolamenti taħt dan l-Att ikunu eżentati mill-ħtieġa ta' liċenza għal servizzi ta' investiment kemm-il darba l-iskema jew l-arranġament jinvesti fi strument jew proprjeta' li dwarhom dawk il-persuni jkunu eżentati;

Minkejja li dik l-iskema jew arranġament ma jkollhomx il-karatteristiċi mniżżla fil-paragrafu (a) ta' hawn fuq, u

f'kull każ bħal dak, dik l-iskema jew arranġament għandhom jitqiesu li huma skema ta' investiment kollettiv;";

(ċ) minflok it-tifsira ta' "awtorità kompetenti" għandha tidħol din li ġejja:

" "Awtorità Kompetenti" tfisser il-korp imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 2A ta' dan l-Att";

(d) minnufih wara t-tifsira ta' "preskritt" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "reklam ta' investiment" tfisser kull forma jew medja ta' reklamar jew attività promozzjonali, barra minn prospett, li l-kontenut tiegħu jew jistieden persuni, jew ikun fih materjal li jħajjar persuni:

(i) biex isiru jew biex joffru li jsiru parteċipanti fi skema ta' investiment kollettiv; jew

(ii) biex jisssottoskrivu għal jew xort'oħra jakkwistaw jew jagħmlu *underwriting* ta' strument; jew

(iii) biex jixtru jew xort'oħra jakkwistaw servizz ta' investiment;";

(e) minnufih wara t-tifsira ta' "Ministru", għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "obbligi internazzjonali ta' Malta" tfisser ir-rabtiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet li joħorġu minn sħubija, affiljazzjoni jew relazzjoni ma' organizzjonijiet internazzjonali, globali jew reġjonali jew gruppi ta' pajjiżi jew minn xi trattat, konvenzjoni jew ftehim ieħor internazzjonali, jissejjaħ kif jissejjaħ, sew bilaterali jew multilaterali li fih Malta tkun parti;";

(f) minflok il-paragrafi (ċ) u (d) fit-tifsira ta' "awtorità regolatorja estera" għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

"(ċ) funzjoni ta' l-Awtorità dwar l-Elenku taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji;

(d) funzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti taħt l-Att dwar il-Kummerċ ta' Assigurazzjoni u l-Att dwar il-*Brokers* ta' l-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra;";

(ġ) minnufih wara t-tifsira ta' "preskritt" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" " prospett" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji u l-kelma "azzjonijiet" li hemm fiha għandha tiftiehem li tinkludi riferenza għall-kelma "unità;";

Kap. 386.

(h) minnufih wara t-tifsira ta' "dokument" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:-

" *exchange* ta' investimenti rikonoxxut" għandha l-istess tifsir mogħti lilha taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji"; u

Kap. 386.

(i) fit-tifsira ta' "sussidjarja", minflok il-kliem "bl-artikolu 97 ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali", għandhom jidħlu l-kliem "bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.".

Żieda ta' artikolu ġdid 2A ma' l-Att prinċipali.

137. Minnufih wara l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol l-artikolu ġdid 2A li ġej:

"Awtorità Kompetenti.

2A. Il-Ministru jista' b'Ordni fil-Gazzetta jaħtar korp biex ikun l-Awtorità Kompetenti għall-finijiet ta' dan l-Att biex teżerċita l-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att u li twettaq dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jista' jidhirlu xieraq relattivament għall-operat ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

138. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) L-Awtorità Kompetenti tista' b'avviż bil-miktub lil xi persuna tiddeċiedi li:-

(a) servizz jaqa' taħt l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att meta jiġi provdut dwar strument; jew

(b) strument, kuntratt jew jedd jaqa' taħt it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att u sew jekk maħruġ f'Malta u sew jekk le;

u bla ħsara għal xi appell magħmul taħt l-artikolu 19 ta' dan l-Att dwar dik il-persuna, id-deċiżjoni ta' l-Awtorità Kompetenti kemm-il darba ma tiġix revokata mit-Tribunal tkun konklużiva għall-finijiet kollha ta' dan l-Att.".

139. L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) preżenti tiegħu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) ta' l-imsemmi subartikolu (2) u minnufih wara l-paragrafu (a), kif numerat mill-ġdid għandu jidħol il-paragrafu (b) ġdid li ġej:

"(b) Għat-twettiq aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tista', minn żmien għal żmien, toħroġ u tippubblika Linji ta' Gwida li jkunu jorbtu lid-detenturi ta' liċenza u lil oħrajn kif jista' jiġi speċifikat fihom. Dawk il-Linji ta' Gwida jistgħu jistabbilixxu ħtiġiet u kondizzjonijiet addizzjonali dwar l-attivitajiet ta' detenturi ta' liċenza, it-tmexxija tan-negozju tagħhom, ir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti, mal-pubbliku u ma' partijiet oħra, ir-responsabbilitajiet tagħhom lejn l-Awtorità Kompetenti, ħtiġiet dwar rapporti, u kull ħaġa oħra li l-Awtorità Kompetenti jidhrilha xierqa.";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "il-ħarsien tal-pubbliku;" għandhom jidħlu l-kliem "il-ħarsien ta' investituri u tal-pubbliku in ġenerali;";

(ċ) minflok il-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (3) tiegħu għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

"(b) il-ħarsien tar-reputazzjoni ta' Malta meta jkunu kunsidrati l-obbligi internazzjonali ta' Malta;

(ċ) il-promozzjoni ta' kompetizzjoni u għażla; u";

(d) minflok is-subartikolu (6) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(6) Fi żmien sitt xhur mid-data tas-sottomissjoni ta' formula ta' applikazzjoni mimlija kif imiss flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa, l-Awtorita Kompetenti għandha tinforma applikant bid-deċiżjoni tagħha jekk tagħtix liċenza jew le.";

(e) fis-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "iżda wkoll li kull direttur jew uffiċjal ta' dik il-persuna," għandhom jidħlu l-kliem "iżda wkoll li kull azzjonist kwalifikanti jew membri, direttur jew uffiċjal ta' dik il-persuna,";

(f) minflok is-subartikolu (8) tiegħu għandhom jidħlu s-subartikoli (8), (9), (10) u (11) li ġejjin:-

"(8) (a) Meta jkunu jeżistu rabtiet mill-qrib bejn applikant u xi persuna oħra, l-Awtorità Kompetenti għandha:

(i) tagħti biss liċenza jekk ikun jidhirlha li dawk ir-rabtiet mill-qrib ma jfixkluhix milli teżerċita b'mod effettiv l-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha; u

(ii) tirrifjuta li tagħti dik il-liċenza jekk tikkunsidra li l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' xi pajjiż barra minn Malta li jiggvernaw persuna waħda jew iżjed li miegħu l-applikant ikollu rabtiet mill-qrib, jew l-infurzar tagħhom, ifixklu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha.

(b) L-Awtorità Kompetenti tista' minn żmien għal żmien, bil-mezz ta' Linji ta' Gwida taħt dan l-Att tiddefenixxi ċ-ċirkostanzi fejn rabtiet mill-qrib għandhom jitqiesu li jeżistu bejn żewġ persuni jew iktar.

(9) Meta detentur ta' liċenza jew il-*manager*, segretarju, direttur jew persuna oħra responsabbli għal detentur ta' liċenza tikser jew tonqos li tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti f'liċenza maħruġa taħt dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti tista' b'avviż bil-miktub u mingħajr rikors għal smigħ minn qorti timponi fuq id-detentur ta' liċenza, il-*manager*, is-segretarju, id-direttur, u jew persuni oħra, skond il-każ, penali amministrattiva li ma tistax tkun iżjed minn erbgħin elf lira.

(10) Fi żmien perijodu ta' tletin jum li jibda mid-data ta' notifika ta' avviż li jimponi penali amministrattiva skond is-subartikolu (9) ta' dan l-artikolu, persuna li lilha l-avviż ikun ġie notifikat tista' tappella lit-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji kontra d-deċiżjoni ta' l-Awtorità Kompetenti skond l-artikolu 19 ta' l-Att.

(11) Meta ma jkunx sar appell minn avviż kif imsemmi fis-subartikolu (9) ta' dan l-artikolu jew meta jkun sar appell fi żmien ħmistax-il jum mid-deċiżjoni ta' dak l-appell, il-penali amministrattiva li tkun tinsab fl-avviż jew kif imnaqqsa bid-deċiżjoni tat-Tribunal, tkun dovuta lill-Awtorità u man-notifika ta' kopja ta' l-avviż jew tad-deċiżjoni, skond il-każ, bil-mezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna ndikata fl-avviż jew fid-deċiżjoni, l-imsemmi avviż jew deċiżjoni jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-

finijiet u effetti kollha tat-Titlu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

140. L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu -

(i) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "biex jitħares il- pubbliku jew ir-reputazzjoni ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "sabiex jitħarsu l-investituri u l-pubbliku in ġenerali, u r-reputazzjoni ta' Malta meta jkunu kunsidrati l-obbligi internazzjonali ta' Malta; jew";

(ii) fil-paragrafu (f) tieghhu, minflok il-kliem "tad-detentur tal-liċenza." għandhom jidħlu l-kliem "tad-detentur tal-liċenza; jew"; u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (f) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(ġ) f'xi ċirkostanzi li taħthom l-awtorità kompetenti kienet tkun prekluża milli toħroġ il-liċenza taħt dan l-Att jew meta taħt dan l-Att kien ikollha l-jedd tirrofta l-għoti ta' dik il-liċenza; u

(ħ) jekk id-detentur ta' liċenza jkun kiseb il-liċenza billi jkun għamel dikjarazzjonijiet foloz b'xi mod jew ieħor irregolari."; u

(b) fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "biex jitħares il-pubbliku jew ir-reputazzjoni ta' Malta; jew" għandhom jidħlu l-kliem "sabiex jitħarsu l-investituri u l-pubbliku in ġenerali, u r-reputazzjoni ta' Malta meta jkunu kunsidrati l-obbligi internazzjonali ta' Malta; jew".

141. Minflok is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

"(3) L-Awtorità Kompetenti għandha kemm jista' jkun malajr tinnotifika d-deċiżjoni finali tagħha bil-miktub lil kull waħda mill-persuni li lilhom għandu jingħata avviż taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.".

142. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "isiru jafu b'dawk it-tibdiliet" għandhom jidħlu l-kliem "isiru jafu b'dawk it-tibdiliet u għandhom javżaw lill-Awtorità Kompetenti, fuq bażi kontinwa, bit-tibdiliet jew ċirkostanzi li jitgħu joħolqu rabtiet mill-qrib skond kif imfisser fl-artikolu 6 ta' dan l-Att.". Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

Żieda ta' l-artikolu ġdid 9A ma' l-Att prinċipali.

143. Minnufih wara l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol l-artikolu ġdid 9A li ġej:

"Persuni li jipprovdu servizzi amministrattivi.

"9A. (1) Kull persuna li f'Malta jew minn Malta tipprovdi, lil detenturi ta' liċenza f'Malta, jew lil persuni u skemi awtorizzati ekwivalenti barra minn Malta, servizzi amministrattivi li minnhom infushom ma jikkostitwux attività li teħtieġ liċenza taħt dan l-Att, ikunu meħtieġa li japplikaw għal rikonoxximent mill-Awtorità Kompetenti taħt dan l-artikolu, u ebda persuna ma għandha tipprovdi dawk is-servizzi kemm-il darba ma tkunx hekk rikonoxxuta.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' minn żmien għal żmien, toħroġ linji ta' gwida li jistabbilixxu l-ħtiġiet għal rikonoxximent u b'mod ġenerali tirregola il-provediment ta' dawk is-servizzi amministrattivi. Dawk il-linji ta' gwida jistgħu b'mod partikolari jipprovdu għal kull ħaġa minn dawn li ġejjin:

(i) jistabbilixxu liema attivitajiet jikkostitwixxu servizzi amministrattivi għall-finijiet ta' dan l-artikolu;

(ii) il-forma u l-kontenut ta' l-applikazzjonijiet lill-Awtorità Kompetenti għal rikonoxximent;

(iii) id-drittijiet għal applikazzjoni, annwali u oħrajn li jitħallsu dwar rikonoxximent;

(iv) l-obbligu li jiġu provduti dokumentazzjoni u nformazzjoni oħra lill-Awtorità Kompetenti;

(v) il-miżuri li bihom l-Awtorità Kompetenti tkun tista' tiżgura tħaris minn amministraturi rikonoxxuti, ta' l-Att u tal-linji ta' gwida maħruġa taħtu;

(vi) l-arranġamenti għal bdil ta' informazzjoni ma' korpi regolatorji oħra sew f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

(vii) b'mod ġenerali għal kull ħaġa li hi anċillari jew konnessa ma' dawn ta' hawn fuq.".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

144. L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ma għandu jikseb kapital azzjonarju kwalifikanti", għandu jidħol l-kliem "ma għandu jikseb, direttament jew indirettament, kapital azzjonarju kwalifikanti";

(b) minflok is-subartikolu (5) għandu jidħol dan li ġej:

"(5) L-Awtorità Kompetenti għandha tinnotifika d-deċiżjoni finali tagħha bil-miktub lill-persuna li tagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, fi żmien tletin jum minn meta jiġu riċevuti r-rappreżentazzjonijiet kif provdut fl-imsemmi subartikolu (4).";

(ċ) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "li tkun bi ħsiebha tbigh jew tiddisponi minn kapital azzjonarju kwalifikanti", għandhom jidħlu l-kliem "li tkun bi ħsiebha tbigħ jw tiddisponi, direttament jew indirettament, minn kapital azzjonarju kwalifikanti";

(d) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu, għandhom jidħlu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(8) Meta l-influwenza eżerċitata minn persuna li takkwista jew li tipproponi li takkwista kapital azzjonarju x'aktarx li jkun ta' pre- ġudizzju għall-amministrazzjoni tajba u prudenti ta' detentur ta' liċenza, l-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ avviż ta' oġġezzjoni u teżerċita kull setgħa mogħtija lilha taħt dan l-Att, inkluża s-setgħa li toħroġ direttivi, kif jidhrilha raġonevoli u xieraq fiċ-ċirkostanzi.

(9) Kopja ta' kull avviż notifikat lill-persuna konċernata skond is-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu għandha tkun notifikata lill-kumpanija li għaliha jirrelataw l-azzjonijiet.

(10) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att, meta jkunu ġew akkwistati azzjonijiet f'detentur ta' liċenza, minkejja l-oġġezzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti, l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot korrispondenti għandu jiġi sospiż u l-voti kollha mitfugħa bi ksur ta' dan is-subartikolu jkunu nulli u bla effett.

(11) Jekk min jakkwista l-kapital azzjonarju kwalifikanti msemmi f'dan l-artikolu jkun:

(a) persuna li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti minn awtorità regolatorja barranija, jew

(b) l-impriża prinċipali ta' persuna msemmija fil-paragrafu (a) hawn qabel, jew

(ċ) persuna li tikkontrolla persuna msemmija fil-paragrafu (a) hawn qabel;

u jekk, bħala riżultat ta' dak l-akkwist, id-detentur ta' liċenza li min jakkwista jipproponi li jakkwista fih parteċipazzjoni jsir is-sussidjarju ta' minn jakkwista jew jiġi jaqa' taħt il-kontroll tiegħu, l-istima ta' l-akkwist mill-awtorità kompetenti għandha tkun suġġetta għal konsultazzjoni bil-quddiem ma' l-awtorità regolatorja barranija fil-qies tar-rabtiet internazzjonali li għandha Malta.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

145. Minflok l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Prospett u reklamar għal investimenti.

11. (1) (a) Ebda skema ta' investiment kollettiv, liċenzjata jew le, ma għandha toħroġ jew iġġiegħel li jinħareġ prospett f'Malta jew minn Malta kemm-il darba l-prospett ma jkunx approvat mill-Awtorità Kompetenti.

(b) Ebda persuna, barra minn detenturi ta' liċenza, ma għandhom joħorġu jew iġiegħlu li jinħareġ reklam għal investiment f'Malta, kemm-il darba l-kontenut ma jkunx approvat minn detentur ta' liċenza.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista', minn żmien għal żmien, toħroġ dawk il-linji ta' gwida jew direttivi lil detenturi ta' liċenza kif, jidhirlha xieraq sabiex tistabilixxi *standards* minimi u ħtiġiet li għandhom ikunu mħarsa minn detenturi ta' liċenza meta joħorġu jew japprovaw reklami dwar investiment jew meta joħorġu prospett skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu. Dawk il-linji ta' gwida jew direttivi jistgħu wkoll jinkludu disposizzjonijiet għal dawk l-eżenzjonijiet jew kondizzjonijiet skond kif ikun speċifikat fihom u jistgħu jagħmlu disposizzjonijiet differenti għal każijiet differenti jew għal klassijiet ta' każijiet differenti, taħt dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet u restrizzjonijiet fuq detentur ta' liċenza dwar il-ħruġ u l-approvazzjoni ta' reklami ta' investimenti, hekk kif jidhrilha xieraq.".

146. L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih fi tmiem paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin:

"jipprovdi dwar ir-regolamentazzjoni ta' ċirkolazzjoni libera ta' unitajiet ta' skemi ta' investiment kollettiv u jirregola lill-kumpanniji li jimmaniġġjaw skemi bħal dawk u jagħmel provvedimenti fuq il-ħtiġiet ta' adegwatezza ta' kapital.";

(b) minflok il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej :

"(ċ) jistabbilixxi skemi jew arranġamenti oħra għall-kumpens ta' investituri f'każijiet fejn detenturi ta' liċenza jew xi kategoriji tagħhom kif jista' jiġi speċifikat, ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn investituri jew talbiet dwar xi dejn li jkun sar minnhom b'konnessjoni ma' xi attività li dwarha jkunu liċenzjati u biex jirregola l-amministrazzjoni u l-finanzjament ta' kull skema jew arranġamenti bħal dawk u, l-kontribuzzjonijiet jew il-ġbir li għandhom jitħallsu fihom, biex ikunu stabbiliti l-livelli minimi u massimi ta' kumpens li jitħallsu taħthom u jista' taħt dawk l-iskemi u arranġamenti jiddistingwi bejn klassijiet differenti ta' investituri u, jeskludi ċerti klassijiet minn kumpens, u biex jipprovdi għar-regolamentazzjoni ta' u għal kull aspett li għandhom x'jaqsmu ma' dawk l-iskemi u arranġamenti u jista' wkoll jipprovdi li dawk l-iskemi jew arranġamenti kif jistgħu jiġu preskritti jkollhom personalità legali distinta minn dik tal-kontributuri tagħhom u ta' l-Awtorità Kompetenti u jipprovdi għar-rappreżentanza ġuridka u legali tagħhom;";

(ċ) il-paragrafi (g),(ħ) u (i) tas-subartikolu (1) tiegħu għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala paragrafi (i), (j) u (k) rispettivament, u minnufih wara l- paragrafu (f) tiegħu għandhom jidħlu l-paragrafi ġodda (g) u (h) li ġejjin:

"(ġ) jirregola l-għemil, l-approvazzjoni, il-pubblikazzjoni u d-distribuzzjoni f'Malta ta' prospetti dwar l-offerta ta' titoli trasferibbli awtorizzati jew xort'oħra approvati, f'pajjiż jew f'pajjiżi barra minn Malta u li jipprovdi għar-rikonoxximent ta' dawk il-prospetti meta jitqiesu l-obbligi internazzjonali ta' Malta;

(h) jipprovdi għal u jirregola l-ħlas minn xi persuna, korp jew skema, skond il-każ, ta' drittijiet ta' liċenza jew

drittijiet oħra u dawk il-ħlasijiet l-oħra li jitħallsu lill-Awtorità Kompetenti dwar kull ħaġa li għaliha hemm provdut b'dan l-Att jew taħtu jew b'xi regoli jew regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu, kif jista' jiġi preskritt;"; u

(d) fil-paragrafu (i) tas-subartikolu (1) tiegħu kif numerat mill-ġdid, minflok il-kliem "u b'dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu preskritti;" għandhom jidħlu l-kliem "suġġett għal dawk il-varjazzjonijiet, żidiet, adattamenti u modifikazzjonijiet li jistgħu jkunu preskritti u suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet jew ħtiġiet oħra, magħduda forom oħra ta' awtorizzazzjoni u proċeduri dwar notifika li jistgħu jkunu preskritti;";

(e) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subartikolu (2)(A)";

(f) minnufih wara subartikolu (2)(A), kif enumerat mill-ġdid, għandu jiħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2)(B) Regoli jew regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jkunu jipprovdu għat-twaqqif ta' fondi komuni għall-finijiet ta' investiment fil-għamla ta' skema ta' investiment kollettiv b'kuntratt jew b'xi arranġament ieħor bil-miktub u dawk il-fondi jistgħu jiġu eżentati mill-applikazzjoni ta' xi artikolu jew disposizzjoni tal-Kodiċi Ċivili taħt it-Titolu V tal-Parti I tat-Tieni Ktieb b'dawk il-modifiki u tibdiliet li jistgħu jiġu stabbiliti."; u

(ġ) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu (5) ġdid li ġej:

"(5) L-eżerċizzju ta' xi poteri assenjati taħt dan l-artikolu għandhom ikunu suġġetti għal kull obbligazzjoni jew dritt li joriġina mir-rabitet internazzjonali li għandha Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

147. L-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "kif intqal qabel;" għandhom jidħlu l-kliem "kif intqal qabel, jew dwar xi persuna li magħha d-detentur ta' liċenza jkollu rabtiet mill-qrib skond kif imfisser fl-artikolu 6 ta' dan l-Att;";

(b) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu, għandu jidħol is-subartikolu (8) ġdid li ġej:

"(8) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, detentur ta' liċenza jista' jkun meħtieġ li jissottometti lill-Bank Ċentrali ta' Malta dik l-informazzjoni li l-Bank jista' b'mod raġonevoli jeħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu taħt l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.".

148. Fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "jeħtieġ li detentur ta' liċenza" għandhom jidħlu l-kliem "jeħtieġ li detentur ta' liċenza jew ta' xi persuna li tkun jew li kienet tipprovdi, jew li tkun tidher li hi jew li kienet tipprovdi servizz ta' investiment" u minflok il-kliem "tad-detentur ta' liċenza" għandhom jidħlu l-kliem "tad-detentur ta' liċenza jew ta' dik il-persuna l-oħra.". Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

149. L-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-awtorità kompetenti għandha teżerċita l-poteri tagħha bis-saħħa ta' dan l-artikolu:

(a) meta l-assistenza tkun mitluba mill-awtorità regolatorja barranija għall-finijiet ta' l-eżerċizzju ta' xi waħda jew aktar mill-funzjonijiet regolatorji tagħha; jew

(b) meta tkun hekk mitluba fil-paramentri tar-rabtiet internazzjonali li għandha Malta; jew

(ċ) meta tkun hekk mitluba fil-paramentri ta' rabtiet assunti f'pattijiet ta' ftehim bilaterali jew multilaterali għall-iskambju ta' informazzjoni u għamliet oħra ta' kollaborazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin inkluża talba li ssir taħt *Memorandum of Understanding* li jsir ma' l-awtorità kompetenti."; u

(b) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jitħassru.

150. L-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "kull fatt li" għandhom jidħlu l-kliem "kull fatt jew deċizjoni li";

(ii) il-paragrafu (b) u (ċ) tiegħu għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala paragrafi (ċ) u (d) rispettivament; u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol il-paragrafu (b) li ġej:

"(b) jikkostitwixxi jew x'aktarx jikkostitwixxi ksur materjali tal-ħtiġiet legali jew regolatorji applikabbli għad-detentur tal-liċenza f'dan l-Att jew taħtu; jew;";

(b) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala subartikoli (3) u (4) rispettivament;

(ċ) minnufih wara s-subartikoli (1) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu (2) li ġej:

"(2) Uditur ta' detentur ta' liċenza għandu jirrapporta lill-Awtorità kompetenti kull fatt jew deċizjoni kif speċifikat fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ta' kull persuna li jkollha rabtiet mill-qrib ma' dak id-detentur tal-liċenza kif imfisser fl-artikolu 6 ta' dan l-Att, jew li jsir jaf bih fil-kapaċità tiegħu ta' uditur tad-detentur tal-liċenza jew tal-persuna li jkollha dawk ir-rabtiet mill-qrib."; u

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok l-kliem "tal-paragrafu (ċ)" għandhom jidħlu l-kliem "tal-paragrafu (d)".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

151. L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) F'dan l-artikolu "it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji" tfisser it-Tribunal imwaqqaf taħt l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) il-paragrafi (a)(b)(ċ)(d)(e) u (f) għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala paragrafi (b)(d)(e)(f)(g) u (ħ) rispettivament;

(ii) minnufih qabel il-paragrafu (b) kif numerat mill-ġdid għandu jidħol il-paragrafu (a) ġdid li ġej:

"(a) kull avviż skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att;";

(iii) minflok paragrafu (b) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) kull nuqqas li jiġi infurmat applikant fil-parametri tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att;";

(iv) minnufih wara l-paragrafu (b) kif numerat mill-ġdid għandu jidħol il-paragrafu ġdid (ċ) li ġej:

"(ċ) kull penali amministrattiva mposta taħt is-subartikolu (9) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att;" u

(v) fil-paragrafu (e) tiegħu kif numerat mill-ġdid, il-kliem "jew deċiżjoni meqjusa bħala meħuda" għandhom jitħassru; u

(ċ) il-*proviso* għas-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar.

Emendu ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

152. Minflok il-paragrafi (e), (f), (ġ) u (h) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(e) lil awditur meta dak il-kxif ikun jassisti lill-awditur fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 18 ta' dan l-Att;

(f) lill-Bank Ċentrali ta' Malta jew lill-Awtorità dwar l-Elenku taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dik l-informazzjoni tenħtieġ mill-Bank jew mill-Awtorità dwar l-Elenku fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom skond il-liġi;

(ġ) b'risposta għal talba mingħand, jew bil-għan li tiġi assistita, awtorità regolatorja barranija konformement ma' l-artikolu 17 ta' dan l-Att;

(h) lil dawk l-awtoritajiet l-oħra lokali jew barranin ta' xorta regolatorja, ġudizzjarja jew ta' infurzar meta dak il-kxif ikun meħtieġ jew mitlub sabiex ikun hemm prosegwiment ta' kwistjonijiet regolatorji serji jew il-kxif, prevenzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali;

(i) fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali dwar il-falliment jew l-istralċ obbligatorju ta' detentur ta' liċenza sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx tirrigwarda terzi involuti f'tentattivi ta'

liberazzjoni ta' dak id-detentur ta' liċenza, u lil dawk il-korpi barranin li jkunu responsabbli għal-likwidazzjoni u l-falliment ta' persuna li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti mingħand xi awtorità regolatorja barranija jew għal proċeduri oħra simili.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali.

153. Minflok l-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Kontinwazzjoni ta' korp magħqud barrani.

31 (1) Korp magħqud, format, inkorporat jew reġistrat f'pajjiż barra minn Malta (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "korp magħqud barrani") u li jkun qed imexxi negozju ta' skema ta' investiment kollettiv, li jkun simili fix-xorta tiegħu bħala korp magħqud kif magħruf taħt il-liġijiet ta' Malta (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "korp magħqud lokali") u li kien, kieku kien korp magħqud lokali bħal dak, jikkwalifika biex ikun awtorizzat jew rikonoxxut bħala skema ta' investiment kollettiv taħt dan l-Att, jista' bla ħsara għall-approvazzjoni jew awtorizzazzjoni speċifika ta' l-Awtorità Kompetenti, ikollu kontinwazzjoni bħala skema ta' investiment kollettiv taħt dan l-Att u taħt il-liġijiet applikabbli ta' Malta.

(2) Il-kontinwazzjoni ta' korp magħqud barrani ma għandhix isseħħ kemm-il darba dik il-kontinwazzjoni (jew proċess simili, magħduda konverżjoni) ma tkunx permessa mil-liġijiet applikabbli tal-ġurisdizzjoni barranija u tkun skond dawk id-dispożizzjonijiet tagħhom biex isseħħ dik il-kontinwazzjon (jew proċess simili).

(3) Kontinwazzjoni tista' sseħħ biss jekk tkun permessa bl-istatut jew bl-istrument tal-korp magħqud barrani biex hekk tkompli, u jekk tkun approvata skond il-proċedura, jekk ikun hemm, stabbilita fih jew fil-liġi applikabbli tal-ġurisdizzjoni barranija għal dan l-għan.

(4) Il-kontinwazzjoni ta' korp magħqud barrani bħala korp magħqud lokali għandha tingħata effett b'istrument ta' kontinwazzjoni li jkun fih, b'żieda mad-dikjarazzjonijiet dwar il-kontinwazzjoni, l-ekwivalenti ta' *memorandum* u statut jew dokument kostitwenti ekwivalenti kif jista' jkun meħtieġ b'dan l-Att jew liġijiet oħra applikabbli ta' Malta għar-reġistrazzjoni ta' dak il-korp magħqud skond ix-xorta tal-korp magħqud lokali li fih ikun se jiġi kontinwat, u li juri mid-dehra tiegħu li l-kontinwazzjoni tkun ġiet approvata kif provvdut f'dan l-artikolu.

(5) Il-konsenja ta' l-istrument ta' kontinwazzjoni lir-Reġistratur tal-Kumpaniji għandha, għall-finijiet kollha tal-liġijiet ta' Malta, tkun ekwivalenti għall-konsenja ta' att ta' soċjeta' jew *memorandum* u statut ta' kumpanija, skond il-każ, daqslikieku kien korp magħqud li se jiġi reġistrat taħt dan l-Att, u r-Reġistratur għandu hekk jittrattah.

(6) Mal-konsenja ta' l-istrument ta' kontinwazzjoni u r-reġistrazzjoni tiegħu taħt dan l-Att il-korp magħqud għandu jieqaf milli jkun korp magħqud taħt il-ġurisdizzjoni tar-reġistrazzjoni preċedenti u jkompli l-eżistenza korporali tiegħu taħt il-liġijiet ta' Malta, u għandu jżomm l-assi, id-drittijiet u l-obbligi kollha tagħha.

(7) Meta l-imsemmija kontinwazzjoni tagħti d-dritt jew teħtieġ lil korp magħqud biex jifdi l-interess ta' persuni dissidenti li l-approvazzjoni tagħhom tkun meħtieġa, dak l-interess jista' jiġi mifdi b'dawk il-pattijiet li jistgħu jkunu miftehma jew kif il-qrati f'Malta jistgħu, fuq talba ta' kull parti, jiddeċiedu.

(8) (a) Korp magħqud lokali li jkun qed imexxi negozju bħala skema ta' investiment kollettiv awtorizzat jew li xort'oħra jaqa' taħt it-tifsir ta' dan l-Att, jista', suġġett għall-approvazzjoni u awtorizzazzjoni speċifika ta' l-Awtorità Kompetenti, ikollu kontinwazzjoni bħala korp magħqud barrani, u d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(b) Korp magħqud lokali ma jieqafx milli jkun korp magħqud lokali suġġett għall-ġuriżdizzjoni Maltija sakemm ir-Reġistratur ma jkunx irċieva avviż bil-miktub tal-kontinwazzjoni (jew proċess ieħor) magħmula kif intqal qabel u jekk u sakemm ma jkunx sodisfatt li l-ħtiġiet ta' dan l-artikolu jkunu tħassru, ir-Reġistratur ma jkunx irreġistra dik il-kontinwazzjoni u jkun, bħala konsegwenza ta' dan u bis-saħħa ta' dan l-artikolu, ħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-reġistru.

(9) Il-Ministru jista, fuq il-parir ta' l-Awtorità Kompetenti, jagħmel regolamenti għat twettiq aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.".

154. L-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

(a) Minflok il-partita 3 tagħha għandha tidħol din li ġejja:

"3. Amministrazzjoni ta' Investimenti

Amministrazzjoni jew ftehim għall-amministrazzjoni ta' assi li jkunu proprjeta' ta' persuna oħra jekk dawk l-assi jikkonsistu minn jew jinkludu dokument wieħed jew iktar jew l-arranġamenti għall-amministrazzjoni tagħhom ikun hekk li l-persuna li tamministra jew li tiftiehem li tamministra dawk l-assi jkollha diskrezzjoni biex tinvesti xi wħud minn dawk l-assi f'dokument wieħed jew iktar."; u

(b) fil-paragrafu (a) tal-partita 4 tiegħu, minflok il-kliem "fil-paragrafi 1, 2, 3 jew 5 ta' din l-Iskeda; jew" għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafi 1, 2, 3, 5 jew 6 ta' din l-Iskeda; jew"; u

(ċ) minnufih wara l-partita 5 tagħha għandha tidħol il-partita 6 ġdida li ġejja:

"6. *Stockbroking*

It-tmexxija tal-kummerċ ta' xiri, bejgħ jew in-negozju b'mod ieħor ta' strumenti kwotati fuq *exchange* ta' investimenti rikonoxxut għal jew għan-nom ta' terzi persuni.".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

155. Il-partita 1 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tagħha, għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) tagħha; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tagħha għandu jidħol is-subartikolu (2) ġdid li ġej:

"(2) Ċertifikati jew strumenti oħra li joħolqu jew jirrikonoxxu debitu u li mal-ħruġ tagħhom jagħtu d-dritt li ssir talba għad-debitu maħluq jew rikonoxxut minnhom f'xi żmien fil-futur, suġġett għall-kondizzjoni li t-talba li ssir taħthom tista' titnaqqas taħt il-valur jew prezz taċ-ċertifikati jew strumenti fil-ħin tal-ħruġ.".

TAQSIMA VIII
EMENDI TA' L-ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU, KAP. 371

156. (1) Din it-Taqsima temenda, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap.371.

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

157. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu -

(i) fit-tifsira ta' "bank" jew "istituzzjoni ta' kreditu", minnufih wara l-kliem "kummerċ bankarju" għandhom jidħlu l-kliem ", u, kemm-il darba ma jiġix dikjarat xort'oħra, tinkludi istituzzjoni ta' flus elettroniċi";

(ii) fit-tifsira ta' "direttiva bankarja", minflok il-kliem "maħruġa minn awtorità kompetenti" għandhom jidħlu l-kliem "maħruġa minn awtorità kompetenti li tkun tirregola istituzzjonijiet ta' kreditu, b'esklużjoni ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi";

(iii) fit-tifsira ta' "fergħa", minflok il-kelma "bank" għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu";

(iv) minflok it-tifsira ta' "kummerċ bankarju" għandha tidħol din li ġejja :

" "kummerċ bankarju" tfisser il-kummerċ ta' persuna li kif speċifikat fis-subartikolu (2) taċċetta depożitu ta' flus mill-pubbliku li jistgħu jiġu rtirati jew imħallsa lura fuq talba jew wara perijodu stabbilit jew wara avviż jew li tissellef jew tiġbor flus mingħand il-pubbliku (inkluż is-self jew ġbir ta' flus bil-ħruġ ta' obbligazzjonijiet jew *stock* ta' obbligazzjonijiet jew strumenti oħra li joħolqu jew jirrikonoxxu dejn), f'kull każ bl-iskop li dawk il-flus jintużaw kollha jew f'parti billi jkunu mislufa lil terzi jew xort'oħra jkunu investiti akkont u għar-riskju tal-persuna li taċċetta dawk il-flus;";

(v) minnufih wara t-tifsira ta' "qorti" għandha tidħol din li ġejja:

"rabtiet mill-qrib" tirreferi għal sitwazzjoni fejn żewġ persuni jew iktar ikollhom rabta:

(a) bil-parteċipazzjoni, permezz ta' proprjetà diretta jew permezz ta' kontroll ta' għoxrin fil-mija jew iktar tal-jeddijiet tal-voti jew tal-kapital ta' korp ġuridiku; jew

Kap. 386.

(b) bil-kontroll, permezz ta' relazzjoni bejn impriża ċentrali u impriża sussidjarja kif imfisser fl-artikolu 2(2) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji; jew

(ċ) permanenti ma' l-istess persuna unika permezz ta' relazzjoni ta' kontroll;";

(vi) fit-tifsira ta' "kumpannija" minflok il-kliem "tkun ħarset id-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tista' minn żmien għal żmien tkun isseħħ f'Malta relattivament għaliha" għandhom jidħlu l-kliem "tkun tikkwalifika biex tkun hekk reġistrata jew inkorporata taħt il-liġijiet ta' Malta";

(vii) minflok it-tifsira ta' "kontroll" għandha tidħol din li ġejja:

" " kontroll" hija s-setgħa biex jiġu stabbiliti b'xi mod il-*policies* finanzjarji u operattivi ta' korp ġuridku, is-setgħa li jinħatru jew jitneħħew il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi jew ta' korp governanti ekwivalenti u s-setgħa li jintefgħu l-maġġoranza tal-voti f'laqgħa tal-bord tad-diretturi jew korp governanti ieħor;";

(viii) minnufih wara t-tifsira ta' "fergħa" għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

" "flus elettroniċi" tfisser il-valur monetarju kif rappreżentat fl-istituzzjoni tal-flus elettroniċi li toħroġ dawk il-flus:

(i) li jkun storjat fuq mezz elettroniku; u

(ii) jkun maħruġ mar-riċeviment ta' fondi f'ammont li ma jkunx inqas fil-valur, mill-valur monetarju maħruġ; u

(iii) ikun aċċettat bħala mezz ta' ħlas minn impriżi li ma jkunux l-istituzzjoni tal-flus elettroniċi;

"istituzzjoni ta' flus elettroniċi" tfisser kull persuna, barra minn istituzzjoni ta' kreditu, li toħroġ mezzi ta' ħlas fil-forma ta' flus elettroniċi;

"direttiva ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi" tfisser direttiva maħruġa mill-Awtorita" Kompetenti biex tirregola istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi";

(ix) minnufih wara t-tifsira ta' "sussidjarju" għandha tidħol din li ġejja :

" "Tribunal għal-Servizzi Finanzjarji" jew "it-Tribunal" tfisser it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji stabbilit taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;" u Kap. 330.

(x) it-tifsiriet ta' "direttiva dwar il-Fondi tal-Bank stess" u ta' "persuna" għandhom jitħassru;

(b) minnufih wara l-*proviso* għas-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol il-proviso addizzjonali li ġej :

"Iżda wkoll ir-riċeviment ta' fondi minn istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi għall-fini tal-flus elettroniċi ma jikkostitwix aċċettazzjoni ta' depożiti jew fondi oħra li għandhom jitħallsu lura jekk il-fondi riċevuti jkunu immedjatament mibdula fi flus elettroniċi."; u

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandhom jidħlu s-subartikoli li ġejjin:

"(3) Ħlief kif espressament provdut xort'oħra f'dan l-Att, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi.

(4) L-attivitajiet kummerċjali ta' istituzzjoni ta' kreditu barra minn istituzzjoni ta' flus elettroniċi, jistgħu, barra l-kummerċ bankarju, jinkludi xi waħda jew l-attivitajiet kollha addizzjonali mniżżla fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att kif jista' jiġi stabbilit mill-Awtorità Kompetenti.

(5) L-attivitajiet kummerċjali ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċI jkunu ristretti għall-ħruġ ta' flus elettroniċi:

Iżda suġġett għal liċenza mogħtija għal hekk mill-awtorità kompetenti dawk l-attivitajiet jistgħu wkoll ikunu estiżi għal :

(i) il-provdiment ta' servizzi finanzjarji jew mhux finanzjarji b'rabtiet mill-qrib bħall-amministrazzjoni ta' flus elettroniċi bl-egħmil ta' funzjonijiet operattivi u funzjonijiet anċillari oħra li għandhom x'jaqsmu mal-ħruġ tagħhom, u l-ħruġ u l-amministrazzjoni ta' mezzi oħra ta' ħlas iżda l-għoti ta' xi forma ta' kreditu; u

(ii) il-ħażna ta' data fuq il-mezz elettroniku f'isem persuni jew istituzzjonijiet pubbliċi oħra.".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

158. (1) Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar, u s-subartikoli (2) (3) u (4) għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala (1), (2) u (3) , rispettivament.

(2) Fis-subartikolu (1), kif enumerat mill-ġdid, ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "u sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet oħra li l-Ministru jista' jqis li jkunu xierqa relattivament għat-tħaddim ta' dan l-Att" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

159. L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kelma "bank"fis-subartikoli (1) u (3) tiegħu, għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "istituzzjonijiet ta' kreditu";

(b) minnufih wara l-kliem "tagħmel id-direttivi bankarji" li hemm fis-subartikolu (2) tiegħu u l-kliem "direttivi bankarji" li hemm fis-subartikoli (3) u (4) tiegħu, għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "u direttivi ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi";

(ċ) minflok il-kliem "jew tirrevoka dawk id-direttivi bankarji." li hemm fis-subartikolu (2) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "jew tirrevoka dawk id-direttivi, u tista' f'direttivi ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi tipprovdi li xi dispożizzjoni li tkun tinsab f'xi direttiva bankarja kif jista' jiġi speċifikat tkun tapplika wkoll għal istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi."; u

(d) fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3" għandhom jidħlu l-kliem "skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

160. L-artikolu 5 ta' l-Att princċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kelma "bankarja" għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' ħruġ ta' flus elettroniċi" u l-kliem minn "skond" sal-kliem "minn żmien għal żmien" għandhom jitħassru;

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "kummerċ bankarju" għandhom jidħlu l-kliem "jew l-aċċettazzjoni ta' depożiti jew il-ħruġ ta' flus elettroniċi";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli li ġejjin:

"(4) l-Awtorità Kompetenti tista' teżenta l-applikazzjoni ta' xi waħda jew kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi direttivi ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi għal istituzzjonijiet ta' flus elettroniċI f'każijiet meta -

(a) l-attivitajiet kummerċjali totali ta' l-istituzzjoni dwar il-ħruġ ta' flus elettroniċi jiġġeneraw ammont totali ta' passiv finanzjarju relatat ma' flus elettroniċi pendenti li ma jkunx iżjed minn żewġ miljun u ħames mitt elf lira Maltin; jew

(b) il-flus elettroniċi maħruġa mill-istituzzjoni jkunu aċċettati bħala mezz ta' ħlas biss minn xi sussidjarji ta' l-istituzzjoni li jkun u jagħmlu funzjonijiet operattivi jew funzjonijiet anċillari oħra relatati ma' flus elettroniċi maħruġa jew imqassma mill-istituzzjoni, xi kumpanija ċentrali ta' l-istituzzjoni jew xi sussidjarji oħra ta' dik il-kumpanija ċentrali; jew

(ċ) flus elettroniċi maħruġa mill-istituzzjoni jkunu aċċettati bħala ħlas biss minn numru limitat ta' intrapriżi; li jkunu distinti b'mod ċar minħabba:

(i) il-lokazzjoni tagħhom fl-istess post jew area lokali limitata oħra; jew

(ii) ir-rabtiet tagħhom mill-qrib finanzjarji jew kummerċjali ma' l-istituzzjoni li taħroġhom, bħala skema komuni ta' bejgħ jew distribuzzjoni:

Iżda l-arranġamenti kontrattwali li fuqhom ikunu bażati għandhom jipprovdu li l-mezz ta' ħażna elettronika li jkun għad-dispożizzjoni tad-detenturi sabiex jagħmlu l-ħlasijiet

ikun suġġett għal ħażna massima ta' ammont li ma jkunx iżjed minn sittin lira Maltin.

(5) Istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi li jkunu ġew eżentati mill-applikazzjoni ta' xi waħda jew kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' xi direttivi ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi għandhom jirrapportaw perjodikament, kif l-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi, fuq l-attivitajiet tagħhom inkluż l-ammont totali tar-responsabbilitajiet finanzjarji dwar il-flus elettroniċi."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (5) għandu jiżdied is-subartikolu (6) ġdid li ġej:

"(6) Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lill-awtorità kompetenti, jistabbilixxi jew jirrikonoxxi forom oħra ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni u notifikazzjoni, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet, żidiet, adattamenti u modifikazzjonijiet u eżenzjonijiet li jistgħu jiġu ordnati; u jistgħu jsiru provvedimenti differenti għal każijiet jew klassijiet ta' każijiet differenti, taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu ordnati, filwaqt li jitqiesu l-obbliġi internazzjonali ta' Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

161. L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnfih wara l-kliem "kummerċ bankarju" għandhom jidħlu l-kliem "jew li toħroġ flus elettroniċi"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "dik l-informazzjoni li tista' tiġi preskritta" għandhom jidħlu l-kliem "dik l-informazzjoni, u għandhom ikunu skond il-ħtiġiet kif jista' jiġi presskritt", u minnufih wara l-kliem "direttiva bankarja" għandhom jidħlu l-kliem "u, jew, direttiva ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

162. L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "jammontaw għall-valur ta' żewġ miljuni liri Maltin jew dak l-ammont l-ieħor li jista' jiġi stabbilit mill-Ministru" għandhom jidħlu l-kliem "jammontaw għal inqas mill-valur ta' żewġ miljun lira Maltija jew, fil-każ ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi, mhux inqas mill-valur ta' ħames mitt elf lira Maltija";

(ii) minflok il-kliem "tal-bank" li hemm fil-paragrafi (b) u (ċ) tiegħu, għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "ta' l-istituzzjoni ta' kreditu";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu, għandu jidħol il-paragrafu ġdid (d) li ġej:

"(d) l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li, meta jkun hemm rabtiet mill-qrib bejn dik il-kumpanija u persuna jew persuni oħra, dawk ir-rabtiet ma jfixkluhix, minħabba xi liġi, regolament, dispożizzjoni, amministrazzjoni jew b'xi mod ieħor, milli teżerċita sorveljanza effettiva ta' dik il-kumpanija taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi direttiva bankarja;"u

(iv) immedjatament fit-tarf tiegħu għandhom jiżdiedu d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

"Iżda dwar is-subartikoli (1)(a), (b) u (ċ), jekk l-applikant ikun istituzzjoni ta' kreditu awtorizzat f'pajjiż ieħor, ikollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu fl-istess pajjiż fejn ikun reġistrat u, jew liċenzjat:

Iżda wkoll dwar is-subartikolu (1)(d) il-kumpanija għandha, wara li tkun liċenzjata taht dan l-Att, tgħarraf lill-awtorità kompetenti minnufih b'kull tibdil fiċ-ċirkustanzi dwar l-applikazzjoni ta' l-imsemmi subartikolu (1)(d) u għandha wkoll tipprovdi lill-awtorità kompetenti bit-tagħrif neċessarju biex tkun tista tissorvelja t-tħaris mal-kondizzjonijiet imsemmija f'dak is-subartikolu (1)(d) fuq bażi kontinwa.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "banek" jew "bank" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjonijiet ta' kreditu" jew "istituzzjoni ta' kreditu" rispettivament;

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu minflok il-kelma "tista'" għandha tidħol il-kelma "għandha", u minflok il-kliem "li taghti liċenza." fil-paragrafu (ċ) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "li tagħti liċenza :"u minnufih fil-tarf tas-subartikolu għandhom jiżdiedu l-kliem li ġejjin:

" u jekk tirrifjuta applikazzjoni għandha tinforma lill-applikant, bil-miktub, tar-raġunijiet għar-rifjut.";

(d) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (6) li ġej :

"(6) Istituzzjoni ta' kreditu liċenzjata taħt dan l-Att għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti bil-partikolaritajiet ta' kull tibdil fl-informazzjoni provduta taħt dan l-Att malli dik l-istituzzjoni ta' kreditu ssir taf b'dak it-tibdil."; u

(e) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (7) li ġej:

"(7) Meta sseħħ l-amalgamazzjoni ta' xi żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu jew iktar wara li jkun inġieb il-kunsens ta' l-awtorità kompetenti, il-Fondi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu stess li jirriżultaw mill-amalgamazzjoni ma għandhomx ikunu inqas mill-Fondi totali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu stess amalgamati fil-waqt ta' l-amalgamazzjoni.".

Żieda ta' artikolu ġdid 7A ma' l-Att prinċipali.

163. Minnufih wara l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipal għandu jiżdied l-artikolu ġdid 7A li ġej:

"Dritt għal fidi.

7A. (1) Detentur ta' flus elettroniċi jista', matul il-perijodu tal-validità tagħhom, jeħtieġ lill-istituzzjoni ta' flus elettroniċi biex tifdi kull ammont pendenti bil-valur tiegħu f'muniti u biljetti ta' flus jew bi trasferiment f'kont mingħajr ħlas ta' drittijiet ħlief dawk li jkunu strettament neċessarji biex issir it-transazzjoni.

(2) L-istituzzjoni ta' flus elettroniċi li toħroġhom għandha b'mod ċar turi lid-detentur il-kondizzjonijiet għall-fidi u tista' wkoll tistabbilixxi l-inqas ammont għall-fidi; iżda dak l-ammont ma għandux ikun iżjed minn ħames liri Maltin.".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

164. L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (5) u (11) tiegħu għandhom jitħassru u s-subartikoli minn (6) sa (10) għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala subartikoli minn (5) sa (9) rispettivament;

(b) minflok il-kliem "lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet Kummerċjali" fis-subartikolu (6) kif numerat mill-ġdid, għandhom jidħlu l-kliem "lir-Reġistratur tal-Kumpaniji";

(ċ) minflok is-subartikolu (7) kif numerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"(7) L-awtorità kompetenti tista' b'Direttiva Bankarja tipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 20 sa 24 għandhom japplikaw għal uffiċċji rappreżentattivi f'Malta bl-istess mod kif japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu.";

(d) fis-subartikolu (8) kif numerat mill-ġdid minflok il-kliem "Il-Ministru jista' wara konsultazzjoni ma' l-awtorità kompetenti, b'regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "L-awtorità kompetenti tista' b'direttiva bankarja", minflok il-kliem "l-Ministru jqis" għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità kompetenti tqis" u minflok il-kliem "immexxija minnhom." għandhom jidħlu l-kliem "immexxija minnhom u tista' timponi fuq dawk il-kumpaniji dak id-dritt fis-sena kif jista' jiġi stabbilit minn żmien għal żmien.".

165. L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-kelma "bank" kull fejn tinsab għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (8) li ġej:

"(8) Meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, din tista' tagħmel pubblika kull azzjoni li tkun ħadet taħt dan l-artikolu.".

166. Minflok l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

"Appelli. 10. Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti:

(a) li tirrifjuta applikazzjoni għal liċenza;

(b) li timponi xi kondizzjoni għall-għoti ta' liċenza;

(ċ) li timponi jew tvarja xi restrizzjoni;

(d) li tirrevoka liċenza;

(e) li toħroġ avviż taħt is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att;

(f) li tagħlaq uffiċċju rappreżentattiv;

(ġ) li timponi penali amministrattiva taħt id-disposizzjonijiet ta' artikolu 35A ta' dan l-Att;

(ħ) li toħroġ xi avviż jew tagħmel xi ordni taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att;

(i) li tagħmel ordni taħt l-artikolu 14 ta' dan l-Att; jew

(j) bin-nuqqas ta' l-awtorità kompetenti li tiddeċiedi applikazzjoni taħt l-artikolu 7(5) ta' dan l-Att,

tista' tappella kontra d-deċiżjoni lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji f'dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet kif stabbiliti taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta."

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

167. Fl-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kelma "bank" kull fejn tinsab għanhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

168. L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "barra minn bank" li hemm fis-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "barra minn istituzzjoni ta' kreditu, li ma tkunx istituzzjoni ta' flus elettroniċi,";

(b) minflok il-kelma "bank" kull fejn tinsab fis-subartikolu (2) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu"; u

(ċ) minflok il-kliem "Kull bank" li hemm fis-subartikolu (3) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "Kull istituzzjoni ta' kreditu, barra minn istituzzjoni ta' flus elettroniċi,".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

169. L-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kelma "bank" kull fejn tinsab, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Jekk, bħala r-riżultat ta' l-akkwist ta' ishma f'xi istituzzjoni ta' kreditu, l-istituzzjoni ta' kreditu li fiha persuna tipproponi li tikseb il-parteċipazzjoni attiva ssir sussidjarja jew inkella tkun suġġetta għall-kontroll tal-persuna li tkun

qed takkwista dawk l-ishma, u dik il-persuna tkun istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata f'xi pajjiż ieħor jew tkun persuna naturali jew ġuridika li tkun qed tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata f'xi pajjiż ieħor, l-awtorità kompetenti għandha, qabel ma tagħti l-kunsens tagħha jew xort'oħra taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-pajjiż involut.";

(ċ) minflok il-kliem "fil-Borża ta' Malta" li hemm fis-subartikolu (3) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "borża liċenzjata taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarju";

(d) fis-subartikolu (8) tiegħu minflok il-kelma "xahrejn" għandhom jidħlu l-kliem "tliet xhur" minflok il-kliem "għandha toħroġ avviż" għandhom jidħlu l-kliem "għandha, minħabba fil-ħtieġa li tiġi żgurata tmexxija tajba u prudenti ta' l-istituzzjoni ta' kreditu involuta, toħroġ avviż" u fil-proviso għas-subartikolu (8) tiegħu, minflok il-kliem "ġie mogħti avviż ta' rifjut taħt il-paragrafu (ċ) ta' dan is-subartikolu" għandhom jidħlu l-kliem "jkun ingħata kunsens skond il-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu";

(e) fis-subartikolu (9) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "allura, mingħajr preġudizzju għal xi piena oħra" għandhom jidħlu l-kliem "jew, alternattivament, jekk wara li tkun kisbet dak il-kunsens ikun sussegwentement jidher lill-awtorità kompetenti li xi azzjoni meħuda taħt is-subartikoli (1) u (5) tkun qed taħdem, jew x'aktarx taħdem, b'detriment għall-amministrazzjoni tajba u prudenti ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, allura, mingħajr preġudizzju għal xi piena oħra";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "milli jieħdu dak il-pass" għandhom jidħlu l-kliem "milli jieħdu jew ikomplu dak il-pass"; u

(iii) fil-paragrafu (d) tiegħu minflok il-kliem "li jirċievu xi pagament" għandhom jidħlu l-kliem "li jirċievu xi pagament jew jeżerċitaw xi drittijiet ta' votazzjoni marbut ma' l-azzjonijiet akkwistati".

170. L-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

(a) fin-nota marġinali li hemm għalih u fis-subartikoli (1) u (3), minflok il-kelma "bank" għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu";

(b) fis-subartikoli (1) u (3) tiegħu, minflok il-kelma "kontrollur" għandhom jidħlu l-kliem "kontrollur jew direttur";

(ċ) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej :

"(2) Istituzzjoni ta' kreditu għandha minnufih tinnotifika lill-awtorità kompetenti -

(a) bil-partikolaritajiet kollha tal-persuni kollha li jkunu kontrolluri jew diretturi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu;

(b) bil-partikolaritajiet kollha ta' kull persuna li tkun mistennija li ssir kontrollur jew direttur ta' l-istituzzjoni ta' kreditu;

(ċ) bil-partikolaritajiet kollha ta' kull persuna li tkun mistennija li tieqaf milli tkun kontrollur jew direttur ta' l-istituzzjoni ta' kreditu."; u

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "li ssir kontrollur ta' bank bla ma tkun jew tkun se ssir azzjonista sinifikanti jew azzjonista kwalifikattiv" għandhom jidħlu l-kliem "li ssir kontrollur jew direttur ta' istituzzjoni ta' kreditu", minflok il-kliem "biex tkun kontrollur" għandhom jidħlu l-kliem "biex tkun kontrollur jew direttur", u minflok il-kliem "milli ssir kontrollur" għandhom jidħlu l-kliem "milli ssir kontrollur jew direttur".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

171. Minflok l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej :

"Transazzjonijiet projbiti.

15. (1) Istituzzjoni ta' kreditu, bl-esklużjoni ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi, ma għandhiex -

(a) tagħti xi faċilità ta' kreditu kontra s-sigurta' ta' l-azzjonijiet tagħha stess jew kontra xi sigurtajiet oħra maħruġa mill-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha jew kontra xi azzjonijiet jew xi sigurtajiet oħra ta' korp ġuridiku ieħor li fih l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha kontroll;

(b) tagħti jew tippermetti li jibqgħu pendenti faċilitajiet ta' kreditu jew testendi xi servizzi bankarji taħt pattijiet u kondizzjonijiet iktar favorevoli minn dawk li l-istituzzjoni ta' kreditu kienet xort'oħra tapplika -

(i) lil xi wieħed mid-diretturi tagħha jew lill-konjugi tagħhom kemm jekk flimkien jew individwalment, jew ma' terzi persuni:

Iżda, f'kull każ fejn jingħataw faċilitajiet ta' kreditu li ma jkunux assigurati, dawn ma għandhomx fit-total jeċċedu s-somma ta' għaxart elef lira Maltin;

(ii) lil xi persuna li fiha l-istituzzjoni finanzjarja jew xi wieħed jew iżjed mid-diretturi tagħha jkun interessat bħala direttur, soċju, *manager* aġent jew membru jew lil xi persuna li tagħha xi wieħed mid-diretturi jew iżjed ta' l-istituzzjoni tal-kreditu jkun garanti;

(iii) lil xi korp ta' persuni li fih l-istituzzjoni ta' kreditu jew xi wieħed jew iżjed mid-diretturi tagħha jkollhom flimkien jew individwalment kontroll, li ma jkunx huwa stess istituzzjoni ta' kreditu jew l-impriża ċentrali ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, jew sussidjarja ta' din l-impriża ċentrali jew sussidjarja ta' l-istituzzjoni ta' kreditu;

u meta l-awtorità kompetenti jkollha raġuni temmen li jkunu ġew applikati dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet favorevoli, jkollha s-setgħa li teħtieġ lill-istituzzjoni ta' kreditu li tirrettifika l-pożizzjoni, u jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tonqos li tieħu l-azzjoni meħtieġa biex tirrettifika l-pożizzjoni kif ordnata, l-awtorità kompetenti għandha tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha meħtieġa sakemm il-pożizzjoni tkun rettifikata;

(ċ) tagħti jew tippermetti li ibqgħu pendenti relattivament għal xi uffiċjal li ma jkunx direttur, jew xi mpjegat, faċilitajiet ta' kreditu mhux assigurati li fit-total jeċċedu s-salarju ta' tnax-il xahar ta' dak l-uffiċjal jew impjegat;

(d) takkwista jew iżżomm direttament jew indirettament xi kapital azzjonarju sinifikanti jew kwalifikattiv f'xi kumpanija li ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu oħra, jew istituzzjoni finanzjarji liċenzjata skond l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, jew xi kumpanija oħra li tmexxi xi attività li tkun sorveljata fuq bażi konsolidata mill-awtorità kompetenti, li l-valur tal-kost oriġinali tagħha jeċċedi ħmistax fil-mija tal-fondi ta' l-istituzzjoni finanzjarja stess jew tal-fondi konsolidati tagħha stess skond il-każ:

Iżda:

(i) il-limitu ta' ħmistax fil-mija għandu japplika għal kumpanija waħda jew grupp ta' persuni konnessi;

(ii) l-ammont totali ta' dawk il-*holdings* ma għandux jeċċedi sittin fil-mija tal-fondi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu stess jew tal-fondi konsolidati tagħha stess, skond il-każ;

(iii) meta l-limiti stabbiliti jinqabżu minħabba ċirkostanzi li ma setgħux jiġu evitati, l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ lill-istituzzjoni ta' kreditu konċernata jew li żżid il-fondi tagħha stess skond hekk jew li tieħu miżuri oħra ekwivalenti matul perijodu ta' transizzjoni, li ma jkunx iktar minn tnax-il xahar, kif jista' jiġi stabbilit mill-awtorità kompetenti;

(iv) azzjonijiet miżmuma temporanjament matul rikostruzzjoni finanzjarja jew operazzjoni ta' salvataġġ jew matul il-kors normali ta' *underwriting* jew f'isem l-istituzzjoni ta' kreditu stess għan-nom ta' oħrajn ma għandhomx jitqiesu bħala kapital azzjonarju sinifikanti għall-finijiet tal-limiti stabbiliti taħt dan il-paragrafu;

(v) l-awtorità kompetenti tista' ma tapplikax il-limiti stabbiliti taħt dan il-paragrafu meta l-eċċessi totali jitnaqqsu mill-fondi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu stess kif stabbilit taħt l-artikolu 17, u meta ż-żewġ limiti jkunu eċċeduti, l-ogħla mill-ammonti eċċeduti għandhom jitnaqqsu mill-fondi tagħha stess;

(vi) meta l-istituzzjoni ta' kreditu tkun impriża prinċipali jew sussidjarja, it-tħaris tal-limiti stabbiliti b'dan il-paragrafu għandhom ikunu sorveljati fuq bażi konsolidata;

(e) mingħajr il-kunsens ta' l-awtorità kompetenti takkwista jew iżżomm azzjonijiet f'kumpanija oħra li ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu, li jeċċedu ħamsa fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ minn dik il-kumpanija jew xi akkwist sussegwenti ieħor li jeċċedi l-ammont perċentwali appruvat mill-awtorità kompetenti;

(f) tixtri, takkwista jew xort'oħra żżomm xi proprjeta' mmobbli jew xi dritt fuqha kif jista' jkun meħtieġ raġonevolment sabiex tmexxi l-kummerċ tagħha jew għall-abitazzjoni jew sabiex tipprovdi amenitajiet għall-persunal tagħha:

Iżda dan il-paragrafu ma għandux jimpedixxi istituzzjoni ta' kreditu -

(i) milli jikri xi parti mill-bini li jkun użat sabiex tmexxi l-kummerċ tagħha; jew

(ii) milli tassigura dejn fuq xi proprjeta' immobbli u, fin-nuqqas ta' ħlas ta' dak id-dejn, milli jakkwista jew iżomm dik il-proprjeta', biex tiġi rejalizzata fi żmien tnax-il xahar, jew xi perijodu itwal li l-awtorità kompetenti tistabbilixxi;

(iii) f'ċirkostanzi oħra milli takkwista proprjeta' immobbli bl-approvazzjoni minn qabel ta' l-awtorità kompetenti li l-kost oriġinali tagħha ma għandux jeċċedi fit-total ħamsa fil-mija tal-fondi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu stess.

(2) Fis-subartikolu (1)(b) u (ċ) l-espressjoni "faċilitajiet ta' kreditu mhux assigurati" tfisser faċilitajiet ta' kreditu mogħtija mingħajr sigurta' jew, relattivament għal xi faċilità mogħtija ta' kreditu magħmula b'sigurta, kull parti minnha li f'xi żmien teċċedi l-valur fis-suq ta' l-attiv li jikkostitwixxi dik is-sigurta', jew meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li ma hemm ebda valur stabbilit fis-suq, fuq il-bażi ta' valutazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti nnifisha.

(3) Istituzzjoni ta' flus elettroniċi ma għandhiex:

(a) ikollha xi holding f'xi korp ta' persuni ħlief meta dak il-korp ta' persuni jkun jagħmel funzjonijiet operattivi jew funzjonijiet ancillari oħra relatati mal-flus elettroniċi maħruġa jew imqassma mill-istituzzjoni konċernata;

(b) tagħmel xi waħda mill-attivitajiet projbiti taħt is-subartikou (1)(e) u (f);

(ċ) teċċedi l-limitazzjonijiet ta' investiment li jistgħu jiġu speċifikati f'direttiva ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi meħtieġa taħt dan l-Att.".

Żieda ta' artikolu 15A ġdid ma' l-Att prinċipali.

172. Minnufih wara l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu 15A ġdid li ġej :

"Sorveljanza fuq bażi konsolidata.

15A. L-awtorità kompetenti għandha ssegwi u tissorvelja istituzzjonijiet ta' kreditu li huma mpriżi ċentrali fuq bażi konsolidata u għandha toħroġ direttiva bankarja f'dan is-sens kif jidhrilha xieraq.".

Żieda ta' artikolu 16A ġdid ma' l-Att prinċipali.

173. Minnufih wara l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu 16A ġdid li ġej:

"Fondi tagħha stess.

16A. (1) Istituzzjoni ta' kreditu għandha fiż-żminijiet kollha żżomm livell ta' fondi tagħha stess ta' mhux inqas mill-ammont stabbilit fil-liċenza tagħha jew kif jista' jiġi meħtieġ mill-awtorità kompetenti minn żmien għal żmien.

(2) Kull meta l-ammont ta' fondi ta' istituzzjoni ta' kreditu stess jinżel taħt l-ammont stabbilit taħt is-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ lill-istituzzjoni ta' kreditu biex tieħu l-miżuri neċessarji biex tirrestawra l-livell tal-fondi tagħha stess f'dak il-perijodu li l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi:

Iżda jekk il-livell tal-fondi tagħha stess ta' istituzzjoni ta' kreditu ma jiġix restawrat fiż-żmien stabbilit, l-awtorità kompetenti tista' b'żieda mas-setgħa li timponi penali amministrattiva, teżerċita kull waħda mis-setgħat mogħtija lilha taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikoli 9.

(3) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ direttiva bankarja kif jidhrilha xierqa dwar dawk il-fondi.".

Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

174. L-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tagħha, minflok il-kliem "Fondi tal-bank stess u riservi" għandhom jidħlu l-kliem "Adegwatezza Kaptiali";

(b) Fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "proporzjon tal-fondi tiegħu stess għal attiv b'piż ta' riskju u *off balance sheet items*" għandhom jidħlu l-kliem "ta' adegwatezza kapitali bi proprozjon għal attiv b'piż ta' riskju"; u

(ċ) minflok il-kelma "bank", kull fejn din tidher, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu, b'esklużjoni ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi.".

175. Minnufih wara l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu 17A ġdid li ġej: Żieda ta' artikolu 17A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Dejn mitluf u dubjuż. 17A. L-awtorità kompetenti tista' toħroġ direttiva bankarja kif jidhrilha xieraq biex ikunu regolati l-provedimenti għal dejn mitluf jew dubjuż.".

176. Fl-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-attiv speċifikat" għandhom jidħlu l-kliem "l-attiv likwidu speċifikat" u minflok il-kelma "bank" għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu". Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

177. L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-kelma "bank" fis-subartikoli (1) u (3) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Istituzzjoni ta' kreditu għandha tissottometti lill-Bank Ċentrali dik l-informazzjoni li l-Bank Ċentrali jista' jeħtieġ fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu u l-Bank Ċentrali jista' jinvestiga u jitlob għall-kjarifika ta' kull informazzjoni hekk meħtieġa.";

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu il-kliem "u (2)" għandhom jitħassru; u

(d) minflok is-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Ir-reżokontijiet kollha u l-informazzjoni kollha mogħtija minn xi istituzzjoni ta' kreditu taħt is-subartikoli (1) u (2) għandhom jitqiesu bħala sigrieti u konfidenżjali ħlief bejn dik l-istituzzjoni ta' kreditu u l-awtorità kompetenti jew il-Bank Ċentrali skond il-każ, iżda l-awtorità kompetenti għandha tagħti dik l-informazzjoni taħt dan l-artikolu kif jista' jkun meħtieġ mill-Ministru jew mill-Bank Ċentrali u għandha tinforma lill-Ministru u lill-Bank Ċentrali jekk f'xi żmien fil-fehma tagħha ikun hemm tħassib dwar l-istat ta' l-affarijiet ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.".

Emenda ta' l-artikol 20 ta' l-Att prinċipali.

178. L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) f'dan l-artikolu, inkluża n-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "bank" u "banek" kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu" u "istituzzjonijiet ta' kreditu" rispettivament; u

(b) minflok is-suartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Kull istituzzjoni ta' kreditu għandha tippreżenta lill-awtorità kompetenti kull tagħrif li tkun tista' raġonevolment teħtieġ fil-qadi ta' dmirijietha taħt dan l-Att, u l-awtorità kompetenti tista' tinvestiga u tiddomanda l-kjarifika ta' kull tagħrif li jiġi hekk ippreżentat.".

Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

179. Fl-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kelma "bank" kull fejn tinsab, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu".

Emenda ta' l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali.

180. L-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala subartikoli (6) u (7) rispettivament;

(b) fis-subartikolu (1) u fis-subartikoli (6) u (7) kif enumerati mill-ġdid, minflok il-kelma "bank" kull fejn tinsab għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu" u fis-subartikolu (6) kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "tal-Bank Ċentrali", għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-awtorità kompetenti"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) għandhom jidħlu s-subartikoli (2) sa (5) li ġejjin:

"(2) L-awtorità kompetenti tista' wkoll, fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali, jew fuq ftehim ta' reċiproċità, tikxef informazzjoni lil awtoritajiet kompetenti oħra barranin sal-limitu li l-awtoritajiet li lilhom tkun mikxufa l-informazzjoni jkunu suġġetti għall-obbligi ta' segretezza professjonali li jkunu ekwivalenti għal dawk applikabbli taħt il-liġi ta' Malta.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tikxef informazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) biss sal-limitu li l-awtoritajiet barranin li jirċievu dik l-informazzjoni jillimitaw l-użu tagħha għal finijiet ta' sorveljanza u regolatorji u għal dawk il-finijiet l-oħra li jistgħu jkunu speċifikament miftehma ma' l-awtorità kompetenti.

(4) L-awtorità kompetenti tista' wkoll fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali, jew fuq ftehim ta' reċiproċità tawtorizza awtoritajiet kompetenti oħra barranin biex huma stess, jew permezz ta' persuni kompetenti li huma jaħtru, jagħmlu spezzjonijiet fuq il-post għal finijiet ta' sorveljanza jew regolatorji f'fergħat jew sussidjarji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-pajjiż ta' l-awtorità kompetenti li tagħmel l-ispezzjoni.

(5) L-awtorità kompetenti għandha wkoll, fuq talba bil-miktub, tikxef lill-Bank Ċentrali kull informazzjoni fil-pussess ta' jew aċċessibbli għall-awtorità kompetenti li tkun meħtieġa fil-qadi tad-dmirijiet tal-Bank Ċentrali taħt il-liġi.".

181. Fl-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kelma "bank" kull fejn tinsab, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu". Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

182. L-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar. Tħassir ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

183. Fl-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kelma "bank" kull fejn tinsab għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjonijiet ta' kreditu" u minflok il-kelma "Banek" fin-nota marġinali tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "Istituzzjonijiet ta' Kreditu". Emenda ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

184. Minnufih wara l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol l-artikolu 28A ġdid li ġej : Żieda ta' artikolu 28A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Depożitu jew protezzjoni. 28A. Bla ħsara għas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3, il-Ministru, li jaġixxi fuq il-parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti biex jistabbilixxi skemi jew arranġamenti oħra b'dik il-personalità ġuridika distinta jew xort'oħra kif jista' jiġi preskritt, għall-protezzjoni ta' depożitanti f'każijiet meta istituzzjonijiet ta' kreditu ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn id-depożitanti u biex jirregolaw l-amministrazzjoni u l-finanzjament ta' kull skemi jew arranġamenti bħal dawk għall-kumpens u għall-kontribuzzjonijiet u mposti li jitħallsu fihom biex jistabbilixxu livelli minimi u massimi ta' kumpens, biex jeskludu ċerti depożiti mill-applikazzjoni ta' dawk l-iskemi jew arranġamenti, u biex jipprovdu għal kull aspett ieħor li għandu x'jaqsam ma' skemi ta' protezzjoni għad-depożitanti nklużi regoli fuq reklami.".

185. L-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok in-nota marġinali li hemm għalih għandha tidħol din li ġejja:

"Setgħa ta' l-awtorità kompetenti li tieħu kontroll ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu -

(i) il-kliem ", jew lill-Bank Ċentrali" wara l-kliem "jidher lill-awtorità kompetenti" għandhom jitħassru;

(ii) minflok il-kliem "il-Bank Ċentrali jista' -" għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità kompetenti, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali, tista' bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 9";

(iii) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jitħassar u l-paragrafi minn (f) sa (ħ) għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala paragrafi (e) sa (ġ);

(iv) minflok il-kliem "Bank Ċentrali" fil-paragrafi (a) u (d) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "awtorità kompetenti"; u

(v) minflok il-kelma "bank" fil-paragrafi (a), (b), (ċ), (d), (e), (f) u (ġ) kif enumerati mill-ġdid, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu";

(ċ) fis-subartikoli minn (2) sa (8) tiegħu minflok il-kelma "bank" kull fejn tinsab, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu" u minflok il-kliem "Bank Ċentrali" għandhom jidħlu l-kliem "awtorità kompetenti"; u

(d) fis-subartikolu (9) tiegħu, minflok il-kliem "il-Bank Ċentrali għandu jinforma lill-awtorità kompetenti" għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Bank Ċentrali".

Żieda ta' l-artikolu 29A ġdid ma' l-Att prinċipali.

186. Minnufih wara l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu 29A ġdid li ġej:

"Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti.

29A Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lill-awtorità kompetenti, jagħmel regolamenti dwar l-istralċ jew l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti f'Malta u ta' fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti barra minn Malta, u jistgħu jsiru disposizzjonijiet differenti għal każijiet jew għal klassijiet ta' każijiet differenti,

u għandhom jitqiesu x'ikunu l-obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta f'dan ir-rigward. Dawk ir-regolamenti jistgħu jkunu jipprovdu dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri dettaljati ta' proċeduri ta' organizzazzjoni mill-ġdid, inkluż dawn l-affarijiet li ġejjin: il-pubblikazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni f'dik il-lingwa jew lingwi u f'dawk il-gazzetti jew pubblikazzjonijiet oħra hekk kif jistgħu jiġu ordnati; l-għoti ta' informazzjoni lill-kredituri, u l-mod u l-proċedura kif isir dan; in-notifikazzjoni lill-kredituri u l-proċedura għall-għemil ta' talbiet jew ilmenti; miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-kredituri u terzi oħrajn, inklużi *netting arrangements;* konsultazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u awtoritajiet oħra regolatorji, amministrattivi jew ġudizzjarji f'Malta u barra minn Malta b'kompetenza fuq l-stralċ u l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ta' fergħat tagħhom; il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijeit li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri ta' stralċ u organizzazzjoni mill-ġdid; l-għemil ta' regoli li jkunu jirregolaw l-applikabilità tal-liġi adatta jew applikabbli u affarijiet oħra dwar il-konflitt ta' liġijiet.".

187. L-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:– Emenda ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-kelma "bank" kull fejn din tidher fl-artikolu, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjonijiet ta' kreditu";

(b) paragrafu (b) tiegħu għandu jitħassar u paragrafu (ċ) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (b) tiegħu; u

(ċ) minnufih wara l-kliem "tar-reżokontijiet finanzjarji verifikati tiegħu magħmula" għandhom jidħlu l-kliem "u ppubblikati b'dak il-mod hekk kif jista' jiġi speċifikat".

188. (1) Minflok il-kelma "bank" u l-kliem "tal-bank" fl-artikoli minn 31 sa 33 ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu" u "ta' l-istituzzjoni ta' kreditu" rispettivament. Emenda ta' l-artikoli minn 31 sa 33 ta' l-Att prinċipali.

(2) Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 31, minflok il-kliem "għandu jkollu dikjarazzjonijiet" għandhom jidħlu l-kliem "għandu jinkludi dikjarazzjonijiet".

189. L-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikoli minn (1) sa (3) tiegħu minflok il-kelma "bank" kull fejn tinsab għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu"; u

(b) fill-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "xi disposizzjoni ta' dan l-Att," għandhom jidħlu l-kliem "xi disposizzjoni ta' dan jew kwalunkwe Att ieħor,"; u

(ċ) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandhom jidħlu s-subartikoli (4), (5) u (6) ġodda li ġejjin:

"(4) Uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti u tal-Bank Ċentrali, inklużi uffiċjali passati u preżenti, ma għandhomx jikxfu informazzjoni miksuba mingħand istituzzjonijiet ta' kreditu waqt li jkunu qed jaqdu dmirijiet ta' sorveljanza u oħrajn, li hija regolata bl-obbligu tas-segretezza professjonali, ħlief sabiex jaqdu d-dmirijiet tagħhom jew l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom jew meta leġittimament hekk mitluba minn xi qorti taħt disposizzjoni ta' xi liġi.

(5) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, istituzzjoni ta' kreditu tista' jekk iċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, tikkomunika kull informazzjoni li tkun fil-pussess tagħha u li tirrelata ma' l-affarijiet ta' klijenti, lil membri oħra tal-grupp ta' kumpaniji li minnhom l-istituzzjoni finanzjarja tagħmel parti.

(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, il-frażi "grupp ta' kumpaniji" għandha tinkludi kull korp ġuridiku reġistrat jew li jopera minn Malta jew f'ġurisdizzjonijiet barranin u li jifforma parti mill-grupp ta' kumpaniji u li hu wkoll liċenzjat jew xort'oħra awtorizzat taħt il-liġijiet ta' Malta jew ta' dik il-ġurisdizzjoni, skond il-każ, biex iwettaq xi attività ekwivalenti għall-kummerċ bankarju jew għall-ħruġ ta' flus elettroniċi jew xi attivitajiet imsemmija fl-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.".

Emenda ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali.

190. L-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "direttiva bankarja jew regolament" fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "direttiva bankarja, direttiva ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi, regolament jew kondizzjoni ta' liċenza";

(b) fit-test Ingliż, minflok il-kliem "*Tribunal for Financial Services*" li hemm fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) u fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (5) għandhom jidħlu l-kliem "*Financial Services Tribunal*";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Ebda proċedimenti għal reat kontra dan l-Att jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, barra minn proċedimenti li jimponu penali amministrattiva, ma għandhom jinbdew mingħajr is-sanzjoni ta' l-Avukat Ġenerali.".

Żieda ta' artikolu 35A ġdid ma' l-Att prinċipali.

191. Minnufih wara l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol l-artikolu 35A ġdid li ġej:

"Penalitajiet amministrattivi.

35A (1) Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li timponi penali amministrattiva, din għandha tinnotifika lill-persuna li fuqha l-penali tkun qed tiġi mposta bil-mezz ta' avviż bil-miktub.

(2) Jekk il-persuna li lilha jkun ġie notifikat dak l-avviż:

(a) tonqos li tħallas lill-awtorità kompetenti l-ammont tal-penali fi żmien tletin jum min-notifika ta' l-avviż, u tonqos li tappella mid-deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji; jew

(b) tappella lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji u fi żmien ħmistax-il jum mid-deċiżjoni tat-Tribunal biex tħallas il-penali amministrattiva kif konfermata jew imnaqqsa minn dak it-Tribunal;

allura, f'kull każ, l-ammont tal-penali amministrattiva, kif impost oriġinarjament jew kif imnaqqas, skond il-każ, ikun dovut lill-awtorità kompetenti bħala dejn ċivili, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) għandhom japplikaw.

(3) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jew id-deċiżjoni tat-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji, skond il-każ, għandhom, man-notifika ta' kopja tagħhom lill-persuna indikata fl-avviż, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tat-Titlu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.". Kap. 12.

Żieda ta' Skeda ma' l-Att prinċipali.

192. Minnufih wara l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali, għandha tiżdied l-Iskeda li ġejja :

"SKEDA

(Artikolu 2(4))

Lista ta' Attivitajiet Addizzjonali

1. *Leasing* finanzjarju;

2. Servizzi ta' trasmissjoni ta' flus;

3. Hruġ u amministrazzjoni ta' mezzi ta' ħlas (karti ta' kreditu, *travellers' cheques* u *drafts* bankarji u dokumenti simili);

4. Garanziji u *commitments*;

5. Kummerċ f'isimhom stess jew akkont tal-klijenti fi:

(a) Dokumenti tas-suq tal-flus (ċekkijiet, kambjalijiet, ċertifikati ta' depożitu, u dokumenti simili);

(b) kambju barrani;

(ċ) *futures* u *options* finanzjarji;

(d) dokumenti ta' kambju u ta' rata ta' mgħax;

(e) titoli trasferibbli.

6. Parteċipazzjoni fi ħruġ ta' titoli u l-provdiment ta' servizzi li għandu x'jaqsam ma' dak il-ħruġ;

7. Pariri lil impriżi fuq struttura kapitali, strateġija industrjiali u kwistjonijiet relatati u pariri kif ukoll servizzi dwar *mergers* u x-xiri ta' impriżi;

8. *Broking* ta' flus;

9. Amministrazzjoni ta' portafoll u pariri;

10. *Safekeeping* u amministrazzjoni ta' titoli;

11. Servizzi b'riferenza għal kreditu;

12. Servizzi ta' kustodja fis-sigurtà.".

TAQSIMA IX
EMENDI TA' L-ATT KONTRA *INSIDER DEALING*, KAP 375.

193. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att kontra l-*Insider Dealing*, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali"u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att prinċipali. Emendi ta' l-Att kontra *l-Insider Dealing* Kap. 375.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att għandhom jibdew isehhu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti tat-Taqsima.

194. Fit-titlu fit-tul ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "kontra *insider dealing*" għandhom jidħlu l-kliem "dwar reati għal *insider dealing* u abbuż mis-suq". Jemenda t-titlu fit-tul ta' l-Att prinċipali.

195. Fl-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-Att kontra *Insider Dealing*" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att dwar Reati għal *Insider Dealing* u Abbuż mis-Suq". Emenda ta' l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali.

196. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(1) Fis-subartikolu (1) tiegħu:

(a) minnufih wara t-tifsira ta' "offerta ta' *takeover* għal kumpanija" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "parir jew jipprokura", tinkludi tħajjar, tinkoraġġixxi, tagħti pariri, iġġiegħel jew tirrakkomanda, u d-derivattivi grammatikali tagħhom għandhom jiftiehmu f'dan is-sens;";

(b) minflok it-tifsira ta' "borża rikonoxxuta", għandha tidħol din li ġejja:

"borża rikonoxxuta" tfisser il-Borża ta' Malta u kull *exchange* ta' investimenti rikonoxxut skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji;".

(2) Fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "informazzjoni ta' natura preċiża" għandhom jidħlu l-kliem "informazzjoni ta' natura preċiża jew speċifika", u minflok il-kliem "effett sinifikanti fuq il-prezz" għandhom jidħlu l-kliem "effett sinifikanti jew materjali fuq il-prezz jew valur".

(3) Fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "(kemm bħala prinċipal jew aġent)" għandhom jidħlu l-kliem "(direttament jew indirettament u kemm bħala prinċipal jew aġent)".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

197. Minflok l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Miżuri mill-Bank Ċentrali.

5. Ebda ħaġa f'dan l-Att ma għandha titqies li tipprojbixxi lil uffiċjali jew impjegati tal-Bank Ċentrali ta' Malta, li jkunu qegħdin jaġixxu f'dik il-kapaċità, milli jagħmlu xi transazzjoni jew milli jieħdu xi miżura konformement ma' xi politika monetarja jew politika dwar rati tal-kambju jew il-maniġġ ta' xi dejn pubbliku.".

Żieda ta' artikolu 9A ġdid ma' l-Att prinċipali.

198. Minnufih wara l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu ġdid 9A li ġej:

"Reati dwar abbuż mis-suq.

9A Ebda persuna ma għandha -

(a) ixxerred informazzjoni falza, esaġerata jew qarrieqa, ixxerred għejdut falz, jew twettaq operazzjonijiet jew transazzjonijiet li jkunu simulati jew artifiċjali li huma maħsuba, jew li jistgħu jew x'aktarx:

(i) li jinfluwenzaw il-provvista, it-talba jew prezz ta' titoli;

(ii) joħolqu mpressjoni jew dehra falza jew qarrieqa ta' suq attiv jew kummerċ attiv f'titoli, bil-għan biex b'mod artifiċjali jkun simulat jew li jħajjar ix-xiri jew il-bejgħ ta' dawk it-titoli minn oħrajn; jew

(b) xort'oħra timmanipula s-suq tat-titoli bl-użu ta' mezzi artifiċjali, transazzjoni fittizja jew imġieba oħra qarrieqa jew manipulattiva.".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

199. L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "3, 4, 6 jew 7", kull fejn dawn jinsabu fl-artikolu, għandhom jidħlu l-kliem "3, 4, 6, 7 jew 9A"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Meta taħt xi disposizzjoni ta' dan l-Att, persuna tkun projbita milli tagħmel xi att, hija għandha tkun projbita milli tagħmel xi att bħal dak direttament jew indirettament, u kemm jekk personalment jew permezz ta' l-użu jew l-intermedjazzjoni ta' xi persuna oħra.".

200. Minnufih wara l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu 10A ġdid li ġej : Żieda ta' artikolu 10A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Koordinazzjoni ma' awtoritajiet oħra.

10A. Għall-fini li tiġi żgurata konformità ma' dan l-Att, u sabiex jiġi prevjenut, investigat jew jiġu mikxufa attivitajiet li jammontaw jew x'aktarx jammontaw għal *insider dealing*, jew abbużi fis-suq taħt il-liġi ta' Malta jew xi liġi barranija, l-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji għandha tikkoordina l-isforzi tagħha u tiskambja informazzjoni u xort'oħra tikkollabora mal-*Listing Authority* fi ħdan it-tifsira ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, mar-Reġistratur tal-Kumpanniji u ma' awtoritajiet oħra lokali jew barranin li jissorveljaw, jenforzaw jew ta' xorta ġudizzjarja, li l-funzjonijiet tagħhom jinkludu l-kxif, il-prevenzjoni jew il-prosekuzzjoni fil-każ ta' reati dwar *insider dealing* jew abbużi fis-suq:

Iżda persuna jew korp li jirċievu informazzjoni li tkun ġiet hekk skambjata –

(a) jkunu soġġetti għar-regoli li jirregolaw is-segretezza professjonali għar-rigward ta' dik l-informazzjoni; u

(b) jkunu jistgħu biss jużaw dik l-informazzjoni hekk riċevuta għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom skond il-liġi u fil-kuntest ta' proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi li jkunu speċifikament jirrigwardaw l-eżerċizzju ta' dawk il-funzjonijiet:

Iżda wkoll informazzjoni skambjata minn awtorità kompetenti f'Malta lil xi awtorità barranija bis-saħħa ta' dan l-artikolu tista', bil-kunsens espress ta' l-awtorità kompetenti msemmija, tintuża għal finijiet oħra jew titressaq quddiem awtoritajiet oħra kompetenti f'dak il-pajjiż.".

201. Is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali, għandu jitħassar. Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

TAQSIMA X
EMENDI TA' L-ATT DWAR ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI, KAP. 376

Emendi ta' l-Att dwar Istutuzzjonijiet Finanzjarji, Kap. 376.

202. (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, hawnhekk iżjed il-quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tat-Taqsima.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

203. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minnufih wara t-tifsira ta' "qorti" għandha tidħol t-tifsira li ġejja:

" "rabtiet mill-qrib" tirreferi għal sitwazzjoni fejn żewġ persuni jew iktar ikollhom rabta:

(a) bil-parteċipazzjoni, permezz ta' proprjeta' diretta jew permezz ta' kontroll ta' għoxrin fil-mija jew iktar tal-jeddijiet tal-voti jew tal-kapital ta' korp ġuridiku; jew

(b) bil-kontroll, permezz ta' relazzjoni bejn *parent company* u kumpanija sussidjarja; jew

(ċ) permanenti ma' l-istess persuna unika permezz ta' relażzjoni ta' kontroll;";

(ii) minflok it-tifsira ta' "kumpanija" għandha tidħol din li ġejja:

" "kumpanija" tfisser kumpanija b'responsabbiltà limitata kostitwita f'Malta skond l-Att dwar il-Kumpanniji jew xi liġi li tista' minn żmien għal żmien tkun fis-seħħ, jekk kumpanija nkorporata barra minn Malta, kemm-il darba dik il-kumpanija, jekk mhux inkorporata f'Malta, tkun hekk tikkwalifika biex tkun inkorporata taħt il-liġijiet ta' Malta; ";

Kap. 386.

(iii) fit-tifsira ta' "kontroll" minnufih wara l-kliem "ta' korp ġuridiku" għandhom jiżdiedu l-kliem " ;is-setgħa li jinħatru jew jitneħħew il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi jew ta' korp governanti ekwivalenti u s-setgħa li jintefgħu l-maġġoranza tal-voti f'laqgħa tal-bord tad-diretturi jew korp governattiv ieħor";

(iv) minflok it-tifsira ta' "istituzzjoni finanzjarja" għandha tidħol din li ġejja:

" " istituzzjoni finanzjarja" tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tikseb *holdings* jew twettaq xi attività mniżżla fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attività:

Iżda dawk l-attivitajiet ma jkunux finanzjati billi jittieħdu depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura mill-pubbliku kif imfisser fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju: Kap. 371.

Iżda wkoll dan l-Att ma għandux japplika għal xi waħda mill-attivitajiet ta' hawn fuq li tkun regolata taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;"; Kap. 370.

(v) fit-tifsira ta' "direttiva lil istituzzjonijiet finanzjarji" minflok il-kliem "awtorità kompetenti"għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità kompetenti biex tirregola istituzzjonijiet finanzjarji";

(vi) minnufih wara t-tifsira ta' "direttiva lil istituzzjonijiet finanzjarji" għanha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji" jew "Tribunal" tfisser it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji stabbilit taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' Servizzi Finanzjarji ta' Malta;"; Kap. 330.

(vii) minflok it-tifsira ta' *holding company* għandha tidħol din li ġejja:

" "*holding company*" jew "*parent company*" għandha l-istess tifsir kif mogħti lill-frażi parent company fl-Att dwar il-Kumpaniji;"; Kap. 386.

(viii) it-tifsira ta' "persuna" għandha titħassar;

(ix) minflok it-tifsira ta' "kapital azzjonarju kwalifikanti" għandha tidħol din li ġejja:

"" kapital azzjonarju kwalifikanti" tfisser l-ekwità diretta jew indiretta ta' kapital azzjonarju ta' għall-anqas għaxra fil-mija ta' l-azzjonijiet b'ekwità ta' kumpanija; iżda meta d-drittijiet miżmuma dwar il-percentaġġ ta' voti, ta' profitti disponibbli għal tqassim u ta' drittijiet għall-attiv li jkun disponibbli għat-tqassim max-xoljiment rispettivament għal azzjonijiet b'ekwità ma jkunux identiċi, l-ogħla figura ta' percentaġġ għandha titqies li hi l-percentaġġ ta' l-azzjonijiet b'ekwità miżmuma, u "azzjonista kwalifikanti" għandha tiftiehem skond hekk;";

(b) minflok is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Persuna ma titqiesx li hija istituzzjoni finanzjarja minħabba fil-fatt li dik il-persuna jew -

(a) tagħmel parti minn grupp ta' kumpaniji u tipprovdi xi attivitajiet imniżżia fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att lil kumpaniji li ma jkunux bank jew istituzzjonijiet finanzjarji u li jkunu parti mill-istess grupp ta' kumpaniji; jew

(b) tagħmel u toħroġ kambjali għall-kummerċ bħala parti mill-attività tagħha taħt arranġamenti ta' *hire purchase* , jew ta' bejgħ li jsir bi kreditu meta l-kambjali għall- kummerċ isiru għall prezz dovut:

Iżda meta persuna ma titqiesx li hija istituzzjoni finanzjarja bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b) ta' hawn fuq, dik il-persuna għandha, qabel tibda l-attivitajiet tagħha, titlob konferma mingħand l-awtorità kompetenti li hi titqies li hi eżentata mill-ħtieġa ta' liċenza taħt l-artikolu 3 ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

204. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "dik l-informazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "u jkunu konformi ma' dawk il-kondizzjonijiet".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

205. L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu :

(i) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu (d) ġdid li ġej :

"(d) l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatt li, meta jkun hemm rabtiet mill-qrib bejn dik il-kumpanija u persuna jew persuni oħra, dawk ir-rabtiet ma jtellfuhix bil-mezz ta' xi liġi, regolament, dispożizzjoni amministrattiva jew b'xi mod ieħor, milli teżerċita sorveljanza effettiva ta' dik il-kumpanija taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi direttiva lil istituzzjonijiet finanzjarji; "; u

(ii) minnufih fit-tarf tiegħu għandu jiżdied il-*proviso* li ġej :

"Iżda:

(i) dwar il-paragrafi (a), (b) u (ċ), jekk l-applikant ikun istituzzjoni finanzjarja awtorizzata f'pajjiż ieħor, ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-istess pajjiż fejn tkun reġistrata u, jew liċenzjata;

(ii) dwar il-paragrafu (d) ta' dan is-subartikolu, il-kumpanija għandha, wara li tkun liċenzjata taħt dan l-Att, tinforma lill-awtorità kompetenti minnufih b'kull tibdil fiċ-ċirkostanzi dwar l-applikazzjoni ta' l-imsemmi paragrafu (d) u tkun meħtieġa wkoll li tipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni meħtieġa biex issegwi t-tħaris mal-kondizzjonijiet imsemmija f'dak il-paragrafu (d) fuq bażi kontinwa.";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "skond dan l-Att" għandhom jiżdiedu l-kliem " u meta tirrifjuta applikazzjoni għandha tinforma lill-applikant bil-miktub bir-raġunijiet għar-rifjut"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (6) li ġej:

"(6) Kumpanija, wara li tkun liċenzjata taħt dan l-Att, ma għandhix tħalli l-fondi tagħha stess jinżlu taħt l-ammont stabbilit fil-liċenza tagħha jew kif jista' jkun meħtieġ mill-awtorità kompetenti minn żmien għal żmien, kemm-il darba dak it-tnaqqis ma jkunx ta' natura temporanja u jkun sar wara li tkun inkisbet l-approvazzjoni bil-miktub ta' l-awtorità kompetenti.".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

206. Minnufih wara s-subartikolu (6) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu (7) li ġej:

"(7) Meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, din tista' f'kull żmien tippubblika kull azzjoni li tkun ħadet taħt dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

207. L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem minn " u l-awtorità kompetenti" sal-kliem "għal deċiżjoni finali" għandhom jitħassru; u

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar.

Żieda ta' artikolu 7A ġdid ma' l-Att prinċipali.

208. Minnufih wara l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol l-artikolu 7A ġdid li ġej:

"Tibdil fl-informazzjoni.

7A. Istituzzjoni finanzjarja liċenzjata taħt dan l-Att għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'dawk il-partikolaritajiet ta' kull tibdil fl-informazzjoni provduta taħt dan l-Att malli l-istituzzjoni finanzjarja ssir taf b'dak it-tibdil.".

Żieda ta' artikolu 8A ġdid ma' l-Att prinċipali.

209. Minnufih wara l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol l-artikolu 8A ġdid li ġej:

"Arranġamenti ta' aġenzija.

8A. (1) Ebda kumpanija liċenzjata taħt dan l-Att ma għandha tidħol f'arranġamenti ta' aġenzija ma' terzi, jekk ma tkunx kisbet l-approvazzjoni bil-miktub bil-quddiem ta' l-awtorità kompetenti; u persuna maħtura bħala aġent ta' kumpanija liċenzjata taħt dan l-Att għandha biss taġixxi bħala aġent:

(i) dwar dawk l-attivitajiet li dwarhom l-istituzzjoni finanzjarja li tagħha tkun se taġixxi bħala aġent, tkun liċenzjata taħt dan l-Att;

(ii) għal mhux iktar minn persuna waħda liċenzjata taħt dan l-Att.

(2) Fl-għoti ta' l-approvazzjoni tagħha taħt is-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti tista':

(a) tissuġġetta lill-kumpanija liċenzjata taħt dan l-Att u lill-persuna li tkun maħtura bħala aġent għal dawk

il-kondizzjonijiet li jidhirla xierqa u meta tkun tat l-approvazzjoni tagħha tista' minn żmien għal żmien, tibdel jew tirrevoka dik l-approvazzjoni jew xi kondizzjoni hekk imposta jew timponi kondizzjonijiet ġodda;

(b) tissuġġetta lill-persuna li tkun se tinħatar bħala aġent kull obbligi mposti fuq il-kumpanija liċenzjata taħt dan l-Att.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tagħti jew tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni li dwarha ssir applikazzjoni taħt dan l-artikolu u jekk tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni għandha tinforma lill-istituzzjoni finanzjarja liċenzjata bil-miktub bir-raġunijiet għar-rifjut:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni tagħha biex isir ftehim ta' aġenzija jekk l-awtorità kompetenti tkun:

(a) tal-fehma li l-ftehim ta' aġenzija jagħti lill-istituzzjoni finanzjarja liċenzjata vantaġġ kompettiv fuq istituzzjonijiet finanzjarji liċenzjati oħra li jista' joħloq ostakolu biex tinżamm kompetizzjoni u għażla effettiva; jew

(b) tal-fehma li l-attivitajiet li jkunu se jsiru mill-aġent ikunu jistgħu jsiru mill-istituzzjoni finanzjarja liċenzjata permezz ta' l-uffiċċju prinċipali tagħha, jew fergħa jew sussidjarja; jew

(ċ) ma tkunx sodisfatta li l-persuna li tkun se tinħatar bħala aġent hi kompetenti biex tipprovdi l-attivitajiet li jkunu se jifformaw parti mill-ftehim ta' aġenzija.".

210. L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem minn "mingħajr ma jiksbu minn qabel il-kunsens" sat-tarf tas-subartikolu, għandhom jidħlu l-kliem:

"mingħajr ma jiksbu minn qabel il-kunsens ta' l-awtorità kompetenti jew, alternattivament, jekk wara li jkunu kisbu dak il-kunsens ikun sussegwentement jidher lill-awtorità kompetenti li xi waħda minn dawn l-azzjonijiet tkun qed

taħdem, jew x'aktarx tkun se taħdem, għad-detriment ta' l-amministrazzjon prudenti u tajba ta' l-istituzzjoni finanzjarja, allura, mingħajr preġudizzju għal xi piena oħra li tista' tiġi mposta taħt dan l-Att, l-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li tagħmel ordni:

(i) li jżomm lill-persuna jew istituzzjoni finanzjarja milli tieħu jew tkompli tieħu l-azzjoni;

(ii) li tiddikjara l-azzjoni nulla u bla effett;

(iii) li tordna lill-persuna jew istituzzjoni finanzjarja biex tieħu dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa biex il-qagħda tinġieb lura għall-qagħda li kienet teżisti minnufih qabel ma ttieħdet l-azzjoni;

(iv) li żżomm lill-persuna jew istituzzjoni finanzjarja milli teżerċita xi drittijiet li dik l-azzjoni, kieku kienet leġittima, kienet tagħtiha, inkluż id-dritt li tirċievi xi pagament jew li teżerċita xi drittijiet ta' vot li jiġu mill-azzjonijiet akkwistati;

(v) li żżomm lill-persuna jew istituzzjoni finanzjarja milli tieħu xi azzjoni simili jew xi azzjoni oħra fil-kategoriji murija fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subartikolu.";

(b) is-subartikoli (2), (3) u (4) għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala subartikoli (3), (4) u (5) rispettivament;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu (2) li ġej:

"(2) Jekk, bħala riżultat ta' l-akkwist ta' azzjonijiet f'istituzzjoni finanzjarja, l-istituzzjoni finanzjarja li fiha l-persuna tipproponi li takkwista l-kapital azzjonarju ssir sussidjarja jew tkun suġġetta għall-kontroll tal-persuna li takkwista dawk l-azzjonijiet, l-awtorità kompetenti jkollha d-diskrezzjoni li tikkunsidra kull talba magħmula minn dik il-persuna għall-kunsens ta' l-awtorità kompetenti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu li tikkostitwixxi talba biex tapplika għal liċenza biex tmexxi l-kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att." u

(d) minflok is-subartikolu (5) tiegħu kif numerat mill-ġdid għandu jidħol is-subartikolu (5) li ġej:

"(5) (a) Istituzzjoni finanzjarja għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bil-partikolaritajiet kollha ta' kull persuna li tkun proposta li ssir kontrollur jew direttur ta' l-istituzzjoni finanzjarja jew kull persuna oħra li tkun proposta biex ma tibqax kontrollur jew direttur ta' l-istituzzjoni finanzjarja.

(b) Jekk l-awtorità kompetenti tkun tal-fehma li xi persuna li tkun jew li hi proposta li tkun kontrollur jew direttur ta' istituzzjoni finanzjarja ma tkunx persuna adatta biex tkun kontrollur jew direttur, l-awtorità kompetenti tista' tagħmel ordni li jeħtieġ li dik il-persuna tieqaf milli tkun kontrollur jew direttur, jew li jżomm lil dik il-persuna milli ssir kontrollur jew direttur.".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

211. Minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) tagħti jew tippermetti li jibqgħu pendenti, faċilitajiet ta' kreditu jew testendi servizzi oħra taħt pattijiet u kondizzjonijiet iktar favorevoli milli kieku l-istituzzjoni finanzjarja kienet xort'oħra tapplika -

(i) lil xi wieħed mid-diretturi tagħha jew lill-konjuġi tagħhom kemm flimkien jew individwalment, jew ma' terzi persuni:

Iżda, f'kull każ fejn jingħataw faċilitajiet ta' kreditu li ma jkunux assigurati, dawn ma għandhomx fit-total jaqbżu s-somma ta' għaxart elef lira Maltin;

(ii) lil xi persuna li fiha l-istituzzjoni finanzjarja jew xi wieħed jew iżjed mid-diretturi tagħha jkun interessat bħala direttur, soċju, *manager*, aġent jew membru jew lil xi persuna li tagħha xi wieħed mid-diretturi jew iżjed ta' l-istituzzjoni finanzjarja jkun garanti;

(iii) lil xi korp ta' persuni li fih l-istituzzjoni finanzjarja jew xi wieħed jew iżjed mid-diretturi tagħha jkollhom flimkien jew individwalment kontroll li ma jkunx huwa stess istituzzjoni finanzjarja jew l-impriża ċentrali ta' l-istituzzjoni finanzjarja, jew sussidjarja ta' l-istituzzjoni finanzjarja;

u meta l-awtorità kompetenti jkollha raġuni temmen li jkunu ġew applikati dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet favorevoli, ikollha s-setgħa li teħtieġ lill-istituzzjoni finanzjarja li tirrettifika l-pożizzjoni u jekk l-istitutzzjoni finanzjarja tonqos li tieħu l-azzjoni meħtieġa

biex tirrettifika l-pożizzjoni kif ordnata, l-awtorità kompetenti għandha tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha meħtieġa sakemm il-pożizzjoni tkun rettifikata.".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

212. L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar u s-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jiġu numerati mill-ġdid rispettivament bħala subartikoli (1) u (2) tiegħu; u

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu kif numerat mill-ġdid, il-kliem "u sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet oħra li l-Ministru jista' jqis li jkunu xierqa relattivament għat-tħaddim ta' dan l-Att" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

213. L-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Kull istituzzjoni finanzjarja għandha tissottometti", għandhom jidħlu l-kliem "lill-awtorità kompetenti";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "għall-fergħat" għandhom jidħlu l-kliem ", aġenziji jew uffiċċji";

(ċ) is-subartikoli minn (4) sa (12) tiegħu għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala subartikoli minn (5) sa (13) rispettivament;

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej :

"(4) Istituzzjoni finanzjarja għandha tissottometti lill-Bank Ċentrali dik l-informazzjoni li l-Bank Ċentrali jista' jeħtieġ fil-qadi ta' dmirijietu u l-Bank Ċentrali jista' jinvestiga u jitlob kjarifiki dwar kull informazzjoni hekk mogħtija.";

(e) fis-subartikolu (5) kif enumerat mill-ġdid -

(i) minflok il-kliem "(1) ta' dan" għandhom jidħlu l-kliem "(1) u (4) ta' dan";

(ii) minnufih wara l-kliem "u l-awtorità kompetenti" għandhom jidħlu l-kliem "jew il-Bank Ċentrali, skond il-każ,";

(iii) in-numerazzjoni "(a)" qabel l-ewwel paragrafu wara l-kliem "salv illi -" għandha titħassar; u

(iv) il-paragrafu (b) għandu jitħassar; u

(f) fis-subartikoli (10), (11) u (12) kif numerati mill-ġdid minflok il-kelma "(5)" kull fejn tinsab għandha tidħol il-kelma "(6)".

214. Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kelma "(11)" għandha tidħol il-kelma "(12)". Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

215. L-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

(a) Minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Jekk, kemm minn xi rapport magħmul taħt l-artikolu 14 jew l-artikolu 15 ta' dan l-Att jew xort'oħra, ikun jidher lill-awtorità kompetenti illi tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi murija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali, tista', bla ħsara għas-setgħat li timponi restrizzjonijiet jew tirrevoka liċenza taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 -

(a) teħtieġ lill-istituzzjoni finanzjarja biex minnufih tieħu dawk il-passi li l-awtorità kompetenti tqis meħtieġa biex tirrimedja jew tirretifika l-materja;

(b) taħtar persuna kompetenti biex tagħti parir lill-istituzzjoni finanzjarja dwar it-tmexxija xierqa tal-kummerċ tagħha;

(ċ) taħtar persuna kompetenti biex tieħu f'idejha l-attiv ta' l-istituzzjoni finanzjarja jew xi parti minnu sabiex jiġu mħarsa l-interessi ta' l-integrità tas-sistema finanzjarja f'Malta;

(d) taħtar persuna kompetenti biex tieħu f'idejha l-kontroll tal-kummerċ ta' l-istituzzjoni finanzjarja u jew li tkompli tmexxi dak il-kummerċ jew li tagħmel dik il-funzjoni jew funzjonijiet oħra dwar dak il-kummerċ jew parti minnu, kif tordna l-awtorità kompetenti;

(e) teħtieġ lill-istituzzjoni finanzjarja biex tillikwida l-kummerċ tagħha jew biex tillikwida l-kummerċ tagħha f'Malta;

(f) tistabbilixxi r-rimunerazzjoni li għandha titħallas mill-istituzzjoni finanzjarja lil kull persuna kompetenti maħtura taħt dan is-subartikolu."; u

(b) minflok il-kliem "il-Bank Ċentrali għandu jinforma lill-awtorità kompetenti" li hemm fis-subartikolu (2) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Bank Ċentrali".

Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

216. Fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-istituzzjoni finanzjarja, xi fergħa" għandhom jidħlu l-kliem "l-istituzzjonijiet finanzjarja jew il-fergħa jew l-uffiċċju".

Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

217. L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :

(a) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala subartikoli (6) u (7) rispettivament;

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu s-subartikoli minn (2) sa (5) li ġejjin:

"(2) L-awtorità kompetenti tista' wkoll, fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali, jew fuq ftehim ta' reċiproċità, tikxef informazzjoni lil awtoritajiet kompetenti oħra barranin sal-limitu li l-awtoritajiet li lilhom tkun mikxufa l-informazzjoni jkunu suġġetti għall-obbligi ta' segretezza professjonali li jkunu ekwivalenti għal dawk applikabbli taħt il-liġi ta' Malta.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tikxef informazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) biss sal-limitu li l-awtoritajiet barranin li jirċievu dik l-informazzjoni jillimitaw l-użu tagħha għal finijiet ta' sorveljanza u regolatorji u għal dawk il-finijiet l-oħra li jistgħu jkunu speċifikament miftehma ma' l-awtorità kompetenti.

(4) L-awtorità kompetenti tista' wkoll, fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali, jew fuq ftehim ta' reċiproċità, tawtorizza awtoritajiet kompetenti oħra barranin biex huma stess jew permezz ta' persuni kompetenti li huma jaħtru, jagħmlu spezzjonijiet fuq il-post għall-finijiet ta' sorveljanza jew regolatorji f'fergħat jew sussidjarji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-pajjiż ta' l-awtorità kompetenti li tagħmel l-ispezzjoni.

(5) L-awtorità kompetenti għandha wkoll, fuq talba bil-miktub, tikxef lill-Bank Ċentrali kull informazzjoni fil-pussess ta' l-awtorità kompetenti jew aċċessibbli għaliha, li tkun meħtieġa fil-qadi tad-dmirijiet tal-Bank Ċentrali taħt il-liġi:"; u

(ċ) fis-subartikolu (6) kif numerat mill-ġdid minflok il-kliem "tal-Bank Ċentrali" għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-awtorità kompetenti".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali.

218. Minflok l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Appelli.

21. Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti :

(a) taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3;

(b) li tirrifjuta applikazzjoni għal liċenza;

(ċ) li timponi xi kondizzjoni tal-liċenza;

(d) li timponi jew tvarja xi restrizzjoni;

(e) li tirrevoka liċenza;

(f) li tagħmel xi ordni taħt l-artikolu 9 ta' dan l-Att;

(ġ) li tagħmel dikjarazzjoni pubblika, taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 25A ta' dan l-Att, dwar imġieba ħażina ta' persuna;

(h) li timponi penali amministrattiva taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 23 ta' dan l-Att; jew

(i) bin-nuqqas ta' l-awtorità kompetenti li tiddeċiedi applikazzjoni għal liċenza taħt is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att,

tista' tappella kontra d-deċiżjoni lit-Tribunal f'dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet kif stabbiliti taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

219. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu s-subartikoli li ġejjin:

"(3) Il-Ministru jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jippreskrivi l-penalitajiet li persuna misjuba ħatja għal reat kontra dan l-Att tista' teħel u b'mod partikolari b'dawk ir-regolament jista':

(a) jippreskrivi penalitajiet differenti għal reati differenti kontra dan l-Att;

(b) jippreskrivi penalitajiet differenti kalkolati skond kemm idum ir-reat:

Iżda dawk il-penalitajiet ma għandhomx ikunu iktar minn priġunerija għal żmien ta' mhux iktar minn sentejn jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn elf lira Maltin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Il-Ministru jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jippreskrivi l-penalitajiet amministrattivi li jistgħu jiġu mposti mill-awtorità kompetenti u li jinġabru bħala dejn ċivili mingħand min jagħmel ir-reat minflok proċedimenti kriminali, liema penalitajiet amminnistrattivi ma għandhomx ikunu iktar minn erbgħin elf lira dwar xi reat wieħed.

(5) Ebda proċedimenti kriminali għal reat kontra dan l-Att ma ghandhom jinbdew mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

(6) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandhomx itellfu xi proċedimenti kriminali li jistgħu jittieħdu taħt xi liġi oħra.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

220. Minflok l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej :

"Penalitajiet amministrattivi.

23 (1) Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li timponi penali amministrattiva fuq persuna minflok proċedimenti kriminali, ebda proċedimenti dwar l-istess reat ma jistgħu jinġiebu kontra l-istess persuna quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali u l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika dik id-deċiżjoni b'avviż bil-miktub lill-persuna li fuqha l-penali amministrattiva tkun hekk imposta.

(2) Jekk fi żmien 30 jum min-notifika ta' l-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu l-persuna li lilha jkun ġie notifikat l-avviż ma tkunx ħallset il-penali amministrattiva jew ma tkunx appellat kontra d-deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti quddiem it-Tribunal kif provdut fl-artikolu 21 ta' dan l-Att, jew meta fi żmien ħmistax-il jum

mid-deċiżjoni tat-Tribunal dik il-persuna ma tkunx ħallset il-penali amministrattiva kif konfermata jew imnaqqsa mit-Tribunal, f'dan il-każ l-awtorità kompetenti tista' biex tiġbor l-ammont dovut lilha bħala penali amministrattiva tinnotifika kopja ta' l-avviż jew tad-deċiżjoni tat-Tribunal, skond il-każ, lill-persuna li tkun dovuta tħallas il-penali amministrattiva permezz ta' att ġudizzjarju, u dak l-avviż jew deċiżjoni, skond il-każ, għandhom ma dan jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tat-Titlu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili .". Kap.12.

221. L-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (7) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandhom jidħlu s-subartikoli (4) sa (6) li ġejjin:

"(4) Uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti u tal-Bank Ċentrali, inklużi uffiċjali passati u preżenti, ma għandhomx jikxfu informazzjoni miksuba minn istituzzjonijiet finanzjarji waqt il-qadi ta' dmirijiet ta' sorveljanza u oħrajn, li tkun regolata bl-obbligu tas-segretezza professjonali, ħlief għall-fini tal-qadi ta' dmirijiethom jew għall-qadi tal-funzjonijiet tagħhom, jew meta skond il-liġi hekk meħtieġa jagħmlu minn xi qorti jew taħt dispożizzjoni ta' xi liġi.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, istituzzjoni finanzjarja tista' jekk iċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, tikkomunika kull informazzjoni li tkun fil-pussess tagħha u li tirrelata għall-affarijiet ta' klijent, lil membri oħra tal-grupp ta' kumpaniji li minnhom dik l-istituzzjoni finanzjarja tkun tagħmel parti.

(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, il-frażi "grupp ta' kumpaniji" tinkludi kull korp ġuridiku reġistrat jew li jopera f'Malta jew f'ġurisdizzjoni barranija u li jifforma parti minn grupp ta' kumpaniji u li hu wkoll liċenzjat jew xort'oħra awtorizzat taħt il-liġijiet ta' Malta jew ta' dik il-ġurisdizzjoni biex imexxi xi attività ekwivalenti għal kummerċ bankarju jew għall-ħruġ ta' flus elettroniċi jew xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att.".

Dispożizzjonijiet transitorji.

222. (1) (a) Kull soċjetà kostitwita f'Malta skond l-Att dwar il-Kumpaniji jew xi soċjetà reġistrata jew inkorporata barra minn Malta li jkollha fil-pussess tagħha liċenza ta' istituzzjoni finanzjarja fil-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima għandha żżomm l-istat tagħha bħala soċjetà u tibqa' topera bħala istituzzjoni finanzjarja liċenzjata taħt l-Att prinċipali iżda jekk il-kontroll ta' dik is-soċjetà jkun akkwistat minn persuna barra mill-persuna li kienet tikkontrollaha mal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima, dik is-soċjetà għandha tibdel l-istat tagħha għal wieħed ta' kumpanija f'dak il-perijdou ta' "*takover*" li l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi.

(b) Kull riferenza fl-Att prinċipali għal azzjoni jew kapital azzjonarju ta' kumpanija għandu, meta applikata għal soċjetà kummerċjali, tinkludi riferenza għall-interess ta' soċju f'dik is-soċjetà u kull riferenza għal direttur ta' kumpanija għandha, meta applikata għal soċjetà kummerċjali tinkludi riferenza għal soċju f'dik is-soċjetà.

(2) Kull persuna li qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima ipprovdit servizzi kif deskritti fis- subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali kif sostitwit b'din it-Taqsima għandha, fi żmien xahar mill-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima jew f'dak il-perijodu l-ieħor li l-awtorità kompetenti tista' tavża, tinforma lill-imsemmija awtorità kompetenti bis-servizzi provvduti minnha u titlob konferma li hi eżentata mill-ħtieġa ta' liċenza taħt l-Att prinċipali, u d-disposizzjonijiet ta' l-Att prinċipali dwar appelli minn deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti għandhom japplikaw għal deċiżjonijiet taħt dan is-subartikolu.

TAQSIMA XI
EMENDI TA' L-ATT DWAR SEGRETEZZA PROFESSJONALI, KAP. 377

Emendi ta' l-Att dwar Segretezza Professjonali, Kap. 377.

223. (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar Segretezza Professjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jibdew isehħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jkunu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

Żieda ta' artikoli 6A u 6B ġodda ma' l-Att prinċipali.

224. Minnufih wara l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu l-artikoli 6A u 6B ġodda li ġejjin:

"Kxif permess.

6A. Ebda reat ma jkun sar kontra l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali jew dan l-Att minn -

(a) persuna li tikxef in *bona fide* informazzjoni sigrieta waqt jew sabiex tikseb parir jew direzzjonijiet mill-korp li jirregola l-professjoni tagħha;

(b) persuna li tikxef in *bona fide* informazzjoni sigrieta lil awtorità pubblika jew quddiem qorti jew tribunal sal-limitu li tkun proporzjonata u raġonevolment meħtieġa għall-għan speċifiku li:-

(i) tiddefendi lilha nnifisha kontra xi talba dwar xogħol professjonali li b'konnessjoni miegħu tkun kisbet l-informazzjoni sigrieta; jew

(ii) tibda jew tkompli proċedimenti ġuddizzjarji bil-ħsieb li jinġabru drittijiet jew somom oħra dovuti lilha jew biex tinforza talbiet jew interessi leġittimi oħra;

(ċ) bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminali jew l-artikolu 588(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, persuna, li in *bona fide* tikxef xi nformazzjoni sigrieta lil awtorità kompetenti f'Malta bit-twemmin raġonevoli li dak il-kxif ikun raġonevolment meħtieġ sabiex ikun hemm prevenzjoni, kxif, identifikazzjoni jew prosekuzzjoni ta' egħmil ta' atti li jammonta jew li x'aktarx jammonta għal reat kriminali, jew biex jiġi evitat li jsir żball tal-ġustizzja. Kap. 9. Kap. 12.

Obbligu ta' kxif.

6B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-artikolu 588(1) tal-Kodiċi ta' Orgaizzazzjoni u Proċedura Ċivili persuna għandha tikxef informazzjoni li xort'oħra tkun koperta bis-segretezza professjonali meta tkun meħtieġa li tagħmel hekk: Kap. 9. Kap. 12.

(a) minn awtorità kompetenti biex tinforza l-liġi jew regolatorja li tkun qed tinvestiga reat kriminali jew ksur ta' dmir;

(b) minn maġistrat fil-kawża għall-finijiet ta' proċedimenti *in genere*; u

(ċ) minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali fil-kors ta' prosekuzzjoni għal reat kriminali.".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

225. Fl-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "kemm-il darba ma jkunx hemm ħtieġa statutorja espressa", għandhom jidħlu l-kliem "kemm-il darba ma jkunx hemm ħtieġa statutorja".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

226. Fl-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "Qorti tista" għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-artikolu 588(1) tal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Qorti tista' " u minflok il-kliem "li għalihom dik id-dispożizzjoni tkun saret b'liġi", għandhom jidħlu l-kliem "li għalihom dik id-dispożizzjoni tkun saret b'liġi, jew għall-iskop speċifiku ta' prevenzjoni, kxif jew ditezzjoni ta' l-egħmil ta' atti li jammontaw jew li x'aktarx jammontaw għal reat kriminali".

TAQSIMA XII

EMENDI TA' L-ATT DWAR KUMPANIJI KONTROLLATI (PROĊEDURA GHAL LIKWIDAZZJONI), KAP. 383

Emendi ta' l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura għal Likwidazzjoni), Kap. 383.

227. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Kumpaniji Kontrollati (Proċedura għal Likwidazzjoni) hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima, imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att prinċipali, u għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviz fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti tat-Taqsima.

Emenda ta' l-artikou 2 ta' l-Att prinċipali.

228. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emenda kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira ta' "attiv kontrollat" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "Awtorità Kompetenti" tfisser l-awtorità kompetenti nominata mill-Ministru taħt u għall-finijiet ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju; Kap. 371.

"Bank Ċentrali" tfisser il-Bank Ċentrali ta' Malta stabbilit bl-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta;". Kap. 204.

(b) fit-tifsira ta' "attiv kontrollat" minflok il-kliem "Bank Ċentrali ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "Awtorità Kompetenti"; u

(ċ) fit-tifsira ta' "Kontrollur" minflok il-kliem "Bank Ċentrali ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "Awtorità Kompetenti".

229. Fl-artikoli 3 u 4 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "il-Bank Ċentrali" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità Kompetenti wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali". Emenda ta' l-artikoli 3 u 4 ta' l-Att prinċipali.

230. Id-disposizzjonijiet ta' l-Att prinċipali kif emendati b'dan l-Att għandhom ikomplu jseħħu għal attiv kontrollat u għal Kontrolluri msemmija fl-Att prinċipali kif fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima minkejja l-emendi li saru lill-Att prinċipali b'din it-Taqsima, u kull ordni magħmul mill-Bank Ċentrali ta' Malta taħt l-Att prinċipali kif fis-seħħ ta' din it-Taqsima, kif ukoll kull azzjoni li ttieħdet jew li naqset milli tittieħed bis-saħħa tiegħu, għandu jkompli jkollu effett u validità daqslikieku dak l-ordni kien magħmul mill-Awtorità Kompetenti ta' l-Att prinċipali kif emendat b'din it-Taqsima. Disposizzjoni transitorja.

TAQSIMA XIII
EMENDI TA' L-ATT DWAR IL-KUMPANNIJI, KAP. 386

231. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kumpanniji, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386.

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responabbli għall-finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tagħha.

232. Minflok is-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 225 ta' l-Att prinċiplai, għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 225 ta' l-Att prinċipali.

"(1) Il-Ministru għandu jaħtar lil xi individwu biex ikun ir-Riċevitur Uffiċjali għall-finijiet ta' dan l-Att u jista' f'kull żmien itemm dik il-kariga jew desinjazzjoni.

(2) Il-Ministru jista' jawtorizza bil-miktub lil xi individwu biex jassisti lir-Riċevitur Uffiċjali, billi jgħaddi lil dik il-persuna kull jew xi setgħa li tkun tappartjeni lir-Riċevitur Uffiċjali taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu.".

233. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 260 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 260 ta' l-Att prinċipali.

"(2) Ir-Riċevitur Uffiċjali għandu jieħu sehem fl-eżami, u għal dak l-għan jista' jkun assistit minn avukat.".

Emenda ta' l-artikolu 425 ta' l-Att prinċipali.

234. L-artikolu 425 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5); u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol is-subartikolu (4) ġdid li ġej:–

"(4) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti dettaljati –

(a) għall-fini li jippermettu korp ġuridiku, iffurmat u inkorporat jew reġistrat f'pajjiż li mhux Malta, li jkollu xorta simili bħalma jkollha kumpannija kif magħrufa taħt il-liġijiet ta' Malta, li jitkompla bħala kumpannija taħt dan l-Att u taħt il-liġijiet ta' Malta li jkunu hekk japplikaw, u

(b) għall-fini li jippermettu t-tkomplija ta' kumpannija reġistrata taħt dan l-Att bħala korp ġuridiku inkorporat jew reġistrat taħt il-liġijiet ta' xi pajjiż li ma jkunx Malta.

Dawk ir-regolamenti jistgħu jistabbilixxu ħtiġiet għar-rigward tal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u d-dokumentazzjoni, obbligazzjonijiet u l-informazzjoni li għandhom jingħataw lir-Reġistratur għall-fini li sseħħ xi tkomplija bħal dik, u r-regoli jistgħu iktar minn hekk ikunu jawtorizzaw lir-Reġistratur biex joħroġ linji ta' gwida li jkunu jistipulaw dawk il-kondizzjonijiet u ħtiġiet ulterjuri li l-Ministru jista' jqis li jkunu adatti, u jistgħu jsiru regolamenti u linji ta' gwida differenti għal kategoriji jew klassijiet ta' każijiet differenti.".

TAQSIMA XIV
EMENDI TA' L-ATT DWAR IL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI, KAP. 403

Emendi ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni Kap. 403.

235. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali", u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att prinċipali.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jibdew isehħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

236. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) it-tifsira ta' "assigurazzjoni affiljata" għandha titħassar;

(b) minflok it-tifsira ta' "fergħa" għandha tidħol din li ġejja:

" "fergħa" tfisser il-fond tal-kumpannija, barra mill-uffiċċju prinċipali tagħha, minn fejn jitmexxa l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni;";

(ċ) minflok it-tifsira ta' "*manager* fl-assigurazzjoni" għandu jidħol dan li ġej:

" "*manager* fl-assigurazzjoni" tfisser persuna hekk awtorizzata taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att, li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu fl-aċċettazzjoni ta' ħatra minn:

(a) assiguratur biex tamministra xi parti mill-kummerċ tiegħu, jew biex teżerċita funzjonijiet amministrattivi relattivi, jew biex tkun responsabbli biex iżżomm il-kontijiet jew *records* oħra ta' l-assiguratur, u, f'dan il-kuntest, "amministrazzjoni" tinkludi awtorità li tagħmel kuntratti ta' assigurazzjoni f'isem l-assiguratur skond il-kundizzjonijiet tal-ħatra; u

(b) *broker* fl-assigurazjzoni awtorizzat taħt l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra, biex tamministra xi parti mill-kummerċ tiegħu, jew biex teżerċita funzjonijiet amministrattivi relattivi, jew biex tkun responabbli biex iżżomm il-kontijiet jew *records* oħra ta' dak il-*broker* fl-assigurazzjoni;";

(d) minnufih wara t-tifsira ta' "*money laundering*" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*Mutual Association*" għandha tiftiehem skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att;";

(e) it-tifsira ta' "*Protection and Indemnity Club*" għandha titħassar;

(f) minnufih wara t-tifsira ta' "rabta" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "rabtiet internazzjonali ta' Malta" tfisser ir-rabtiet, responsabbiltajiet u obbligi li joħorġu minn sħubija jew

affiljazzjoni jew relazzjoni ma' xi organizzazzjoni internazzjonali, globali jew reġjonali jew grupp ta' pajjiżi jew minn xi trattat, konvenzjoni jew ftehim internazzjonali jkun kif ikun imsejjaħ, sew jekk bilaterali jew multilaterali, li tagħhom Malta tkun parti;"; u

(ġ) minflok it-tifsira ta' "stabbiliment" għandha tidħol din li ġejja:

" "stabbiliment" tfisser l-uffiċċju prinċipali ta' l-aġenzija, jew fergħa ta' impriża u tinkludi kull preżenza permanenti f'Malta ta' impriża, ukoll jekk dik il-preżenza ma tieħux is-sura ta' fergħa jew aġenzija iżda tikkonsisti biss minn uffiċċju mmexxi mill-impjegati ta' l-impriża stess jew minn persuna indipendenti li jkollha, l-awtorità espressa jew mifhuma biex taġixxi għal dik l-impriża;".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

237. L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, l-kliem "Dak il-korp għandu jkun maħtur għal dak iż-żmien li jistabbilixxi l-Ministru u l-Ministru jkollu s-setgħa li f'kull żmien itawwal, iġedded jew itemm dik il-ħatra b'Ordni fil-Gazzetta." għandhom jitħassru; u

(b) subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

238. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Meta tkun qed tikkunsidra jekk tagħtix jew tirrifjutax awtorizzazzjoni taħt dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti għandha, b'mod partikolari, tikkunsidra:

(a) il-ħarsien ta' persuni assigurati, detenturi ta' polza u l-pubbliku ġenerali;

(b) il-ħarsien tar-reputazzjoni ta' Malta, meta tikkunsidra r-rabtiet internazzjonali ta' Malta; u

(ċ) il-promozzjoni tal-kompetizzjoni u għażla.".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

239. L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "il-klasijiet 14 jew 15." għandhom jidħlu l-kliem "il-klassijiet 14, 15 jew 17:"; u

(ii) minnufih fit-tarf tiegħu għandu jiżdied il-*proviso* li ġej:

"Iżda r-riskju inkluż fil-klassi 17 għandu jitqies li hu riskju anċillari tal-klassi 18 jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu u meta r-riskju prinċipali jirrelata biss għall-għajnuna provduta lil persuni f'diffikulta' fil-waqt li jkunu qed jivvjaġġaw jew il-bogħod mid-djar jew residenzi permanenti tagħhom, u r-riskju inkluż fil-klassi 17 għandu wkoll jitqies bħala riskju anċillari meta tikkonċerna kwistjonijiet jew riskji li jinħolqu minn jew b'konnessjoni ma' l-użu ta' bastimenti li jbaħħru u l-kondizzjonijiet ta' l-imsemmi subartikolu jkunu sodisfatti";

(b) is-subartikoli (5) u (6) għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala subartikoli (6) u (7) rispettivament, u minnfih wara s-subartikolu (4) għandu jidħol is-subartikolu (5) ġdid li ġej:

"(5) Il-kondizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (4) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-riskji li jkunu se jiġu assigurati huma konnessi mar-riskju prinċipali;

(b) li dawk ir-riskji jikkonċernaw l-oġġett li jkun kopert taħt ir-riskju prinċipali; u

(ċ) li jkunu koperti bil-kuntratt li jassigura r-riskju prinċipali.";

(ċ) minflok is-subartikolu (6) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"(6) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Kompetenti, jagħmel regoli jew regolamenti li jistabilixxu l-klassi jew il-klassijiet ta' kummerċ fit-tul u l-klassi jew klassijiet jew parti minn klassijiet ta' kummerċ ġenerali li jistgħu jsiru u jitwettqu taħt dan l-Att."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (7) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu (8) ġdid li ġej:

"(8) L-Awtorità Kompetenti tista', permezz ta' Direttiva dwar l-Assigurazzjoni li ssir għall-finijiet ta' dan l-artikolu, tipprovdi li kuntratti ta' kummerċ ġenerali ta' l-

assigurazzjoni ta' xorta speċifikati fid-Direttiva jkun fihom dawk il-kondizzjonijiet jew ikunu jinkludu dawk il-ħtiġiet jew arranġamenti li jistgħu jiġu stabbiliti bid-Direttiva."

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

240. Minflok is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej :

"(3) Is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal *Mutual Association* jekk dik il-*Mutual Association* tissodisfa dawk il-ħtiġiet li jistgħu jiġu stabbiliti f'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan.".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

241. Il-kliem "jew assigurazzjoni affiljata" li hemm fis-subartikolu (8) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikoli 8 ta' l-Att prinċipali.

242. L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu s-subartikoli li ġejjin:

"(2) Meta jkunu jeżistu rabtiet mill-qrib bejn kumpanija li tapplika għal awtorizzazzjoni u xi persuna oħra, l-Awtorità Kompetenti għandha:

(a) toħroġ biss awtorizzazzjoni jekk tikkunsidra li dawk ir-rabtiet mill-qrib ma jfixkluhix milli teżerċita effettivament il-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha; u

(b) tirrifjuta li toħroġ dik l-awtorizzazzjoni jekk tikkunsidra illi l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi ta' xi pajjiż barra minn Malta li jirregolaw lil xi persuna li magħha l-kumpannija jkollha rabtiet mill-qrib, jew l-infurzar tagħhom, ifixkilha milli teżerċita effettivament il-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' minn żmien għal żmien, bil-mezzi ta' Direttiva dwar l-Assigurazzjoni maħruġa taħt dan l-Att tfisser iċ-ċirkostanzi fejn rabtiet mill-qrib ikunu meqjusa li jeżistu bejn kumpanija u xi persuna oħra.".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

243. L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1), paragrafu (b) għandu jitħassar u paragrafu (ċ) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (b) tiegħu;

(b) is-subartikolu (2) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) tiegħu; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal kumpannija li jkollha awtorizzazzjoni tmexxi sew kummerċ fit-tul sew kummerċ ġenerali taħt l-Att prinċipali kif fis-seħħ minnufih qabel id-dħul fis-seħħ tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu sa dak iż-żmien li l-Ministru jista' b'Ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi.".

244. Il-kliem "jew għal assigurazzjoni affiljata" li hemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru. Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

245. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "kif imfisser fl-artikolu 2 ta' dan l-Att, il-ħtiġiet hemmhekk imsemmija huma dawk murija fid-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu - ", għandhom jidħlu l-kliem ", il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni għandu jitmexxa minn dik il-fergħa minn persuna li tissodisfa il-ħtiġiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu - ". Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

246. Minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

"(b) kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta, jekk il-kummerċ tagħha jkun biss f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta, u l-kummerċ ikun ristrett għal rijassigurazzjoni.".

247. Fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "jew assigurazzjoni affiljata" għandhom jitħassru. Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

248. L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, l-paragrafi (a) u (b) tiegħu li jidħru minnufih wara l-kliem "kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati tagħha magħmula - għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala paragrafi (i) u (ii) rispettivament;

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (1A) li ġej:

"(1A) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmija fil-paragrafi (i) u (ii) fis-subartikolu (1) il-kumpannija għandha tipprovdi kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati tagħha lil kull persuna li tapplika għal dik il-kopja:

Iżda l-kumpanija tista' titlob dak il-ħlas raġonevoli li ma jkunx iżjed mill-ispejjeż amministrattivi li jsiru fil-produzzjoni ta' dik il-kopja."; u

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar u s-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4) tiegħu.

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

249. Fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "jew assigurazzjoni affiljata" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali.

250. L-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi numerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif numerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu s-subartikoli (2) u (3) li ġejjin:

"(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kull materja li jista' jkollha x'taqsam ma' u li jista' jkollha effett avvers serju tinkludi kull materja li:

(a) x'aktarx twassal għal kwalifika serja, jew rifjut tar-rapport ta' l-uditur fuq il-kontijiet tal-kumpanija; jew

(b) b'mod serju tfixkel il-ħila tal-kumpanija li tkompli fil-kummerċ; jew

(ċ) kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru.

(3) Uditur jew attwarju, skond il-każ, ta' kumpannija awtorizzata bl-istess mod ikollu d-dmir li jirrapporta lill-Awtorità Kompetenti kull fatti u deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' jew li jistgħu jkollhom effett avvers serju fuq l-assigurat, id-detenturi ta' polza, jew xi persuna oħra interessata, dwar il-kumpannija, jew ta' fergħa f'Malta ta'

kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun qiegħed f'pajjiż barra minn Malta, u li jsir jaf bihom fil-kariga tiegħu bħala uditur jew attwarju ta' kumpannija li jkollha rabtiet mill-qrib, skond kif imfisser fl-artikolu 8 ta' dan l-Att.".

251. Minflok il-paragrafu (h) ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

(ħ) il-kumpannija awtorizzata x'aktarx se tiġi f'qagħda li ma tkunx tista' tissodisfa l-obbligazzjonijiet tagħha jew ma tkunx iktar ta' min jorbot fuqha biex twettaq jew tissodisfa l-obbligazzjonijiet tagħha dwar persuni assigurati, detenturi ta' polza, kredituri jew persuni nteressati oħra; jew

(i) jeżistu bejn il-kumpannija awtorizzata u persuna oħra, rabtiet mill-qrib kif imfisser fl-artikolu 8 ta' dan l-Att, u l-Awtorità Kompetenti ma tkunx tista' teżerċita effettivament il-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha jew minħabba xi liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta li jirregolaw lil dik il-persuna l-oħra, jew minħabba li jkun diffiċli biex tinfurzahom.".

252. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin: Emenda ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

"(4) L-Awtorità Kompetenti tista', meta jkun jidhirla li jkun fl-aħjar interess tal-pubbliku li jsir hekk, tagħmel jew toħroġ dikjarazzjonijiet jew avviżi pubbliċi fejn twissi jew tgħarraf dwar xi ħaġa minn dan li ġej:

(a) is-sospensjoni, revoka jew restrizzjoni ta' xi awtorizzazzjoni;

(b) xi azzjoni li tittieħed skond dan l-artikolu;

(ċ) it-tmexxija ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni b'mod mhux sodisfaċenti u l-persuni li jkunu qegħdin imexxu dak il-kummerċ;

(d) kull prattika jew materja oħra li tista' tkun ta' detriment għall-interessi ta' detenturi ta' polza, assigurati, kredituri jew persuni oħra interessati;

(e) l-għemil ta' reat kontra dan l-Att;

(f) l-imposizzjoni mill-Awtorità Kompetenti ta' penali amministrattiva.".

(5) L-Awtorità Kompetenti tista' teħtieġ lill-kumpannija involuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-pubblikazzjoni jew tal-ħruġ ta' dikjarazzjonijiet jew avviżi pubbliċi, u dawk inċidentali għalihom, konformement ma' dan l-artikolu, jew dik il-parti mill-ispejjeż li tista' tqis li tkun adatta, u kull ammont hekk dovut għandu jkun jista' jinġabar mill-Awtorità Kompetenti bl-istess mod bħalma tinġabar penali amministrattiva imposta taħt dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali.

253. Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "tkun awtorizzata li tmexxi" għandhom jidħlu l-kliem "jew dwar xi persuna li magħha l-kumpannija jkollha rabtiet mill-qrib kif imfisser fl-artikolu 8 ta' dan l-Att;".

Emenda ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

254. Il-kliem "jew assigurazzjoni affiljata" li hemm fl-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

255. L-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "takkwista *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet", għandhom jidħlu l-kliem "takkwista, direttament jew indirettament, *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "tkabbar *holding* eżistenti", għandhom jidħlu l-kliem "tkabbar, direttament jew indirettament, *holding* eżistenti";

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "tkabbar *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet", għandhom jidħlu l-kliem "tkabbar, direttament jew indirettament, *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet";

(iv) fil-paragrafi (d) u (e) tiegħu, minflok il-kliem "tnaqqas *holding* kwalifikattiv ta' azzjonjiet" għandhom jidħlu l-kliem "tnaqqas, direttament jew indirettament, *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet"; u

(v) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "tirrinunzja" għandhom jidħlu l-kliem "tirrinunzja, direttament jew indirettament, għal";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar;

(ċ) fis-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "lill-Awtorità Kompetenti ma' dak l-avviż." għandhom jidħlu l-kliem "lill-Awtorità Kompetenti ma' dak l-avviż; u l-Awtorità Kompetenti ma' l-avviż minn persuna li jkun bi ħsiebha tieħu xi passi msemmija fil-paragrafi (a) sa (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, meta tkun qed tiddeċiedi liema passi għandha tieħu skond dan l-artikolu ma' dak l-avviż tiddeċiedi jekk dik il-persuna tkunx persuna denja u xierqa.";

(d) fis-subartikolu (8) tiegħu:

(i) minflok il-kelma "xahrejn" għandhom jidħlu l-kliem " tliet xhur";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "jidhirlha xierqa", għandhom jidħlu l-kliem "jidhirlha xierqa; jew"; u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, għandu jidħol il-paragrafu (ċ) li ġej:

"(ċ) li bih tirrifjuta l-kunsens biex jittieħed il-pass,";

(e) is-subartikolu (9) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "milli tieħu dak il-pass" għandhom jidħlu l-kliem "milli tieħu, jew biex jitkompla, dak il-pass", u

(ii) fil-paragrafu (d) tiegħu minnufih wara l-kliem "id-dritt li tirċievi xi ħlas" għandhom jidħlu l-kliem "jew li teżerċita xi drittijiet għal vot marbuta ma' l-azzjonijiet akkwistati"; u

(f) minnufih wara s-subartikolu (10) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu li ġej:

"(11) Bla ħsara għal kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, meta l-influwenza eżerċitata minn xi persuna li jkollha *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet tkun taħdem, jew x'aktarx tkun se taħdem, kontra l-amministrazzjoni tajba u prudenti ta' kumpannija awtorizzata, l-Awtorità Kompetenti tista' teżerċita kull waħda mis-setgħat tagħha taħt dan l-Att, inkluża s-setgħa li toħroġ direttivi li jidhirlha xierqa fiċ-ċirkostanzi.".

Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

256. Minflok is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej :

"(3) Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma għandux japplika għal kumpannija jekk il-kummerċ tagħha jkun ristrett għal rijassigurazzjoni.".

Emenda ta' l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali.

257. Minnufih wara s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Kompetenti, jagħmel regolamenti dwar l-istralċ jew l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' kumpanniji li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'Malta, inklużi l-fergħat tagħhom, jekk ikun hemm, u ta' fergħat ta' kumpanniji li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom barra minn Malta, u jistgħu jsiru disposizzjonijiet differenti għal każijiet jew klassijiet ta' każijiet differenti, filwaqt li jitqiesu l-obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta f'dan ir-rigward. Dawk ir-regolamenti jistgħu jipprovdu dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri u proċeduri dettaljati dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid, inklużi dawn l-affarijiet li ġejjin: il-pubblikazzjoni u il-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'dak l-ilsien jew ilsna u f'dawk il-gazzetti jew pubblikazzjonijiet oħra li jistgħu jiġu ordnati; l-preżentazzjoni ta' informazzjoni lill-kredituri, u l-mod u l-proċedura kif isir dan; in-notifikazzjoni lill-kredituri u l-proċedura għall-preżentazzjoni ta' talbiet jew ilmenti; miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' kredituri u ta' terzi oħra, inklużi arranġamenti ta' tpaċija; konsultazzjoni bejn l-Awtorità Kompetenti u awtoritajiet oħra regolatorji, amministrattivi jew ġudizzjarji f'Malta u barra minn Malta li jkollhom kompetenza fuq l-istralċ jew l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' dawk il-kumpanniji jew fergħat ta' kumpanniji; il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet li jirrigwardaw dawk il-proċeduri ta' stralċ jew organizzazzjoni mill-ġdid; l-għemil ta' regoli li jirrigwardaw l-applikabilità tal-liġi adatta jew dik applikabbli u kwistjonijiet oħra ta' konflitt ta' liġijiet.".

Emenda ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali.

258. L-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :

(a) minflok in-nota marġinali li hemm għalih għandu jidħol dan l- ġej:

"Tibdil fid-dokumentazzjoni jew informazzjoni.";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 38 ta' dan l-Att, kumpannija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'Malta awtorizzat taħt dan l-Att għandha –

(a) qabel ma tagħmel xi żieda jew tibdil fil-memorandum jew fl-artikoli ta' assoċjazzjoni jew xi strument ieħor li jikkostitwixxi l-kumpannija, tippreżenta bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti partikolaritajiet taż-żieda jew tibdil propost għall-kunsens tagħha minn qabel; u ebda żieda jew tibdil bħal dawk ma għandhom isiru jew ikunu reġistrati, jew jibdew iseħħu, sew jekk tkun reġistrata sew jekk ma tkunx, kemm-il darba u sakemm l-Awtorità Kompetenti ma tkunx uriet il-kunsens tagħha bil-miktub; u

(b) tgħarraf lill-Awotrità Kompetenti bl-ismijiet tal-persuni li jkollhom *holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet fil-kumpannija u l-perċentwali ta' dak il-*holding*; u l-Awtorità Kompetenti tista', b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu, tistabbilixxi l-forma, l-mod u l-kontenut ta' l-informazzjoni li għandha tingħatalha u d-data sa meta għandha tintbagħat dik l-informazzjoni għandha wkoll tiġi stabbilita b'dik id-Direttiva."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (3) li ġej:

"(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, kumpannija awtorizzata għandha tavża lill-Awtorità Kompetenti fuq bażi kontinwa, b'kull tibdil jew ċirkostanza li tista' toħloq l-eżistenza ta' rabtiet mill-qrib kif imfisser fl-artikolu 8 ta' dan l-Att.".

259. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 47 u fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 48 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "jew assigurazzjoni affiljata" għandhom f'kull każ jitħassru. Emenda ta' l-artikoli 47 u 48 ta' l-Att prinċipali.

260. Fl-artikolu 49 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "Għandu jitwaqqaf fond li jkun magħruf", għandhom jidħlu l-kliem "Għandu jitwaqqaf fond, b'dik il-personalità ġuridika jew xort'oħra, kif jista' jiġi preskritt, li jkun magħruf". Emenda ta' l-artikolu 49 ta' l-Att prinċipali.

261. Minflok l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali.

"Eżenzjonijiet mit-taxxa fuq l-*income*.

53. Kull kontribuzzjoni li ssir lill-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u kull *income* ta' flejjes li jappartjenu lill-Fond tkun eżentata minn kull responsabbiltà għall-ħlas ta' taxxa fuq l-*income* taħt xi liġi li f'dak iż-żmien tkun fis-seħħ.".

Emenda ta' l-artikolu 54 ta' l-Att prinċipali.

262. L-artikolu 54 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "jew assigurazzjoni affiljata" għandhom jitħassru; u

(b) minflok il-kliem "jintrabat b'mod irrevokabbli u bil-miktub" fis-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (b) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "jintrabat bil-miktub jew taħt xi forma ta' garanzija".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 55 ta' l-Att prinċipali.

263. L-artikolu 55 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-test Malti, minflok il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(f) is-setgħa għad-dħul biex tikseb informazzjoni u dokumentazzjoni taħt l-artikolu 31 ta' dan l-Att;";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-Awtorità Kompetenti għandha teżerċita l-poteri tagħha bis-saħħa ta' dan l-artikolu:

(a) meta l-assistenza tenħtieġ minn awtorità regolatorja barranija għall-finijiet ta' l-eżerċizzju ta' xi waħda jew aktar mill-funzjonijiet regolatorji tagħha; jew

(b) meta hekk tenħtieġ li tagħmel fil-parametri ta' l-obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta; jew

(ċ) meta hekk tenħtieġ li tagħmel fil-parametri ta' kull qbil f'pattijiet ta' ftehim bilaterali jew multilaterali għall-iskambju ta' informazjoni u forom oħra ta' kollaborazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin inkluża talba taħt *Memorandum of Understanding* li jsir ma' l-Awtorità Kompetenti."; u

(ċ) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jitħassru u s-subartikolu (5) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) tiegħu.

264. L-artikolu 57 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-artikolu 57 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Għall-fini ta' dan l-Att, il-frażi "Tribunal għal Servizzi Finanzjarji" tfisser it-tribunal imsemmi fl-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u l-frażi "Tribunal" għandha tiftiehem skond hekk: Kap. 330.

Iżda għall-fini ta' proċedimenti li joriġinaw taħt dan l-Att il-membri maħtura taħt is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom ikunu sostitwiti b'persuni li jinħatru mill-Ministru taħt dan l-Att u li, fil-fehma tiegħu, ikollhom it-tagħrif u l-esperjenza meħtieġa fil-kummerċ ta' l-assigurazzjoni, u d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (5) sa (7) ta' l-artikolu 21 ta' l-imsemmi Att għandhom japplikaw għall-persuni maħtura konformement ma' dan il-*proviso* bl-istess mod u daqstant daqskemm dawn japplikaw għall-membri msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 ta' l-imsemmi Att."; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 10 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta", minflok il-kliem "is-subartikolu (15) ta' l-imsemmi artikolu 10" għandhom jidħlu l-kliem "is-subartikolu (13) ta' l-imsemmi artikolu 21" u minflok il-kliem "tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju" għandhom jidħlu l-kliem "tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.".

265. L-artikolu 59 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 59 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "li jkun hemm tharis tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; jew" għandhom jidħlu l-kliem "li jkun hemm tharis tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi Att ieħor; jew";

(b) is-subartikoli (2), (3) u (4) tiegħu, għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala (4), (5) u (6) rispettivament;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, informazzjoni miksuba minn xi persuna għall-finijiet ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att, jew konformement magħha, jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmulin taħtu, jew ta' xi Direttiva dwar l-Assigurazzjoni, jew fil-qadi ta' xi funzjoni taħt xi disposizzjoni minn dawk imsemmija, jew minn awtorità regolatorja barranija, tiġi ttrattata bħala kunfidenzjali u protetta mid-dmir ta' segretezza professjonali, u ma għandha tiġi żvelata lil ebda persuna oħra, jekk din ma tkunx persuna li tista', tikseb b'mod leġittimu dik l-informazzjoni għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew konformement miegħu, jew ta' xi regoli u regolamenti magħmulin taħtu jew ta' xi Direttiva dwar l-Assigurazzjoni ħlief bil-kunsens tal-persuna li mingħandha tkun inkisbet l-informazzjoni, sakemm l-informazzjoni tkun unikament tirrigwarda lil dik il-persuna.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma għandhomx jipprekludu l-iżvelar ta' informazzjoni–

(a) bil-għan li jinbdew proċedimenti kriminali, jew xort'oħra għall-finijiet ta' dan, jew proċedimenti mill-Awtorità Kompetenti quddiem xi qorti taħt dan l-Att;

(b) bil-għan li l-Awtorità Kompetenti jkollha l-kapaċità jew tiġi assistita fil-qadi jew fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att;

(ċ) li tkun saret disponibbli għall-pubbliku bis-saħħa tal-fatt li tiġi żvelata dwar xi ċirkostanza li fiha, jew għal xi fini li dwarha, l-iżvelar ma jkunx prekluż b'dan l-artikolu;

(d) f'sommarju jew ġabra ta' informazzjoni li ssir b'mod li ma tkunx tista' tiġi aċċertata l-identità tal-persuna msemmija f'dik l-informazzjoni;

(e) lil awditur meta dak l-iżvelar ikun jgħin lill-awditur fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikoli 21 u 24 ta' dan l-Att;

(f) lil attwarju meta dak l-iżvelar ikun jgħin lill-attwarju fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 23 ta' dan l-Att;

(ġ) lill-Bank Ċentrali ta' Malta jew lill-Awtorità dwar l-Elenku taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dik l-informazjzoni tkun meħtieġa mill-Bank jew mill-Awtorità dwar l-Elenku fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom skond il-liġi;

(ħ) b'risposta għal talba mingħand awtorità regolatorja barranija, jew għall-fini li din tiġi assistita, konformement ma' l-artikolu 55 ta' dan l-Att;

(i) lil dawk l-awtoritajiet oħra regolatorji, ġudizzjarji jew li jenforzaw, kemm lokali kemm barranin, meta dak l-iżvelar ikun meħtieġ jew mitlub sabiex jiġu segwiti kwistjonijiet regolatorji serji jew qerq jew prevenzjoni ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali;

(j) fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali dwar il-falliment jew l-istralċ obbligat ta' kumpannija awtorizzata sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx tinvolvi lil terzi li jkunu involuti f'attentati biex isalvaw dik il-kumpannija, u li dawk il-korpi barranin li jkunu responsabbli għal-likwidazzjoni u l-falliment ta' persuna li jkollha awtorizzazzjoni jew liċenza ekwivalenti minn awtorità regolatorja barranija jew għal proċeduri oħra simili.".

266. L-artikolu 62 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 62 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-kliem " ta' assigurazzjoni affiljata" fin-nota marġinali li hemm għalih għandhom jidħlu l-kliem " ta' assigurazzjoni, *manager* fl-assigurazzjoni jew *broker* fl-assigurazzjoni";

(b) minflok il-kliem "lil kumpannija privata" li hemm fis-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "lil kumpannija";

(ċ) minflok il-kliem "kummerċ ristrett għal assigurazzjoni affiljata" kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "kummerċ ta' assigurazzjoni"; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu li ġej:

"(3) (a) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw, *mutatis mutandis* għal -

(i) kumpanniji awtorizzati biex jaġixxu bħala *manager* fl-assigurazzjoni; u

(ii) kumpanniji iskritti biex imexxu kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni taħt l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra, u skond hekk riferenzi f'dan l-artikolu għal "awtorizzat" u għal "kummerċ ta' l-assigurazzjoni" għandhom jinkludu riferenzi għal "iskritti" u "kummerċ ta' *broker* fl-assigurazzjoni" rispettivament;

(b) f'dan is-subartikolu riferenza għal "kumpannija" għandha tinkludi riferenza għal "soċjetà *en commandite* jew għal korp ġuridiku simili jew ekwivalenti li l-kapital tiegħu jkun maqsum f'azzjonijiet.".

Emenda ta' l-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali.

267. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu s-subartikoli li ġejjin :

"(3) Il-Ministru jista' wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Kompetenti, jagħmel regolamenti biex jeżenta lil xi persuna jew xi klassi jew klassisjiet jew parti minn klassijiet ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni, mid-dispożizzjonijiet kollha jew uħud mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet jew ħtiġiet inkluża l-ħtieġa ta' forom oħra ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni u notifika kif jista' jiġi preskritt.

(4) Regoli jew regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jagħmlu dawk l-eżenzjonijiet, kondizzjonijiet jew modifiki kif jista' jiġi speċifikat fihom dwar każijiet, ċirkostanzi jew għanijiet differenti u jistgħu jagħtu lill-Awtorità Kompetenti dik is-setgħa għal adattament tar-regoli u r-regolamenti kif jista' jiġi speċifikat fihom.

(5) L-eżerċizzju tal-poteri mogħtija taħt dan l-artikolu għandu jkun bla ħsara għal kull obbligazzjoni jew restrizzjoni li toriġina mill-obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta.".

Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

268. L-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej :

(a) fit-tifsira ta' "aġent ta' l-assigurazzjoni" fil-partita 2 tagħha, minflok il-kliem "minn membru ta' *Lloyd's*" għandhom jidħlu l-kliem "minn jew f'isem membru ta' *Lloyd's*";

(b) fit-tifsira ta' *"binding authority agreement"* li hemm fil-partita 2.1 tagħha minflok il-kliem "bejn membru ta' *Lloyd's*" għandhom jidħlu l-kliem "bejn membru ta' *Lloyd's* jew persuna li taġixxi f'ismu";u

(ċ) fil-partiti (3) u (4) tagħha, minflok il-kliem "ta' l-artikolu 8" kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8".

269. Ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-partita 3.5 tagħha għandha tidħol din li ġejja:

"3.5 Il-fondi tal-kumpanija stess, sew jekk f'liri Maltin jew f'xi munita oħra aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti huma f'kull ħin mhux inqas minn dak l-ammont xieraq għax-xorta ta' kummerċ li se jitmexxa, mill-kumpannija skond kif jista' jiġi determinat b'Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-Att; u dawk il-fondi tal-kumpannija stess huma f'kull ħin ħielsa minn kull irbit.";

(b) minflok il-kliem "L-artikoli minn 8 sa 12" li hemm fil-partita 4.1 tagħha, għandhom jidħlu l-kliem "Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 u l-artikoli 9 sa 12"; u

(ċ) minflok il-kliem "jista', minflok il-ħtiġiet murija fil-paragrafu 5 ta' din it-Taqsima ta' din l-Iskeda, jagħżel li jagħmel garanzija ta' fedeltà" fil-partita 5.2 tagħha, għandhom jidħlu l-kliem "għandu jagħmel garanzija ta' fedeltà".

TAQSIMA XV
EMENDI TA' L-ATT DWAR *BROKERS* FL-ASSIGURAZZJONI U INTERMEDJARJI OHRA, KAP. 404

Emendi ta' l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra, Kap. 404.

270. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tagħha.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

271. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira ta' "assigurazzjoni affiljata" li hemm fih għandha titħassar;

(b) minflok it-tifsira ta' "fergħa" għandha tidħol din li ġejja:

" "fergħa" tfisser il-fond tal-kumpannija, barra mill-uffiċċju prinċipali tagħha, minn fejn jitmexxa l-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni jew attivitajiet oħra ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni kif jistgħu jiġu preskritti li jistgħu jitmexxew; ";

(ċ) fit-tifsira ta' "fondi tal-kumpannija stess" li hemm fih, minflok il-kliem "tistabbilixxi l-elementi" għandhom jidħlu l-kliem "tistabbilixxi l-ammonti u l-elementi";

(d) minnufih wara t-tifsira ta' "Lista ta' Sotto-aġenti" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*manager* fl-assigurazzjoni" għandha l-istess tifsira kif inhi mogħtija lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;"; u

(e) minnufih wara t-tifsira ta' "*money laundering*", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta" għandha l-istess tifsira kif inhi mogħtija lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

272. Is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (7) tiegħu u minnufih wara s-subartikolu (4) ta' l-imsemmi artikolu 3, għandhom jidħlu s-subartikoli (5) u (6) ġodda li ġejjin :-

"(5) Regoli jew regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jagħmlu dawk l-eżenzjonijiet, kondizzjonijiet jew modifiki kif jista' jiġi speċifikat fihom dwar każijiet, ċirkostanzi jew għanijiet differenti u jistgħu jagħtu lill-Awtorità Kompetenti dik is-setgħa għal adattament tar-regoli u r-regolamenti kif jista' jiġi speċifikat fihom.

(6) L-eżerċizzju ta' poteri mogħtija taħt dan l-artikolu għandhom ikunu bla ħsara għal kull obbligazzjoni jew restrizzjoni li toriġina mill-obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

273. L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi numerata mill-ġdid bħala subartikolu (1) tiegħu;

(b) minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"(b) il-fondi tal-kumpannija stess, sew jekk f'liri Maltin jew f'xi munita oħra aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti huma f'kull ħin mhux inqas minn dak l-ammont xieraq għax-xorta ta' kummerċ li se jitmexxa mill-kumpannija, skond kif jista' jiġi determinat b'Direttiva dwar Intermedjarji ta' l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-Att; u dawk il-fondi tal-kumpannija stess huma f'kull ħin ħielsa minn kull irbit."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif numerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu s-subartikoli li ġejjin:

"(2) Meta jkunu jeżistu rabtiet mill-qrib bejn kumpannija li tapplika biex tkun iskritta fil-Lista tal-*Brokers* u xi persuna oħra, l-Awtorità Kompetenti għandha:

(a) tagħti biss l-iskrizzjoni jekk tikkunsidra li dawk ir-rabtiet mill-qrib ma jfixkluhiex milli teżerċita effettivament il-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha; u

(b) tirrifjuta li tagħti dik l-iskrizzjoni jekk tikkunsidra illi l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' xi pajjiż barra minn Malta li jirregolaw lil xi persuna li magħha l-kumpannija jkollha rabtiet mill-qrib, ifixkluha milli teżerċita effettivament il-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' minn żmien għal żmien bil-mezz ta' Direttivi dwar Intermedjarji ta' l-Assigurazzjoni maħruġa taħt dan l-Att tfisser iċ-ċirkostanzi fejn rabtiet mill-qrib ikunu meqjusa li jeżistu bejn kumpannija u xi persuna oħra.".

274. L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda kumpannija li tkun qed tmexxi kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni ristrett għal kuntratti ta' l-assigurazzjoni li jirrigwardaw riskji sitwati barra minn Malta tista', jew minflok jew b'żieda mal-ftuħ ta' fergħa f'Malta, taħtar *manager* fl-assigurazzjoni awtorizzat taħt l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni biex imexxi dak il-kummerċ; u sakemm dak il-*manager* fl-assigurazzjoni jibqa' jżomm dik il-ħatra, il-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni għandu jkun taħt it-tmexxija ta' *broker* fl-assigurazzjoni reġistrat."; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "il-ħtiġiet hemmhekk imsemmija huma dawn li jidħru fid-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu -" għandhom jidħlu l-kliem "l-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni jew l-attivitajiet ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni għandhom jiġi mmexxija min dik il-fergħa minn persuna li tkun tissodisfa dawn il-ħtiġiet li ġejjin -".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

275. Fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "għar-rifjut." għandhom jidħlu l-kliem "għar-rifjut:", u minnufih fit-tarf tiegħu għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda f'kull kaz l-Awtorità Kompetenti tista' tieħu dawk il-miżuri li jidhirlha meħtieġa biex jitħares l-interess tal-pubbliku.".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

276. L-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok in-nota marġinali li hemm ma' l-artikolu għandha tidħol din li ġejja:

"Ftuħ ta' fergħat u ħatra ta' *manager* fl-assigurazzjoni minn kumpanniji lokali iskritti."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(4) Kumpannija lokali iskritta kif hawn qabel imsemmi u li tkun qed tmexxi kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni risrett għal kuntratti ta' l-assigurazzjoni li jirrigwardaw riskji sitwati barra minn Malta tista' taħtar *manager* fl-assigurazzjoni awtorizzat taħt l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni biex imexxi dak il-kummerċ; u sakemm il-*manager* fl-assigurazzjoni jibqa' f'dik il-ħatra, il-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni għandu jkun taħt it-tmexxija ta' *brokers* fl-assigurazzjoni reġistrati.".

277. Fil-paragrafu (m) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "b'mod mhux professjonali.", għandhom jidħlu l-kliem "b' mod mhux professjonali; jew", u minnufih wara l-imsemmi paragrafu (m) għandu jiżdied il-paragrafu (n) ġdid li ġej:- Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

"(n) l-Awtorità Kompetenti ma tkunx tista' teżerċita effettivament il-funzjonijiet tagħha ta' sorveljanza minħabba li jkunu jeżistu rabtiet mill-qrib kif jista' jiġi mfisser f'Direttivi dwar Intermedjarji ta' l-Assigurazzjoni magħmula taħt dan l-Att.".

278. Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "u kull kopji uffiċjali tiegħu." għandhom jidħlu l-kliem "u kull kopji uffiċjali tiegħu; u f'kull każ, l-Awtorità Kompetenti tista' tieħu dik il-miżura l-oħra li jidhrilha meħtieġa biex tħares l-interessi ta' l-assigurati, detenturi ta' polza, kredituri jew persuni interessati oħra.". Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

279. Minnufih qabel l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan l-artikolu 18A ġdid li ġej: Żieda ta' l-artikolu 18A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Setgħa ta' l-Awtorità Kompetenti li tħares l-interess pubbliku.

18A. F'dawk il-każijiet li fihom l-Awtorità Kompetenti tista' tħassar mil-Lista tal-*Broker* l-isem ta' kumpannija iskritta taħt l-artikolu 16 ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tista' jew minflok, jew b'żieda ma' dak it-tħassir, u mingħajr preġudizzju għal dak it-tħassir tipproċedi b'xi mod wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin -

(a) billi teħtieġ lill-kumpannija minnufih tieħu dawk il-passi skond ma l-Awtorità Kompetenti tista' tqis li jkunu meħtieġa biex il-kwistjoni tiġi rettifikata jew rimedjata;

(b) billi taħtar persuna biex tagħti pariri lill-kumpannija dwar kif għandha tmexxi l-kummerċ tagħha sew;

(ċ) billi taħtar persuna biex tieħu ħsieb ta' l-attiv kollu tal-kumpannija, jew ta' xi sehem minnhom, sabiex jiġu mħarsa l-interessi ta' l-assigurati, id-detenturi ta' polza, kredituri u azzjonisti tal-kumpannija;

(d) billi taħtar persuna li tassumi kontroll tal-kummerċ tal-kumpannija jew li tmexxi dak il-kummerċ jew li twettaq dik il-funzjoni jew funzjonijiet oħra dwar tali kummerċ, jew parti minnu, hekk kif tista' tordna l-Awtorità Kompetenti;

(e) billi teħtieġ lill-kumpannija xxolji u tagħmel stralċ tal-kummerċ tagħha jew, fil-każ ta' kumpannija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż barra minn Malta, li tagħmel stralċ tal-kummerċ tagħha f'Malta;

(f) billi taħtar persuna kompetenti biex tagħmilha ta' stralċjarju għall-fini ta' l-istralċ tal-kummerċ tal-kumpannija;

(ġ) billi tistabbilixxi r-rimunerazzjoni li għandha titħallas mill-kumpannija lil xi persuna maħtura taħt dan l-artikolu;

(ħ) billi tagħmel kull att ieħor jew teħtieġ li jsir kull att ieħor bħal ma jitqies li jkun adatt fiċ-ċirkostanzi,

u wara li tkun imxiet f'xi mod wieħed jew iktar modi minn dawk hawn qabel imsemmija, l-Awtorità Kompetenti tista' iktar minn hekk tgħaddi għal xi mod wieħed jew iktar modi minn dawk hawn qabel imsemmija, kemm b'żieda ma' dan kollu, jew f'sostituzzjoni għalih.

(2) Meta tinħatar persuna mill-Awtorità Kompetenti –

(a) taħt paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ikun id-dmir tal-kumpannija li taġixxi skond il-parir mogħti minn dik il-persuna kemm-il darba u sakemm l-Awtorità Kompetenti, fuq rappreżentazzjoni li ssirilha, ma tordnax xort'oħra;

(b) taħt paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija għandha tikkonsenja lil dik il-persuna l-attiv kollu li tkun responsabbli għalih, u l-poteri, funzjonijiet u dmirijiet kollha tal-kumpannija fir-rigward ta' dak l-attiv kollu, sew jekk dawn ikunu eżerċitati mill-kumpannija waqt laqgħa ġenerali, jew mid-diretturi, jew minn xi persuna oħra, inkluża r-rappreżentanza legali u gudizzjarja tal-kumpannija, għandhom jiġu eżerċitati minn u jvestu fil-persuna maħtura taħt dak il-paragrafu b'esklużjoni ta' kull persuna oħra;

(ċ) taħt paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija tqiegħed il-kummerċ tagħha taħt il-kontroll ta' dik il-persuna u għandha tipprovdilu dawk il-faċilitajiet li jista' jkun jeħtieġ li l-kumpannija

tipprovdih bihom biex tmexxi dak il-kummerċ jew biex taqdi l-funzjonijiet lilha mogħtija taħt dak il-paragrafu; u l-poteri, funzjonijiet u dmirijiet kollha tal-kumpannija, sew jekk dawn ikunu eżerċitati mill-kumpannija waqt laqgħa ġenerali, jew mid-diretturi, jew minn xi persuna oħra, inkluża r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-kumpannija, għandhom jigu eżerċitati minn u jvestu fil-persuna maħtura taħt dak il-paragrafu b'esklużjoni ta' kull persuna oħra;

(d) taħt paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dik il-persuna tkun l-istralċjarju tal-kumpannija għall-finijiet kollha tal-liġi b'esklużjoni ta' kull persuna oħra.

(3) Fil-każ ta' kumpannija barranija, il-fergħat u l-uffiċċji f'Malta ta' dik il-kumpannija għandhom, jekk l-Awtorità Kompetenti hekk tordna u sal-limitu li hekk tordna, jitqiesu li jikkostitwixxu kumpannija separata.".

Emenda ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali.

280. L-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem *"Protection and Indemnity Club"* u minflok il-kelma *"Club"* kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu rispettivament f'kull każ il-kliem *"Mutual Association"* u *"Mutual"*;

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "jew assigurazzjoni affiljata" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

281. Is-subartikolu (13) ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala subartikolu (15) tiegħu, u minnufih wara s-subartikolu (12) ta' l-imsemmi artikolu għandhom jidħlu s-subartikoli (13) u (14) ġodda li ġejjin:-

"(13) Għall-finijiet tas-subartikolu (12) ta' dan l-artikolu, kull materja li jista' jkollha x'taqsam ma' u li jista' jkollha effett avvers serju tinkludi kull materja li:-

(a) x'aktarx twassal għal kwalifika serja, jew rifjut tar-rapport ta' l-uditur fuq il-kontijiet tal-kumpannija; jew

(b) b'mod serju tfixkel il-ħila tal-kumpannija li tkompli fil-kummerċ; jew

(ċ) kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru.

(14) Uditur ta' kumpannija iskritta ikollu bl-istess mod id-dmir li jirrapporta lill-Awtorità Kompetenti kull fatti u deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' jew li jista' jkollhom effett avvers serju fuq l-istabbilità u s-saħħa tal-kumpannija jew l-integrità tal-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni f'Malta, u li jsir jaf bihom fil-kariga tiegħu bħala uditur ta' kumpannija li jkollha rabtiet mill-qrib, skond kif imfisser fl-artikolu 8 ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali.

282. Minnufih wara s-subartikolu (7) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:–

"Iżda l-Awtorità Kompetenti tista' teżenta lil xi kategoriji ta' impjegati f'xi ċirkostanzi kif stabbiliti skond Direttiva dwar Intermedjarji ta' l-Asigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali.

283. Minflok in-nota marġinali li hemm għall-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Tħassir ta' ismijiet mir-reġistri ta' kumpaniji għal sotto-aġenti jew Lista ta' Sotto-aġenti.".

Emenda ta' l-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali.

284. L-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjoniji preżenti għandha tiġi numerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif numerat mill-ġdid għandu jiżdied is-subartikolu (2) li ġej:

"(2) F'kull każ l-Awtorità Kompetenti tista' tieħu kull miżura oħra li jidhirlha meħtieġa biex tħares l-interessi ta' l-assigurati, detenturi ta' polza, kredituri jew persuni interessati oħra.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

285. Minflok l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Koperazzjoni fi dmirijiet ta' sorveljanza u skambju ta' informazzjoni.

38 (1) L-Awtorità Kompetenti tista' teżerċita s-setgħat li ġejjin fuq it-talba ta' jew sabiex tassisti lil awtorità regolatorja barranija:-

(a) is-setgħa li timponi, tirrevoka jew tvarja kondizzjonijiet ma' l-għoti ta' iskrizzjoni skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att;

(b) is-setgħa li tħassar l-isem ta' kumpannija iskritta mir-reġistru tal-*brokers* taħt l-artikolu 16 ta' dan l-Att;

(ċ) is-setgħa li tieħu kull azzjoni taħt l-artikoli 29, 30 u 31 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, kif applikabbli skond l-artikolu 49 ta' dan l-Att; Kap.403.

(d) is-setgħa li tikkomunika ma' awtorità regolatorja barranija informazzjoni li tkun fil-pussess tagħha, sew jekk dik l-informazzjoni tkun riżultat ta' xi waħda mis-setgħat ta' hawn fuq jew xort'oħra.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha teżerċita l-poteri bis-saħħa ta' dan l-artikolu:

(a) meta tintalab l-assistenza mill-awtorità regolatorja barranija għall-finijiet ta' l-eżerċizzju ta' xi waħda jew aktar mill-funzjonijiet regolatorji tagħha; jew

(b) meta jkun hekk meħtieġ fil-parametri ta' l-obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta; jew

(ċ) meta jkun hekk meħtieġ skond it-termini ta' l-obbligazzjonijiet assunti fi trattati bilaterali jew multilaterali għall-bdil ta' informazzjoni u forom oħra ta' kollaborazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin inkluża talba taħt *Memorandum of Understanding* konkluż ma' l-Awtorità Kompetenti.

(3) Għandu jkun hemm laqgħat bejn kumpannija awtorizzata u l-Awtorità Kompetenti jew bejn kumpannija iskritta, l-uditur approvat tagħha u l-Awtorità Kompetenti, fuq bażi bilaterali jew multilaterali kif jeħtieġu ċ-ċirkostanzi. Dawk il-laqgħat jistgħu jissejħu minn kull waħda mill-partijiet, u għandhom f'kull każ ikunu preseduti mill-Awtorità Kompetenti.".

286. L-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "sabiex jiġi assigurat li jkun hemm tħaris tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att." għandhom jidħlu l-kliem "sabiex jiġi assigurat li jkun hemm tħaris tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi Att ieħor.";

(b) is-subartikoli (2), (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (4), (5) u (6) rispettivament; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, informazzjoni minn xi persuna għall-finijiet ta', jew konformement ma', xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmulin taħtu, jew ta' xi Direttiva dwar Intermedjarji ta' l-Assigurazzjoni, jew fit-twettiq ta' xi funzjonijiet taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet imsemmija, jew minn xi awtorità regolatorja barranija għandha tiġi ttrattata bħala kunfidenzjali u protetta mid-dmir ta' segretezza professjonali, u m'għandhiex tiġi żvelata lil xi persuna oħra, li ma tkunx persuna li tkun tista' tikseb dik l-informazzjoni skond il-liġi għall-finijiet ta', jew konformement ma', id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmulin taħtu jew ta' Direttivi dwar Intermedjarji ta' l-Assigurazzjoni ħlief bil-kunsens tal-persuna li mingħandha tinkiseb l-informazzjoni, sakemm dik l-informazzjoni tkun unikament tirrigwarda lil dik il-persuna.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma għandhomx jipprekludu l-iżvelar ta' informazzjoni –

(a) bil-għan li jinbdew, jew xort'oħra għall-finijiet ta', proċedimenti kriminali jew ta' xi proċedimenti mill-Awtorità Kompetenti quddiem xi qorti taħt dan l-Att;

(b) bil-għan li l-Awtorità Kompetenti tkun tista' jew tiġi assistita fil-qadi jew fit-twettiq ta' xi funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att;

(ċ) li tkun saret disponibbli lill-pubbliku għax tkun ġiet żvelata f xi ċirkostanzi li fihom, jew għal xi fini li dwaru, l-iżvelar ma jkunx prekluż b'dan l-artikolu;

(d) f'sommarju jew ġabra ta' informazzjoni kompilata b'dak il-mod li ma tkunx tista' tiġi aċċertata l-identità ta' xi persuna li l-informazzjoni tkun tirrigwardaha;

(e) lil xi awditur meta l-Awtorità Kompetenti tkun tqis li dak l-iżvelar ikun jgħin lill-awditur fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 27 ta' dan l-Att;

(f) lill-Bank Ċentrali ta' Malta jew lil-*Listing Authority* taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dik l-informazzjoni tkun meħtieġa mill-Bank jew mil-*Listing Authority* fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom skond il-liġi;

(ġ) b'risposta għal xi talba mingħand jew għall-fini ta' assistenza li tingħata lil awtorità regolatorja barranija konformement ma' l-artikolu 38 ta' dan l-Att;

(ħ) lil dawk l-awtoritajiet oħra regolatorji, ġudizzjarji jew ta' infurzar, kemm lokali kemm barranin, meta dak l-iżvelar ikun meħtieġ jew jintalab għall-prosegwiment ta' kwistjonijiet regolatorji serji jew qerq, prevenzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali;

(i) fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali fir-rigward tal-falliment jew stralċ obbligat ta' kumpannija iskritta sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx tirrigwarda terzi involuti f'tentattivi li jilliberaw lil dik il-kumpannija, u lil dawk il-korpi barranin responsabbli għal likwidazzjoni u l-falliment ta' xi persuna li tkun iskritta jew li jkollha awtorizzazzjoni jew liċenza ekwivalenti minn xi awtorità regolatorja barranija jew proċeduri simili oħra.".

287. Fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "sitwati f'Malta" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali.

288. L-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok in-nota marġinali li hemm għalih għandha tidħol din li ġejja:

"Tibdil fid-dokumentazzjoni u informazzjoni;"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu li ġej:

"(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, kull kumpannija iskritta għandha tavża lill-Awtorità Kompetenti fuq bażi kontinwa, b'kull tibdil jew ċirkostanza li tista' toħloq l-eżistenza ta' rabtiet mill-qrib skond kif imfisser fl-artikolu 8 ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali.

289. (1) Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej :

"(1) (a) Għall-finijiet ta' dan l-Att, il-frażi "Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji" tfisser it-Tribunal imsemmi fl-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u l-frażi "Tribunal" għandha tiftiehem skond hekk :

Iżda għall-finijiet ta' xi appell magħmul lit-Tribunal taħt dan l-Att id-disposizzjonijiet tal-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 57 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, għandhom japplikaw.

Kap. 403.

(b) Għall-finijiet ta' kull appell bħal dak, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom, ħlief safejn xi waħda minnhom ma tkunx kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, japplikaw ukoll.

(2) Fis-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu 45 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "fil-paragrafu (ħ) tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu." għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafu (ħ) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 49 ta' l-Att prinċipali.

290. Minflok l-artikolu 49 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Applikazzjoni ta' xi artikoli ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, Kap. 403, għal kumpanniji iskritti u għal persuni iskritti fil-Lista ta' Sotto-aġenti.

49. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu:

(a) id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 29 sa 31 u ta' l-artikolu 38 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "l-Att") għandhom japplikaw għal kumpannija iskritta fil-Lista tal-*Brokers*, bħallikieku riferenza f'dawk id-disposizzjonijiet –

(i) għal "awtorizzazzjoni" kienet riferenza għal "iskrizzjoni fil-Lista tal-*Brokers*";

(ii) għal "kumpannija awtorizzata" kienet riferenza għal "kumpannija iskritta";

(iii) għal "kummerċ ta' l-assigurazzjoni" kienet riferenza għal "kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni";

(iv) għal "kumpannija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż barra minn Malta" kienet riferenza għal "kumpannija barranija"; u

(b) l-artikoli 29 sa 31 ta' l-Att għandhom japplikaw għal persuna iskritta fil-Lista ta' Sotto-aġenti bħallikieku riferenza f'dawk id-disposizzjonijiet:

(i) għal "awtorizzazzjoni" kienet riferenza għal "iskrizzjoni fil-Lista ta' Sotto-aġenti";

(ii) għal "kumpannija awtorizzata" kienet riferenza għal "sotto-aġent ta' l-assigurazzjoni";

(iii) għal "kummerċ ta' l-assigurazzjoni" kienet riferenza għal "attivitajiet ta' sotto-aġenzija ta' l-assigurazzjoni".

(2) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jkun japplika għal kumpannija iskritta jew għal persuna iskritta fil-Lista ta' Sotto-aġenti bħallikieku riferenza fid-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att għal "l-Awtorità Kompetenti" kienet riferenza għal "l-Awtorità Kompetenti" taħt dan l-Att, u riferenzi għal "Direttiva dwar l-Assigurazzjoni" kienu riferenzi għal "Direttiva dwar Intermedjarji ta' l-Assigurazzjoni.".

TAQSIMA XVI
DISPOSIZZJONIJIET MIXXELLANJI

Riferenzi f'liġijiet oħra.

291. (1) Mal-bidu fis-seħħ tat-Taqsima V ta' dan l-Att, kull riferenza f'xi liġi għaċ-Ċentru tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandha titqies bħala riferenza għall-Awtorità dwar Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(2) Mal-bidu fis-seħħ tat-Taqsima VI ta' dan l-Att kull riferenza għall-Borża ta' Malta f'xi liġi għandha titqies bħala riferenza għal borża rikonoxxuta taħt l-att dwar is-Swieq Finanzjarji u kull riferenza għal titoli kwotati fuq il-Borża ta' Malta għandha tiftiehem skond hekk.

(3) L-emendi magħmula bit-Taqsimiet XIV u XV ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni u l-Att dwar *Brokers* ta' l-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra u li jirreferu għal kumpaniji li qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-imsemmija Taqsimiet XIV u XV kienu awtorizzati li jmexxu kummerċ ta' assigurazzjoni affiljata taħt l-Att dwar il-

Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni ma għandhomx jaffettwaw lil xi kumpanija hekk awtorizzata li tagħmel taħt l-imsemmija Atti qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-imsemmija Taqsimiet XIV u XV, sa dak iż-żmien li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'Ordni fil-Gazzetta.

(4) Kull riferenza f'xi liġi għal persuna liċenzjata biex taħdem bħala *stockbroker* taħt l-Att dwar il-Borża ta' Malta għandha tiftiehem bħala riferenza għal persuna liċenzjata taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment u kull liċenża bħala *stockbroker* maħruġa taħt l-Att dwar il-Borża ta' Malta qabel il-bidu fis-seħħ tat-taqsimiet rilevanti ta' dan l-Att għandha tkompli fis-seħħ daqsilikieku dik il-liċenza kienet liċenza maħruga taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u kull persuna li jkollha dik il-liċenza għandha f'dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit f'linji ta' gwida ta' l-awtorità kompetenti taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment tħares il-linji ta' gwida kollha maħruġa mill-imsemmija Awtorità Kompetenti dwar dawk il-persuni.

(5) Mal-bidu fis-seħħ ta' kull waħda mit-Taqsimiet IV sa XV ta' dan l-Att kull riferenza għal xi liġi li t-titolu tagħha jinbidel mal-bidu fis-seħħ tat-taqsima għandha titqies li hi riferenza għall-imsemmija liġi bit-titlu kif mibdul bit-Taqsima li tiġi hekk fis-seħħ.

(6) Bla ħsara għal kull liġi oħra f'xi stampar mill-ġdid ta' dan l-Att it-Taqsima IV sat-Taqsima XV, ma hemmx għalfejn ikunu riprodotti u jkun biżżejjed li jiġu riprodotti it-Taqsimiet I sa III ta' dan l-Att u l-Iskedi:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem li tnaqqas il-validita ta' xi ħaġa li tinsab fit-taqsimiet hekk mhux riprodotti.

(7) Mal-bidu fis-seħħ tat-Taqsimiet IV sa XV ta' dan l-Att, it-titlu fit-tul ta' dan l-Att ikun "ATT biex jipprovdi li jiġu regolati l-fondi għal min jirtira".

SKEDI GHAT-TAQSIMIET I SA III

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 43(3))

Informazzjoni li għandha tingħata fir-rapport annwali ta' Fondi Reġistrati għal min Jirtira.

Dikjarazzjoni ta' attiv u passiv

Attiv:

- Proprjeta' immobbli
- Titoli trasferibbli;
- Strumenti ta' dejn;
- Titoli oħra;
- Bilanċi f'bank;
- Attiv ieħor; u
- Total ta' l-attiv

Passiv:

- Self;
- Ammonti oħra li jkollhom jitħallsu; u
- Total tal-passiv.

Valur ta' l-attiv nett

Numru ta' azzjonijiet maħruġa

Valur ta' l-attiv nett kull azzjoni

Deskrizzjoni tal-*Portfolio* :

- Titoli trasferibbli elenkati f'borża uffiċjali;
- Titoli trasferibbli negozjati f'suq organizzat ieħor;

- Titoli trasferibbli oħrajn;
- Strumenti ta' kreditu; u

Dikjarazzjoni ta' l-iżviluppi prinċipali li jkunu seħħew fil-kompożizzjoni tal-*portfolio* matul il-perijodu li għalih qed issir riferenza.

Dikjarazzjoni ta' tibdil fl-attiv u l-passiv tal-Fond għal min Jirtira matul il-perijodu li għalih qed issir riferenza, inklużi dawn li ġejjin :

Dħul:

- Dħul minn investiment;
- Dħul ieħor; u
- Total tad-dħul.

Ħlasijiet:

- Ħlasijiet għal konsulent ta' amministrazzjoni u investiment
- Ħlasijiet tad-depożitarji;
- Taxxi;
- Ħlasijiet oħra; u
- Total tal-ħlasijiet.

Dħul minn investiment nett:

- Apprezzament jew deprezzament ta' investimenti;
- Tibdil fil-kont "kapitali"; u
- Kull tibdil ieħor li jeffettwa l-attiv u l-obbligi ta' Fond għal min Jirtira.

Tabella komparattiva li tkopri l-aħħar tliet snin finanzjarji (jekk applikabbli) u nklużi, għal kull sena finanzjarja, fi tmiem is-sena finanzjarja :

- It-total tal-valur ta' l-attiv nett; u
- Il-valur ta' l-attiv nett kull azzjoni.

Dettalji, bil-kategorija tat-transazzjonijiet li jkunu saru mill-fond tal-pensjoni, fuq derivattivi finanzjarji (e.g. *options, futures, swaps*), ta' l-ammont riżultanti ta' l-obbligi fid-data ta' l-aħħar tas-sena.

Sommarju tat-tħaris mill-fond mad-dispożizzjonijiet tiegħu u mal-liġi.

Sommarju tat-tħaris mill-fond mal-*memorandum* ta' assoċjazzjoni u mal-liġi.

Regoli Speċifici għal *Multiple Compartment Retirement Funds*.

Ir-rapporti finanzjarji ta' *multiple compartment pension funds* għandu jkollhom informazzjoni separata fuq kull kompartament, kif ukoll informazzjoni konsolidata fuq il-kompartamenti kollha.

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 2)

1. Xiri, bejgħ, sottoskrizzjoni jew underwriting ta' Strumenti.

2. L-għoti jew offerta għall-għoti lil Fond jew Skema għal min Jirtira:

- pariri fuq il-muniti li huma jixtru, ibiegħu, jissottoskrivu jew *underwriting* ta' Strumenti, jew li jeżerċitaw xi dritt mogħti minn Strument biex jakkwistaw, jiddisponu, *underwrite* jew jikkonvertu Strument; jew

- pariri dwar skema ta' investiment kollettiv jew arranġament li jinvolvi Strument.

3. Amministrazzjoni ta' Investimenti.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 780 tat-23 ta' Lulju, 2002.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati